MALTA

ĠID LI JASAL
**GĦAND
KULĦADD**

**IT-TWETTIQ
TAL-BAĠIT**

2017

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

# **IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT** 2017

Ottubru 2017

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Berġa' ta' Kastilja
Il-Belt, Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2017
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Ewlieni, 2017

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-160-3

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt, Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MEW | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma |
| MEAE | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MESDC | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima |
| MFTP | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MFCS | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |

DAĦLA

Għar-raba' sena konsekuttiva, is-Servizz Pubbliku qed jagħti rendikont tal-miżuri tal-Baġit. Din il-pubblikazzjoni saret sinonima mat-trasparenza u l-kontabilità li imbarka fuqhom is-Servizz Pubbliku fis-snin li għaddew. Din il-pubblikazzjoni, flimkien ma' oħrajn maħruġa matul is-sena, hija turija ċara ta' kemm is-Servizz Pubbliku jimplimenta meta jkun hemm ippjanar tajjeb u bis-serjetà.

Ħarsa lura lejn dawn l-aħħar erba' snin u x-xogħol kollu li sar biex jissaħħu l-kontabilità u t-trasparenza tagħtina sodisfazzjon f'dak kollu li għamilna u dak li stinkajna għalih. Kull pubblikazzjoni ma tintemmx mal-ħruġ tagħha. Miżuri li kienu għadhom pendenti fis-snin li għaddew jingħata rendikont tagħhom meta dawn jiġu implimentati. Dan ifisser li dawn il-miżuri jibqgħu jiġu segwiti sakemm ikunu implimentati fit-totalità tagħhom.

Din is-sena, minkejja li Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u minkejja elezzjoni ġenerali fl-istess perjodu, is-Servizz Pubbliku kompla għaddej bl-istess ritmu. Ngħid il-verità, b'żewġ avvenimenti daqstant ta' impatt fuq is-Servizz Pubbliku bsart dak li kienet qed turini l-esperjenza. Fis-sens li jieħu daqqa x-xogħol u dak ippjanat li jsir. Ma kienx hekk. Nittama b'dan li flimkien qed jirnexxilna nbiddlu lis-Servizz Pubbliku u t-tiġdid qed jagħtina r-riżultati li qed nikteb dwarhom hawn. Dan juri wkoll il-flessibilità u l-attitudni pożittiva ta' dawk fit-tmexxija tas-Servizz Pubbliku. Ir-rata ta' implimentazzjoni baqgħet ġeneralment stabbli, ta' 70%. Dan meta r-rata ta' implimentazzjoni fl-2016 kienet ta' 73% filwaqt li fl-2015 kienet ta' 68%. Dawn ir-riżultati jagħtuna mhux biss sodisfazzjon għal dak kollu li wettaqna iżda wkoll kuraġġ għal dak li jrid jitkompla fis-snin li ġejjin.

Meta wieħed iħares lejn il-firxa wiesgħa ta' miżuri li twettqu, naraw it-tneħħija tal-liċenzji tal-kummerċ biex in-negozji jmexxu l-attività kummerċjali tagħhom b'inqas xkiel, iż-żieda fl-istipendji lill-istudenti, l-għoti ta' aktar *tablets* lill-istudenti fi skejjel primarji, il-qalba tal-*power station* mill-*heavy fuel oil* għall-gass, it-tnaqqis fir-rata tal-boll għal min jixtri proprjetà f'Għawdex, it-tneħħija tal-*income tax* minn fuq il-pensjoni, il-*junction* tal-Kappara u miżuri oħra li b'xi mod jew ieħor imissu ħajjet in-nies.

Dawn il-miżuri flimkien ma' miżuri oħra mwettqa fis-snin preċedenti jistimulaw lis-Servizz Pubbliku biex ikompli jwettaq. Servizz Pubbliku li l-għan tiegħu huwa li joffri servizz dejjem aktar ta' kwalità msejjes fuq erba' pilastri: il-vuċi għall-i*stakeholder*, id-disinn tal-*policies*, il-pakkett tas-servizzi u l-kontabilità.

B'hekk biss nistgħu nassiguraw servizz tal-ogħla kwalità.

**MARIO CUTAJAR**
Is-Segretarju Permanenti Ewlieni

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Fil-qasam tat-tiftix għaż-żejt se nkunu qed inwaqqfu kumpanija nazzjonali biex tħares l-operat ta' dan is-settur. | Uffiċċju tal-Prim Ministru | Ġie identifikat l-espert li ser jassisti biex titwaqqaf il-kumpanija nazzjonali li se tħares l-operat tat-tiftix taż-żejt. Beda jitħejja *business plan* għal din il-kumpanija u bdew jitfasslu r-rekwiżiti finanzjarji għall-*operational budget*. | Saru laqgħat bejn l-espert inkarigat u l-grupp stabbilit biex ifassal il-*business plan*. | Ġiet diskussa l-viżjoni tal-Kumpanija Nazzjonali taż-Żejt. Sar ukoll ftehim dwar meta għandu jitlesta x-xogħol biex b'hekk ikun hemm direzzjoni sa meta għandha tiġi stabbilita l-kumpanija.<br><br>Saret sottomissjoni dettaljata tal-baġit propost għall-bżonnijiet u r-rekwiżiti meħtieġa mill-Kumpanija Nazzjonali taż-Żejt, lill-Ministeru tal-Finanzi, biex b'hekk tkun tista' tiffunzjona b'mod adegwat. | Mistenni jiġi allokat il-baġit u jibda l-operat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 242 | Ser jibda jopera l-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali li jamministra parti sostanzjali mill-fondi li qed jidħlu minn dan il-programm. Aċċess għal dawn il-fondi se jibda jinfetaħ għal proġetti ta' interess nazzjonali kif ukoll permezz ta' proġetti pilota għall-Kunsilli Lokali. | Uffiċċju tal-Prim Ministru | Wara sejħa pubblika, il-Bord tal-Gvernaturi ħatar Kap Eżekuttiv (CEO) għall-Aġenzija b'effett mill-1 ta' Marzu. | L-Aġenzija ħarġet sejħa għall-ħatra ta' Awdituri Esterni tal-Fond. Il-Bord ta' Gvernaturi tal-Fond għażel id-ditta PriceWaterHouse Coopers għal dan il-għan. Matul dan il-perjodu beda jiġi diskuss Agency Performance Agreement mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-MEAIM. | Kompliet ħidma fuq il-Performance Agreement tal-Aġenzija, l-NDSF Investment Policy, u l-Investment Management and Custody Agreement mal-Bank Ċentrali ta' Malta filwaqt li bdew il-preparamenti biex jiġi mwaqqaf il-Bord Konsultattiv. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-ewwel investimenti strateġiċi. Mistenni jinħatar ukoll Konsulent Legali estern biex jagħti konsulenza lill-Fond, kif ukoll *key management* fi ħdan l-istess Fond. Dan filwaqt li mistennija jsiru wkoll il-preparamenti biex jitfasslu l-ewwel Rapport Annwali u d-Dikjarazzjoni Finanzjarja tal-Fond. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Se nkomplu nagħtu għajnuna lil riċerkaturi lokali biex jiksbu appoġġ għax-xogħol tagħhom permezz ta' Horizon 2020 u skemi finanzjarji oħra. | Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija | Saru laqgħat ta' informazzjoni mar-riċerkaturi kif ukoll sar kuntatt b'mod elettroniku.<br><br>Ħarġet l-ewwel sejħa għall-Commercialisation Voucher Programme (CVP), li huwa wieħed mill-programmi ta' għajnuna. Ġiet evalwata u ntgħażlu tmien proġetti għall-finanzjament. | Infetħet l-ewwel sejħa għat-Technology Development Programme (TDP), li huwa wkoll wieħed mill-programmi ta' għajnuna. Ġiet evalwata u ntgħażlu erba' proġetti għall-finanzjament. Infetħet it-tieni sejħa għas-CVP. L-applikazzjonijiet bdew jiġu evalwati. | Saru preparamenti għat-tnedija tas-sejħiet Horizon 2020.<br><br>Għalqet it-tieni sejħa għas-CVP u tlestew l-evalwazzjonijiet xjentifiċi.<br><br>Bdew it-tmien proġetti li ħarġu mis-CVP. Il-proġetti magħżula għat-TDP ġew avżati u l-kuntratti bdew jiġu ppreparati.<br><br>Infetħet l-ewwel sejħa għall-Internationalisation Partnership Awards Scheme 2017 (IPAS). | Il-Kummissjoni Ewropea mistennija tvara s-sejħiet Horizon 2020.<br><br>Mistennija jsiru promozzjoni u sessjonijiet ta' informazzjoni għas-sejħiet kif ukoll jingħata appoġġ lir-riċerkaturi.<br><br>Mistennija titnieda t-tieni sejħa tat-TDP u ssir l-evalwazzjoni u jintgħażlu l-proġetti.<br><br>Mistennija ssir ukoll l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IPAS u jintgħażlu l-aħjar proposti. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 160 | Se nkomplu wkoll niżviluppaw il-qafas leġiżlattiv biex nirregolaw oqsma u proċessi ġodda fl-oqsma tal-assigurazzjoni, fondi ta' investiment kollettiv u *securitisation* biex nassiguraw li s-settur finanzjarju Malti jkompli jikber b'mod dinamiku. | Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji | Saret konsultazzjoni fuq il-konsolidazzjoni tal-qafas legali dwar l-iskemi ta' investiment u bdiet analiżi tal-informazzjoni miġbura.<br><br>Sar l-ewwel abboz ta' regoli ġodda dwar applikazzjonijiet għal-liċenzjar ta' entitatjiet stabbiliti bħala *Re-insurance Special Purpose Vehicles*. | Beda xogħol fuq l-emendi tar-regoli meħtieġa fir-rigward tal-konsolidazzjoni tal-qafas legali.<br><br>Saret il-pubblikazzjoni tar-regoli dwar il-proċessi l-ġodda ta' applikazzjoni. | Tnedew ir-regoli l-ġodda biex jiffaċilitaw applikazzjonijiet għal-liċenzjar ta' attivitajiet ġodda fil-qasam tal-assigurazzjoni. | Mistennija jiġu varati linji gwida dwar servizzi ta' *crowdfunding* fl-ambitu tal-qafas regolatorju dwar l-investiment. | Implimentata |
| 170 | Taħt skema għall-iżvilupp ta' logħob diġitali b'tema kulturali, l-għajnuna tingħata f'forma ta' kreditu fiskali li jlaħħaq sa 30 fil-mija tal-ispejjeż marbutin mal-iżvilupp tal-logħba. | OPM (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Malta Enterprise organizzat sensiela ta' laqgħat mal-intrapriżi żgħar u medji fil-qasam tal-logħob diġitali kif ukoll għamlet riċerka fuq pajjiżi bħal Franza u r-Renju Unit li nedew skema simili ta' kreditu fiskali. | Tħejjiet is-sejħa pubblika għal studju tas-suq fuq l-iżvilupp tal-logħob digitali f'Malta, kif ukoll sar l-ewwel qafas tal-linji gwida. | Ġiet ippubblikata s-sejħa biex isir studju dwar l-iżvilupp diġitali f'Malta. | Mistennija jiġu evalwati l-proposti u jiġi ppreżentat l-eżitu tal-istudju lill-Malta Enterprise. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 241 | Matul din is-sena se nkomplu bil-programm suċċess ta' Ċittadinanza b'Investiment (IIP), li qed iġib ġid u investiment lejn pajjiżna. | Identity Malta | Baqa' għaddej il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment filwaqt li saru preżentazzjonijiet tal-programm f'diversi konferenzi internazzjonali, fosthom f'Londra, it-Turkija u r-Russja. | Baqa' għaddej il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment. Komplew jingħataw il-preżentazzjonijiet tal-programm f'diversi konferenzi internazzjonali, din id-darba fiċ-Ċina. | Baqa' għaddej il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment u tkomplew preżentazzjonijiet tal-Programm f'diversi konferenzi internazzjonali.<br><br>Inbeda wkoll proċess ta' konsultazzjoni biex jissaħħaħ il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment. | Mistenni jiġi finalizzat il-proċess ta' konsultazzjoni. Il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment jibqa' għaddej biex jilħaq il-miri tiegħu. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 318 | Is-sena li ġejja l-Awtorità dwar il-Logħob se tkun qed taħdem fuq riformi fil-qafas regolatorju li jagħrfu l-bżonnijiet tal-industrija u li permezz tagħhom ikollha l-mezzi u s-setgħat meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha skont il-liġi. | Awtorità Maltija dwar il-Logħob | Bdiet il-ħidma biex issir riforma fil-liġi. Saru preżentazzjonijiet lill-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll lid-ditti ta' konsulenza. | Saret konsultazzjoni mal-i*stakeholders*. L-abbozz tal-leġiżlazzjoni għal-logħob kif ukoll il-*Public Consultation Paper* tlestew f'Ġunju. | Ġiet ippubblikata l-*Public Consultation Paper* u bdew jiġu analizzati l-proposti. | L-Awtorità mistennija taħdem ma' entitajiet governattivi oħra filwaqt li l-abbozz tal-liġi l-ġdida jiġi diskuss fil-Parlament u jgħaddi taħt l-iskrutinju tal-Kummissjoni Ewropea. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 319 | Biex inwettqu l-aġenda diġitali tal-pajjiż se nkomplu nsaħħu n-*network* u d-*data centres* tal-Gvern biex dan in-*network* ikun iktar effiċjenti u joffri aktar *business continuity*. | Aġenzija Maltija għat-Teknoloġija tal-Informatika | Tressqu l-proposti biex jiġi ppubblikat it-*tender* għax-xiri ta' teknoloġija ġdida ta' *data backups* għas-sistemi tad-*data centres* tal-Gvern f'Santa Venera u fl-Isptar Mater Dei. Sar xogħol ukoll fuq il-bdil tal-infrastruttura tan-*network* tal-Gvern. Tfassal studju biex jissaħħaħ il-*Core Network* tal-Gvern ħalli jitnaqqas ir-riskju ta' *Total Network Outage*. | Ġew ippubblikati żewġ sejħiet għall-offerti. S'issa nbidel aktar minn nofs l-apparat tan-*network*. | Ġew innotifikati r-rebbieħa tat-*tenders* għat-teknoloġija ġdida ta' *data backups* għad-*data centres* tal-Gvern f'Santa Venera u fl-Isptar Mater Dei.<br><br>Bdiet l-implimentazzjoni ta' *storage* u liċenzji. | Mistennija titlesta l-implimentazzjoni tal-installazzjoni, ittestjar u taħriġ. | Implimentata |
| 320 | Biex insaħħu l-pożizzjoni tagħna fejn jidħlu riskji li ġejjin mid-dinja tal-informatika, se nniedu l-istrateġija tas-*Cybersecurity* u tul is-snin li ġejjin se niffukaw fuq l-implimentazzjoni tagħha. | Aġenzija Maltija għat-Teknoloġija tal-Informatika | L-istrateġija dwar is-sigurtà diġitali tnediet fl-aħħar kwart tal-2016 u bdew diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tagħha. | Komplew id-diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' pjan ta' implimentazzjoni. | Tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni ma' *stakeholders* ewlenin biex ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom ikunu ta' għajnuna għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. | Mistennija jibdew jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew identifikati fil-proċess ta' konsultazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 321 | Biex nagħmlu lil pajjiżna fost l-ewwel *Wi-Fi states* fid-dinja, se nkomplu nżidu l-firxa ta' *hotspots*. | L-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni | Saru diskussjonijiet ma' diversi entitajiet biex jiġu identifikati *Wi-Fi spots* ġodda. | Żdied in-numru ta' *Wi-Fi spots* ġodda u tkomplew id-diskussjonijiet biex jiġu identifikati aktar *Wi-Fi spots*. | Komplew diskussjonijiet ma' diversi entitajiet biex jiġu identifikati *Wi-Fi spots* ġodda ma' dawk eżistenti. | Ix-xogħol relatat mal-firxa ta' *Wi-Fi hotspots* madwar Malta u Għawdex jitkompla bl-iskop li sal-aħħar tas-sena jiġu installati aktar *hotspots*. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 322 | Se nkomplu wkoll il-proġett li jassigura konnettività internazzjonali akbar permezz ta' *cable* sottomarin ġdid bejn Malta u Marsilja u qed tiġi evalwata kull possibilità ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. Il-ħsieb wara dan il-proġett hu li jkollna għażla iktar wiesgħa u effiċjenti. | L-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni | L-Awtorità bdiet diskussjonijiet mal-European Investment Bank (EIB) biex jiġi ffinanzjat studju li jħares lejn l-interess tas-suq fir-rigward ta' *cable* sottomarin ġdid. | L-EIB aċċettat li tiffinanzja dan l-istudju li jħares lejn konnettività li tindirizza kemm l-interessi nazzjonali kif ukoll minn lenti fejn Malta tkun tista' topera bħala *hub* għall-Afrika ta' Fuq. | Ġew stabbiliti t-termini ta' referenza tal-istudju. | L-MCA u l-EIB mistennija jistabbilixxu termini ta' referenza għat-tieni fażi tal-istudju.<br><br>Sal-aħħar tas-sena l-MCA tkun nediet it-tieni stadju tal-istudju mal-EIB. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 145 | Wara li tajna dritt liż-żgħażagħ ta' 16-il sena li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi, il-pass li jmiss hu l-ftuħ ta' konsultazzjoni biex nanalizzaw b'moħħ miftuħ l-estensjoni ta' dan id-dritt għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dawk ġenerali. | OPM (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Saru diskussjonijiet mal-i*stakeholders* dwar id-dritt li ż-żgħażagħ ta' 16-il sena jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Inġabret ukoll dokumentazzjoni relatata ma' dan is-suġġett u bdiet tiġi evalwata. Sar abbozz tad-dokument għall-konsultazzjoni pubblika u beda jiġi diskuss. Id-dokument tal-konsultazzjoni kompla jitfassal fl-isfond ta' dawn id-diskussjonijiet. | Kompliet il-ħidma fuq it-tfassil tad-dokument għall-konsultazzjoni pubblika. | Ġie ffinalizzat u tnieda d-dokument għall-konsultazzjoni pubblika. | Issir l-evalwazzjoni tal-konsultazzjoni u jitressqu r-riżultati tagħha lill-Kabinett. | Implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 323 | Biex inkomplu nespandu l-kura primarja, fl-2017 se nagħtu bidu għal *hub* reġjonali fis-sit fejn kien hemm il-*ground* Pace Grasso f'Raħal Ġdid. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Il-proġett intgħażel biex jibbenefika minn fondi Ewropej. L-applikazzjoni għall-kostruzzjoni tal-*hub* reġjonali kompliet tiġi kkunsidrata mill-Awtorità tal-Ippjanar u mill-ERA. Saru emendi fid-disinn tal-proġett fuq parir tekniku tal-ERA. | Bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni, l-Awtorità tal-Ippjanar bdiet il-konsultazzjonijiet mal-entitajiet. Tlestew id-disinji u ntbagħtu lill-Awtorità. Is-sejħa għall-offerti għall-immaniġġar tal-proġett ġiet ippubblikata u għalqet f'Ġunju. Bdiet titħejja s-sejħa għall-offerti għall-apparat mediku. | Ġie ffirmat il-Preliminary Grant Agreement. Il-Fire Safety Report ġie ppreżentat lill-Awtorità tal-Ippjanar. Transport Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar approvaw it-Traffic Impact Assessment tal-proġett. Bdiet l-evalwazzjoni tal-*project management* u *technical supervisory services*. | L-Awtorità tal-Ippjanar mistennija toħroġ il-permessi tal-bini. Id-Dipartiment tal-Kuntratti jippubblika s-sejħa għall-offerti għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-binja. Titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti għall-*project management* u *technical supervisory services* u jiġi ffirmat il-kuntratt mal-offerent magħżul. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 324 | Inkomplu l-programm biex nirranġaw ċentri oħra tas-saħħa. | Dipartiment tal-Kura Primarja (PHC) | Beda u tlesta x-xogħol strutturali fiċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana, iċ-ċentru magħżul għat-twettiq ta' din il-miżura. Barra mill-infrastruttura, beda u tlesta x-xiri ta' apparat neċessarju. Il-proġett tlesta f'Marzu. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 325 | Se nibdew proġett ieħor fl-2017 li se jwassal għal ċentru tas-saħħa ġdid f'Ħal Kirkop. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Ġie ppubblikat it-*tender* u nħatar bord biex tingħażel l-aħjar offerta. Sfortunatmanet, l-ebda offerta ma kienet tilħaq ir-rekwiżiti tat-*tender* u għalhekk it-*tender* ma ntrebaħx. Bdiet proċedura oħra ma' tliet kumpaniji li kienu diġà ssottomettew l-offerta tagħhom. Min-naħa l-oħra, it-*tender* għax-xiri tal-għamara, tal-apparat tal-IT u tal-apparat mediku ħareġ u ntrebaħ. | Wara li l-offerti ġodda ntlaqgħu, beda l-proċess għall-għażla tal-aħjar offerta. Inħatar bord tal-għażla u l-għażla tressqet lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Il-proċess ġie mwaqqaf wara li sar appell minn wieħed mill-kuntratturi, liema appell ġie miċħud. | Mistenni jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni u modifiki tal-bini. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 326 | Se nibdew ukoll il-ħidma li se twassal biex fis-snin li ġejjin ikollna sptar speċjalizzat fil-kura għall-ommijiet u tfal. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Beda jitfassal pjan minn Projects Plus dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Kompliet il-ħidma dwar il-pjan ta' implimentazzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. | Beda l-proċess ta' *handing over* bejn Projects Plus u l-Ministeru. Bdew ukoll diskussjonijiet interni fuq il-prijorità li għandu jingħata l-isptar speċjalizzat fil-kura għall-ommjiet u t-tfal, fil-kuntest ta' prijoritajiet oħra. | Mistennija jitkomplew kemm il-proċess ta' *handing over* kif ukoll id-diskussjonijiet interni fuq il-prijorità dwar dan l-isptar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 327 | Taħt l-iskema tal-Ispiżjar tal-Għażla Tiegħek, fl-2017 il-proġett pilota biex inwasslu l-mediċini fid-djar ta' pazjenti ta' 'l fuq minn 70 sena jew li għandhom problemi ta' mobilità se jilħaq aktar lokalitajiet. | Id-Dipartiment tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) | Saret kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet ikkonċernati biex il-proċess tar-*roll out* baqa' jiżdied. | Aktar spiżeriji ngħataw informazzjoni dwar din l-iskema u kompla t-tqassim tal-mediċini fid-djar ta' anzjani li għandhom 'il fuq minn 70 sena. Ir-*roll out* madwar Malta u Għawdex tlesta. | | | Implimentata |
| 328 | Fl-2017 se nibdew inwasslu wkoll lill-pazjenti fid-djar tagħhom trattament li jkun goff jew tqil wisq biex jinġarr. | Iċ-Ċentru tax-Xiri u l-Provvižjoni (CPSU) | Il-pazjenti kollha li jieħdu t-trattament tal-Complete Nutrition kellhom il-prodott imwassal fl-ispiżerija qrib tagħhom biex inaqqsu t-tqandil u l-iskariġġ li kien ikollhom meta jiġbruh mill-isptarijiet. | Trattament ieħor li beda jitwassal b'xejn id-dar huwa l-għoti tal-ossiġnu. Dan għen lill-pazjenti li ma kellhomx għajnuna kif ukoll dawk li ma jifilħux iġorru ċ-ċilindri fid-djar tal-pazjenti. | Tnieda servizz addizzjonali li jintroduċi metodu ta' xiri ġdid li permezz tiegħu l-Oxygen Concentrator jintbagħat fid-djar tal-pazjenti. | Mistennija tibda titħaddem sistema ta' prova ma' numru ta' tfal li għandhom bżonn nutrizzjoni speċjali minnħabba kundizzjoni fil-ġisem fejn il-proteina ma titkissirx. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 329 | Ser naraw kif inħaddmu l-mudell ta' *public private partnership* fil-qasam tas-saħħa mentali li jwassal għall-irranġar tal-Isptar Monte Karmeli. | Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) | Saru diskussjonijiet ma' esperti u konsulenti fil-qasam tal-PPP u l-Ministeru għall-Finanzi. | Tkomplew id-diskussjonijiet biex jiġu esplorati ideat u modi ġodda biex dan il-proġett jiġi implimentat. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar ideat u modi ġodda biex dan il-proġett jiġi implimentat. | Jitkomplew id-diskussjonijiet dwar ideat u modi ġodda biex dan il-proġett jiġi implimentat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 330 | *Public private partnership* għal sptar ġdid għal kura akuta psikjatrika | Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) | Bdew id-diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' pjan skont l-istandards Ewropej u internazzjonali. | Komplew id-diskussjonijiet dwar it-tfassil tal-pjan għal sptar ġdid għall-kura psikjatrika. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar it-tfassil tal-pjan għal sptar ġdid għall-kura psikjatrika. | Jitkomplew id-diskussjonijiet dwar it-tfassil tal-pjan għal sptar ġdid għall-kura psikjatrika. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 331 | Se nkomplu nsaħħu s-sapport fil-komunità anki fil-qasam tas-saħħa mentali b'ħidma ma' NGOs biex inżidu l-firxa ta' servizzi qrib iċ-ċittadin. | Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) | Numru ta' pazjenti minn swali ta' riabilitazzjoni fl-Isptar Monte Karmeli ġew identifikati biex jibdew jgħixu fil-*hostel* f'ambjent ta' komunità. Saru għadd ta' laqgħat mal-NGOs ikkonċernati, fosthom l-NGO Suret il-Bniedem, u ġie ffinalizzat abbozz ta' ftehim. | Bdew u tlestew il-bidliet strutturali fil-*hostel* il-ġdid għan-nisa f'Birkirkara.<br><br>Saru laqgħat bejn Mental Health Malta u Suret il-Bniedem biex jiddiskutu l-*maintenance agreement* bil-għan li pazjenti mill-Isptar Monte Karmeli jibdew jgħixu f'dan il-*hostel*. | Kompliet il-ħidma fuq il-*hostel*. | Il-*hostel* ta' Birkirkara mistenni jilqa' fih l-ewwel grupp ta' pazjenti. | Implimentata |
| 332 | Fl-Isptar Mater Dei se nibdew proċess ieħor ta' investiment f'tagħmir mediku biex dan l-isptar ikompli joffri servizzi ta' kwalità u b'aktar effiċjenza. | Sptar Mater Dei (MDH) | Inħarġu tlettax-il *tender* ta'apparat mediku u ġew evalwati. Ġie wkoll aċċellerat ix-xiri ta' apparat speċifiku li jintuża għall-operazzjonijiet bl-inqas indħil fil-ġisem u b'hekk beda jintuża fis-swali kirurġiċi fi Frar. | It-*tenders* ġew ippubblikati kollha. Barra t-*tender* tax-xiri ta' Laparoscopic System, li huwa tip ta' apparat li jintuża waqt l-operazzjonijiet bl-inqas indħil fil-ġisem, tlestew l-evalwazzjonijiet tal-offerti tat-*tenders* kollha. Il-kuntratti ta' ħamsa mit-*tenders* ġew iffirmati. | Komplew l-evalwazzjonijiet tat-*tenders*. | Mistennija jiġu konklużi l-aħħar *tenders* u b'hekk ikun sar l-investiment meħtieġ fit-tagħmir. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 333 | Wara li indirizzajna l-lista ta' stennija għal proċeduri kirurġiċi, inkluż *hip* and *knee replacement*, fl-2017 nagħmlu l-almu tagħna biex nindirizzaw listi oħra ta' stennija, partikolarment fl-*outpatients* u fit-teatri. | Sptar Mater Dei (MDH) | Ġiet żviluppata *online ticket* of *referral* għall-*outpatients*. Saret kampanja mat-tobba tal-familja biex tibda tintuża din is-sistema. Is-sistema bdiet tintuża wkoll mit-tobba fiċ-ċentri tas-saħħa. | Saru l-preparamenti biex isir aġġornament tas-sistema li tintuża fl-*outpatients* biex it-tobba jaraw ir-riżultati tat-testijiet li jsiru lill-pazjenti. Saru wkoll preparamenti biex jibda jintbagħat SMS lill-pazjenti qabel id-data tal-appuntament. | Is-sistema li tintuża fl-*outpatients* biex it-tobba jaraw ir-riżultati tat-testijiet li jsiru lill-pazjenti ġiet aġġornata. Beda jintbagħat SMS lill-pazjenti qabel id-data tal-appuntament. | Mistenni jissokta x-xogħol fuq l-immaniġġar tal-appuntamenti. | Implimentata |
| 334 | Se nibdew ukoll ix-xogħol fuq proġett li jwassal għall-estensjoni *tal-car park*. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Dan il-proġett jifforma parti mill-proġett tal-Outpatients, li beda jitfassal. Beda jitħejja rapport li jinkludi wkoll l-estensjoni tal-*car park*. | Kompla x-xogħol fuq ir-rapport. Sadanittant beda x-xogħol fuq kunċett tal-iżvilupp u ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar relatati ma' dan il-proġett. | L-ewwel abbozz tar-rapport tlesta u bdew jiġu indirizzati numru ta' kjarifiki. | Mistenni jibda t-tfassil tal-pjanti dettaljati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 335 | Biex nindirizzaw il-problema tad-dijabete, se nkomplu nintroduċu mediċini ġodda fil-formolarju tal-gvern u nintroduċu insulini ġodda. | MDH/Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha biex jiġi kkalkulat in-numru ta' pazjenti li ser ikunu intitolati għall-insulina, jiġifieri l-Glargine u l-Aspart. | Tkomplew diskussjonijiet dwar ix-xiri ta' dawn il-mediċini l-ġodda, kif ukoll fuq il-proċeduri li se jintużaw biex jinxtraw l-insulini. | Saru arranġamenti biex jinxtraw mediċini għal pazjenti li jsofru bid-dijabete *Type 2*. | Il-pazjenti mistennija jibdew jirċievu l-mediċina l-ġdida. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 336 | Se nagħtu b'xejn ukoll *glucose sticks* għal min ibati mid-dijabete *Type 1* u *Type 2*. | MDH/Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Lejn l-aħħar tal-2016 ingħataw stikek lil dawk il-pazjenti li jbatu mid-dijabete *Type 1*. F'dan il-kwart saru diskussjonijiet dwar in-numru ta' stikek ta' *Type 2* meħtieġa skont linji gwida internazzjonali. Ġie studjat l-impatt finanzjarju ta' din il-miżura u bdew preparamenti għall-proċess ta' distribuzzjoni tal-istikek u *monitors* fil-gżejjer Maltin. | Inħarġet sejħa għall-interess għall-operaturi ekonomiċi biex joffru *blood glucose monitor*, stikek u materjal edukattiv dwar id-dijabete. Saru konsultazzjonijiet dwar l-aħjar mod biex dawn jitqassmu lill-pazjenti eliġibbli. Wara proċess t'evalwazzjoni, inbeda l-proċess tax-xiri tal-istikek għall-pazjenti li jbatu mid-Dijabete *Type 2* li jieħdu l-insulina. | F'Lulju tnieda proġett pilota fejn tqassmu stikek u *blood glucose monitor* lil kull pazjent *Type 2* li jieħu l-insulina. | It-tqassim tal-istikek mistenni jiġi estiż għall-pazjenti kollha *Type 2* li jieħdu l-insulina. | Implimentata |
| 337 | Fl-2017 se nintroduċu aktar benefiċċji lill-pazjenti bid-dijabete. Pazjenti dijabetiċi bil-kartuna s-safra se jibdew jibbenefikaw minn:<br>(a) kura dentali bla ħlas;<br>(b) sussidju fuq in-nuċċalijiet;<br>(ċ) aċċess għal antibijotiċi b'xejn;<br>(d) kif ukoll kura kontra z-zokkor. | MDH/Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Inizjattivi a, b u ċ bdew jiġu implimentati b'effett minn Jannar.<br><br>Dwar inizjattiva d, din qed tiġi koperta fil-miżura preċedenti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 338 | Se ndaħħlu mediċini ġodda kontra l-kanċer fil-formolarju tal-gvern bl-għan aħħari jkun li fuq medda ta' snin il-mediċini għall-kura tal-kanċer ikunu b'xejn. | MDH/Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Saru konsultazzjonijiet mal-kliniċi u diskussjonijiet sussegwenti mal-Malta Community Chest Fund Foundation. L-użu ta' mediċina partikulari ġie estiż għat-trattament ta' diversi tipi ta' kanċer fosthom dawk li jolqtu l-istonku, il-frixa, il-fwied, is-sider u l-musrana. Ġew rakkomandati mediċini oħra għall-kanċer tal-bużżieqa tal-awrina, fwied u prostata. | Bdiet tingħata mediċina għal kundizzjonijiet oħra ta' kanċer apparti l-kanċer avvanzat tal-musrana. Ġiet rakkomandata lista oħra ta' mediċini mill-Advisory Health Care Benefit Board u nbeda l-proċess għax-xiri ta' dawn kollha. F'Ġunju ġiet introdotta l-mediċina li tingħata f'każijiet ta' kanċer tal-bużżieqa tal-awrina. | Baqa' għaddej il-proċess ta' xiri ta' mediċini oħra tal-kanċer fosthom għall-kura tal-Malignant Melanoma li hu tip ta' kanċer tal-ġilda. | Mistenni jibqa' għaddej ix-xogħol fuq ix-xiri ta' mediċini. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 339 | Mill-1 ta' Jannar 2017 mhux se jkun permess li jsir tipjip f'karozzi fil-preżenza tat-tfal biex b'hekk insegwu fil-passi ta' pajjiżi żviluppati oħra. | Supretendent tas-Saħħa Pubblika(SPH) | Il-Parlament illeġiżla favur din il-miżura. Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett minn Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 340 | Taħt arranġamenti ta’ *public private partnership*, fl-2017 se jkun qed isir xogħol fuq estensjonijiet fiċ-ċimiterju Santa Marija Addolorata. | Proġetti Speċjali | Ġie kkummissjonat uffiċċju ta’ periti speċjalizzati fir-restawr biex jitħejja Restoration Method Statement (RMS) li jintbagħat mal-applikazzjoni għal xogħol ta’ restawr. Beda wkoll xogħol fuq dokument lill-ERA biex jinżabru s-siġar fiċ-ċimiterju. | Tlesta l-Restoration Method Statement u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar u tkompla x-xogħol fuq id-dokument lill-ERA għaż-żbir tas-siġar fiċ-ċimiterju. Bdew ukoll jinbiegħu ammont ta’ oqbra. | Bdiet ħidma fuq dokumentazzjoni relatata mat-*tender* għal xogħol infrastrutturali fiċ-ċimiterju. | It-*tender* mistenni jiġi ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 341 | Xogħol fiċ-ċimiterju Omm il-Ħniena fil-Mellieħa | Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali | Saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiġi estiż il-permess eżistenti ta' bini ta' oqbra, irranġar ta' ħitan li jdawru ċ-ċimiterju u tisbiħ. Tħejjew it-*tenders* tekniċi skont ix-xogħol li għandu jsir. | Id-dokument tat-*tender* tlesta mill-perit u ġie riferut lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-verifika qabel il-pubblikazzjoni. | It-*tender* għall-estensjoni u rranġar taċ-ċimiterju ġie ppubblikat. Saru wkoll laqgħat fuq il-post ma' dawk il-kuntratturi interessati biex jiġi spjegat ix-xogħol li għandu jsir. | Mistenni jinbeda x-xogħol tal-kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 343 | Proġetti li jagħtu dimensjoni ġdida lil Għawdex: Fost il-proġetti li se jagħtu dimensjoni ġdida u fl-istess ħin ikomplu jiddiversifikaw l-ekonomija Għawdxija hemm l-investiment li diġà lħaqna ftehim dwaru (a) fl-isptar ġenerali, kif ukoll (b) fl-iskola medika ta' Barts. | Proġetti Speċjali | Tlesta l-proċess biex l-isptar ta' Għawdex jiġi taħt it-tmexxija ta' VGH.<br><br>Beda jopera s-servizz ta' *air ambulance* permezz ta' *helicopter* li huwa taħt it-tmexxija ta' VGH.<br><br>Ġew sottomessi l-pjanti preliminari li fuqhom se jiġi ddisinjat l-isptar il-ġdid ta' Għawdex. Inħareġ il-permess tal-bini tal-iskola ta' Barts. | Beda x-xogħol ta' tħaffir tal-pedamenti għall-iskola ta' Barts, iżda x-xogħol kellu jiġi sospiż għal xi ġimgħat minħabba li nstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi. Ix-xogħol issokta ftit ġimgħat wara. Tlesta x-xogħol ta' twaqqigħ ta' bini biex issir wisa' għall-iskola medika. Għaddej xogħol biex entitajiet tal-Gvern li hemm fil-bini ħdejn l-isptar jittieħdu f'postijiet oħra. | Tkompla x-xogħol fuq il-pedamenti tal-iskola ta' Barts. | Mistenni li jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola ta' Barts. Mistennija wkoll li tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħareġ il-permess għax-xogħol fuq l-isptar ta' Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
L-INVESTIMENT U N-NEGOZJI Ż-ŻGĦAR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Biex nisfruttaw il-potenzjal ta' Malta bħala bażi internazzjonali tal-loġistika, matul din is-sena ħdimna fuq pjan biex permezz ta' *Public Private Partnership* jiġi żviluppat ċentru internazzjonali tal-loġistika fuq sit ta' 40,000 metru kwadru f'Ħal Far, b'investiment stmat ta' €80 miljun. | Malta Enterprise | Wara li fl-aħħar tal-2016 inħarġet l-ewwel sejħa għall-proposti, matul l-ewwel kwart tal-2017 inħarġet it-tieni sejħa minħabba li fl-ewwel sejħa ma saret l-ebda sottomissjoni. Saret ukoll promozzjoni tal-proġett man-*network* tal-Malta Enterprise biex jitħajru aktar investituri għal dan il-proġett. | Baqgħet ma saret l-ebda sottomissjoni u għaldaqstant il-Malta Enterprise bdiet eżerċizzju biex tħajjar investituri jidhlu f'dan is-settur tal-loġistika, li għandu potenzjal iżda li għadu ma ġiex sfruttat biżżejjed. | Bdiet evalwazzjoni ta' x'wassal għal nuqqas ta' interess mill-investituri. | Mistenni l-eżitu tal-evalwazzjoni bil-għan li jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | Se nestendu ż-Żona Industrijali tax-Xewkija fuq żewġ binarji, b'investiment ta' €16-il miljun għal *business workshops* ġodda u għal servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ. F'dan il-proġett fl-ispazju battal fiż-Żona Industrijali tax-Xewkija, magħruf bħala l-Ħofra, se jiġu żviluppati 15-il *business workshop* ġdid b'total ta' madwar 5,400m$^2$ għal attività industrijali, waqt li f'parti mis-sit illum okkupata mill-Malta Dairy Products se tiġi żviluppata faċilità li sservi għal għanijiet differenti biex takkomoda, fost setturi oħra, operazzjonijiet bħalma huma servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ. B'kollox madwar 25 intrapriża mistennija jibbenefikaw minn dan il-proġett u bejniethom joħolqu madwar 150 impjieg ġdid. | Malta Industrial Parks | Ġiet konkluża l-għażla taż-żewġ timijiet ta' periti li għandhom l-inkarigu tad-disinn u s-superviżjoni tal-iżvilupp fuq iż-żewġ siti. Ġie ffirmat ftehim preliminari mal-PPCD rigward il-miri u l-eżekuzzjoni tal-proġett. Saru diversi laqgħat interni mal-periti inkarigati mid-disinn taż-żewġ siti kif ukoll żjarat mal-periti fuq is-sit, flimkien ma' laqgħat oħrajn mal-persuni inkarigati mill-provvisti tad-dawl, ilma tax-xorb u drenaġġ. | Tlestew id-disinji u l-pjanti. Ġew sottomessi applikazzjonijiet separati lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħruġ ta' żewġ permessi, wieħed għal kull sit. L-Awtorità tal-Ippjanar talbet li tiġi sottomessa *Full Development Application* fil-każ tal-*Enterprise Hub*. L-applikazzjoni tlestiet u bdiet tiġi proċessata. Intensifikaw it-tħejjijiet għall-ħruġ ta' żewġ sejħiet separati għall-offerti għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, *landscaping*, *finishing* u installazzjoni tal-impjant u l-makkinarju neċessarju, waħda għal kull sit, mill-periti inkarigati. Tlestew ukoll diversi viżwali ta' kif ser jidher il-kumpless meta jitlesta. | Tlestew id-disinji u l-pjanti. Ġew ippubblikati t-tenders għax-xogħlijiet f'Tal-Ħofra u l-eks-Malta Dairy Products. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti u jingħataw it-*tenders* lill-offerent preferut. Wara li jkun iffirmat il-kuntratt, jibda x-xogħol fuq is-siti rispettivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 154 | Titwaqqaf aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni (*Export Credit Agency*). | Trade Malta | Saru laqgħat bejn il-partijiet konċernati dwar il-vijabbiltà li Malta jkollha qafas ta' aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni. Sar qbil li jkun esplorat x'hemm eżistenti f'pajjiżi Ewropej oħrajn. | Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi Ewropej taħt l-iStructural Reform Support Programme biex isir studju ta' fattibilità bil-għan li jiddetermina x'tip ta' *set-up* għandu jkollu pajjiżna f'dan il-qasam. Saru tħejjijiet biex isir *market review* ħalli jiġi stabbilit jekk l-esportaturi hux qed jiltaqgħu ma' xi nuqqasijiet fis-suq. | Ġiet identifikata kumpanija barranija li għandha interess li tagħmel l-istudju ta' fattibilità. | Mistenni jiġi konkluż l-istudju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 157 | Biex nagħtu aktar għajnuna professjonali lil *start-ups* lokali, se nġibu f'pajjiżna accelerator internazzjonali. Dan għandu jgħin biex f'pajjiżna jiġu kkreati niċeċ ekonomiċi ġodda, speċjalment f'oqsma ta' teknoloġiji ġodda, u biex nattiraw operaturi internazzjonali li għandhom aċċess għal *networks* ta' imprendituri li jkunu jistgħu jgħinu lil *start-ups* Maltin ikabbru l-operat tagħhom. | MIMCOL | Saru diskussjonijiet mal-Malta Enterprise, mal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u anke mal-Awtorità tal-Komunikazzjoni flimkien ma' *stakeholders* u operaturi internazzjonali fejn ġew identifikati numru ta' niċeċ fosthom FINTech, Egaming, Egovernment, Elearning u Smart Phone Apps (IOS, Android) biex jinħoloq bażi għal investiment ġdid. | Tressqet *memo* interna għall-approvazzjoni tal-Kabinett u fil-frattemp kompla jiġi identifikat il-post biex jilqa' l-*accelerator*. | Bdew in-negozjati biex isir kuntratt ma' Smart City biex jinkera spazju adegwat għall-proġett ta' *start-up campus* li se jilqa' fih *start-ups* lokali u internazzjonali. Bdew ix-xogħlijiet strutturali biex jitranġa s-sit tal-*accelerator*. Beda jiġi ppreparat programm ta' *roadshow* biex ikun varat il-kunċett ta' Malta - Start-Up Island Destination. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet strutturali biex jitranġa s-sit tal-*accelerator* u jiġi ppreparat programm ta' *roadshow* biex ikun varat il-kunċett ta' Malta - Start-Up Island Destination. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Tlesta wkoll abbozz ta' Espressjoni ta' Interess għal dawk l-operaturi interessati fl-*accelerator* flimkien ma' dokument tal-*marketing* li ser jintuża fir-*roadshows* f'pajjiżi barranin. Bdew preparamenti għal dawn iż-żjarat biex ikun iġġenerat interess f'dan il-proġett. Sar ukoll xogħol anċillari relatat ma' *start-ups* li għandhom jgħinu biex il-kunċett *accelerator* jirnexxi. Beda l-proċess ta' identifikazzjoni ta' proprjetà li tilqa' l-*accelerator*. | | Fl-istess ħin bdiet tiġi ppreparata strateġija ta' kampanja ta' *branding* fuq il-midja soċjali u t-televiżjoni bil-għan li jissaħħaħ l-għarfien dwar il-bżonn ta' *entrepreneurship*, ħsieb kreattiv u l-iżvilupp ta' *start-ups* mill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Inħarġu wkoll is-sejħiet għall-interess ta' min irid jissieħeb mal-Gvern fl-iżvilupp tal-*accelerator*. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Il-proġett biex is-sit industrijali fejn qabel kien hemm it-tarzna tal-Marsa jinbidel f'ċentru għall-industrija taż-żejt u l-gass u l-loġistika se jieħu spinta fl-2017 wara li lħaqna ftehim mal-Ablecare Oilfield Services Holdings Limited li ser tinvesti madwar €55 miljun fuq medda ta' għaxar snin. | MEIB | Beda t-tħammil ta' taħt il-baħar fejn qed jiġi żviluppat dan iċ-ċentru. Kompla xogħol infrastrutturali ma' xogħol ieħor fuq il-bini eżistenti. Sar ukoll xogħol ta' *landscaping* u kompla għaddej l-investiment fuq l-akkademja li se tkun qed toffri servizzi anċillari fiċ-ċentru. | Komplew għaddejjin ix-xogħlijiet fuq is-sit, fosthom it-tħammil ta' taħt il-baħar. | Kompla għaddej ix-xogħol fuq is-sit. | Mistenni jkompli għaddej ix-xogħol fuq is-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 164 | Dan il-pjan se nkomplu nwettquh matul is-sena li ġejja meta se nkunu qed inwaqqfu awtorità biex tiggverna u tirregolarizza l-attivitajiet f'dawn il-*hubs* ġodda li jkunu dikjarati żoni *free trade*. | Malta Enterprise | Bħala parti mit-tħejjijiet biex titwaqqaf l-awtorità, bdiet tiġi studjata l-liġi eżistenti tal-Port Ħieles biex jintuża l-istess qafas legali. Sar l-ewwel abbozz dwar *free zones* alternattivi minbarra dik li diġà teżisti fil-Port Ħieles. | Bħala parti mill-proċess ta' preparazzjoni, il-Malta Enterprise waqqfet *working group* biex jaħdem fuq din il-miżura. Saru diversi laqgħat li taw ħarsa lejn il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tad-dwana. Ġie konkluż li l-Att dwar il-Port Ħieles għandu jkun emendat permezz ta' artiklu ġdid bi provviżjonijiet għall-kreazzjoni u l-ġestjoni tal-*free zones* barra l-parametri taż-żona tal-Port Ħieles f'Birżebbuġa. | Sar xogħol intensiv fuq l-abbozzar tal-qafas legali rigward żoni dikjarati *free trade*. | Mistenni jitkompla l-proċess ta' abbozzar tal-qafas legali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 166 | Se nibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea biex finalment isir il-proġett Ta' Qali Crafts Village bi spiża ta' madwar €14-il miljun. Dan ukoll se jinbeda fl-2017. Bħala parti minn dan il-proġett, madwar 50 intrapriża se jirċievu assistenza waqt li hu mistenni li dawn l-espansjonijiet se jwasslu għal żieda ta' madwar 20 impjieg ġdid. Fix-xhur li ġejjin mistenni joħroġ it-*tender* tax-xogħol ta' dan il-proġett. | Malta Industrial Parks | Ġie ppubblikat u ngħata t-*tender* għall-*project management*. Ġie ppubblikat ukoll it-*tender* għax-xogħlijiet ta' servizzi esterni mis-sit tal-proġett. It-*tenders* għax-xogħlijiet ta' infrastruttura nħarġu. Laqgħat mas-sidien ta' Ta' Qali għaddejjin regolari biex jiġu aġġornati bil-programm tax-xogħlijiet. | Ġie evalwat u ngħata l-kuntratt għas-servizzi esterni tas-sit. Tħabbret skema ta' benefiċċji biex is-sidien tal-Crafts Village jiżviluppaw il-*units* tagħhom fi żmien stipulat. | Bdew ix-xogħlijiet esterni tas-sit. Bdiet ukoll it-tieni fażi tal-*Competitive Dialogue* tat-*tender* tax-xogħlijiet ewlenin. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet esterni tas-sit. Wara li tagħlaq it-tielet fażi tal-*Competitive Dialogue* tat-*tender* tax-xogħlijiet ewlenin, jiġi ingaġġat il-kuntrattur. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 167 | Qed naħdmu wkoll fuq proġett biex is-sit fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty isir ċentru għall-manifattura tal-ikel. Wara li żżarmat l-istruttura tal-ħadid fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty u beda x-xogħol biex dan is-sit isir ċentru għall-manifattura tal-ikel, intlaħaq ftehim biex għadd ta' kumpaniji ewlenin f'dan is-settur jimxu lejn din iż-żona fix-xhur li ġejjin. | Malta Industrial Parks | Beda xogħol biex dan is-sit isir ċentru għall-manifattura tal-ikel. Ġew approvati permessi u beda xogħol ta' kostruzzjoni fuq tliet fabbriki ġodda. Sar xogħol relatat mat-*tender* tal-bini ta' erba' *sub-stations* ġodda biex jissupplixxu servizzi tad-dawl għal dan iċ-ċentru kif ukoll l-akkwata ta' Santa Venera u formazzjoni tat-toroq u infrastruttura. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess ta' bini tas-*sub-stations* lill-Awtorità tal-Ippjanar. | It-*tenders* għall-bini ta' erba' *sub-stations* ġew ippubblikati u aġġudikati. Ħarġu l-permessi għall-bini tas-*sub-stations*. Tlesta t-tkissir tal-art tal-konkos u l-formazzjoni tat-triq. | Ġew ippubblikati t-*tenders* għall-formazzjoni tat-toroq u nħareġ ukoll *tender* għat-tkissir ta' ġibjun li jinsab fis-sit tad-Dowty. Ngħata t-*tender* għall-bini ta' erba' *sub-stations* ġodda u beda l-bini fuq l-ewwel żewġ *sub-stations*. | Mistennija tibda l-evalwazzjoni tal-offerti għall-formazzjoni tat-toroq, issir l-evalwazzjoni u jingħata t-*tender* tat-tkissir tal-ġibjun, titlesta d-demolizzjoni tal-ġibjun, jibda x-xogħol fuq il-formazzjoni tat-toroq u jitlesa x-xogħol fuq il-bini tas-*sub-stations*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 168 | Malta Enterprise se tniedi għadd ta' skemi lin-negozji. Fost dawn insibu skema li toffri għajnuna finanzjarja għat-twaqqif ta' negozji minn individwi żvantaġġati biex iwaqqfu negozji sostenibbli permezz ta' assistenza finanzjarja li tista' tlaħħaq sa €25,000 għal kull negozju. | Malta Enterprise | Tnediet sejħa pubblika għall-*accountants* biex jagħmlu parti minn dan il-proġett ta' responsabbiltà soċjali korporattiva. Saru laqgħat għal dawn l-*accountants* fejn ġiet spjegata l-iskema u tfasslu wkoll *terms* of *reference*. Intant, ġew finalizzati l-linji gwida ta' din l-iskema. | Saru l-aħħar verifiki dwar il-linji gwida u l-applikazzjonijiet relatati ma' din l-iskema, qabel ma dawn imorru għall-approvazzjoni tal-Kabinett. | Ġew approvati l-linji gwida u għaddew għall-approvazzjoni tal-iState Aid Monitoring Board. | Mistennija approvazzjoni tal-linji gwida u wara l-Kabinett japprova l-*memo* dwar l-iskema. Jiġi ppubblikat l-Avviż Legali u titnieda l-iskema. | Implimentata |
| 169 | Taħt skema ta' kreditu fiskali fuq twettiq ta' xogħol ta' riċerka, l-għajnuna tvarja minn 25 sa 45 fil-mija tal-ispejjeż magħmula f'dan ir-rigward. | Malta Enterprise | L-iskema ġiet riveduta mill-iState Aid Monitoring Board (SAMB). Il-Malta Enterprise ħadmet fuq abbozz ta' liġi għall-approvazzjoni tal-Ministeri konċernati. | Ġie ppubblikat l-avviż legali dwar l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Biex iż-żmien li jitwaqqaf negozju minn 30 jum jonqos għal tlett ijiem, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2017 il-ħwienet u postijiet oħra kummerċjali mhux ser ikollhom aktar il-ħtieġa ta' liċenzja tal-kummerċ biex imexxu l-attività kummerċjali tagħhom. B'din il-miżura, dawn in-negozji ser jiffrankaw bejniethom aktar minn €1.3 miljun fis-sena. | MEIB / Malta Enterprise | Ġiet ippubblikata l-liġi dwar it-tneħħija tal-liċenzji tal-kummerċ. | | | | Implimentata |
| 172 | Se nimplimentaw tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ għall-ħwienet u postijiet kummerċjali oħra u b'hekk sibna bilanċ ġust bejn l-interessi kummerċjali u tal-pubbliku u tal-ħaddiema kkonċernati. | MEIB | Ġiet ippubblikata l-liġi dwar it-tibdil fir-regolamenti tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet. | | | | Implimentata |
| 174 | Permezz tal-Malta Enterprise, se tigi offruta għajnuna fuq spejjeż marbuta ma' xogħol ta' rinnovazzjoni fuq lukandi u ristoranti – din toffri kreditu fiskali marbut ma' spejjeż għal xogħol ta' rinnovazzjoni, sa massimu ta' €50,000 għar-ristoranti u €200,000 għal-lukandi. | Malta Enterprise | Bdiet riċerka bi preparazzjoni għal-linji gwida tal-iskema. | Ġew finalizzati l-linji gwida tal-iskema. | Tlestew il-linji gwida u ntbagħtu għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Malta Enterprise. | Mistennija l-approvazzjoni tal-linji gwida u wara l-Kabinett japprova l-*memo* dwar l-iskema. Jiġi ppubblikat l-Avviż Legali u b'hekk tkun tista' titneda l-iskema. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 346 | Fil-kuntest ta' Masterplan bil-ħsieb ewlieni li jtejjeb din iż-żona, fl-2017 il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li jsir *branding* tal-Imrieħel bħala *central business district* u tfittex soluzzjonijiet għall-problema ta' parkeġġ. Il-Fondazzjoni trid ukoll tidentifika mod kif se jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona, inkluż dawl *eco-friendly*. | Central Business District Foundation | Bdiet ħidma fuq l-istudju u l-analiżi tal-*footprint* ġenerali tal-Imrieħel, b'attenzjoni speċjali għall-kundizzjoni tal-infrastruttura preżenti li hemm fiż-żona. Il-Kabinett approva memo biex isir regeneration plan taż-żona.<br><br>a) *Branding* tal-Imrieħel:<br>Il-Bord tal-Amministraturi nnomina kumitat għall-*branding*. Permezz tal-*branding*, iż-żona ser tkun magħrufa bħala Central Business District. Intgħażlet il-kumpanija li ser tieħu ħsieb il-*branding* u ġew miftiehma t-termini ta' referenza. Il-Bord approva l-proposta tal-*branding* u l-kunċett ġie ppreżentat lill-Gvern.<br><br>b) Soluzzjonijiet għall-parkeġġ temporanju:<br>Ġew identifikati ħames artijiet battala adattati għal skopijiet ta' parkeġġ. | Bdew il-preparazzjonijiet biex isiru konsult-azzjonijiet mal-i*stakeholders,* inklużi l-Awtorità tal-Ippjanar, Transport Malta, Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, bil-għan li jinqablu l-għanijiet u l-KPIs tal-pjan ta' riġenerazzjoni.<br><br>a) *Branding* tal-Imrieħel:<br>Ġie iffirmat l-istatut bejn il-Gvern u l-privat li jiffiċjalizza l-bidla fl-isem.<br><br>b) Soluzzjonijiet għall-parkeġġ temporanju:<br>Komplew il-laqgħat mas-sidien tal-artijiet u l-operaturi interessati fil-proġett, biex finalment jinqabel il-kontenut ta' kuntratt eventwali marbut mal-kiri tal-art. Sar l-abbozzar tal-kuntratt kif ukoll id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Bdew il-konsultazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u *stakeholders* oħrajn dwar il-pjan ta' riġenerazzjoni.<br><br>a) *Branding* tal-Imrieħel:<br>Saru preparamenti biex il-pjan tal-*branding* jibda jitwettaq.<br><br>b) Soluzzjonijiet għall-parkeġġ temporanju:<br>Komplew il-laqgħat mas-sidien u l-operaturi sabiex jiġi ffaċilitat ftehim bejn iż-żewġ partijiet.<br><br>ċ) Żvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona inkluż dawl *eco-friendly*:<br>Sar xogħol fuq l-abbozzar ta' sejħa għall-proposti għal sistema ta' dwal tat-toroq *eco-friendly*. | Jibda x-xogħol fuq il-pjan ta' riġenerazzjoni.<br><br>a) *Branding* tal-Imrieħel:<br>Is-Central Business District titnieda uffiċjalment għall-pubbliku u jibda jitwettaq il-pjan tal-*branding*.<br><br>b) Soluzzjonijiet għall-parkeġġ temporanju:<br>Mistennija jibdew jiġu utilizzati xi siti bħala siti temporanji ta' parkeġġ.<br><br>ċ) Żvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona inkluż dawl *eco-friendly*:<br>Mistennija toħroġ is-sejħa għall-proposti relatata mad-dwal tat-toroq. Jiġi preparat id-dokument tas-sejħa għall-proposti b'konnessjoni mad-disponibilità għall-konċessjoni tat-triq. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ġew ukoll identifikati s-sidien ta' dawn l-artijiet, fejn ġie skopert li erbgħa mill-ħames artijiet huma ta' sidien privati. Għal dan il-għan, komplew il-laqgħat mas-sidien ta' dawn l-artijiet, kif ukoll komplew in-negozjati ma' operaturi tal-parkeġġi interessati fil-proġett, biex finalment jinqabel il-kontenut ta' kuntratt eventwali marbut mal-kiri tal-art.<br><br>ċ) Żvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona inkluż dawl *eco-friendly*:<br>Il-Fondazzjoni bdiet taħdem fuq il-formulazzjoni ta' Request for Proposals bil-għan li jiġi introdott energy saving lighting fiż-żona tal-Imrieħel. Inbidlu total ta' 45 bozza u bdew jiġu identifikati s-sidien ta' dawn id-dwal. Tkompla l-istudju dwar il-fattibilità tal-proġett. Tlestew it-tiswijiet fuq xi toroq. | ċ) Żvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona inkluż dawl *eco-friendly:*<br>L-istudju rigward tiswijiet tat-toroq u bankini li jistgħu jsiru *short term* ġie konkluż. Tlestiet ukoll *Cost Benefit Analysis* rigward l-installazzjoni ta' dawl *eco-friendly.* Beda x-xogħol fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti. | | | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | Il-Gvern diġà identifika l-proġett tal-*breakwater* ta' Marsamxett biex jiġi ffinanzjat mill-EFSI biex nirriġeneraw il-port ta' Marsamxett. | MEIB | Saru laqgħat bejn il-Ministeri u l-entitajiet konċernati biex ikunu determinati l-irwoli tagħhom f'dan il-proġett. Ġie stabbilit li l-ewwel isir l-istudju dwar il-fattibilità tal-proġett segwit minn diskussjonijiet mal-European Investment Bank biex Malta tingħata assistenza finanzjarja permezz ta' self mill-EFSI. | Twaqqfet *task force* responsabbli għal dan il-proġett biex tħares l-ippjanar u t-tfassil tal-istudji u stimi neċessarji. Bdew ukoll diskussjonijiet dwar l-aħjar metodoloġija biex isir l-istudju. | Saru diskussjonijiet biex jiġi determinat il-mod kif se jitħejja l-istudju ta' fattibilità. | Mistennija tibda l-ħidma dwar l-istudju ta' fattibilità. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 344 | Inkomplu nsaħħu s-servizzi offruti mil-libreriji u mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu waqt li se jinfetħu żewġ ċentri ġodda tal-Programm għal-Litteriżmu fil-Familji (NWAR). | Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu | Instab spazju fl-iskola primarja ta' Santa Venera biex jinfetaħ iċ-ċentru l-ġdid tal-Programm tal-Litteriżmu fil-Familji (Nwar) f'din il-lokalità. | Tnieda s-servizz għall-persuni neqsin mid-dawl jew dawk li ma jistgħux joħorġu minn darhom jew għandhom problema bil-qari (*Talking Books*).<br><br>Infetaħ spazju fil-Librerija Pubblika Ċentrali biex l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tkun tista' żżid l-attivitajiet tal-programm Aqra Miegħi/*Read with Me* biex tilħaq tfal bl-awtiżmu.<br><br>Sar xogħol ta' tibdil fil-kollezzjoni tal-kotba sabiex f'kull librerija f'Għawdex ikun hemm ukoll kotba *dyslexic friendly*.<br><br>Bdew il-preparamenti biex jinstab spazju għat-tieni ċentru tal-Programm tal-Litteriżmu fil-Familji (Nwar) fl-iskola primarja ta' Marsascala. | Komplew jingħataw is-servizzi l-ġodda tat-*Talking Books* u Aqra Miegħi, filwaqt li tlesta x-xogħol ta' tibdil fil-kollezzjoni tal-kotba biex f'kull librerija f'Għawdex ikun hemm ukoll kotba *dyslexic friendly*. | Mistenni jinfetaħ it-tieni ċentru tal-Programm tal-Litteriżmu fil-Familji (Nwar) fl-iskola primarja ta' Marsascala. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 345 | Se nkomplu nsaħħu l-kors ta' sena skolastika u l-kors intensiv fil-Malti u l-Ingliż komunikattiv fis-sajf għal studenti mhux Maltin li la jafu jikkomunikaw bil-Malti u lanqas bl-Ingliż. | Migrant Learner's Unit | Bdew il-preparamenti biex jissaħħaħ il-kors tas-sena skolastika billi jiġu ingaġġati l-għalliema, issir traduzzjoni tat-testi u jinxtraw ir-riżorsi meħtieġa.<br><br>Ġie mfassal il-programm tal-kors intensiv fis-sajf mal-edukaturi f'dan il-qasam. | Tkomplew il-preparamenti għat-tisħiħ tal-kors għas-sena skolastika 2017/18.<br><br>Dwar il-kors intensiv fis-sajf, beda x-xiri tar-riżorsi meħtieġa u komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u jiġu ffurmati l-gruppi għal kull sessjoni. Tkomplew ukoll il-laqgħat mal-edukaturi li se jkunu qed jagħtu s-sessjonijiet ta' dan il-kors. | Bi tħejjija għat-tisħiħ tal-kors għas-sena l-ġdida, tħarrġu l-għalliema għal dan il-kors.<br><br>Beda l-kors intensiv fil-Malti u l-Ingliż komunikattiv fil-vaganzi tas-sajf f'erba' ċentri fl-Imsida, San Ġwann, San Pawl il-Baħar u r-Rabat, Għawdex. | Wara li jitlestew il-preparamenti, f'Ottubru mistenni jibda l-kors għas-sena skolastika 2017/18. | Implimentata |
| 42 | Se niftħu Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu ieħor f'Għawdex. | Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu | Sar xogħol strutturali u tpoġġiet l-għamara meħtieġa f'binja mhux użata viċin is-sala tal-iskola primarja Ta' Sannat, Għawdex. B'hekk infetaħ iċ-Ċentru tar-Riżorsi f'din il-lokalità u ntrama bir-riżorsi meħtieġa. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 43 | Fl-2017 se nagħtu bidu għal proġett ġdid imfassal apposta biex negħlbu l-illitteriżmu fl-iskejjel tagħna permezz tal-isport. L-għan ta' dan il-proġett hu li nużaw il-futbol bħala mezz kif tfal b'din il-problema ngħallmuhom jaqraw u ninkuraġġuhom iħobbu l-qari. Dan il-proġett se nibdewh matul is-sena li ġejja f'erba' skejjel, kull waħda f'reġjun differenti, jiġifieri Bormla, Birkirkara, San Pawl il-Baħar u r-Rabat, Għawdex. | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | Saru diskussjonijiet ma' entitajiet barranin biex jitfassal il-programm f'pajjiżna. Sadanittant, saru wkoll il-preparamenti neċessarji biex jibda l-proġett. | Tnieda l-proġett pilota fl-iskola primarja ta' Bormla. Saru diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-proġett fit-tliet skejjel l-oħra. Saru wkoll preparamenti biex l-Aġenzija Nazzjonali għal-Litteriżmu tippubblika espressjoni ta' interess għall-ingaġġ ta' kowċis għal dan il-programm. | Wara li ntemm il-proġett pilota f'Bormla, saret l-evalwazzjoni tiegħu u ġew ingaġġati erba' kowċis sabiex dan il-proġett jiġi implimentat ukoll fl-iskejjel ta' Birkirkara, San Pawl il-Baħar u r-Rabat, Għawdex. | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44 | Se nibnu tliet skejjel primarji ġodda: f'San Pawl il-Baħar, Marsascala u r-Rabat, Għawdex. | Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | (a) Skola Primarja f'Marsascala: Ġie ffirmat il-kuntratt għax-xogħlijiet u ġew ingaġġati l-periti biex jaħdmu fuq dan il-proġett. (b) Skola Primarja f'San Pawl il-Baħar: Beda jitħejja t-*tender* għax-xogħlijiet u ġew ingaġġati l-periti. (ċ) Skola Primarja fir-Rabat, Għawdex: Kompla għaddej il-proċess ta' tibdil tal-Pjan Lokali ta' Għawdex li jinkorpora l-iskola l-ġdida. Sadanittant, il-periti ġew ingaġġati. | (a) Skola Primarja f'Marsascala: Sar xogħol fuq id-disinji strutturali u tħejjew it-*tenders* neċessarji. (b) Skola Primarja f'San Pawl il-Baħar: Sar xogħol fuq id-disinji strutturali u tħejjew it-*tenders* neċessarji. (ċ) Skola Primarja fir-Rabat, Għawdex: Kompla għaddej il-proċess ta' tibdil tal-Pjan Lokali ta' Għawdex. | (a) Skola Primarja f'Marsascala: Bdew ix-xogħlijiet ta' skavar u kostruzzjoni. (b) Skola Primarja f'San Pawl il-Baħar: Sar l-iskavar neċessarju. (ċ) Skola Primarja fir-Rabat, Għawdex: Ġie identifikat is-sit il-ġdid għall-bini ta' din l-iskola. | (a) Skola Primarja f'Marsascala: Mistennija jiġu ppubblikati u aġġudikati t-*tenders* għax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' rfinar, sabiex dawn jibdew hekk kif ikun lest ix-xogħol ta' kostruzzjoni. (b) Skola Primarja f'San Pawl il-Baħar: Mistenni jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u joħorġu t-*tenders* għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, sabiex dawn jibdew hekk kif ikun lest ix-xogħol ta' kostruzzjoni. (ċ) Skola Primarja fir-Rabat, Għawdex: Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Se nifttħu ċentru ieħor ġdid għall-ħarsien tat-tfal fl-iskola primarja ta' San Ġiljan. | Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni ta' żvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Filwaqt li l-applikazzjoni ta' żvilupp kompliet tiġi proċessata mill-Awtorità tal-Ippjanar, beda xogħol ieħor relatat ma' dan il-proġett. It-*tenders* neċessarji tfasslu u wħud minnhom ġew ippubblikati. | Wara li ġew aġġudikati wħud mit-*tenders*, beda x-xogħol strutturali fuq dan iċ-ċentru filwaqt li kompla għaddej il-proċess ta' aġġudikazzjoni ta' *tenders* oħra tal-proġett. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet strutturali u ta' rfinar biex dan iċ-ċentru jkun jista' jinfetaħ sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |
| 46 | Nestendu l-iskola primarja tar-Rabat, Malta, biex l-iskola topera minn binja waħda. | Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda l-proċess biex jiġu ingaġġati l-periti għal dan il-proġett. | Ġew ingaġġati l-periti għal dan il-proġett. Saru spezzjonijiet fuq il-post u tlestew il-pjanti neċessarji. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' sular ġdid fuq l-iskola eżistenti. Bdew jiġu ppreparati t-*tenders* għall-kostruzzjoni, għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll għax-xogħlijiet ta' rfinar. | Mistennija jitlestew it-*tenders* relatati mal-proġett biex kif ikun hemm l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, dawn jiġu ppubblikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 47 | Se nibnu sala ġdida fl-iskola sekondarja ta' Santa Luċija. | Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda l-proċess biex jiġu ingaġġati l-periti għal dan il-proġett. | Ġew ingaġġati l-periti għal dan il-proġett. Saru spezzjonijiet fuq il-post u bdew jiġu ppreparati l-pjanti neċessarji. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' sular ġdid fuq l-iskola eżistenti. Bdew jiġu ppreparati t-*tenders* għall-kostruzzjoni, għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll għax-xogħlijiet ta' rfinar. | Mistennija jitlestew it-*tenders* relatati mal-proġett biex kif ikun hemm l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, dawn jiġu ppubblikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 48 | Nestendu u nsebbħu l-faċilitaijiet edukattivi tal-Iskola Guardian Angel fil-Ħamrun u l-faċilitaijiet edukattivi ġodda għall-Iskola San Miguel Resource Centre. | Fondazzjoni Skejjel ta' Għada | Beda l-proċess biex jiġu ingaġġati l-periti għal dan il-proġett. | Guardian Angel: Ġie ingaġġat il-perit u saru laqgħat miegħu dwar it-twettiq ta' dan il-proġett.<br><br>San Miguel Resource Centre: Ġie ingaġġat il-perit għal dan il-proġett. Ġew riveduti l-pjanti kollha tal-proġett biex jiġu wkoll inklużi l-ħtiġijiet tal-organizzazzjoni Inspire. Ġiet ukoll sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Guardian Angel: Wara li ġew evalwati l-pjanijiet ta' tisbiħ ta' din l-iskola, ġie deċiż li jsir aktar xogħol milli sempliċiment tisbiħ biex din l-iskola tkun toffri s-servizzi speċjalizzati adegwati.<br><br>San Miguel Resource Centre: L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet il-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni għall-permessi. | Guardian Angel: Mistennija jitħejjew il-pjanijiet ġodda sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>San Miguel Resource Centre: Mistennija jibdew jitfasslu t-*tenders* u d-disinji għall-proġett biex hekk kif joħroġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, jiġu ppubblikati t-*tenders* għax-xogħlijiet meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 49 | Għal sena oħra qed nerġgħu nżidu l-istipendji pro rata biż-żieda għall-għoli tal-ħajja. | Student Maintenance Grant Board | Ġie rivedut l-istipendju li jingħata lill-istudenti kull erba' ġimgħat biż-żieda pro rata tal-għoli tal-ħajja. | | | | Implimentata |
| 50 | Se nirrevedu t-*thresholds* tal-qligħ tal-istudenti b'rabta mal-eliġibilità għall-għotja supplimentari. | Student Maintenance Grant Board | Ġew riveduti t-*thresholds* tal-qligħ tal-istudenti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Studenti b'diżabilità u studenti li joqogħdu fi djar tal-Knisja u konservatorji, fost l-oħrajn, se jibdew jitqiesu awtomatikament eliġibbli għall-għotjiet ta' manteniment, inkluż l-għotja supplimentari. | Student Maintenance Grant Board | Ġew ikkuntattjati l-istudenti kollha li qed isegwu kors ta' studju *full-time* fil-livell postsekondarju u terzjarju. B'hekk ġew identifikati l-istudenti u ngħataw il-benefiċċji kollha. | | | | Implimentata |
| 52 | Studenti li jagħmlu sena waħda addizzjonali fil-kors tagħhom se jingħataw stipendju wkoll għas-sena addizzjonali u jitqiesu bħala studenti li qed jirrepetu sena fil-kors tagħhom. | Student Maintenance Grant Board | Ġew identifikati l-istudenti eliġibbli u ngħataw il-benefiċċju. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Minn din is-sena skolastika, studenti li jagħlqu 16-il sena u jkomplu jistudjaw u jitħarrġu fil-Programm ta' Tagħlim Alternattiv f'Raħal Ġdid fil-Livell 3 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki fil-*hospitality and customer care* u *fil-welding and fabrication* se jkunu eliġibbli biex jingħataw stipendju wkoll. | Student Maintenance Grant Board | Din il-miżura ġiet implimentata mill-bidu tas-sena akkademika 2016-2017. Fil-fatt dawn l-istudenti ngħataw l-għajnuna biex japplikaw u l-applikazzjoni tagħhom ġiet proċessata. B'hekk il-kontijiet tal-istudenti ġew kreditati bl-għotja inizjali f'Ottubru/ Novembru 2016. Id-dettalji tal-istudenti kollha għaddew ukoll għall-ewwel stipendju li tħallas fil-bidu ta' Diċembru 2016. | | | | Implimentata |
| 54 | Studenti li għal xi raġuni jiddeċiedu li jmorru għal kors ta' studju li jwassal għal kwalifiki aktar baxxi minn kors ta' studju bi kwalifiki aktar għoljin jibqgħu jieħdu l-istipendju. | Student Maintenance Grant Board | Ġew proċessati l-applikazzjonijiet ta' studenti li niżlu livell (MQF) fil-kors ta' studju tagħhom. Dawn l-istudenti ġew infurmati u l-applikazzjonijiet tagħhom ġew ipproċessati sabiex ikunu jistgħu jibqgħu jirċievu dan il-benefiċċju. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | Din is-sena se jkun introdott l-użu edukattiv tat-*tablet* fil-klassijiet kollha tar-raba' sena tal-primarja fl-iskejjel kollha tal-Istat, tal-Knisja u dawk indipendenti. | Digital Literacy and Transversal Skills | L-ewwel fażi ta' tagħlim bdiet billi tqassmu t-*tablets* lit-tfal kollha tar-raba' sena. Sadanittant, l-għalliema komplew jiġu mħarrġa u megħjuna fl-użu edukattiv tat-*tablets*. Beda t-tieni sett ta' laqgħat mal-ġenituri dwar kif huma jistgħu jgħinu lil uliedhom fl-użu tat-*tablet*. Sar ukoll taħriġ onlajn lill-għalliema tal-ħames sena u beda jsir l-ewwel moniteraġġ tal-użu tat-*tablets*. Dan bi preparazzjoni għat-tieni fażi ta' tagħlim fejn kemm it-tfal tar-raba' kif ukoll tal-ħames sena jkunu qed jużaw it-*tablets*. | Filwaqt li beda t-tfassil tat-taħriġ għall-għalliema tal-ħames sena għall-Inservice Education and Training (INSET) ta' Lulju, sar ukoll taħriġ lill-Complementary, Literacy u Maths Support Teachers. Beda wkoll it-tfassil ta' lezzjonijiet għall-ħames sena kif seħħ ma' tar-raba' sena. | Sar it-taħriġ għall-għalliema u tlesta wkoll it-tfassil ta' lezzjonijiet għall-ħames sena. Bdiet issir l-evalwazzjoni tal-użu tat-*tablets* fir-raba' sena tas-sena skolastika 2016-2017. | Mistenni jiġi estiż l-użu tat-*tablets* għall-istudenti li fis-sena skolastika 2017/2018 se jkunu qegħdin fil-ħames sena, filwaqt li jitkompla l-użu tat-*tablets* għall-istudenti tar-raba' sena. B'hekk għal din is-sena skolastika, l-użu tat-*tablets* se jkun mifrux fuq il-klassijiet kollha tar-raba' u l-ħames sena. Mistennija jibdew ukoll laqgħat mal-ġenituri tar-raba' sena, kif ukoll it-taħriġ onlajn għall-għalliema tas-sitt sena. | Implimentata |
| 56 | Se nkomplu nsaħħu l-infrastruttura u l-aċċess għall-*Wi-Fi* fl-iskejjel | Information Management Unit | Sar ix-xogħol meħtieġ fl-iskejjel biex jiġi provdut il-*Wi-Fi*. Sar ukoll ix-xiri ta' komponenti oħra biex jissapportjaw l-infrastruttura meħtieġa. | Kompla x-xogħol fl-iskejjel biex jiġi pprovdut il-*Wi-Fi*. Kompla wkoll ix-xiri tal-komponenti meħtieġa. | Kompla x-xogħol fl-iskejjel. Sar ukoll xogħol fil-klassijiet tal-ħames sena biex jiġu fornuti bil-*Wi-Fi*. | Mistenni jitkompla l-moniteraġġ fl-iskejjel biex jiġi żgurat l-aħjar aċċess għall-*Wi-Fi*. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Nibdlu l-PCs li qabżu t-tmien snin fl-użu tagħhom fil-klassijiet tal-iskejjel primarji. | Information Management Unit | Wara li ġie ppubblikat u aġġudikat it-*tender*, beda t-tqassim tal-kompjuters pjanati fl-ewwel rażi. | Komplew jinbidlu l-kompjuters li qabżu t-tmien snin fl-użu tagħhom skont il-pjan tal-ewwel fażi. | Tlesta l-bdil ta' kompjuters li qabżu t-tmien snin fl-użu tagħhom. | Mistenni jitħejja u jiġi ppubblikat it-tieni *tender* għall-bdil tal-PCs li qabżu t-tmien snin fl-użu tagħhom, skont kif pjanat għat-tieni fażi ta' dan il-proġett. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 58 | Se nibdew inħaddmu l-Kunsill għall-Ħiliet fejn inressqu l-imsieħba ekonomiċi ma' dawk edukattivi biex janalizzaw il-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol għas-snin li ġejjin biex l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna jħarrġu studenti biex jiksbu dawn il-ħiliet għall-opportunitajiet ġodda ta' xogħol li qed noħolqu. | Kunsill għall-Ħiliet | Beda jiltaqa' l-Kunsill għall-Ħiliet fejn ġew diskussi, fost oħrajn, il-kunċett ta' *work-based learning* u l-proċeduri ta' kif jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet b'mod iktar immedjat. | Il-Kunsill għall-Ħiliet kompla jaħdem u jiġi żviluppat. Twaqqfu tliet sottokumitati li qed jiffukaw fuq: *work-based learning*, ħiliet diġitali u riċerka u żvilupp, li jirrappurtaw lura lill-Kunsill. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta l-istrateġija tiegħu għas-snin li ġejjin. | Is-sottokumitati bdew jaħdmu biex jgħinu lill-Kunsill jagħti gwida lil entitajiet edukattivi. | Mistennija tiġi ffinalizzata u ppubblikata l-istrateġija tal-Kunsill filwaqt li jsiru diskussjonijiet mal-imsieħba konċernati dwar ir-riżultati tax-xogħol tal-Kunsill. Is-sottokumitati jgħaddu l-ewwel rakkomandazzjonijiet biex il-Kunsill għall-Ħiliet ikun f'pożizzjoni li jagħti gwida lil entitajiet edukattivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 59 | L-Istitut għat-Tagħlim se jkompli jaħdem biex l-edukaturi kollha, kemm ġodda kif ukoll dawk fis-servizz, jingħataw taħriġ biex isaħħu l-pedagoġija u jkomplu jaġġornaw ruħhom ma' metodi ġodda ta' tagħlim b'mezzi moderni bħal korsijiet onlajn biex ikunu jistgħu joffru kwalità ogħla ta' tagħlim. | Istitut għat-Tagħlim | Bdew il-korsijiet introduttorji għall-għalliema supplimentari. Ġie ffirmat l-MOU mal-MCAST biex tikber il-kollaborazzjoni, bil-possibbiltà li għalliema jitħarrġu fis-suġġetti vokazzjonali f'din l-entità. | Sar xogħol biex jinħoloq sit elettroniku għall-Istitut għat-Tagħlim. Tkomplew il-preparamenti għat-taħriġ. | Tkompla x-xogħol biex jinħoloq is-sit elettroniku. Dan is-sit se jgħin lill-Istitut għat-Tagħlim biex joffri diversi korsijiet ġodda kemm fis-suġġetti vokazzjonali kif ukoll fil-pedagoġija. B'hekk is-*supply teachers* grades ikollhom l-opportunità jkomplu javvanzaw f'xogħolhom. | Mistenni jiġi ppubblikat it-*tender* biex jinħoloq is-sit elettroniku għall-Istitut għat-Tagħlim. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 60 | Il-Gvern se jissieħeb ma' universitajiet barranin u lokali biex inħarrġu għalliema fil-pedagoġija ta' suġġetti vokazzjonali biex ikunu jistgħu jgħallmu suġġetti vokazzjonali fil-livell sekondarju. | Istitut għat-Tagħlim | Ġie ffirmat l-MOU bejn l-imsieħba kollha li jinkludu l-Istitut għat-Tagħlim, l-Università ta' Malta, l-MCAST, l-ITS u l-Università Finlandiża Haaga Helia. Saru laqgħat biex jintlaħaq qbil bejn l-imsieħba dwar liema programmi se jiġu offruti minn kull istituzzjoni u kif dawn se jikkollaboraw bejniethom biex jingħataw dawn il-programmi. | Il-*frameworks* tal-Baċellerat, żewġ *Post-Grad Diplomas* u *Masters Degree* nkitbu mill-Istitut u ntbagħtu lill-Università Finlandiża għall-kummenti tagħhom. | Saru laqgħat mal-Università ta' Malta u l-MCAST biex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-korsijiet. L-Università Finlandiża għax-Xjenza Haaga Helia tat il-kummenti tagħha dwar il-korsijiet li l-Università ta' Malta se toffri għall-ewwel darba biex Malta jkollha l-ewwel għalliema ta' suġġetti vokazzjonali. | Mistennija jibdew il-korsijiet għall-għalliema fil-pedagoġija ta' suġġetti vokazzjonali biex ikunu jistgħu jgħallmu suġġetti vokazzjonali fil-livell sekondarju. | Implimentata |
| 61 | Għas-sena d-dieħla wkoll, se nkunu qed nallokaw €400,000 għal persuni minn skejjel statali u minn skejjel oħra li jitolbu *leave* mħallas biex ikollhom ċans jistudjaw (*sabbatical*). | Educational Resources | Ġie allokat il-fond għal din il-miżura biex tiġi ppubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet. Wara proċess ta' evalwazzjoni tal-kandidati li ssottomettew applikazzjoni, ġiet ippubblikata l-lista finali ta' benefiċjarji. | Il-benefiċjarji ntbagħtitilhom l-ittra ta' aċċettazzjoni u ġew iffirmati l-kuntratti u l-ipoteki neċessarji. | Ġew ingaġġati s-*supply teachers* biex jieħdu post il-benefiċjarji.<br><br>Il-benefiċjarji bdew jibbenefikaw minn *leave* bi ħlas waqt l-istudju tagħhom. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 | Se jissokta x-xogħol fuq proġetti kapitali fl-Università ta' Malta, fosthom l-estensjoni tal-Materials Engineering Lab u tal-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika, il-bini għall-Postdoc, il-bini għall-multireliġjon, ir-rinovazzjoni tal-kampus tal-Belt Valletta u tal-Junior College. | Università ta' Malta | Binjiet tal-Matematika u l-Fiżika - Bdew jitfasslu t-*tenders* għal dan il-proġett.<br>Bini tal-Postdoc (TRAKE) - Ħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini tal-Postdoc u kompliet tiġi preparata l-applikazzjoni għall-fondi mill-ERDF, kif ukoll it-*tenders* għal dan il-proġett.<br>Rinovazzjoni tal-kampus tal-Belt Valletta - Tlesta x-xogħol strutturali fuq it-teatru tal-kampus tal-Belt Valletta u dan ġie inawgurat.<br>Rinovazzjoni tal-Junior College - Tlesta x-xogħol fuq id-disinji u speċifikazzjonijiet għal-laboratorji tal-fiżika u bdew jiġu proċessati t-*tenders*.<br>Bini għall-multireliġjon - Il-bini għall-multireliġjon huwa inkluż fil-proġett University Residence and Community Car Park, liema proġett beda jiġi diskuss mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Binjiet tal-Matematika u l-Fiżika - Ġie ppubblikat it-*tender* għal dan il-proġett.<br><br>Bini tal-Postdoc (TRAKE) - Infetħet is-sejħa tal-ERDF u għaldaqstant kompliet tiġi preparata l-applikazzjoni għall-fondi, kif ukoll it-*tenders* għal dan il-proġett.<br><br>Rinovazzjoni tal-Junior College - Kompla x-xogħol fuq it-*tenders* neċessarji fejn uħud minnhom ġew pubblikati u saħansitra qed jiġu evalwati.<br><br>Bini għall-multireliġjon: Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Binjiet tal-Matematika u l-Fiżika - Kompla x-xogħol biex jiġi aġġudikat it-*tender* ta' dan il-proġett.<br><br>Bini tal-Postdoc (TRAKE) - Tħejjiet l-applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF għal dan il-proġett.<br><br>Rinovazzjoni tal-Junior College - It-*tenders* waslu fi stadju ta' evalwazzjoni.<br><br>Bini għall-multireliġjon - Kompliet tiġi evalwata l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Materials Engineering Lab - Beda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' din il-binja. | Binjiet tal-Matematika u l-Fiżika - Mistennija tiġi finalizzata l-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal dan il-proġett sabiex jitħejja l-pjan tax-xogħol.<br><br>Bini tal-Postdoc (TRAKE) - Mistennija tiġi evalwata l-applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF mill-PPCD.<br><br>Rinovazzjoni tal-Junior College - Mistennija jiġu aġġudikati t-*tenders* u jitħejja l-pjan tax-xogħol.<br><br>Bini għall-multireliġjon - Mistenni jibda x-xogħol fuq dan il-proġett.<br><br>Materials Engineering Lab - Ikompli x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' din il-binja. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 63 | Il-Gvern se jkun qed jikkontribwixxi biex isir University Residence and Community Car Park f'Tal-Qroqq. | Università ta' Malta | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar dan il-proġett. | Ġew sottomessi l-pjanti ġodda lill-Awtorità tal-Ippjanar. Sadanittant, saru diskussjonijiet mal-Isptar Mater Dei biex il-proġett ma jħallix impatti negattivi fuq l-ispazji tal-madwar. | L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet tevalwa l-applikazzjoni għall-permessi ta' dan il-proġett. Sadanittant saret ħidma mill-Awtorità tal-Artijiet biex tiġi trasferita l-art meħtieġa. | Wara li joħroġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, mistennija jiġu ppubblikati t-*tenders* biex jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 64 | Fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija se jissokta l-iżvilupp tal-kampus il-ġdid fuq il-binjiet tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport, il-Librerija u l-Learning Support Unit. | MCAST | Saru preparamenti fuq it-*tender* għall-binja tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport kif ukoll id-disinn tal-binja tal-MCAST Resource Centre (li tinkludi l-Learning Support Unit u l-binja tal-librerija). | Il-kuntratt għall-binja tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport ġie ffirmat u beda x-xogħol fuq din il-binja. Tlesta wkoll id-disinn tal-binja tal-MCAST Resource Centre. | Kompla x-xogħol fuq l-Istitut tal-Inġinerija u Trasport filwaqt li ġie ppubblikat it-*tender* għall-bini tal-MCAST Resource Centre. | Filwaqt li tkompli l-ħidma fuq l-Istitut tal-Inġinerija u Trasport, mistenni jibda x-xogħol fuq il-bini tal-MCAST Resource Centre. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 66 | Permezz tar-riforma fl-apprentistat, se niżguraw li t-taħriġ tal-apprentisti jkun ta' kwalità. | MCAST | Bħala parti mir-riforma fl-apprentistat, tlesta x-xogħol fuq il-kompetenzi vokazzjonali u għaddew minn proċess ta' *quality assurance*. Tlesta l-qafas tal-programm għall-Industry Driven Apprenticeships. Bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati biex il-programm jiġi introdott fis-sena skolastika l-ġdida. | Ġew implimentati l-kompetenzi vokazzjonali. Komplew id-diskussjonijiet dwar l-Industry Driven Apprenticeships u ġew identifikati ħames programmi ġodda biex jiżdiedu mal-iskemi preżenti tal-apprentistat f'livelli 3 u 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK). | Kompla x-xogħol kemm fuq kompetenzi vokazzjonali kif ukoll fuq l-introduzzjoni ta' Industry Driven Apprenticeship. | Mistenni jiġi introdott l-Industry Driven Apprenticeship. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Il-Kulleġġ se jintroduċi wkoll *Research Framework* biex jitjieb il-livell ta' tagħlim permezz ta' riċerka li tkun relevanti u ta' koperazzjoni bejn l-istudenti u l-industrija kif ukoll bejn l-MCAST u l-industrija. | MCAST | Twaqqaf il-Kumitat tar-Riċerka u beda jiltaqa' biex jibda jfassal ir-*Research Framework*. Ġie ingaġġat *Research Engineer* biex jassisti f'dan il-proċess. | Il-Kumitat tar-Riċerka kompla jaħdem fuq l-abbozz tar-*Research Framework*. | Kompla x-xogħol fuq ir-*Research Framework* kif ukoll fuq il-ġurnal tar-riċerka għall-MCAST. | | Implimentata |
| 69 | Jobsplus se tissokta bil-programmi Work Exposure, Traineeships, Access to Employment, Investing in Skills, Work Placement Scheme, Training Pays u Community Work Scheme. | Jobsplus | Issoktaw il-programmi ta' Work Exposure, Traineeships, Work Placement Scheme, Access to Employment u Community Work Scheme Enterprise Foundation. Tnedew l-iskemi ta' Investing in Skills u Training Pays Scheme. | | | | Implimentata |
| 70 | Ser jibqa' jinħoloq ukoll xogħol permezz tad-Document Management System for Public Documents għal persuni b'diżabilità li qed ifittxu x-xogħol. | Jobsplus | Issoktat l-iskema tad-Document Management System for Public Documents għal persuni b'diżabilità li qed ifittxu xogħol. | | | | Implimentata |
| 71 | Permezz tal-Work Programme Initiative se tkompli l-kollaborazzjoni mas-settur privat biex tingħata għajnuna lil individwi ta' 25 sena li ilhom ifittxu xogħol għal 12-il xahar jew aktar. | Jobsplus | Inbidel it-test kif propost u ssoktat l-iskema tal-Work Programme Initiative biex tingħata għajnuna lil individwi minn 25 sena 'l fuq li jaqgħu taħt il-kriterji tal-*Long-Term Unemployed*. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Fl-istess waqt, se nkomplu noffru l-Garanzija għaż-Żgħażagħ biex nassiguraw li Malta jkollha l-anqas rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. | Jobsplus | Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ kompliet tinfirex biex tilħaq aktar żgħażagħ, fosthom il-klassijiet ta' reviżjoni b'xejn tas-SEC, il-kors tal-IT għal studenti li jattendu programmi alternattivi u NEET, li huma żgħażagħ li la huma fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ. | Komplew jiġu offruti l-korsijiet imsemmija. | Komplew jiġu offruti l-korsijiet imsemmija. | Ikomplu jiġu offruti l-korsijiet imsemmija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 73 | Sabiex inkomplu nsaħħu dan is-settur tar-riċerka u innovazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet se jevalwa l-ħiliet u l-ħtieġa tar-riżorsi umani fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni. | Kunsill għall-Ħiliet | Bdew il-preparamenti għal din il-miżura billi twaqqaf il-Kunsill għall-Ħiliet u beda jiltaqa' regolarment. | Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, beda jitfassal it-*tender* biex tiġi kkummissjonata riċerka bil-għan li jiġu stabbiliti l-bżonnijiet tal-industrija fir-riċerka u l-innovazzjoni. | Ġie ppubblikat it-*tender* biex tiġi kkummissjonata r-riċerka. | Mistenni jsir ir-rapport dwar il-bżonnijiet tal-industrija fir-riċerka u l-innovazzjoni biex fuqu jitfassal pjan ta' kif se jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet. | Implimentata |
| 74 | Wara li sar *Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern u l-kumpanija Huawei, se jsir Joint Innovation Centre bejn l-Università ta' Malta u l-Huawei għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-informatika. | Università ta' Malta | Ġie abbozzat MOU u ġie rivedut mill-Università ta' Malta. Beda l-proċess sabiex titwaqqaf il-kumpanija tal-Gvern li se tintuża biex isir Joint Innovation Centre. | Kompla l-proċess mal-MFSA biex tiġi reġistrata l-kumpanija tal-Gvern. | Komplew id-diskussjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpanija tal-Gvern. | Mistenni jibda x-xogħol biex jitfasslu u jiġu żviluppati applikazzjonijiet tal-informatika. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Fil-bidu tas-sena d-dieħla se nibdew ix-xogħol fuq *indoor pool* fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. | SportMalta | Beda x-xogħol fuq it-*tender* tal-esperti għal dan il-proġett. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ġie approvat il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Sadanittant, it-*tender* għall-esperti wasal biex jiġi ppubblikat. | Ġie ffinalizzat il-proċess biex jiġu ingaġġati l-esperti (*project management team*) għal dan il-proġett. | Mistenni jitfassal u jiġi ppubblikat it-*tender* għax-xogħlijiet fuq il-Pixxina tal-Kottonera. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 76 | Deċiżjoni dwar il-bini ta' aktar faċilitajiet simili tittieħed wara li jitlesta l-istudju fuq pixxina oħra f'Wied il-Għajn. | SportMalta | L-istudju fuq il-pixxina f'Wied il-Għajn sar u ttieħdet id-deċiżjoni li l-proġett isir. Għaldaqstant, bdew il-preparamenti biex joħroġ it-*tender*. | Ix-xogħol fuq it-*tender* tlesta u ġie ppubblikat. | Ġie aġġudikat it-*tender* għall-pixxina. | Wara l-approvazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, mistenni jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. | Implimentata |
| 77 | Biex il-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq inġibuha fi stat aħjar, fl-2017 se nkomplu nwettqu programm ta' xogħol fejn se naqilgħu d-*deck* u nagħmluh mill-ġdid u nagħmlu wkoll manutenzjoni tal-art tal-i*stands*. | SportMalta | Tlestew ix-xogħlijiet fil-pixxina fejn inbidel id-*deck*, saret sistema elettrika ġdida u ġiet installata sistema ġdida tal-ilma biex jitnaddaf id-*deck*. Beda x-xogħol fuq it-*tenders* għall-bqija tax-xogħlijiet, fosthom il-faċilitajiet sanitarji, il-ġibjun u l-faċċata tal-kumpless. | Kompla x-xogħol fuq it-*tenders* għal dan il-proġett. | Beda x-xogħol fuq il-faċilitajiet sanitarji. | Mistenni joħroġ it-*tender* għax-xogħlijiet fuq il-faċċata u r-riserva tal-ilma. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 78 | Ser nagħmlu xogħol estensiv fil-Marsa Sports Ground biex faċilitajiet eżistenti jiġu modernizzati u jservu għal dixxiplini differenti. | SportMalta | Beda jitfassal it-*tender* għall-*fencing*, filwaqt li bdiet titħejja l-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla x-xogħol fuq it-*tender* u kompliet tiġi finalizzata l-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar wara li sar studju fuq l-ispazji għall-parkeġġ. | Kompla x-xogħol fuq it-*tenders* għal dan il-proġett. | Mistennija jiġu ppubblikati t-*tenders*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 79 | Qed nippjanaw ukoll li nżidu l-faċilitajiet fl-Iskola Marija Assunta fil-Ħamrun għal aktar dixxiplini fosthom *snooker, handball, table tennis, table football, basketball, darts* u *jogging track*. | SportMalta | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li tfassal it-*tender* għas-swali tal-*handball* u s-*snooker*. | L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet tipproċessa l-applikazzjoni għall-permess ta' dan il-proġett. Sadanittant ġew finalizzati t-*tenders* għas-swali tal-*handball* u s-*snooker*. | Ġie ppubblikat it-*tender* għas-sala tas-*snooker.* | Mistenni jiġi aġġudikat it-*tender* għas-sala tas-*snooker* u jiġi ppubblikat dak tas-sala tal-*handball*. Mistenni jitħejja wkoll pjan t'azzjoni għall-bqija tad-dixxiplini fosthom *table tennis, table football, basketball, darts* u *jogging track*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 80 | Is-sena d-dieħla se nibdew ukoll ix-xogħol fuq kumpless sportiv ġdid f'Santa Venera. | SportMalta | SportMalta ħejjiet il-pjanijiet għal *beach centre*, żewġ *pavilions* u *fitness centre*, bħala parti mill-kumpless sportiv ġdid f'Santa Venera. | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar l-użu propizju tal-art. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar l-użu tal-art għal dan il-proġett. | Mistenni jitfassal pjan t'azzjoni u jibda x-xogħol preparatorju sabiex jiġi implimentat dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 81 | Qed nippjanaw ukoll li nimmodernizzaw il-Padiljun f'Ta' Qali li hu użat mill-Malta Basketball Association. | SportMalta | Ġie ppubblikat u evalwat it-*tender* għax-xogħlijiet ta' dan il-proġett. | It-*tender* intrebaħ u beda x-xogħol fuq dan il-proġett. | Komplew ix-xogħlijiet fuq il-Padiljun. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet biex jiġi mmodernizzat il-Padiljun. | Implimentata |
| 82 | Ser inkunu qed naħdmu wkoll fuq *shooting range* ġdida permezz ta' sejħa pubblika. | SportMalta | Tlestew l-istimi għall-istudji tekniċi u finanzjarji għall-iżvilupp ta' dan il-proġett. Saru diskussjonijiet mal-għaqdiet sportivi li se jibbenefikaw minn dan il-proġett biex jiġu akkomodati bl-aħjar mod fis-sit. | Ġie deċiż li l-proġett jiġi żviluppat f'Ta' Kandja. Saru s-*surveys* u l-istudji tekniċi fuq dan is-sit. Komplew diskussjonijiet mal-partijiet interessati u bdew jitħejjew l-abbozzi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar l-użu propizju tal-art. Beda xogħol bażiku fuq ix-*shooting range*. | Mistenni jitkompla x-xogħol biex tiġi żviluppata *shooting range* kif pjanat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Se nagħmlu faċilitajiet għal-laqgħat fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. | SportMalta | Tfasslu l-pjanijiet għal din is-sala u bdew jinġabru l-kwotazzjonijiet. | Bdew jiġu evalwati l-kwotazzjonijiet biex jibda x-xogħol fuq dan il-proġett. | Saru l-preparamenti biex jinħareġ it-*tender*, filwaqt li sar il-pjan tax-xogħlijiet għall-bini taċ-ċentru għall-konferenzi u uffiċini ġodda. | Mistenni jiġi aġġudikat it-*tender*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 84 | F'Marsascala se nibnu wkoll ċentru ġdid għall-għaddasa u grawnd tal-futbol. | SportMalta | Bdiet titħejja l-applikazzjoni għaċ-ċentru tal-għaddasa biex tiġi sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan filwaqt li t-*tender* tal-grawnd tal-futbol ġie ppubblikat. | L-applikazzjoni għaċ-ċentru għall-għaddasa ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar. It-*tender* tal-grawnd tal-futbol beda jiġi evalwat. | Ġie aġġudikat it-*tender* u bdew ix-xogħlijiet fuq il-grawnd tal-futbol.<br><br>Tlestew id-disinji u t-*tenders* b'rabta maċ-ċentru tal-għaddasa. Kompla x-xogħol fuq il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għal dan iċ-ċentru. | Ikomplu x-xogħlijiet fuq il-grawnd tal-futbol kif ukoll jiġi ppubblikat it-*tender* taċ-ċentru tal-għaddasa. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 85 | Fl-2017 se nikkonkludu l-proposta biex il-korsa taż-żwiemel tal-Marsa, flimkien mal-privat, inġibuha fuq livell internazzjonali. | SportMalta | Ġie ffirmat l-MOU bejn il-Gvern u s-settur privat bi ħsieb li jwassal għal *Concession Agreement*. Sadanittant bdew id-diskussjonijiet. | Komplew id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ partijiet għall-iffirmar tal-*Concession Agreement* li, permezz tiegħu, il-korsa tgħaddi f'idejn il-privat biex tilħaq livell internazzjonali. | Komplew id-diskussjonijiet mas-settur privat. | Mistenni jiġi ffirmat il-*Concession Agreement* li permezz tiegħu l-korsa tgħaddi f'idejn il-privat. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 86 | Wara li ħriġna espressjoni ta' interess biex nistudjaw il-possibilità li jkollna *track* tal-karozzi li qajmet interess qawwi, fl-2017 inkunu qed nieħdu deċiżjoni fuq il-pass li jmiss dwar dan il-proġett. | SportMalta | Ġie mħejji r-rapport li jirrakkomanda s-sit għat-*track* tal-karozzi u ġie diskuss mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Ittieħdet id-deċiżjoni li din il-faċilità tiġi żviluppata f'Ta' Qali. Bdew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-proġett. | Tfassal pjan t'azzjoni għall-implimentazzjoni tat-*track* tal-karozzi. Bdew diskussjonijiet dwar l-użu propizju tal-art f'Ta' Qali. | Mistenni jiġi ppreparat l-abbozz tal-pjanti għat-*track* tal-karozzi filwaqt li jsiru l-preparamenti biex jinkisbu l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Implimentata |
| 88 | Se noħolqu fond immirat biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' studenti f'diffikultà, mhux biss biex jgħinhom fejn jidħol l-għajxien materjali iżda wkoll f'oqsma bħal kultura u sport. Il-ħsieb hu li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jaħdmu flimkien mal-prinċipali tal-kulleġġi u l-kapijiet tal-iskejjel biex jamministraw dan il-fond fl-aħjar interess tal-istudenti. Għall-ewwel sena ta' dan il-fond qed nallokaw is-somma ta' EUR 1 miljun. | Education For All | Inħoloq il-fond u saru l-preparamenti neċessarji biex din il-miżura titħaddem skont linji gwida ċari. Ġew identifikati t-tfal li kienu se jibbenefikaw minn dan il-fond u nxtraw ir-riżorsi u bdew jitqassmu lit-tfal eliġibbli. Sadanittant, saret konsultazzjoni interna fil-Ministeru u mal-Kulleġġi, biex jiġu identifikati l-bżonnijiet individwali tal-istudenti. | Kompliet tingħata l-assistenza lit-tfal eliġibbli. | Saret evalwazzjoni tal-proċessi involuti fit-tħaddim ta' dan il-fond biex jitjieb it-tħaddim tiegħu fis-sena skolastika 2017/18. | Mistenni jkompli t-tħaddim ta' dan il-fond. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 | Fil-Fgura se nwettqu proġett ambjentali u sportiv li jikkonsisti fi ġnien fi Triq Valperga fejn se jinżergħu aktar siġar u se jinkludi wkoll *walking and jogging track*, żoni ta' rilassament, *pitch* sportiv u *scouting area*. | SportMalta | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar biex dan il-proġett jiġi implimentat bħala parti minn viżjoni ħolistika għal-lokalità. | Bdew jitħejjew id-disinji u l-applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla jitħejja l-*master plan* għal din il-lokalità min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, li minnu huwa dipendenti t-twettiq ta' dan il-proġett.<br><br>Tlestiet l-applikazzjoni għall-permess ta' dan il-proġett lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistennija jiġu ffinalizzati u ppubblikati t-*tenders* neċessarji biex jiġi implimentat dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 110 | Hemm il-ħsieb ukoll li biswit dan il-ġnien ikun hemm ukoll *bmx track*. | SportMalta | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar biex dan il-proġett jiġi implimentat bħala parti minn viżjoni ħolistika għal-lokalità li tinkludi wkoll Miżura 109. | Bdew jitħejjew id-disinji u l-applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippajanar. | Kompla jitħejja l-*master plan* għal din il-lokalità min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, li minnu huwa dipendenti t-twettiq ta' dan il-proġett.<br><br>Tlestiet l-applikazzjoni għall-permess ta' dan il-proġett lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistennija jiġu ffinalizzati u ppubblikati t-*tenders* neċessarji biex jiġi implimentat dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 146 | Fis-settur volontarju se nkunu qegħdin, permezz ta' emendi fil-liġi dwar il-volontarjat, inkomplu nsostnu dan is-settur filwaqt li nżidu t-trasparenza u l-kontabilità. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Wara li fl-2016 ġew konklużi d-diskussjonijiet bejn l-imsieħba prinċipali fit-tfassil tal-liġi tal-volontarjat, saret konsultazzjoni pubblika dwar l-istess emendi tal-liġi. Wara dawn il-konsultazzjonijiet saru l-aħħar irtokki u l-abbozz għadda għand l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | Tlesta x-xogħol fuq l-abbozz ta' liġi min-naħa tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | L-emendi fil-liġi ġew iffinalizzati. | L-emendi mistennija jitressqu għall-approvazzjoni tal-Parlament. | Implimentata |
| 147 | Wara li fl-aħħar sentejn, f'koperazzjoni mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, waqqafna żewġ ċentri fil-Belt Valletta u fil-Qawra, fil-bidu tal-2017 se nkunu qed niftħu ċentru fir-Rabat u ieħor f'Marsaxlokk. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Rabat: Sar ix-xogħol strutturali fuq dan iċ-ċentru.<br><br>Marsaxlokk: Tlestew il-pjanti u beda x-xogħol fuq it-*tender* għall-post. | Rabat: Sar il-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru.<br><br>Marsaxlokk: Kompla t-tfassil tat-*tender* u saru diskussjonijiet interni biex jiġi ppubblikat. | Marsaxlokk: It-*tender* għaċ-ċentru f'Marsaxlokk tlesta għall-pubblikazzjoni. | Marsaxlokk: Mistenni jiġi ppubblikat u aġġudikat it-*tender* u jibda x-xogħol fuq iċ-ċentru l-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 148 | Biex insostnu u ninkoraġġixxu l-volontarjat, se nkunu qed nestendu l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ li jagħmlu volontarjat barra minn Malta. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Tnediet il-pubblikazzjoni Overseas Volunteer Work Handbook u tnediet ukoll l-iskema Youth Voluntary Work Scheme - Overseas, li biha se jingħata stipendju liż-żgħażagħ li jagħmlu volontarjat barra minn Malta. | Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-Youth Voluntary Work Scheme - Overseas. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 199 | Fir-rigward tal-istudenti, l-istipendji ser jerġgħu jogħlew b'żieda pro rata. | Student Maintenance Grant Board | Ġie rivedut l-istipendju li jingħata lill-istudenti kull erba' ġimgħat biż-żieda pro rata tal-għoli tal-ħajja. | | | | Implimentata |
| 238 | Bl-għajnuna tal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà ser inkunu nistgħu wkoll ngħinu biex innaqqsu problemi assoċjati ma' aspetti partikolari ta' esklużjoni soċjali bħal, ngħidu aħna, dik li ġejja minn tfal li, għal xi raġuni jew oħra, jitilqu kmieni mill-iskola. | National Schools Support Services | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kompla bl-inizjattivi tiegħu biex jgħin lill-istudenti li jfallu l-iskola b'mod regolari, li huma vittmi ta' *bullying* u li jeħtieġu gwida fil-karrieri. Sadanittant, il-Ministeru kellu laqgħat introduttorji mal-Fondazzjoni tal-President fejn ġew stabbiliti r-rwoli differenti. | Komplew l-inizjattivi tal-Ministeru fl-oqsma identifikati filwaqt li komplew il-laqgħat mal-Fondazzjoni. | Filwaqt li komplew l-inizjattivi tal-Ministeru fl-oqsma identifikati, ġiet stabbilita mal-Fondazzjoni għall-Ġid tas-Soċjetà r-riċerka li se ssir. | Mistennija jkomplu s-servizzi tal-Ministeru u tibda r-riċerka mill-Fondazzjoni għall-Ġid tas-Soċjetà. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠĠAR TAL-ILMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Dalwaqt se nagħlqu darba għal dejjem l-impjanti li jaħdmu bil-*heavy fuel oil* u jibdew joperaw iż-żewġ impjanti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bil-gass naturali. Il-Marsa Power Station ma tibqax aktar on *cold standby* u tiġi *decommissioned* kompletament, ikompli ż-żarmar tat-turbini, *boilers* u ċmieni biex tkun tista' tibda r-riġenerazzjoni ta' din iż-żona fil-Marsa. | Enemalta plc | Beda u tlesta x-xogħol ta' tneħħija tal-erba' turbini u żewġ *boilers.* | Tkompla x-xogħol u twaqqgħu ċ-ċumnija, l-erba' turbini li kien fadal, l-erba' *boilers* l-oħra u nofs is-sala prinċipali tat-turbini. | Kompla ż-żarmar tal-impjant u tal-erba' turbini tal-Marsa Power Station. | Mistenni jitkompla ż-żarmar tal-impjant u tal-erba' turbini tal-Marsa Power Station. | Implimentata |
| 15 | Fl-2017 jibda wkoll iż-żarmar tal-eqdem impjant fid-Delimara Power Station li jinkludi *boilers*, turbini tal-fwar u ċ-ċumnija għolja 150 metru li ma tiqafx tarmi l-emissjonijiet. | Enemalta plc | F'Jannar ingħata l-kuntratt għaż-żarmar. Ġew konklużi d-diskussjonijiet u d-dokumentazzjoni mal-Awtorità għar-Riżorsi Ambjentali, l-ERA. | F'dan il-perjodu bdew jiġu diskussi mal-ERA l-pjanijiet biex jibda t-twaqqigħ tal-impjant. | Ġiet fi tmiemha l-konsultazzjoni statutorja u dik pubblika. Inbeda l-proċess biex titwaqqa' ċ-ċumnija. | Mistenni jitkompla l-proċess tat-twaqqigħ taċ-ċumnija biex ikun jista' jibda jiżżarma l-*boiler house.* | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Se nkomplu naħdmu wkoll fuq il-wegħda tagħna ta' *pipeline* tal-gass li jgħaqqadna ma' Gela fi Sqallija. Qed isiru wkoll testijiet ġeoloġiċi biex insibu l-aħjar rotta tal-*pipeline* minn taħt l-art ġewwa Delimara. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Wara li tlestew it-testijiet ġeoloġiċi, ġew preżentati l-ewwel rapporti bi preparazzjoni għas-sottomissjoni tal-permess għat-twettiq tal-proġett tal-*pipeline* tal-gass. | Tlestew ir-rapporti kollha tal-istudju li jinkludu: (i) ir-rapport li jidentifika r-rotta fil-qiegħ tal-baħar, kif ukoll id-disinn bażiku tal-*pipeline* u l-istazzjonijiet fi Sqallija u Malta; (ii) id-dokument imsejjaħ 'Scoping Report' biex jinbeda l-proċess tal-permess ambjentali fl-Italja; u (iii) id-dokument imsejjaħ 'Project Description Statement' biex jinbeda l-proċess tal-permess ambjentali f'Malta. F'Mejju ġie ffirmat ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u r-reġjun ta' Sqallija għal kollaborazzjoni sħiħa bejn Malta u r-reġjun Sqalli b'koordinament ma' Ruma. | Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permessi f'Malta u l-Italja. Bdiet tiġi ppreparata applikazzjoni għall-fondi Ewropej taħt il-Connecting Euorpe Facility (CEF) għall-istudji kollha neċessarji fit-tliet snin li ġejjin. Bdew jinkitbu *tenders* għall-konsulenti biex jgħinu f'dan l-istudju. | Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni u jingħataw *terms of reference* tal-istudji ambjentali kif ukoll jinħarġu t-*tenders* għall-konsulenti. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 | Il-kumpanija Enemed se tkun qed timmodernizza l-impjant tal-ħażna f'Ħas-Saptan u tiżviluppa *filling station* ġdid b'investiment ta' aktar minn €50 miljun. | Enemed Co. Ltd | Ġew ippreżentati l-aħħar studji meħtieġa lill-Awtorità għar-Riżorsi Ambjentali, l-ERA. Saret konsultazzjoni mal-entitajiet dwar l-immodernizzar tal-impjant u baqa' għaddej il-proċess tat-*tenders*. | F'Mejju nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u f'Ġunju ntemm il-proċess tal-evalwazzjoni tat-*tenders*. | Intgħażlu t-*tenders* u beda l-proċess tan-negozjar biex jiġi finalizzat il-kuntratt. Ġew iffirmati wkoll il-kuntratti mar-rebbieħa tat-*tenders*. | Mistenni jitnieda l-proġett billi jiġi implimentat il-pjan ta' saħħa u sigurtà. Se jsir ukoll l-ittestjar ġeoloġiku u arkeoloġiku meħtieġ biex jibda x-xogħol skont il-pjan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 18 | B'hekk inwettqu wegħda oħra li jingħalaq darba għal dejjem l-impjant tal-31 ta' Marzu f'Birżebbuġa. | Enemed Co. Ltd flimkien ma' Enemalta plc | Ġew ippreżentati l-aħħar studji meħtieġa lill-Awtorità għar-Riżorsi Ambjentali, l-ERA. F'dan il-perjodu tlestew il-*Health and Safety Report* u l-pjan ta' azzjoni. | L-Enemed għamlet il-preparamenti meħtieġa biex l-Enemalta waqqgħet it-tank numru 6. Beda l-proċess biex isir studju tal-*ground investigations* li se jwassal biex ikun magħruf x'hemm taħt dawn it-tankijiet. | Ħareġ it-*tender* għall-*ground investigations* u ġie evalwat. Bdew negozjati biex jiġi finalizzat il-kuntratt. | Mistenni jitlesta x-xogħol tal-*ground investigations* u tiġi sottomessa d-dokumentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħarġu l-permessi meħtieġa għaż-żarmar tat-tieni *fuel tank* u l-binja amministrattiva. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 19 | L-Enemed qed taħdem ukoll biex timmodernizza l-faċilitajiet ta' ħażna ta' *jet fuel* fl-ajruport – investiment ta' aktar minn €15-il miljun. Il-proġett mistenni jibda fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla. | Enemed Co. Ltd | Beda l-proċess għall-immodernizzar tal-ħażna tal-*jet fuel* tal-ajruport. Tkompla l-proċess ta' konsultazzjoni mal-Awtorità għar-Riżorsi Ambjentali u entitajiet oħra. | L-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess u bdiet ħidma fuq it-*tender.* | Kompla għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tat-*tender*. | Mistenni jitħabbar ir-rebbieħ tat-*tender* u jibdew in-negozjati għall-għeluq tal-kuntratt biex ikun jista' jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Fl-2017 se nkomplu bi skemi ta' *grants* għal residenti li jixtiequ jinstallaw pannelli fotovoltajiċi fuq ir-residenzi tagħhom. | Regulator for Energy and Water Services (REWS) | Ġiet approvata l-estensjoni ta' din l-iskema. Din l-iskema hija mmirata biex il-familji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn għotja fuq in-nefqa kapitali. L-għotja massima hi ta' €2,300 għal kull familja li ma tkunx ibbenefikat minn xi skema simili fil-passat.<br><br>Sar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u l-pagamenti relatati ma' din is-sejħa ngħataw. | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u l-pagamenti relatati mas-sejħa biex tingħata għajnuna fuq l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi. | | | Implimentata |
| 21 | Se jkun hemm skemi oħra li jinċentivaw l-użu ta' *heat pump water heaters, double glazing, roof insulation, solar water heaters* u rinovar tal-bjar. | Regulator for Energy and Water Services (REWS) | Dawn l-iskemi reġgħu ġew estiżi għal din is-sena. Beda x-xogħol fuq skemi ġodda bħal *heat pump water heaters*. Ġew abbozzati l-linji gwida bi tħejjija għat-tnedija ta' din l-iskema. Bdew ukoll il-preparamenti għall-perjodu ta' konsultazzjoni u l-ħidma fuq l-applikazzjoni. | Komplew jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet u l-pagamenti fuq l-iskemi.<br><br>Fl-istess żmien ġie konkluż il-perjodu ta' konsultazzjoni fuq l-iskema l-ġdida ta' *heat pump water heaters.* | Ġiet varata l-iskema tal-*heat pump water heaters.* | Mistennija jibdew jintlaqgħu u jiġu proċessati l-applikazzjonijiet għall-*heat pump water heaters.* | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Il-Conservation Unit (Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma) ser tkompli tistudja l-potenzjal tal-bjut ta' skejjel pubbliċi għall-produzzjoni ta' aktar enerġija rinnovabbli. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Saru żjarat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol biex jiġu identifikati s-siti fejn jista' jiġi implimentat dan il-proġett. Fi Frar saret laqgħa bejn l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministeru u l-Privatisation Unit fejn ġie kkomunikat li total ta' tmien skejjel qed jiġu kkunsidrati għal dan il-proġett. Saret l-evalwazzjoni teknika tal-kapaċità għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u bdiet l-evalwazzjoni teknika tas-soqfa min-naħa tal-Ministeru. | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada bdiet tabbozza s-sejħa għall-proposti. Dan id-dokument ġie rivedut mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma u saru stimi mill-Enemalta biex il-pannelli jkunu jistgħu jitqabbdu mal-*grid*. | L-Enemalta pprovdiet estimi dwar *connection studies* li bdew jiġu evalwati minn esperti legali. Ħarġet is-sejħa biex it-tali soqfa jintużaw għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. | Mistenni jitwaqqaf kumitat biex jevalwa s-sottomissjonijiet li jkunu daħlu u jsiru l-arranġamenti għat-taħditiet neċessarji. | Implimentata |
| 23 | Ser jibdew jinbnew l-ewwel *solar farms* bi ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-GRTU u l-Malta Developers Association. Is-sena d-dieħla jibda l-installar tal-pannelli. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Intlaħaq ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, l-MDA u l-GRTU għall-bini tal-ewwel *solar farms* u bdiet ħidma għat-trasferiment tal-art għall-bini tal-ġibjuni. | Ġew abbozzati r-riżoluzzjonijiet għat-trasferiment tal-bjut tal-ġibjuni li ser jintużaw għal dan l-iskop. | Ġiet reġistrata kumpanija bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-MDA mal-MFSA biex ikunu jistgħu jibdew jiltaqgħu l-bordijiet tal-kumpaniji rispettivi. Kompliet ħidma dwar it-*tenders* għax-xiri, installazzjoni u manutenzjoni tal-pannelli. | Mistennija tiġi ppreżentata r-riżoluzzjoni parlamentari biex il-bjut tal-ġibjuni jgħaddu lill-kumpaniji rispettivi, jibda t-tindif tal-bjut tal-ġibjuni, jgħaddu t-*tenders* rispettivi lid-Dipartiment tal-Kuntratti u jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet lill-REWS għall-*feed-in-tariffs.* | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Se tibda titħaddem ukoll skema mfassla mill-istess aġenzija u amministrata mill-Malta Enterprise, wara konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-GRTU, għal *energy audits* għall-SMEs. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | L-iskema tnediet f'Jannar u bdiet titħaddem fi Frar. Saret il-promozzjoni tal-iskema f'gazzetti lokali, kif ukoll ittellgħet sessjoni ta' informazzjoni pubblika għall-intrapriżi interessati f'din l-iskema. | L-iskema għalqet fl-aħħar ta' Ġunju u l-applikazzjonijiet bdew jiġu proċessati. | | | Implimentata |
| 26 | Taħt miżura favur iktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-Malta Enterprise mistennija taħdem fuq l-iżvilupp ta' skema li toffri għajnuna biex intrapriżi b'konsum għoli ta' enerġija jkunu megħjuna jinvestu f'sistemi u makkinarju li jgħinuhom itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Saru diskussjonijiet bejn l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma u l-Malta Enterprise biex jintlaħaq qbil fuq it-termini ta' kundizzjonijiet ta' din l-iskema. Fi Frar ġew iffinalizzati t-termini ta' kundizzjonijiet ta' din l-iskema. | Saru laqgħat mal-Kamra tal-Kummerċ dwar it-termini ta' kundizzjonijiet ta' din il-miżura, liema kundizzjonijiet ġew approvati mill-Kamra tal-Kummerċ. | L-iskema tressqet quddiem il-bord tal-Malta Enterprise għall-approvazzjoni u quddiem il-Ministeru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tal-iState Aid Monitoring Board. | Mistenni jinħareġ Avviż Legali dwar l-iskema bl-approvazzjoni tal-Kabinett. L-iskema tiġi varata f'Diċembru. | Implimentata |
| 27 | Se nkomplu wkoll il-kampanja ta' żjarat fid-djar biex inżidu t-tagħrif dwar l-użu għaqli tal-enerġija u l-ilma u nagħtu pariri f'dan is-sens. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | L-Aġenzija bdiet taħdem fuq termini ta' kundizzjonijiet rigward l-istrateġija ta' *marketing* l-iktar effettiva. Fi Frar bdiet il-promozzjoni ta' din il-miżura. | Baqgħu għaddejjin iż-żjarat għand il-pubbliku u ssoktat il-kampanja ta' promozzjoni. | Komplew iż-żjarat lill-pubbliku u kompliet il-kampanja ta' promozzjoni. | Mistennija jibqgħu għaddejjin iż-żjarat għand il-pubbliku u tissokta l-kampanja ta' promozzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Ħassejna wkoll il-bżonn li niftħu skema ta' *grants* biex nippromovu l-bdil ta' *appliances* qodma. Għalhekk ser issir skema ta' *eco cheques* għal dawk l-aktar vulnerabbli biex jibdlu *refrigerators, air conditioners* u *tumble dryers* b'mudelli aktar ekonomiċi u moderni. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | F'Jannar bdew laqgħat bejn l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma u l-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali bil-għan li jiġu identifikati persuni vulnerabbli. F'Marzu l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma kompliet bit-taħditiet mal-LEAP fi ħdan il-Ministeru. Ġie deċiż li jsir proġett pilota qabel ma tinfirex din l-iskema. | Il-proġett pilota beda bi żjarat fir-residenzi. Dawn iż-żjarat komplew fix-xhur ta' wara sakemm ġew identifikati 250 *appliance* li għandhom bżonn jinbidlu. Beda l-proċess ta' *vetting* fuq it-*tender.* | Komplew isiru żjarat għand il-familji vulnerabbli biex jiġu stabbiliti l-250 *appliance*. | Mistenni jinħareġ u jingħata t-*tender* biex sal-aħħar tas-sena jibda l-proċess tat-tqassim tal-*appliances*. | Implimentata |
| 29 | Matul is-sena d-dieħla, għal-lukandi se nibdew inħaddmu skema bejn l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma u l-MHRA fejn il-lukandiera jistgħu jibdew jibbenefikaw minn forom ta' gwadann fuq *savings* irreġistrati fil-konsum tal-enerġija tagħhom. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Bdew studji li jwasslu għal mekkaniżmu ta' kif għandha taħdem l-iskema u beda x-xogħol fuq sit elettroniku li ser jintuża biex ipoġġi l-iskema għad-dispożizzjoni ta' min hu eliġibbli. | F'Ġunju ġew identifikati l-parametri li fuqhom se titħaddem l-iskema ta' għajnuna lil-lukandiera biex jibdew jibbenefikaw minn forom ta' gwadann fuq *savings* irreġistrati fil-konsum tal-enerġija tagħhom. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq is-sit elettroniku. | Kompla jinħadem is-*software* li fuqu ser jiġi bbażat l-istudju tal-iskema. | Sal-aħħar tas-sena mistenni jitlesta s-*software* u l-iskema tibda titħaddem. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Kif jitlestew il-*commissioning* u l-ittestjar fuq l-impjanti tal-ilma, se nkunu qed inżidu mas-seba' miljun metru kubu ta' ilma ġdid. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Sar l-ittestjar u l-*commissioning* tal-impjant fiż-żona magħrufa bħala Taċ-Ċumnija. | L-ewwel impjant minn tlieta ġie inawgurat f'ċerimonja li saret fit-23 ta' Mejju. Dan l-impjant beda jagħti 33% tal-ilma minn seba' miljun metru kubu ta' ilma ġdid lill-bdiewa. | Kompla l-*commissioning* u l-ittestjar tal-impjant f'Ta' Barkat fin-nofsinhar ta' Malta. | Mistenni jitlesta l-*commissioning* u l-ittestjar tal-impjant f'Ta' Barkat (it-tieni impjant) u b'hekk ikollna kapaċità ta' 5.8 miljun metru kubu fis-sena ta' ilma ġdid għall-użu mill-agrikultura u l-industrija. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 32 | Wara trattament terzjarju tal-*urban waste water* biex ikollna ilma alternattiv għall-bdiewa u l-industrija, se nagħmlu l-infrastruttura għat-tqassim ta' dan l-ilma permezz ta' dispensers elettroniċi li jaħdmu b'*top-up cards*. Il-proġett mistenni jkopri madwar 1,200 ettaru ta' art agrikola. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Beda l-ippjanar fuq ir-rotot minn fejn se jgħaddi n-*network* tal-ilma alternattiv. | Tlesta l-abbozzar tat-tliet *tenders* relatati max-xogħlijiet li hemm bżonn isiru fit-tramuntana, nofsinhar u Għawdex għad-distribuzzjoni tal-ilma ġġenerat. | Baqa' għaddej ix-xogħol fuq it-*tenders* għal dan il-proġett. | Mistennija jitlestew id-dokumenti tat-*tenders* biex kif il-fondi tal-Unjoni Ewropea jkunu provduti, dawn ikunu jistgħu jiġu ppubblikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 33 | Bi spiża ta' €1.5 miljun fl-2017 se nagħmlu xogħol ta' *landscaping* biex insebbħu d-dehra u ntejbu l-ambjent madwar l-impjant f'Ta' Barkat u ntaffu l-problema tal-irwejjaħ, partikolarment għar-residenti tax-Xgħajra. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Beda x-xogħol ta' *landscaping* fuq is-sit tal-impjant ta' purifikazzjoni tad-drenaġġ li jinstab f'Ta' Barkat. | Baqa' għaddej ix-xogħol fuq il-*landscaping* li se jtaffi l-problema tal-irwejjaħ. | Kompla għaddej ix-xogħol fuq il-*landscaping.* | Mistenni jitlesta x-xogħol kollu tal-*landscaping.* | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Tul is-sena li ġejja l-Korporazzjoni ser iġġedded is-sistema ta' drenaġġ fi Triq Cachia Zammit fiż-Żejtun bi spiża ta' €1.5 miljun biex issolvi l-problema tad-drenaġġ li ilha takkumula fl-inħawi, l-istess kif sar fiż-żona tal-Baħrija matul din is-sena. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Inħarġu l-permessi tat-toroq minn Transport Malta biex jiġu u mgħoddija l-*mains* tal-ilma u tad-drenaġġ. | Komplew jiġu mgħoddija aktar *mains* tal-ilma u tad-drenaġġ. | It-tqegħid u l-installazzjoni tal-pajpijiet saru bi tħejjija għal xogħol ta' bankini minn Transport Malta. | Mistenni jingħata t-*tarmac*, isiru l-bankini u jitlesta l-proġett. | Implimentata |
| 35 | Fl-2017 l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tiftaħ iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma fl-inħawi tan-Nigret fir-Rabat. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Saru l-aħħar xogħlijiet fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma li kienu bdew fl-2015. | Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma fin-Nigret infetaħ uffiċjalment f'April. | | | Implimentata |
| 36 | Biex ikollna infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita u nirrestawraw il-faċilitajiet eżistenti, se jintużaw fondi mill-Unjoni Ewropea għar-riabilitazzjoni tal-ilqugħ tal-ilma f'Wied il-Qlejjgħa (Chadwick Lakes) u għar-restawr ta' diversi lqugħ tal-ilma. | Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma | Saru l-istudji ekoloġiċi ta' Chadwick Lakes. Ħarġet sejħa għall-offerti għall-istudji fiżiċi, l-istudji tas-sidien tal-art tal-madwar, id-disinji preliminari u stimi tax-xogħlijiet li jridu jsiru f'Chadwick Lakes. | Saru preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-offerti għal *Projects Manager* u *Technical Engineering Services* għall-proġett ta' Chadwick Lakes. Bdiet titħejja sejħa oħra għall-konsulenza ta' *Information* and *Accessibility Masterplan* għal Chadwick Lakes. Bdiet titħejja wkoll sejħa għall-offerti għar-reklamar tal-proġett. | Ingħata t-*tender* għall-istudji fiżiċi, l-istudji tas-sidien tal-art tal-madwar u d-disinji preliminari. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal servizzi tekniċi għall-immaniġġar tal-proġett. | Wara li jitlestew l-istudji, mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-*conceptual design* u l-istudji tipoloġiċi jitlestew, isiru laqgħat mal-pubbliku u jiġi varat il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Sal-aħħar ta' din is-sena f'Malta se jkollna bejn 95 u 100 *megawatt peak* ta' installazzjonijiet ta' pannelli fotovoltajiċi bis-saħħa ta' skemi innovattivi u sostenibbli. | Regulator for Energy and Water Services (REWS) | B'kontinwazzjoni mas-snin ta' qabel, l-installazzjoni ta' pannelli konnessi mal-*grid* kienet ta' 96.7MWp. | | | | Implimentata |
| 89 | Fir-rigward tal-Baħrija, is-sena d-dieħla se jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq in-Nigra kollha u jsir xogħol ieħor fuq id-dawl fit-triq prinċipali waqt li se jiġu rinovati faċilitajiet rikreattivi għat-tfal. | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma | Bdew diskussjonijiet ma' Transport Malta, il-Kunsill Lokali ta-Rabat u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex fost l-oħrajn jiġu preparati l-pjanti. | Tkomplew diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq in-Nigra kollha ġie implimentat mill-WSC. | Mistenni jibda x-xogħol fuq id-dwal fit-triq prinċipali u l-faċilitajiet rikreattivi għat-tfal. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U L-UGWALJANZA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 138 | Din is-sena se naraw ukoll li jkun hemm *relaunch* tal-MEUSAC biex iżid ir-relevanza tiegħu fil-proċess ta' Ewropeizzazzjoni tal-pajjiż. | MEUSAC | Saret laqgħa mal-membri tal-*Core Group* dwar kif il-MEUSAC jista' jsaħħaħ ir-relevanza tiegħu fil-proċess ta' Ewropeizzazzjoni. Ġiet identifikata l-possibbiltà li l-MEUSAC titwaqqaf bħala Aġenzija skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Ġie ppreparat l-ewwel abbozz ta' memorandum għall-Kabinett. Saru laqgħat mal-Ministru u s-Segretarju Permanenti dwar is-suġġett. | Tħejjew l-abbozzi tal-Avviż Legali, l-*Agency Performance Agreement* u l-*Business Plan*. It-Taqsima tal-Leġiżlazzjoni approvat l-abbozz tal-Avviż Legali u l-*Impact Assessment Framework Form*. Il-memorandum bl-abbozz tal-Avviż Legali kien approvat mill-Kabinett u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Mejju. Ġie ppreżentat *Salary and Grading Structure* lill-Industrial Relations Unit tal-People and Standards Division għall-perjodu 2017-2019. Ħarġet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għal servizzi ta' *rebranding*, kif ukoll dik għal servizzi ta' assigurazzjoni. | Saret l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet għal servizzi ta' *rebranding* u għal servizzi ta' assigurazzjoni. Komplew u tlestew l-aġġudikazzjonijiet tal-bqija tas-sejħiet u sar ir-*relaunch* tal-MEUSAC. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Matul is-sena li ġejja se jidħlu fis-seħħ emendi importanti fil-liġi tax-xogħol. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Il-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, li kienet ġiet ikkonsolidata sal-aħħar tas-sena 2016, ġiet mgħoddija lill-Gvern għall-analiżi u d-deċiżjoni tiegħu. Twaqqaf grupp ta' ħidma biex jittratta l-emendi li jridu jsiru fil-liġi tax-xogħol. | Il-grupp ta' ħidma ppreżenta l-proposti tiegħu għall-emendi fil-liġi tax-xogħol għall-konsiderazzjoni u d-deċiżjoni tal-Ministru. | L-emendi għal-liġi tax-xogħol intbagħtu għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett. | L-emendi approvati mill-Kabinett mistennija jitressqu għad-diskussjoni fil-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 140 | Is-sena 2017 se tkun sena li fiha d-Dipartiment tax-Xogħol, minbarra li jkompli jaħdem bis-sħiħ kontra l-prekarjat, jibda jagħmel użu minn sistema elettronika aġġornata li qed tiġi żviluppata u li permezz tagħha jkunu jistgħu jsiru spezzjonijiet f'postijiet tax-xogħol f'anqas ħin u b'aktar effiċjenza. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Kompla għaddej ix-xogħol min-naħa tal-fornitur fuq is-sistema elettronika aġġornata għall-użu waqt spezzjonijiet f'postijiet tax-xogħol. Saru diskussjonijiet mal-fornitur fuq problemi li kien jiltaqa' magħhom waqt ħidmietu. Beda wkoll l-ittestjar tas-sistema l-ġdida mill-ispetturi. | Saret it-tieni fażi tal-ittestjar tas-sistema elettronika aġġornata. Is-sistema żviluppata bdiet tintuża b'mod parallel mas-sistema eżistenti biex ikompli jsir l-ittestjar fuq l-użu tagħha. | Tlesta l-ittestjar fuq is-sistema elettronika u bdiet titħaddem. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 141 | Fil-kuntest tal-proposta li għandu jingħata ħlas ugwali għal xogħol tal-istess valur, fl-2017 se nkunu qed niftħu proċess ta' konsultazzjoni mal-i*stakeholders* kollha involuti, inklużi dawk involuti f'aġenziji ta' xogħol temporanju, biex jingħabar tagħrif sħiħ dwar l-implikazzjonijiet kollha ta' pass bħal dan li permezz tiegħu l-paga u l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' ħaddiema ta' kuntrattur *(sub-contractor)* ikunu fuq l-istess livell bħal dawk tal-ħaddiema li jkunu tal-post fejn huma jkunu qed jaħdmu. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Din il-miżura tressqet għad-diskussjoni quddiem l-Employment Relations Board, bil-membri jagħtu l-proposti rispettivi tagħhom. Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, fejn dawn tal-aħħar qablu li jiġbru informazzjoni minn *survey* li kellhom jagħmlu f'dan il-qasam. Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg ipprepara kwestjonarju biex jimtela minn min iħaddem. | Saru l-istudji u l-ġbir tal-informazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. | Tlesta r-rapport bir-riżultati tal-istħarriġ imwettaq mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. Dan ir-rapport kif ukoll ir-riżultati tal-istħarriġ korrispondenti ngħataw lill-Economic Policy Department biex ikompli l-istudji relattivi. | Ir-riżultati tal-istudji kollha mistennija jitressqu għad-diskussjoni fl-Employment Relations Board. Minn hemm, id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jiġbor l-opinjonijiet tal-membri ta' dan il-Bord u jgħaddihom għall-kunsiderazzjoni tal-Ministru. Ir-rakkomandazzjonijiet finali jinġabru f'memorandum li jintbagħat għad-diskussjoni fil-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 143 | Is-sena li ġejja se nkunu qed immexxu proposti ta' liġijiet dwar il-koabitazzjoni u kontra l-prattiċi ta' konverżjoni. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni | Wara xhur ta' diskussjonijiet u konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha interessati, l-abbozzi tal-liġijiet dwar il-koabitazzjoni u kontra l-prattiċi ta' konverżjoni tressqu għall-konsiderazzjoni tal-Parlament u ġew adottati. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 144 | Is-sena li ġejja se nwettqu pass ieħor lejn soċjetà li tirrispetta tassew u bil-fatti l-orjentazzjoni sesswali ta' persuni LGBTIQ meta se nagħmlu proċess ta' konsultazzjoni dwar l-għoti tad-demm minn persuni omosesswali. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni | Ġew identifikati l-persuni biex jiffurmaw parti mill-kumitat imwaqqaf biex jittratta din il-materja. | Kompla għaddej xogħol preparatorju għat-twettiq ta' din il-miżura. | Saru numru ta' laqgħat tal-kumitat ta' esperti dwar l-għoti ta' demm minn persuni omosesswali. | Mistenni jiġi ffinalizzat ir-rapport tal-kumitat tal-esperti u jsiru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Mistenni jkun finalizzat ukoll ir-rapport tal-proċess ta' konsultazzjoni kollu, inkluż is-sett finali ta' rakkomandazzjonijiet li jkun ippreżentat bħala memorandum lill-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 149 | Il-Gvern se jikkonsulta mal-imsieħba soċjali dwar l-introduzzjoni ta' *leave* mediku speċjali bi ħlas, b'żieda mal-*leave* statutorju għall-mard, lil ħaddiema b'dijanjożi tal-marda tal-kanċer li jkun qed jingħata trattament jew xi forma ta' kura kontra din il-marda. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | Saru konsultazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Foundation for Social Welfare Standards u tad-Dipartiment tas-Saħħa. Inġabret ukoll informazzjoni fuq *leave* mediku speċjali lil ħaddiema b'dijanjożi tal-kanċer f'pajjiżi Ewropej. Fid-dawl tal-informazzjoni u statistika miġbura, u d-diskussjonijiet li saru, bdew jitfasslu l-proposti dwar din il-miżura. | Din il-miżura ġiet diskussa fl-Employment Relations Board u l-membri ntalbu jagħtu l-veduti tagħhom. Ġew iffinalizzati proposti konkreti u anke abbozz ta' memorandum għall-Kabinett, biex jitressqu għall-konsiderazzjoni tal-Ministru. | Il-memorandum tressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett. | Il-proposti li mistennija jkunu approvati mill-Kabinett jiddaħħlu fis-seħħ sa Diċembru 2017. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 150 | Il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar il-proposta li ġenitur ikun jista' jibbenefika minn *leave* tal-mard meta jimirdu t-tfal. | Direttorat għall-Istrateġija u s-Sapport | Inġabret id-dokumentazzjoni li diġà kienet saret minn diversi entitajiet governattivi dwar din il-proposta. Saret riċerka dwar x'qed jiġri f'dan il-qasam f'pajjiżi oħra Ewropej. Is-suġġett kien diskuss fl-Employment Relations Board. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru, u l-informazzjoni miġbura, beda jitħejja abbozz ta' dokument għall-konsultazzjoni pubblika. | Infetħet konsultazzjoni pubblika fuq din il-proposta, liema konsultazzjoni baqgħet miftuħa sa April. Is-sottomissjonijiet li daħlu f'dan l-eżerċizzju kienu evalwati anke fid-dawl tal-informazzjoni miġbura qabel. Ġew iffurmulati proposti konkreti dwar din il-miżura, li nġabru f'abbozz ta' memorandum għall-Kabinett. | Il-memorandum tressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kabinett. | Il-proposti li mistennija jkunu approvati mill-Kabinett jiddaħħlu fis-seħħ sa Diċembru 2017. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 | Filwaqt li l-Gvern irid jiżgura li kull impjegat tiegħu jingħata lbies protettiv adattat għax-xogħol tiegħu u t-taħriġ neċessarju, fil-każ sfortunat li impjegat waqt il-qadi ta' dmirijietu jsofri korriment li jwassal għal diżabilità permanenti li ma tħallihx ikompli jaħdem, jew fil-każ li impjegat jitlef ħajtu, il-Gvern jagħti kumpens finanzjarju lill-impjegat jew lill-werrieta, mingħajr ma jkun hemm għalfejn tinfetaħ kawża legali. | Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u għall-Implimentazzjoni tal-Programmi | Tħejja pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura, wara konsultazzjonijiet mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministeru għall-Finanzi u l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ġie deċiż li l-mekkaniżmu ta' kif se jaħdem il-Bord ta' Kumpens se jiġi kkordinat mill-Ministeru għall-Finanzi. | Ġiet abbozzata ċirkolari li fiha tfakkru d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kapijiet tad-Dipartimenti kollha għall-prevenzjoni, protezzjoni u kontroll biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Iċ-ċirkolari sejħet ukoll għan-nominazzjonijiet ta' Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà (WHSR) tal-ħaddiema, minn kull dipartiment. Tlesta wkoll sett ta' linji gwida dwar il-politika tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. | Ġiet ippubblikata ċ-ċirkolari kif ukoll is-sett tal-linji gwida dwar il-politika tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Bdiet tinbena *database* tad-WHSRs u OHS (Occupational Health and Safety Competent Persons) fis-Servizz/Settur Pubbliku. Bdiet il-kampanja t'għarfien bejn il-Ministeri fuq l-implimentazzjoni ta' prevenzjoni, protezzjoni u kontroll. | Mistennija titlesta l-kampanja ta' għarfien u jinħarġu sejħiet biex jitwettqu *risk assessments* fid-Dipartimenti konċernati, waqt li jibda t-taħriġ għall-persuni kompetenti fit-twettiq ta' *risk assessments* bażiċi fid-dipartimenti l-oħra kollha. Skont ir-riżultat tal-eżerċizzji tal-evalwazzjoni tar-riskji, jinbeda l-proċess ta' rettifika u kontroll tar-riskji. | Implimentata |
| 177 | Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | F'Diċembru 2016 ġie ppubblikat l-Avviż Legali li daħħal fis-seħħ il-kumpens tal-għoli tal-ħajja għall-2017. | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Mis-sena d-dieħla, studenti *full-time* li jkunu għadhom m'għalqux l-24 sena u li jagħmlu xi xogħol bħala *self-employed* se jkunu jistgħu jħallsu l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali pro rata bir-rata ta' 15 fil-mija fuq id-dħul nett mix-xogħol. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Tlesta l-abbozz tal-Avviż Legali li permezz tiegħu tkun tista' tidħol fis-seħħ din il-miżura. | L-Avviż Legali ntbagħat għall-pubblikazzjoni. | Il-proċess ta' pubblikazzjoni tlesta u b'hekk l-Avviż Legali li jimplimenta din il-miżura daħal fis-seħħ. | | Implimentata |
| 93 | Fl-aħħar Baġit daħħalna inċentiv għal dawk l-ażjendi li jinvestu f'*bicycle racks* ħalli l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti meta jużaw dan it-tip ta' trasport biex imorru fil-post tax-xogħol. Din l-iskema ser tiġi estiża għas-sena d-dieħla. | Direttorat Ġenerali Strateġija u Servizzi ta' Sostenn | Ġiet estiża l-ewwel skema mħabbra fl-2016. Il-format tal-iskema ġie ffinalizzat u d-dokumentazzjoni relatata tpoġġiet fuq is-sit tal-Ministeru tal-Finanzi. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | L-applikazzjonijiet li daħlu ġew evalwati u dawk l-entitajiet li l-applikazzjoni tagħhom ġiet aċċettata bdew jiġu infurmati. | Bdew jiġu approvati l-proġetti u bdew jitwaħħlu l-ewwel *bicycle racks* f'Ħal Safi u Birżebbuġa. | Mistennija jkomplu jiġu installati aktar *bicycle racks*. | Implimentata |
| 142 | Għajnuna finanzjarja f'każ ta' inċident fatali jew gravi fuq il-post tax-xogħol. F'dan il-kuntest nixtieq infakkar l-impenn tagħna li nevalwaw il-possibilità li tiddaħħal xi forma ta' protezzjoni ta' assigurazzjoni sew lill-membri tal-korpi dixxiplinati kollha kif ukoll impjegati oħra tal-Gvern. Din il-miżura se nwettquha tul is-sena li ġejja u se tapplika għal kull impjegat fis-Servizz Pubbliku. | Ministeru għall-Finanzi - Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Beda x-xogħol fuq it-tfassil tal-*policy*. B'rabta ma' dan, saru diversi laqgħat fosthom mal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali kif ukoll mal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Kompliet titfassal il-*policy* wara diskussjonijiet illi saru. | Tfasslet il-*policy*. | Il-*policy* mistennija tiġi kkomunikata lill-impjegati involuti. | Implimentata |
| | | | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | Dawk in-negozji li jagħmlu proġetti ta' tisbiħ u fejda għall-komunitajiet lokali, liema proġetti jkunu approvati mill-kunsill lokali rispettiv, se jingħataw deduzzjoni mid-dħul tagħhom. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-Awtorità tal-Ippjanar wessgħet il-kriterji tal-fondi ġa eżistenti biex ikunu jistgħu jintużaw għal proġetti aktar diversi. Saru wkoll numru ta' laqgħat mal-Kunsilli Lokali biex ikunu infurmati dwar dawn it-tibdiliet. | L-Awtorità tal-Ippjanar kellha taħditiet mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jiġi ppreparat abbozz tal-avviż legali. | Beda jiġi analizzat l-abbozz tal-Avviż Legali. | L-Avviż Legali mistenni jiġi ppubblikat fl-aħħar kwart tas-sena. | Implimentata |
| 153 | L-infrastruttura finanzjarja tagħna se nsaħħuha sew meta, fl-2017, se jkun qed jopera l-Bank Malti għall-Iżvilupp. Permezz ta' dan il-bank se jkollna struttura finanzjarja ġdida li tispeċjalizza fl-iżvilupp tal-investiment f'pajjiżna. Il-bank se jkollu kapital awtorizzat ta' €200 miljun, li minnu se jkun hemm kapital inizjali mħallas (*paid up capital*) ta' €30 miljun. | Ministeru għall-Finanzi | L-abbozz ta' liġi li permezz tiegħu jkun jista' jitwaqqaf dan il-bank beda jiġi diskuss fil-Parlament. | L-abbozz ta' liġi ġie approvat mill-Parlament f'April. Bdiet ħidma biex jinħatar il-Bord ta' Superviżjoni u l-Bord tad-Diretturi. | Bdiet ħidma biex jiġu kostitwiti l-Bord ta' Superviżjoni u l-Bord tad-Diretturi. | Mistennija jibdew jiġu ingaġġati l-impjegati tal-bank filwaqt li jitħallas il-kapital inizjali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 158 | Se nintroduċu miżuri ġodda maħsuba biex ikomplu jkabbru l-investiment barrani f'pajjiżna, bħal sistema li tagħti l-istess benefiċċju lill-investiment kapitali bħas-self u l-introduzzjoni ta' regoli dettaljati ta' *Tax Consolidation* li jippermettu lil gruppi ta' kumpaniji li jikkalkulaw il-profitti u t-telf tagħhom fuq bażi ta' grupp. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Beda proċess ta' konsultazzjoni mat-*tax practitioners* peress li din il-miżura ħa ġġib magħha tibdil kbir fis-sistema tat-taxxa u b'hekk jiġi evitat xi tip ta' impatt negattiv li emendi kbar bħal dawn jista' jkollhom fuq is-settur finanzjarju. Wara li tlestiet din il-konsultazzjoni, tħejja l-ewwel qafas ta' abbozz fuq *tax consolidation provisions*. | F'Mejju saru laqgħat mat-*tax practioners* li matulhom ġiet identifikata l-ħtieġa li ssir laqgħa aktar wiesgħa mal-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Taxxi li jaħdmu f'diversi sezzjonijiet tal-Operations, IT, Technical, International u Investigations. Dan peress li *Tax Consolidation* tolqot il-kumpaniji kollha u għandha effett mhux biss fuq il-liġi imma wkoll fuq l-operat. | Saru laqgħat ma' diversi uffiċjali tat-taxxa minn diversi Direttorati fejn ġew ippreżentati l-ħsibijiet wara l-kunċett ta' *Tax Consolidation* kif ukoll ġie ppreżentat l-abbozz li tħejja. Komplew ukoll il-konsultazzjonijiet mat-*tax practitioners*. | Il-proċess intern mibdi fit-tielet kwart u l-konsultazzjoni mat-*tax practitioners* mistennija jkunu waslu fi stadju avvanzat. Dan kollu jwassal biex is-sena d-dieħla l-Avviż Legali li jimplimenta din il-miżura jiġi ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 161 | Fl-2017 se nagħtu inċentivi fiskali ġodda, fil-forma ta' Risk Investment Scheme, din id-darba għal min jinvesti flusu f'kumpanija (SME) jew f'investiment ġewwa fond li jkun mifrux fuq diversi kumpaniji (SMEs) reġistrati fuq *alternative trading platform* bħal Prospects fuq il-Borża ta' Malta. Min jinvesti b'dan il-mod se jkun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' €250,000 fis-sena. | Kummissarju tat-Taxxi- Dipartiment tat-Taxxi Interni (ewlieni) flimkien mal-Borża ta' Malta | Tlesta x-xogħol u l-abbozz tal-Avviż Legali għal għoti ta' inċentivi fiskali ġodda. Saru wkoll taħditiet mal-konsulenti li għamlu dan l-abbozz. | Saru diskussjonijiet mal-MIMCOL u l-Borża ta' Malta fejn ġie stabbilit xi tibdil li għandu jsir fl-abbozz tal-Avviż Legali. | Saru diskussjonijiet bejn l-IRD, il-Borża ta' Malta u l-MIMCOL dwar l-abbozz tal-Avviż Legali li jimplimenta din il-miżura. | Wara li saru l-aħħar emendi tal-abbozz, mistenni li jkun pubblikat l-Avviż Legali. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | Il-Gvern jixtieq iħajjar aktar gradwati żgħażagħ jidħlu fin-negozju. Għalhekk, qegħdin nipproponu li żgħażagħ li ggradwaw minn istituzzjoni postsekondarja matul dawn l-aħħar tliet snin u li jwaqqfu kumpanija li ma jkollhiex *turnover* ta' aktar minn 80,000 ewro fis-sena jingħataw għażla jew li jeżentaw il-kumpanija tagħhom mill-awditjar għall-ewwel sentejn jew inkella, jekk jagħżlu li jmorru għall-awditjar, jingħataw deduzzjoni mit-taxxa ta' 120% tal-ispiża tal-awditjar sa massimu ta' 700 ewro fis-sena. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni (ewlieni) flimkien mar-Reġistru tal-Kumpaniji | L-emendi relattivi li jikkonċernaw l-artiklu tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għaddew mill-istadju ta' Kumitat tal-Parlament. | L-emendi li jikkonċernaw din il-miżura saru permezz tal-Att biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2017 u miżuri amministrattivi oħra li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern f'April. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ħadem mar-Reġistru tal-Kumpaniji biex janalizzaw u jqabblu l-Avviżi Legali rispettivi. | Saru laqgħat bejn id-Dipartiment tat-Taxxi u r-Reġistru tal-Kumpaniji li matulhom ġew finalizzati l-Avviżi Legali u nħarġu taħt l-Att dwar it-Taxxa tad-Dħul u l-Att dwar Kumpaniji. | | Implimentata |
| 175 | Barra minn hekk, se nagħtu wkoll inċentivi fiskali lil dawk l-imprendituri li jbigħu ishma tagħhom lill-pubbliku permezz tal-illistjar tal-kumpanija fuq il-Borża ta' Malta. Illum qligħ kapitali miġmugħ fuq ishma li jkollhom qabel l-illistjar fuq l-*exchange* prinċipali hu taxxabbli bir-rata ta' 15%. Dan il-qligħ issa se jiġi eżenti mill-ħlas ta' taxxa. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-emendi meħtieġa fl-artikli dwar it-taxxa fuq id-dħul ġew diskussi u approvati fl-istadju ta' kumitat mill-Parlament. | L-emendi li jikkonċernaw din il-miżura saru permezz tal-Budget Measures Implementation Act li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern f'April. Dawn l-emendi se jidħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018 (jiġifieri mis-sena bażi 2017). | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 178 | Il-Gvern ħass li għalkemm l-ekokontribuzzjoni fuq il-prodotti qed titneħħa, hemm bżonn qafas leġiżlattiv aktar effettiv għat-*toiletries* u anke għall-batteriji minħabba l-konsum sinifikanti tagħhom. It-*toiletries* se jidħlu fir-reġim tas-sisa mill-1 ta' Jannar 2017 biex l-importaturi konċernati jkollhom ċans jaġġustaw għas-sistema l-ġdida kif ukoll minn dak kummerċjali, għax it-taxxa relattivament żgħira se tkun applikabbli fuq il-volum tal-prodott. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana<br><br>Ministeru għall-Finanzi flimkien mal-Awtorità tar-Riżorsi Ambjentali | (a) *Toiletries* - Il-parti tal-miżura dwar it-*toiletries* daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017.<br><br>(b) Batteriji - Beda xogħol fuq l-abbozz tal-Avviż Legali. | (b) Batteriji - L-Avviż Legali numru 145 ġie ppubblikat f'Mejju. | | | Implimentata |
| 179 | Minn għada, is-sisa fuq il-boroż is-suwed tal-iskart li ma humiex *bio-degradable* se tiżdied biex inħeġġu lill-poplu Malti u Għawdxi jirriċikla iktar l-iskart fil-boroż il-griżi u l-ħodor. Għaldaqstant, dawn tal-aħħar kif ukoll il-boroż is-suwed bijodegredabbli se jibqgħu kompletament eżentati mit-taxxa tas-sisa. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | L-i*stakeholders* involuti ġew mgħarrfa bil-miżuri l-ġodda li tħabbru fil-Baġit 2017. Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett minn Ottubru 2016. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | Biex inkomplu nnaqqsu l-prevalenza tat-tipjip f'pajjiżna, is-sigaretti u s-sigarri se jogħlew b'medja ta' 3.76 fil-mija filwaqt li t-tabakk tal-brim ser jogħla b'5.5 fil-mija. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett minn Ottubru 2016. | | | | Implimentata |
| 181 | Is-sisa fuq xarbiet mhux alkoħoliċi qed togħla b'żewġ ċenteżmi kull litru. Ir-rata fuq l-ilma sa tibqa' l-istess biex ninkuraġġixxu xarbiet aktar sani u li jwasslu għal stil ta' ħajja aktar b'saħħitha. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett minn Ottubru 2016. | | | | Implimentata |
| 182 | F'dan il-Baġit se nintroduċu t-taxxa tas-sisa fuq materjal użat fis-settur tal-kostruzzjoni, partikolarment fil-bini fuq skala kbira. Id-dħul minnha jkun jista' jaghmel tajjeb għat-titjib ambjentali f'pajjiżna. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | L-emenda li tikkonċerna din il-miżura saret permezz ta' klawsola fl-Att biex jimplimenta Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2017 u miżuri amministrattivi oħra, li ġie ppubblikat f'April. Din l-emenda ġiet approvata. | Mill-1 t'April bdiet tingħata refużjoni lit-*traders* u b'hekk il-*level playing field* intlaħaq peress li kemm l-*unmanufactured glass* u l-*manufactured glass* jiġu taxxabbli. | | | Implimentata |
| 183 | Mill-1 ta' Jannar 2017, it-travi u l-istrutturi tal-ħadid, il-vireg, ix-xibka, folji tal-ħġieġ użati fil-kostruzzjoni u l-madum se jkunu soġġetti għas-sisa. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 184 | Minbarra dan, il-Gvern irid jassigura li kumpaniji Maltin li jħallsu t-taxxa fuq is-siment ma jiġux żvantaġġati fil-konfront ta' dawk barranin. Għalhekk, l-importazzjoni ta' blajjet u planki tal-konkos se tkun intaxxata b'rata komparabbli għal dawk mixtrija lokalment. It-tabelli annessi ma' dan id-diskors juru l-aġġustamenti fir-reġim tas-sisa fuq il-prodotti msemmija hawn fuq. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tad-Dwana | L-i*stakeholders* involuti ġew mgħarrfa li l-produtturi Maltin iridu jħallsu s-sisa fuq il-materja prima u għaldaqstant ma jħallsux sisa fuq il-prodott finali. Dan ifisser li meta manifattur jimmanifattura planka, il-manifattur iħallas is-sisa fuq il-ħadid u s-siment użat sabiex tinħadem din il-planka. Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta'Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 185 | Mis-sena d-dieħla, dawk l-azzjonisti li jibdew jirċievu dividendi fuq profitti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar 2017 minn kumpaniji li huma llistjati fil-Borża ta' Malta, se jibdew jieħdu rifużjoni ta' taxxa fuq dividendi li jiddikjaraw fil-formola tat-taxxa, skont ir-rata tat-taxxa applikabbli. Din il-miżura tapplika għal min għandu mhux iżjed minn 0.5 fil-mija tal-kapital nominali tal-ishma u d-drittijiet għall-profitti. B'hekk, numru sostanzjali ta' individwi, fosthom anzjani, li jinvestu fuq il-Borża ta' Malta se jibdew igawdu minn tnaqqis fit-taxxa. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni (ewlieni) flimkien mal-Borża ta' Malta | L-emenda fl-artiklu tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għaddiet mill-istadju ta' Kumitat tal-Parlament. | L-emenda li tikkonċerna din il-miżura saret permezz t'artikolu fl-Att biex jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2017 u miżuri oħra, li ġie ppubblikat f'April. Din l-emenda tapplika għal dawk id-dividendi li jitqassmu mis-sena bażi 2017 u b'hekk numru sostanzjali ta' individwi, fosthom anzjani, li jinvestu f'kumpaniji li huma llistjati fuq il-Borża ta' Malta se jibdew igawdu minn tnaqqis fit-taxxa. | | | Implimentata |
| 186 | Fis-sena 2017 se nkunu qed nagħtu konċessjoni ta' 12-il xahar fit-tnaqqis tal-boll, minn 5 fil-mija għal 1.5 fil-mija, meta ġenitur jittrasferixxi n-negozju lit-tfal tiegħu. Dan għandu jgħin ħafna negozji tal-familja biex jibqgħu mexjin 'il quddiem. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty* | Id-Dipartiment kellu konsultazzjonijiet mal-konsulenti, mal-Ministeru għall-Finanzi, kif ukoll mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex jiġu stabbiliti l-kriterji għal din il-miżura. Wara li ġew stabbiliti dawn il-kriterji ġie mfassal abbozz tal-Avviż Legali. | L-Avviz Legali ġie ppubblikat f'Mejju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 187 | Il-miżura tal-*first-time buyers* se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. Koppji żgħażagħ u individwi li qed jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom, u li tkun għal skop ta' residenza, se jibqgħu jiġu eżentati mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €150,000 għas-sena d-dieħla wkoll. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty* | L-Avviż Legali LN 384/2016 ġie ppubblikat f'Novembru 2016. | | | | Implimentata |
| 188 | Għal sena waħda, se nniedu inċentiv ġdid fejn xerrejja li jixtru residenza f'Għawdex ser jibbenefikaw minn tnaqqis fir-rata tal-boll, minn 5 fil-mija għal 2 fil-mija. Dan jgħodd għal min jidħol f'konvenju matul l-2017 u jkun reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sal-31 ta' Diċembru 2017, u jikkonkludi l-kuntratt sal-aħħar tal-2018. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tal-*Capital Transfer Duty* | Tfasslu u ġew ippubblikati linji gwida fuq is-sit tal-Inland Revenue Department. L-Avviż Legali ġie ppubblikat f'Novembru 2016. Il-miżura bdiet tapplika mit-18 ta' Ottubru 2016 (għall-konvenji reġistrati mal-Kummissarju tat-Taxxi minn din id-data). | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 189 | Fil-preżent, proprjetà ġejja minn wirt u li tinbiegħ fil-Qorti bis-subbasta qed tkun intaxxata bir-rata fissa ta' 7 fil-mija jekk din l-istess proprjetà tkun intirtet qabel Novembru 1992. Min-naħa l-oħra, proprjetà li tkun intirtet wara din id-data u li tinbiegħ bis-subbasta qed tkun suġġetta għal taxxa proviżorja fuq qligħ kapitali ta' 7 fil-mija. F'dawn il-każijiet, għalhekk, tkun trid timtela formola tas-*self-assessment* fejn ikun irid jiġi ddikjarat il-qligħ kapitali, jekk ikun il-każ, u jiġu applikati r-rati normali tat-taxxa. Inħass il-bżonn li, biex ikun hemm aktar ekwità bejn werrieta li jkunu involuti f'bejgħ bis-subbasta u anke biex ikun simplifikat il-proċess tal-ġbir tat-taxxa fuq dan it-tip ta' trasferiment, kull proprjetà li tkun ġejja minn wirt u li tiġi trasferita permezz ta' bejgħ bis-subbasta, ser tibda tkun intaxxata b'rata finali ta' 7 fil-mija. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-emenda għall-artiklu dwar it-Taxxa tad-Dħul li tirrigwarda bejgħ bis-subbasta fil-Qorti ġiet diskussa fl-istadju ta' Kumitat u għaddiet minn dan l-istadju. | L-emenda li tikkonċerna din il-miżura saret permezz tal-Budget Measures Implementation Act li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern f'April. Din l-emenda daħlet fis-seħħ mit-13 t'April 2017 li hi d-data meta ġie ppubblikat l-Att tal-2017. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 190 | Mis-sena d-dieħla, ser indaħħlu sistema fejn ftehim ta' kuntratti ta' kera għal tliet xhur jew aktar, inklużi dawk ta' tiġdid ta' kera, iridu jiġu reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Kemm is-sid kif ukoll il-kerrej jistgħu jirreġistraw il-kuntratt iżda, fin-nuqqas ta' dan, is-sid ikun suġġett għal penalitajiet ikkontemplati fil-liġi tat-taxxa tad-dħul. | Kummissarju tat-Taxxi | Bdew isiru analiżi interni rigward din il-miżura biex it-*taxpayers* ikunu jistgħu jibagħtu l-informazzjoni tal-postijiet mikrija kif ukoll dawk li mhumiex qegħdin jiġu mikrija u l-kuntratt tal-kera. Saru wkoll laqgħat mal-MITA dwar ix-xogħol tal-IT li hemm bżonn b'rabta ma' din il-miżura. | F'Mejju, it-tim tal-MITA analizza alternattivi differenti rigward din il-miżura. | Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistemi tal-informatika biex is-sit eżistenti jissaħħaħ u tkun tista' tinġabar l-informazzjoni meħtieġa. | Mistenni jitlesta x-xogħol fuq is-sistemi tal-IT biex tinġabar l-informazzjoni. Mistennija ssir ukoll l-ewwel analiżi globali ma' informazzjoni li diġà teżisti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 192 | (a) Dan il-Baġit qed idaħħal riforma oħra kbira għax qed ngħidu li l-pensjonanti li għandhom aktar minn 61 sena mhumiex se jibqgħu jħallsu *income tax* fuq pensjoni jew pensjonijiet li jistgħu jiġu minn sorsi differenti, inkluż dik tas-sigurtà soċjali, tat-Teżor, kif ukoll pensjonijiet lokali jew barranin li jammontaw sa massimu ta' €13,000. Din ir-riforma ser titqassam fuq medda ta' sentejn. Fl-aħħar tas-sentejn, pensjonant ser ikun iggwadanja ħelsien mit-taxxa sa massimu ta' €585 fis-sena.<br>(b) Biex tinżamm l-ekwità fiskali bejn persuni *single* u l-miżżewġin fil-każ ta' anzjani miżżewġin, minbarra t-tneħħija tat-taxxa fuq id-dħul fuq il-pensjonijiet sa €13,000, ser jingħataw tnaqqis ieħor min kull dħul taxxabbli sa massimu ta' €1,000. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-Avviż Legali ġie ppubblikat fi Frar u daħal fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Se nibdlu l-liġi dwar il-*Bills* tat-Teżor ta' Malta biex inkunu nistgħu noħorġu *savings bonds*, b'rati attraenti, indirizzati apposta għall-bżonnijiet tal-pensjonanti. B'hekk, pensjonanti issa jkunu jistgħu jinvestu *f'bonds* tal-Gvern b'rata tal-imgħax aħjar milli joffri s-suq. | Dipartiment tat-Teżor | Ġie ffinalizzat l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku u ġie ppubblikat l-abbozz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Marzu. Fost affarijiet oħra, dan l-Att se jkun qed jirregola l-ħruġ tad-dejn kollu tal-Gvern Ċentrali inkluż is-*savings bonds*. | Minħabba li l-Parlament ġie xolt fl-1 ta' Mejju, fit-28 ta' Ġunju sar mill-ġdid l-ewwel qari tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku fil-Parlament. | F'Lulju, l-Att dwar is-Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku ġie approvat mill-Parlament. Fost affarijiet oħra, dan l-Att ta l-possibilità lill-Gvern ta' Malta li joħroġ strumenti ta' dejn li ma jkunux negozjabbli. F'Awwissu, saret it-tnedija tas-62+ Malta Government Savings Bond. Ir-regolamenti li se jirregolaw kull ħruġ tar-Retail Savings Bonds tal-Gvern ta' Malta ġew ippubblikati aktar tard f'Awwissu. L-applikazzjonijiet għas-62+ Malta Government Savings Bond bdew jintlaqgħu. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 194 | Mill-2017 se nagħtu deduzzjoni mit-taxxa ta' 150% tal-ispiża, sa massimu ta' €35,000 fis-sena fil-każ ta' kumpanija li tipprovdi dan is-servizz waħedha u sa massimu ta' €50,000 fis-sena għal kull kumpanija li topera dan is-servizz bi sħab ma' kumpanija oħra, lil dawk l-intrapriżi li jipprovdu servizz ta' trasport b'xejn lill-ħaddiema tagħhom. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Ġew abbozzati linji gwida dwar l-għoti ta' dan l-inċentiv, liema linji gwida ġew diskussi ma' Transport Malta. | Saret ukoll laqgħa mal-Malta Public Transport li min-naħa tagħha għaddiet lill-Malta Enterprise l-proposti tagħha dwar il-linji gwida. Il-Malta Enterprise bdiet il-proċess li tanalizza l-abbozz tal-linji gwida biex tkun tista' tniedi skema vijabbli mingħajr ma tinħoloq burokrazija żejda u piż amministrattiv. | Il-Malta Enterprise kompliet bl-analiżi u d-diskussjonijiet biex tkun tista' tniedi l-iskema. Fl-aħħar ta' Settembru ġie ppubblikat l-Avviż Legali. | Mistennija titnieda l-iskema. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 195 | Qed inwaqqfu Joint Enforcement Task Force biex niżguraw ħidma konġunta bejn id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tal-VAT kif ukoll id-Dipartiment tad-Dwana. It-Tax *Compliance* Unit ukoll se tkun qed tagħti sehem attiv f'din l-inizjattiva ġdida. Fost il-prijoritajiet tal-Joint Enforcement Task Force se jkun hemm kontrolli u *spot checks* aktar frekwenti fuq min iħaddem impjegati li ma jkunux reġistrati u fuq sidien ta' proprjetà mikrija li ma tkunx iddikjarata mal-awtoritajiet, kif ukoll kompetizzjoni inġusta minn ċerti importazzjonijiet. | Kummissarju tat-Taxxi - Tax Compliance Unit | Bdew isiru l-ewwel spezzjonijiet mill-Joint Enforcement Task Force. Dawn jinkludu spezzjonijiet lin-negozji f'setturi differenti. Fi Frar ġie varat kunċett ġdid magħruf bħala *Voluntary Compliance* li qed iħalli r-riżultati meħtieġa fil-konfront tal-ġbir tat-taxxa. | Saru diskussjonijiet dwar l-aspett legali fejn għandhom x'jaqsmu *joint inspections* ma' JobsPlus. Komplew isiru eżerċizzji ta' spezzjonijiet varji u fil-kategoriji kollha tan-negozju u anki fuq professjonisti. | Bdew isiru spezzjonijiet fuq numru ta' negozji u fieri li fihom ħadu sehem diversi negozji barranin. Inħadmet *Business Information Sheet* li qed titqassam lil firxa kbira ta' negozji, speċjalment fejn ir-Risk Management Unit jindika li jkun hemm riskju għoli ta' nuqqas ta' osservanza jew evażjoni ta' taxxa u VAT. | Il-Joint Enforcement Task Force mistennija tagħlaq is-sena b'riżultati konkreti, b'żieda qawwija ta' aktar osservanza u aktar dħul. Mistennija wkoll jibdew jinħassu l-effetti tal-*Business Information Sheet*. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 | Dawn il-miżuri sejrin jikkumplimentaw numru ta' inizjattivi li se tkun qed tintroduċi l-Borża ta' Malta. | Il-Borża ta' Malta | Ġie approvat il-pjan nazzjonali għas-swieq kapitali. Il-pjan, li jikkonsisti fi 23 inizjattiva, huwa mmirat biex jitkabbar is-suq kapitali, jitnaqqsu l-ispejjeż u titkattar l-edukazzjoni dwar il-finanzi. Bħala parti minn dan il-pjan, fi Frar ġie varat il-Malta Stock Exchange Institute u f'Marzu ntlaħaq ftehim mal-partijiet konċernati dwar l-estensjoni tal-ħinijiet tan-negozju fuq is-suq. | Aktar inizjattivi minn dan il-pjan komplew jiġu attwati. F'April daħlu fis-seħħ il-ħinijiet il-ġodda tan-negozju. Zdiedu iktar servizzi fuq il-*portal* tal-Borża ta' Malta permezz tal-*eportfolio*. Is-Suq Kapitali Malti kompla jiġi promoss internazzjonalment billi uffiċjali tal-Borża ta' Malta attendew għal konferenzi barra minn Malta. | Bħala parti minn waħda mill-inizjattivi tal-Istrateġija Nazzjonali ta' Suq Kapitali, tnieda t-Total Equity Return Index, li jagħti stampa aktar ċara tas-suq tal-ishma lokali meta wieħed jinvesti d-*dividends*. | Mistennija jitfasslu l-parametri biex jinħoloq suq ġdid għall-istrumenti finanzjarji li jkunu speċifikament u esklużivament immirati lejn istituzzjonijiet finanzjarji u investituri professjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 197 | Il-Gvern ser jagħti inċentivi fiskali f'forma ta' kreditu ta' taxxa lil dawk il-kumpaniji li jinvestu fi skemi ta' pensjoni f'isem il-ħaddiema. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | Saru diversi laqgħat bejn il-konsulenti u l-partijiet ikkonċernati biex ikun jista' jitlesta l-ewwel abbozz tal-Avviż Legali. | L-Avviż Legali ġie ffinalizzat u qiegħed fil-proċess li jiġi ppubblikat. | L-Avviż Legali ġie ppubblikat f'Settembru. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 | Aktar faċilitajiet għall-infurzar fil-kummerċ ġust fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana. Wara li neħħejna r-rekwiżit tal-obbligu ta' garanzija bankarja kontra pagamenti b'ċekkijiet, biex inkomplu nnaqqsu l-burokrazija, is-sena d-dieħla se nibdew inħaddmu *import system* elettronika u se jkun hemm sistema ta' ħlas *online*. | Kummissarju tat-Taxxi -Dipartiment tad-Dwana | Beda xogħol ta' żvilupp fuq is-sistema li tħaddan id-dokumenti tal-importazzjoni. Saru preparamenti biex jingħata taħriġ lil uffiċjali tad-Dwana kif ukoll lil operaturi ekonomiċi dwar is-sistema. | Tkompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. Ġie deċiż li s-sistema tiġi varata f'Lulju. Dan biex jiġi assigurat li s-sistema tkun lesta u li jkun hemm biżżejjed żmien għat-taħriġ tal-utenti. | Is-sistema l-ġdida tad-Dwana dwar l-importazzjoni ġiet varata filwaqt li tlestiet ukoll is-sistema ta' ħlas elettroniku. | Mistennija diskussjonijiet mal-banek prinċipali biex jiġi konkluż ftehim fuq il-pagament bl-IBAN. Kif jintemmu dawn id-diskussjonijiet, id-Dipartiment ikun jista' jkompli jiżviluppa t-tieni fażi tal-*Online Payment* li tippermetti ħlas bl-IBAN. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 200 | Se nagħmlu tibdil fil-metodu ta' kif tinħadem it-taxxa tar-reġistrazzjoni dovuta f'każijiet meta tinxtara vettura mingħand persuna li tkun ingħatat eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni għal raġuni ta' diżabilità, u din il-persuna tittrasferixxi l-vettura lil xi ħadd li ma jikkwalifikax għal din l-eżenzjoni. Permezz ta' arranġamenti ġodda, l-ammont dovut, riżultat tal-eżenzjoni, ser jinfirex b'mod ekwu fuq medda ta' 10 snin. | Direttorat għat-Tfassil tal-Politika dwar Taxxa, Paga u Benessri Soċjali | L-emendi legali fl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur ġew diskussi u għaddew mill-istadju ta' Kumitat. | L-emendi li jikkonċernaw din il-miżura ġew implimentati permezz tal-Budget Measures Implementation Act li ġie ppubblikat f'April. Il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 201 | Biex inkomplu nnaqqsu l-ispejjeż fuq xogħlijiet fuq proprjetà fil-UCA jew fuq bini ieħor skedat band'oħra fl-Ewwel u fit-Tieni Grad, l-Awtorità tal-Ippjanar se tniedi żewġ skemi ġodda li permezz tagħhom *first-time buyers* jibbenefikaw sa massimu ta' €100,000 fuq spejjeż li jkunu nefqu. | Ministeru għall-Finanzi (ewlieni) flimkien mal-Awtorità tal-Ippjanar | L-iskema Irrestawra Darek kienet maqsuma fi tnejn: Skema A u Skema B. Skema A kienet għall-*first-time buyers* li tikkonċerna din il-miżura tal-Baġit u Skema B kienet miftuħa għal sidien oħra li tikkonċerna l-miżura tal-Baġit numru 6 li qed tiġi rrappurtata taħt Ministeru ieħor. Dawn l-iskemi fetħu f'Jannar. | | | | Implimentata |
| 218 | Sabiex inkomplu nassiguraw li familji bi dħul baxx ikollhom assigurazzjoni fejn tidħol ir-residenza li qegħdin jikru, il-Gvern ser iniedi proġett pilota fuq 100 każ. Dawk is-sidien li qegħdin jikru lil familji bi dħul baxx jidħlu f'kuntratt ta' kera għal seba' snin u ser iħallsu taxxa b'rata mnaqqsa ta' 5 fil-mija fuq il-kirja. Dan ma japplikax fejn hemm *Special Designated Areas*. Matul il-ġimgħat li ġejjin ser inkunu qegħdin inħabbru l-kriterji li bihom ser titħaddem din il-miżura. | Kummissarju tat-Taxxi - Dipartiment tat-Taxxi Interni | L-emenda fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-dħul għaddiet mill-istadju ta' Kumitat u l-kriterji ġew maqbula. | L-emenda li tikkonċerna din il-miżura saret permezz tal-Budget Measures Implementation Act li ġie ppubblikat f'April. Skont dan l-istess Att, din l-emenda se titqies bħala li daħlet fis-seħħ mis-sena ta' stima 2018 (sena bażi 2017). | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 155 | Il-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (EFSI) hu strument importanti li jista' jkompli jixpruna t-tkabbir ekonomiku tagħna. Wara li waqqafna l-Bank Malti għall-Iżvilupp, issa qed inħejju pjanijiet biex permezz ta' dan il-bank inkunu nistgħu nibbenefikaw ukoll mill-fondi tal-EFSI biex noħolqu aktar opportunitajiet ta' investiment. | Ministeru għall-Finanzi | Għaddiet mill-Parlament il-liġi li twaqqaf il-Bank għall-Iżvilupp. | Wara li ġiet approvata l-liġi għat-twaqqif tal-Bank għall-Iżvilupp, tfassal pjan biex tinġieb fis-seħħ u jinbnew l-istrutturi meħtieġa biex il-Bank jibda jaħdem. | Bdiet ħidma biex jitwaqqfu l-istrutturi meħtieġa biex il-Bank ikun jista' jibda jopera. | Huwa mistenni li l-Bank jibda jopera matul l-ewwel kwart tal-2018. Ladarba l-Bank jibda jopera, ikun jista' jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament mill-EFSI għal proġetti approvati għal dan il-għan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Fix-xhur li ġejjin Projects Malta se tkun qed tara l-vijabilità li toħroġ sejħa pubblika biex il-bini li qabel kien l-isptar navali fl-Imtarfa jinbidel fi skola indipendenti internazzjonali li toffri korsijiet li jwasslu għal Baċċellerat Internazzjonali. | Projects Malta | Bil-għan li tiġi studjata l-vijabilità li toħroġ sejħa pubblika, twettaq *survey* tas-sit, bdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar u saru l-istudji neċessarji fuq l-istimi tat-tiswijiet u tal-iżviluppi neċessarji. | Saret l-analiżi dettaljata tal-ispeċifikazzjonijiet u l-materjal neċessarju.<br><br>Saret ir-riċerka dwar l-aspett kummerċjali ta' dan il-proġett, liema proġett huwa ppjanat li jkun imfassal fuq mudell ta' *Public Private Partnership*. | L-informazzjoni teknika u dik finanzjarja ġiet komposta f'dokument wieħed biex tkun tista' toħroġ is-sejħa pubblika. | Mistennija jsiru l-preparamenti għall-ħruġ tas-sejħa pubblika. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 12 | Projects Malta se tindirizza l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ f'diversi żoni fosthom il-Mosta, Wied il-Għajn, Birkirkara u St Andrews.<br><br>(a) Il-Mosta<br>(b) Wied il-Għajn<br>(ċ) Birkirkara<br>(d) St Andrews | Projects Malta | (a) Bdiet l-evalwazzjoni fuq is-sottomissjonijiet milqugħa rigward dan il-parkeġġ.<br><br>(b) Saret konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Wied il-Għajn dwar dan il-proġett.<br><br>(ċ) Bdiet l-analiżi u bdew jiġu identifikati siti fejn jista' jsir dan il-proġett.<br><br>(d) Ġiet identifikata ż-żona fejn ser isir dan il-proġett. Bdew id-diskussjonijiet dwar il-permessi meħtieġa. | (a) L-evalwazzjoni fuq is-sottomissjonijiet milqugħa ġiet sospiża biex issir konsultazzjoni iktar wiesgħa.<br><br>(b) Komplew id-diskussjonijiet dwar siti alternattivi għall-proġett.<br><br>(ċ) Ġie identifikat is-sit u bdew jitfasslu d-disinji meħtieġa.<br><br>(d) Inkisbu u ġew evalwati l-istimi biex isiru s-*surveys* tekniċi neċessarji. Bdiet tiġi finalizzata l-istima tal-ispiża kapitali relatata mal-iżvilupp ta' dan il-proġett. | (a) Saru d-diskussjonijiet bejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta u l-Ministeru kkonċernat bil-għan li jintlaħaq qbil fuq il-parkeġġ.<br><br>(b) Wara diversi konsultazzjonijiet, ma nstab l-ebda sit alternattiv adegwat għal dan il-proġett. Għaldaqstant il-miżura ġiet rikunsidrata.<br><br>(ċ) Bdew diskussjonijiet biex il-parkeġġ jingħaqad mal-proġett tad-dar tal-anzjani.<br><br>(d) Ġew riveduti kuntratti eżistenti dwar is-sit imsemmi. | (a) Wara li jiġu evalwati d-diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali, mistennija tiġi stabbilita d-direzzjoni li ser jieħu dan il-proġett.<br><br>(ċ) Mistenni jsir mudell finanzjarju biex tkun tista' tiġi eżaminata l-vijabilità finanzjarja ta' dan il-proġett.<br><br>(d) Mistennija tiġi evalwata l-vijabilità finanzjarja ta' dan il-proġett permezz tal-formulazzjoni ta' mudell finanzjarju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Fl-2017 Projects Malta trid tara li l-proġetti li sar qbil dwarhom bejn il-Gvern u l-privat jimxu mal-parametri maqbula. Fost dawn hemm l-investiment fl-Isptar San Luqa, Karin Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn ix-xogħol f'San Luqa mistenni jinbeda din is-sena waqt li x-xogħol f'Għawdex mistenni jibda kmieni s-sena d-dieħla.<br><br>(a) Sptar San Luqa u Karin Grech<br><br>(b) Sptar Ġenerali ta' Għawdex | Projects Plus | (a) Tneħħew l-installazzjonijiet antiki f'żewġ livelli tal-binja prinċipali. Sar l-istudju relatat mat-tneħħija tal-asbestos. Tlestew ukoll id-disinji skematiċi bażiċi. Beda wkoll il-proċess ta' rilokazzjoni tal-okkupanti preżenti għal siti alternattivi.<br><br>(b) Din il-parti tal-miżura qed tiġi rrappurtata taħt miżura 343 (MFH). | (a) Tkompla l-proċess ta' rilokazzjoni tal-okkupanti preżenti għal siti alternattivi. Beda x-xogħol marbut mat-tneħħija tal-asbestos mill-bini. Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-Isptar San Luqa. | (a) Tkompla x-xogħol ta' restawr tal-faċċata. Ġie konkluż ix-xogħol fuq it-tneħħija tal-installazzjonijiet antiki, inkluż tal-asbestos, mill-bini prinċipali. Tlestew ix-xogħlijiet fil-binja li ser issir Ċentru tal-Orthotics u Prosthetics u ċ-ċentru jinfetaħ għall-pubbliku. Id-dipartimenti tal-Commcare u CPSU ġew rilokati. | (a) Jiġi rilokat iċ-Chest Clinic għall-Isptar Mater Dei. Jitlestew id-disinji dettaljati u jibdew ix-xogħlijiet fuq l-iskola medika. Jitkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-binja prinċipali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Hemm ukoll l-iżvilupp ta' trasport marittimu li jgħaqqad b'mod sostenibbli l-arterji ewlenin mal-Belt Valletta. | Projects Plus | Projects Plus Ltd tellgħet preżentazzjoni dettaljata tal-proġett lill-UNESCO.<br><br>Il-proġett ġie approvat min-naħa tal-UNESCO b'numru ta' kundizzjonijiet.<br><br>Bdew in-negozjati mal-offerent preferut biex jintlaħaq qbil fuq il-kontenut tal-kuntratt. | Saru laqgħat bejn Projects Plus Ltd, il-kuntrattur u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali biex jintlaħaq qbil fuq it-tħaffir ta' *trial pits* mitluba mill-istess Sovrintendenza.<br><br>Komplew in-negozjati mal-offerent preferut. | Tkomplew in-negozjati mal-offerent preferut. | Mistennija jiġu finalizzati n-negozjati mal-offerent. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | Fl-2017 se nibdew ukoll xogħol ta' riabilitazzjoni tal-funtana tat-Tritoni u taż-żoni tal-madwar. | Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Beda ż-żarmar tal-istatwi tal-bronż tal-funtana, li ntbagħtu Firenze biex jibda x-xogħol ta' restawr fuqhom.<br><br>Ġew aġġudikati t-*tenders* marbutin max-xogħlijiet strutturali fi Pjazza Tritoni u x-xogħlijiet strutturali fil-foss tal-Belt u beda x-xogħol. | Tkompla x-xogħol ta' restawr tal-istatwi tal-bronż f'Firenze.<br><br>Tkompla wkoll ix-xogħol strutturali fi Pjazza Tritoni u fil-foss tal-Belt, inkluż xogħol ta' skavar u kostruzzjoni ta' ġibjuni. | Tlesta x-xogħol ta' restawr tal-istatwi tal-bronż u l-istatwi ntbagħtu lura Malta. Il-funtana tqiegħdet f'postha.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet fi Pjazza Tritoni, fosthom skavar u kostruzzjoni tal-ġibjuni.<br><br>Beda x-xogħol relatat ma' *landscaping* u xogħlijiet ta' natura elettrika. Tlesta l-pavimentar tal-Biskuttin u beda l-pavimentar tal-kumplament tal-pjazza.<br><br>Dwar il-foss, beda x-xogħol relatat ma' *landscaping*, xogħlijiet ta' natura elettrika u pavimentar. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fi Pjazza Tritoni, fosthom skavar u kostruzzjoni ta' turġien. Jingħata l-konkos lill-wiċċ kollu, jitħawlu iktar siġar u jitlestew id-dwal. Mistenni wkoll jitlesta l-pavimentar tal-pjazza.<br><br>Dwar il-foss, titlesta n-naħa tal-Bank Ċentrali u jitkompla xogħol relatat ma' *landscaping*, dwal u pavimentar. | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk - Beda wkoll il-proċess ta' *tendering* għall-bini ta' parkeġġ ġdid u x-xogħol previst li jsir fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla meta se jitlestew ukoll it-toroq tal-madwar.<br><br>(a) Parkeġġ fi Triq il-Kavallerizza<br><br>(b) Toroq f'Marsaxlokk - *Junction* bejn Triq Axtart, Triq Melqart u Triq iż-Żejtun<br>- Triq iż-Żejtun<br>- Triq Barthelemy<br>- Triq Lepanto | Ministeru għat-Turiżmu | (a) Inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u ġie ppubblikat it-*tender*.<br><br>(b) Tlestiet il-*junction* bejn Triq Axtart, Triq Melqart u Triq iż-Żejtun. Ingħata l-aħħar saff ta' asfalt fi Triq iż-Żejtun. Rigward Triq Lepanto, ħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President rigward l-esproprjazzjoni tal-art. | (a) Ġiet fi tmiemha l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet mitfugħa.<br><br>(b) Ġew installati s-sinjali tat-traffiku u nżebgħu l-linji fi Triq iż-Żejtun. L-implimentazzjoni ta' din it-triq ġiet finalizzata. Dwar Triq Barthelemy, beda l-proċess ta' esproprjazzjoni li hemm bżonn isir qabel ma tkun tista' tibda l-implimentazzjoni. Rigward Triq Lepanto, beda l-proċess ta' aġġudikazzjoni tax-xogħlijiet min-naħa ta' Transport Malta. | (a) Ġie ffirmat il-kuntratt marbut mal-parkeġġ.<br><br>Twettqet il-mobilizzazzjoni tal-kuntrattur fuq is-sit u nbeda x-xogħol preparatorju.<br><br>(b) Ġie aġġudikat it-*tender* u ffirmat il-kuntratt marbut ma' Triq Lepanto.<br><br>Dwar Triq Barthelemy, intemm il-proċess ta' esproprjazzjoni.<br><br>L-interventi fuq il-*junction* u Triq iż-Żejtun huma lesti. | (a) Mistenni jitkompla x-xogħol fuq il-parkeġġ, li jinkludi xogħol ta' skavar u tħawwil ta' siġar.<br><br>(b) Mistenni jibda x-xogħol fuq Triq Lepanto, li jinkludi skavar ta' trinek, installazzjoni ta' utilitajiet, xogħol ta' bankini u xogħol ta' asfaltar. Dwar Triq Barthelemy, jinbeda x-xogħol preparatorju għall-implimentazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk:<br>Jibda x-xogħol fuq Xatt is-Sajjieda biex din il-parti tal-villaġġ tinbidel f'żona pedonali. | Ministeru għat-Turiżmu | Ingħatat l-approvazzjoni biex tiġi offruta somma *ex-gratia* lill-bejjiegħa tal-Monti tal-Ħadd ta' Marsaxlokk għal min huwa interessat li jirtira l-posta tiegħu. | Ħarġet is-sejħa lill-bejjiegħa tal-Monti għal min huwa interessat li jirtira l-posta tiegħu.<br><br>Għalaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet u bdew jiġu evalwati l-applikazzjonijiet mitfugħa. | Beda jiġi abbozzat it-*tender* marbut mar-riġenerazzjoni taż-żona tal-Magħluq f'Xatt is-Sajjieda. | Mistennija jiġu ffirmati l-kuntratti mal-bejjiegħa tal-Monti eliġibbli li wrew interess li jibbenefikaw mis-somma *ex-gratia* offruta biex jirtiraw il-posta.<br><br>Mistennija wkoll jiġu finalizzati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-*tender* marbut mar-riġenerazzjoni taż-żona tal-Magħluq bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-istess *tender*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 108 | Se nkunu qed nifformulaw pjan għar-riġenerazzjoni ta' Birżebbuġa. | Ministeru għat-Turiżmu | Saru laqgħat bejn il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Enerġija u Proġetti) bl-iskop li jiġi deċiż kif se jiġi fformulat dan il-pjan.<br><br>Saru wkoll diversi laqgħat mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa biex jiġi diskuss dan il-pjan *vis-a-vis* il-prijoritajiet preżenti tal-istess raħal. | Tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni onlajn.<br><br>Beda u tlesta xogħol ta' tindif, *landscaping*, bini ta' ħitan u bankini.<br><br>Saru laqgħat ma' Heritage Malta u SportMalta fejn dawn it-tnejn, separatament, ippreżentaw abbozzi ta' pjanijiet li jikkumplimentaw il-Pjan ta' Riġenerazzjoni. | Ġiet konkluża l-konsultazzjoni pubblika. | Mistenni jiġi ppreżentat l-abbozz tal-Pjan ta' Riġenerazzjoni għal Birżebbuġa. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Ser isir ukoll xogħol fi Ġnien Duminku Mintoff f'Raħal Ġdid, biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jgawdu ambjent isbaħ u b'faċilitajiet moderni. | Ministeru għat-Turiżmu | Tfasslu d-disinji preliminari tal-proġett.<br><br>Saru laqgħat mal-i*stakeholders* kollha konċernati fosthom il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, l-ELC u l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid, bil-għan li jintlaħaq qbil fuq id-disinji relatati. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permessi lill-Awtorità tal-Ippjanar, u nħareġ il-permess.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fuq is-sit li jinkludu xogħol ta' tħaffir tal-ġibjun. | Ġie finalizzat ix-xogħol ta' tħaffir tal-ġibjun fis-sit bħala parti mill-proġett ta' lqugħ tal-ilma li eventwalment jintuża għat-tisqija tal-istess ġnien. | Mistenni jitkompla u jiġi finalizzat ix-xogħol fuq il-ġnien, li jinkludi wkoll aċċessibilità aħjar permezz ta' passaġġi, l-installazzjoni ta' *fencing* neċessarju u tħawwil ta' siġar. | Implimentata |
| 114 | Fl-2017 se jitnieda proċess biex noħorġu sejħiet biex is-settur privat iressaq proposti għar-riġenerazzjoni tal-Pixkerija. | Projects Malta | Saru laqgħat bejn Projects Malta u l-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir biex jiġi diskuss pjan għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Ġie studjat rapport bi proposti li kien tħejja mill-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ftit tas-snin ilu. | Bdew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* konċernati dwar l-użu tas-sit għal dan il- proġett. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet fuq mudell finanzjarju biex tiġi evalwata l-vijabilità finanzjarja ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 115 | Fl-2017 se jitnieda proċess biex noħorġu sejħiet biex is-settur privat iressaq proposti għar-riġenerazzjoni tal-bini li hemm fil-qrib f'Moll il-Barriera, tal-binja Evans. | Projects Malta | Saru laqgħat bejn Projects Malta u l-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir biex jiġi diskuss pjan għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Ġie studjat rapport b'xi proposti li kien tħejja mill-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ftit tas-snin ilu. | Bdew id-diskussjonijiet mal-i*stakeholders* konċernati dwar l-użu tas-sit għal dan il- proġett. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet fuq mudell finanzjarju biex tiġi evalwata l-vijabilità finanzjarja ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 116 | Fl-2017 se jitnieda proċess biex noħorġu sejħiet biex is-settur privat iressaq proposti għar-riġenerazzjon taċ-ċentru tal-eżamijiet ħdejn il-Forti Sant' Iermu. | Projects Malta | Bdew jiġu studjati l-proposti għal dan il-proġett. | Komplew jiġu diskussi l-proposti, liema diskussjoni wasslet għal proposti aktar wesgħin bil-għan li l-post inkwistjoni jiġi utilizzat bl-aħjar mod possibbli. | Kompla jiġi studjat il-potenzjal ta' dan il-proġett, anke fl-ambitu ta' proġett ħolistiku maħsub għar-riġenerazzjoni tan-naħa t'isfel tal-Belt Valletta. | Mistenni jkompli jiġi studjat il-potenzjal ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 176 | Fl-2017 il-*Public Private Partnership* bejn il-Gvern u r-Royal Malta Yacht Club se jwettaq miżuri biex inġibu 'l quddiem is-settur tal-*yachting* u jara l-impatt ekonomiku li tħalli r-Rolex Middle Sea Race biex naraw kif nistgħu nattiraw tiġrijiet simili. | Yachting Malta | Bl-għan li tingħata promozzjoni lill-industrija tal-ibburdjar f'Malta, ittellgħu l-Yachting Awards fis-17 ta' Frar. | Bdew il-preparamenti biex Malta tospita l-avveniment Trophée Bailli de Suffren,liema avveniment ser jasal f'Malta f'Lulju. | Ġew konklużi l-attivitajiet marbutin mat-Trophée Bailli de Suffren. | Yachting Malta tagħti l-appoġġ neċessarju fl-avveniment marbut mal-Euro Med Optimist Regatta.<br><br>Mistenni jibda studju dwar l-*economic impact assessment* tar-Rolex Middle Sea Race. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 266 | Ir-riġenerazzjoni ta' Strada Stretta | Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir | Intlaħaq qbil fuq it-tip ta' lanterni li ser jitwaħħlu fi Strada Stretta u beda x-xogħol. | Bdew jitwaħħlu l-lanterni Vittorjani fi Strada Stretta. | Ġew installati l-lanterni Vittorjani fi Strada Stretta. | | Implimentata |
| 272 | €56 miljun f'kampus ġdid għall-Istitut għall-Istudji Turistiċi fi Smart City li bih se ntejbu l-kwalità fit-tagħlim fil-qasam tal-ospitalità. Ix-xogħol fi Smart City mistenni jibda kmieni fis-sena 2017. | Istitut għall-Istudji Turistiċi | Bdew jiġu abbozzati t-*tenders* għax-xogħlijiet li jinkludu skavar, bini u xogħlijiet ta' *finishings*. | Komplew id-diskussjonijiet mal-partijiet rispettivi dwar is-sit indikat għall-iskop ta' dan il-proġett. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet rispettivi dwar is-sit indikat. | Mistennija titressaq riżoluzzjoni fil-Parlament u jiġu ppubblikati *tenders* għax-xogħlijiet li jinkludu skavar, kostruzzjoni u xogħlijiet ta' *finishings*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 273 | Se tingħata għajnuna fiskali biex ristoranti lokali, b'mod temporanju, jingaġġaw koki b'esperjenza fil-kamp internazzjonali: din l-għajnuna tasal sa massimu ta' €10,000. | Istitut għall-Istudji Turistiċi | Saret laqgħa bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Malta Enterprise fejn ġew stabbiliti l-parametri għal din il-miżura.<br><br>Il-parametri maqbula ttellgħu quddiem il-bord tal-Malta Enterprise. | Bdew il-preparamenti kollha biex din l-iskema tkun tista' titnieda. | L-iskema tnediet u bdew jintlaqgħu l-ewwel applikazzjonijiet. | Mistenni jitkompla l-proċess ta' reviżjoni tal-applikazzjonijiet milqugħa u jintgħażlu l-applikanti eliġibbli. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 274 | Irridu nippromovu l-gżejjer tagħna b'mod aktar modern u konvinċenti biex nolqtu l-kulturi u l-gosti ta' nies ġejjin minn pajjiżi differenti. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Ġiet ippubblikata *Request for Proposals* bl-iskop li tintgħażel aġenzija tal-*marketing* li tkun iffukata fuq kunċett ta' riklamar turistiku għall-gżejjer Maltin fuq medda ta' tliet snin.<br><br>Intlaqgħu s-sottomissjonijiet u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Ġie konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni u ntgħażlet l-aġenzija.<br><br>Bdiet il-ħidma fuq il-fotografija u filmati promozzjonali li ser jintużaw għall-iskop ta' din il-miżura. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' filmati biex jintużaw fil-promozzjoni tal-pajjiż.<br><br>Ittellgħet sensiela ta' *focus groups* fl-Ingilterra, il-Ġermanja u l-Italja fost rappreżentanti tal-operaturi turistiċi kif ukoll selezzjoni xjentifika tal-poplu, bil-għan li jinkisbu rakkomandazzjonijiet u sussegwentement tiġi rfinata l-kampanja promozzjonali. | Mistennija tiġi konkluża u varata uffiċjalment il-kampanja ġdida f'Londra waqt il-fiera World Travel Market. Jibdew jintwerew ukoll ir-riklami l-ġodda. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 275 | Irridu wkoll nagħmlu użu aktar effettiv ta' mezzi kontemporanji ta' komunikazzjoni diġitali li llum għandhom sehem qawwi sew fil-mod kif pajjiż jippożizzjona ruħu aħjar bħala destinazzjoni turistika. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Sar użu regolari tal-midja soċjali u siti elettroniċi min-naħa tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għal skopijiet ta' reklamar u kompetizzjonijiet bi skop ta' promozzjoni għall-gżejjer Maltin. | Tnediet verżjoni ġdida tas-sit tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar biex isir aktar aċċessibbli fuq l-i*smartphones.*<br><br>Ħarġet ukoll sejħa biex issir verżjoni ġdida tas-sit tal-kampanja Apprezza – inizjattiva tal-MTA favur għarfien akbar tal-importanza tat-turiżmu fost it-tfal tal-iskola.<br><br>Ħarġu diversi pubblikazzjonijiet elettroniċi fis-swieq turistiċi ewlenin. | Ġiet varata l-verżjoni l-ġdida tas-sit tal-Festival tal-Logħob tan-Nar.<br><br>Ingħalqet is-sejħa għal verżjoni ġdida tas-sit għall-kampanja Apprezza u ntgħażlet il-kumpanija li ser taħdem fuq is-sit elettroniku.<br><br>Issoktat il-ħidma biex terġa' tibda tiċċirkola b'mod elettroniku *newsletter* tal-MTA. | Mistenni jiġi varat is-sit tal-kampanja Apprezza. Magħha ser ikun varat ukoll ir-raba' ktieb edukattiv ta' Turu għat-tfal.<br><br>Jiġu evalwati s-sejħiet dwar il-ktejjeb fuq il-*quality assurance* u l-istess ktejjeb jiġi ppubblikat. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 276 | Is-sena d-dieħla se nkunu qed nirriformaw il-mod kif jiġu organizzati l-attivitajiet għat-turisti fuq din il-gżira u fl-ibħra ta' madwarha fid-dawl tal-pjan nazzjonali għall-ħarsien tal-ambjent naturali tal-gżejjer Maltin. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Beda l-proċess biex jiġu appuntati nies għall-immaniġġar u ntalbu termini ta' referenza mingħand l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex isir studju tal-*carrying capacity* ta' Kemmuna. Is-sejbiet ta' dan l-istudju se jwasslu biex jitwettqu numru ta' miżuri biex il-gżira tkun immaniġġata bħala *park* nazzjonali fl-isfond tan-Natura 2000 Management Plan. | L-azzjonijiet ta' liċenzjar u kontroll tal-operaturi bdew jiġu segwiti mill-kumitat interim li twaqqaf għall-iskop ta' din il-miżura.<br><br>Ġew appuntati persuni biex jimmaniġġaw il-bajja ta' Kemmuna. Il-kumitat beda jopera skond ir-rekwiżiti tal-pjan nazzjonali.<br><br>Inħarġu l-liċenzji tal-operat tal-*kiosks* u operaturi oħra. | Żdiedu l-azzjonijiet ta' liċenzjar u kontroll tal-operaturi mill-kumitat interim li twaqqaf għall-iskop ta' din il-miżura - azzjonijiet li jinkludu t-tneħħija ta' *deckchairs* u umbrelel mill-Ponta tal-Qawra u l-Bajja tal-Armier.<br><br>Ġew appuntati aktar persuni fil-qasam tas-sigurtà, tindif u moniteraġġ , u twessa' l-ħin tal-operat. Żdiedet ukoll il-frekwenza tat-trasport tal-iskart.<br><br>Tkompla l-istudju tal-*carrying capacity* mill-ERA biex jiġi stabbilit l-impatt fuq numru ta' żoni identifikati. | Mistennija jintemmu l-operazzjonijiet ta' liċenzjar u ta' kontroll u ssir analiżi bir-reqqa tar-riżultati.<br><br>Jitkompla l-moniteraġġ u t-tindif fuq skala żgħira.<br><br>Jintemm l-istudju tal-*carrying capacity.*<br><br>Il-kumitat jiddeċiedi l-azzjonijiet li ser jittieħdu qabel l-istaġun li jmiss għall-immaniġġar ta' Kemmuna, inkluż manutenzjoni.<br><br>Mistennija wkoll tkompli ħidma biex il-gżira ta' Kemmuna tingħata l-istatus ta' *park* nazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 277(a) | (a) Wara diskussjonijiet bejn l-imsieħba konċernati, se nkunu qed inwaqqfu kumitat operattiv immexxi mill-Ministeru tat-Turiżmu u li jinkludi rappreżentanti ta' diversi entitajiet u ministeri biex għall-ewwel darba naħdmu flimkien biex Kemmuna tingħata l-istatus ta' *park* nazzjonali. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Din il-miżura tagħmel parti minn miżura 276. | | | | |
| 277(b) | (b) Il-kumitat se jara wkoll li n-Natura 2000 Management Plan tal-gżejjer ta' Kemmuna jitwettaq. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Din il-miżura tagħmel parti minn miżura 276. | | | | |
| 278 | Matul din is-sena beda l-proċess biex l-istudenti jkunu jistgħu, minn Settembru 2017, jattendu korsijiet li joffri l-Istitut b'kollaborazzjoni ma' dawn l-istituzzjonijiet u li jwasslu għal livell ta' baċellerat bl-unuri. | Istitut għall-Istudji Turistiċi | Beda l-proċess mal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Għolja biex it-tliet *degrees* jiġu akkreditati. Dawn huma: Bachelors Degree in International Hospitality Management (Hons), Bachelor Degree in Culinary Arts (Hons) u Bachelor Degree in Gastronomy (Hons).<br><br>Sar l-iffirmar tal-ewwel ftehim. | Ġew iffirmati żewġ ftehimiet oħra mal-Istitut Paul Bocuse u l-Università ta' Malta. | Bdew jingħataw il-korsijiet li ser iwasslu għal-livell ta' baċellerat bl-unuri. | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 279 | Wara li minn din is-sena bdejna niġbru kontribuzzjoni ta' 50 ċenteżmu fuq kull lejl li turist iqatta' f'pajjiżna, issa se jkun qed jaħdem *trust,* magħmul minn rappreżentanti tal-Gvern u tal-privat, li jkun inkarigat li jagħżel il-proġetti li għandhom jitwettqu bil-flus miġbura minn dawn il-kontribuzzjonijiet. | Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi | Wara diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati, ġie deċiż illi l-aħjar mod kif il-fondi jiġu amministrati huwa billi jitwaqqaf *Management Committee* taħt il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi.<br><br>Beda l-proċess biex dan ikun jista' jsir. | Kompla l-proċess ta' twaqqif ta' *Management Committee* fi ħdan il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi.<br><br>Twettaq xogħol fuq it-toroq ta' Buġibba permezz tal-flus miġbura minn dawn il-kontribuzzjonijiet. | Twaqqaf il-*Management Committee.* | Mistennija jiġu evalwati l-prijoritajiet ta' fejn jistgħu jintefqu dawn il-fondi. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 281 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin bi proġett estensiv biex intejbu s-servizzi u l-faċilitajiet fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi waqt li fl-istess ħin niġġeneraw dħul ġdid. | Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi | Wara li fl-2016 beda l-proġett tat-titjib tas-swali David Bruce u Vassalli, it-tibdil tat-twapet u l-installazzjoni tas-sistema moderna awdjoviżiva ġew finalizzati.<br><br>Ġie aġġudikat it-*tender* għall-forniment u l-installazzjoni ta' apparat elettriku. | Ġew ippubblikati *tenders* għal xogħol ta' restawr fil-Kappella Perellos u għall-konverżjoni tal-kamra tat-tankijiet.<br><br>Ġew abbozzati t-*tenders* għax-xogħol relatat mas-sistema ġdida tal-arja kundizzjonata, ir-riġenerazzjoni tal-bejt inkluż l-installazzjoni ta' żewġ liftijiet, u s-sistema b'teknoloġiji Augmented Reality Holographic Technology, GPS Tracking u Time Windows. | Ġiet installata sistema tal-apparat elettriku.<br><br>Ġew aġġudikati t-*tenders* għax-xogħol ta' restawr fil-Kappella Perellos u għall-konverżjoni tal-kamra tat-tankijiet.<br><br>Ġew aġġudikati wkoll it-*tenders* marbutin ma' sistema ġdida ta' arja kundizzjonata fis-Sala Repubblika u ġew ippubblikati t-*tenders* għar-riġenerazzjoni tal-bejt, inkluż l-installazzjoni ta' żewġ liftijiet. | Jibda x-xogħol ta' restawr fil-Kappella Perellos u għall-konverżjoni tal-kamra tat-tankijiet.<br><br>Jibda x-xogħol fuq is-sistema l-ġdida ta' arja kundizzjonata fis-Sala Repubblika.<br><br>Jibda l-proċess ta' aġġudikazzjoni għat-*tender* tar-riġenerazzjoni tal-bejt, inkluż l-installazzjoni ta' żewġ liftijiet.<br><br>Jiġi ppubblikat it-*tender* tas-sistema b'teknoloġiji Augmented Reality Holographic Technology, GPS Tracking u Time Windows. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 282 | Il-Ministeru għat-Turiżmu, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi u Projects Malta se jvaraw proċessi kompetittivi biex operaturi privati jidħlu fi sħab mal-Gvern u jipprovdu aċċess aħjar għall-ibħra tagħna permezz ta' interventi riversibbli li ma jkollhomx impatt negattiv. | Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi | Saru laqgħat mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex jiġi diskuss il-pjan t'azzjoni ta' din il-miżura. | Bdiet il-ħidma fuq il-pjanti għall-infrastruttura min-naħa tal-perit għall-permessi meħtieġa. | Twettqu studji biex tiġi esplorata l-vijabilità tal-proġett. | Mistennija jiġu esplorati s-siti eliġibbli li jkunu jistgħu jippermettu l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett, anke permezz tal-konsultazzjonijiet neċessarji mal-i*stakeholders* konċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 283 | Se jkun hemm ukoll immaniġġar aħjar tal-bajjiet tagħna; inżidu l-livell ta' sigurtà f'żoni turistiċi prominenti, intejbu l-faċilitajiet sanitarji; u naraw li l-indafa pubblika fil-pajjiż inġenerali tingħata l-attenzjoni li jixirqilha. | Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi | Ġew identifikati erba' bajjiet differenti għall-iskop ta' din il-miżura, liema bajjiet huma Golden Bay, Little Armier, Pretty Bay u Fajtata Bay. Inħarġu sejħiet għall-materjal u s-servizzi neċessarji.<br><br>Ġie ppubblikat *tender* għall-faċilitajiet sanitarji ta' dawn is-siti. | Ġew aġġudikati s-sejħiet rigward il-materjal u s-servizzi neċessarji, u beda x-xogħol fis-siti identifikati.<br><br>Bdiet l-evalwazzjoni fuq it-*tender* għall-faċilitajiet sanitarji ta' dawn is-siti.<br><br>Beda jitfassal pjan estensiv ta' ndafa pubblika għall-*peak season* li jmiss.<br><br>Beda jiġi implimentat ukoll proġett pilota bil-għan li jipprovdi l-preżenza ta' *tourism police* f'Tas-Sliema u San Ġiljan. | Tnediet inizjattiva bil-funzjoni tal-manutenzjoni ta' żoni turistiċi Maltin, u beda jitwettaq xogħol ta' tindif u manutenzjoni f'żoni turistiċi bħall-Mellieħa, Wied il-Għajn, Marsaxlokk u Tas-Sliema fost l-oħrajn.<br><br>Twettaq xogħol fil-bajjiet ta' Golden Bay, Little Armier, Pretty Bay u Fajtata Bay bl-iskop li tiġi pprovduta aċċessibilità aħjar lil persuni b'diżabilità f'dawn iż-żoni.<br><br>Kompliet l-evalwazzjoni għall-faċilitajiet sanitarji ta' dawn is-siti u kompliet tiġi pprovduta l-preżenza ta' *tourism police* f'ċerti żoni turistiċi. | Mistenni jitkompla l-proċess ta' tindif u manutenzjoni f'żoni turistiċi.<br><br>Tibda d-diskussjoni mal-offerenti potenzjali li jkunu ntgħażlu wara l-proċess ta' evalwazzjoni tat-tender marbut mal-*Pre-Qualification Questionnaire* għall-faċilitajiet sanitarji. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 284 | Il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kummissjoni tal-Films qed jaħdmu biex intejbu l-pakkett ta' inċentivi għall-produzzjoni tal-films u nħajru aktar kumpaniji ta' produzzjoni internazzjonali li jiġu jiffilmjaw f'pajjiżna. Dan iservi wkoll ta' reklamar għalina bħala destinazzjoni turistika - dak li jissejjaħ *screen tourism.* | Kummissjoni tal-Films | Beda l-proċess biex tinkiteb *white paper* bil-bidliet li ġew proposti fl-inċentivi fiskali mmirati għas-settur awdjoviżiv. F'dan l-eżerċizzju ġew ukoll riveduti l-linji gwida.<br><br>Tnediet konsultazzjoni pubblika dwar il-bidliet leġiżlattivi neċessarji għal din l-industrija. | Intlaqgħu s-suġġerimenti mingħand il-pubbliku u l-entitajiet konċernati.<br><br>L-inċentivi proposti ġew riveduti skont is-suġġerimenti li ntlaqgħu waqt dan il-proċess. | Intemmet l-aħħar fażi ta' konsultazzjoni mal-i*stakeholders* konċernati, bl-iskop li jiġu attirati iktar kumpaniji ta' produzzjoni lejn Malta permezz tal-introduzzjoni ta' numru ta' inċentivi.<br><br>Il-linji gwida ġew implimentati. | | Implimentata |
| 285 | Se nkunu qed nagħmlu bidliet oħra fil-Malta Film Fund biex ikun aktar effettiv u nagħtu spinta wkoll lill-industrija indiġena tal-iffilmjar. | Kummissjoni tal-Films | Twettqu numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mal-i*stakeholders* ewlenin tal-industrija bil-għan li jsiru l-bidliet neċessarji u l-Malta Film Fund ikun iktar effettiv. Il-bidliet jinkludu t-trasferiment minn sistema ta' applikazzjoni manwali għal waħda kompletament diġitali, iż-żieda fil-baġit allokat għall-fond, kif ukoll żieda fir-rata ta' kofinanzjament. | Ġie varat il-Malta Film Fund 2017 u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | Beda l-proċess ta' reviżjoni tas-sottomissjonijiet biex tiġi evalwata l-eliġibilità tagħhom.<br><br>Intemm il-proċess ta' reviżjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa u tqassmu l-fondi allokati. | Il-miżura tkun implimentata fit-tielet kwart tas-sena. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 286 | Mill-2017 inniedu skema bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet barranin biex dawk li llum jaħdmu fis-settur tal-ospitalità u t-turiżmu isirilhom proċess ta' validazzjoni tal-ħiliet li jkunu kisbu matul is-snin. B'hekk, dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jingħataw ċertifikat akkreditat li bih javvanzaw fil-karriera tagħhom jew ikomplu t-tagħlim f'livelli aktar għolja. | Istitut għall-Istudji Turistiċi | Ġew imħarrġa numru ta' persuni biex jieħdu l-irwol ta' evalwaturi u jivvalidaw il-ħiliet tal-applikanti. Ġie formulat ukoll pjan t'azzjoni fuq din il-miżura. | Tnediet l-iskema u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | Ġew analizzati l-applikazzjonijiet ta' dawk il-ħaddiema li wrew interess f'din l-iskema. | Mistenni jibda l-proċess ta' rikonoxximent biex dawk kollha eliġibbli għall-programm tar-Recognition for Prior Learning jirċievu ċ-ċertifikazzjoni relatata. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 303 | Fl-istess ħin, ninsabu fil-proċess li nidentifikaw post fejn nagħmlu *camping site* ġdida. | Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi | Ġie identifikat sit f'Ta' Qali li ser iservi bħala *camping site* ġdida. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 315 | Se ninkoraġġixxu wkoll il-qasam tal-*homeporting* għax dan hu sors ieħor li bih aktar passiġġieri jiġu f'pajjiżna. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Twaqqaf il-Malta Cruise Forum, u ġie kkummissjonat studju professjonali tal-inħawi madwar it-terminal tal-Valletta Cruise Port biex jibda jsir l-ewwel titjib fl-inħawi.<br><br>Fuq livell internazzjonali bdew kuntatti biex jiġi attirat interess ta' kumpaniji ta' *cruiseliners* ġodda.<br><br>Saret ħidma ta' reklamar fis-Seatrade Cruise Convention f'Fort Lauderdale fl-Amerika. | Twaqqaf *homeporting* ġdid għal kumpanija tal-*cruiseliners* fejn madwar ħamest elef passiġġier qegħdin jaslu f'pajjiżna kull ġimgħa.<br><br>Bdew joperaw ukoll it-TUI Cruises permezz tal-vapur Mein Schiff. | Saret analiżi tas-sitwazzjoni (*peak period*) filwaqt li l-MTA pparteċipat fil-fiera internazzjonali tal-*cruises*, Seatrade Cruise Med, f'Hamburg, il-Ġermanja.<br><br>Sar reklamar f'diversi pubblikazzjonijiet speċjalizzati tal-industrija tal-*cruises*. | Mistennija jsiru laqgħat ma' diversi operaturi tal-*cruises* bil-koperazzjoni tal-Valletta Cruise Port u aġenti Maltin biex jiġi attirat xogħol ġdid.<br><br>Mistenni jsir reklamar f'diversi pubblikazzjonijiet speċjalizzati tal-industrija tal-*cruises* kif ukoll f'midja li tilħaq lill-pubbliku ġenerali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 317 | Bil-Maritime Proof of Concept Fund se nkunu qed ninkoraġġixxu akkademiċi u studenti b'ideat kreattivi u innovattivi li jiksbu appoġġ finanzjarju biex jiżviluppaw l-ideat tagħhom fil-kamp ta' negozju fil-qasam marittimu f'*business concepts.* | Malta Marittima | Ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn Malta Marittima u l-Università ta' Malta rigward l-immaniġġar ta' din l-iskema.<br><br>Ġew ifformulati l-linji gwida rigward l-applikazzjonijiet relatati. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet.<br><br>Ġew milqugħa u evalwati s-sottomissjonijiet rigward din l-iskema. | Saru l-preżentazzjonijiet u ngħataw l-għotjiet għall-ewwel sejħa ta' applikazzjonijiet.<br><br>Sar l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja rigward l-ewwel sejħa ta' applikazzjonijiet.<br><br>Inħarġet it-tieni sejħa għall-applikazzjonijiet u twettqet l-aġġudikazzjoni. | Mistennija ssir il-preżentazzjoni u jitwettqu l-għotjiet għat-tieni sejħa ta' applikazzjonijiet.<br><br>Isir l-iffirmar tal-għotja rigward it-tieni sejħa ta' applikazzjonijiet. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
KULTURA U GVERN LOKALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 100 | Proġett ta' restawr u riabilitazzjoni tan-naħa t'isfel tal-Forti Sant' Iermu | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Saret żjara mill-UNESCO f'Malta fejn fost postijiet oħra żaru dan is-sit u f'rapport esprimew l-opinjoni tagħhom dwar dan il-proġett li jinsab taħt evalwazzjoni. | Il-bord tal-evalwazzjoni fi ħdan il-GHRC li qiegħed jevalwa l-proposta kompla bl-evalwazzjoni tal-proġett waqt li ħa inkonsiderazzjoni l-kummenti tar-rapport tal-UNESCO. | Saru diskussjonijiet bejn il-bord tal-evalwazzjoni u l-Ministeru biex isiru modifikazzjonijiet hekk kif rifless fir-rapport tal-UNESCO. | Il-UNESCO mistennija tagħti l-approvazzjoni tagħha u tiġi konkluża l-evalwazzjoni tal-proposta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 240 | Se nkunu qed nagħtu għajnuna lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ biex jinbena Ċentru Ċiviku ġdid. | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Saret laqgħa mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u ġew ippreżentati l-pjanti mill-Kunsill lill-Awtorità tal-Ippjanar. Fi Frar, id-Dipartiment issottometta l-*Bill of Quantities* tal-proġett, għamel evalwazzjoni tiegħu u assista lill-Kunsill biex jibda l-proċess tad-devoluzzjoni tal-proprjetà. L-Avukat tad-Dipartiment ħejjiet MoU li ġie diskuss mal-Kunsill Lokali bil-għan li jkun iffirmat bħala r-rieda tad-Dipartiment li jgħaddi l-fondi allokati appena l-Kunsill iġib il-permessi u sseħħ id-devoluzzjoni tal-proprjetà. | L-MoU li jirregola din il-miżura ġie ffirmat f'Mejju. | Bdiet tiġi evalwata t-talba għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Hekk kif jinħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, mistennija jingħataw il-fondi lill-Kunsill biex jinbena ċ-Ċentru Ċiviku ġdid. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 243 | Nagħfsu biex aktar prosekuzzjonijiet jitmexxew mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mhux mill-Korp tal-Pulizija. | Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ddiskuta numru ta' fatturi fosthom il-ħtieġa ta' emendi fil-liġi proċedurali, il-mod li bih din il-miżura għandha tiġi estiża u ħtieġa ta' aktar riżorsi umani. Ġiet ippubblikata sejħa biex jiġu ingaġġati *trainee lawyers*. Fi Frar intemm il-proċess tal-għażla biex jiġu ingaġġati t-*trainee lawyers* mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | L-avukati l-ġodda ġew ingaġġati u ngħataw taħriġ bi preparazzjoni tal-ewwel seduti fil-Qrati tal-Maġistrati. | | | Implimentata |
| 244 | Inwaqqfu reġistru elettroniku ta' kumpaniji jew persuni dikjarati insolventi. | Qrati tal-Ġustizzja | Saret talba għal fondi Ewropej. Saru diversi laqgħat fejn ġiet diskussa d-*data* li skont ir-regolamenti tal-UE għandhom jidħlu f'dan ir-reġistru. | Esperti fil-qasam tal-IT mill-MITA u l-MFSA bdew jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' dan ir-reġistru. | Sar ix-xogħol min-naħa tal-MITA u l-MFSA biex iż-żewġ sistemi jiġu sinkronizzati. | Mistennija jsiru t-testijiet fuq l-integrazzjoni tad-*data*, jiġi assigurat li s-sistema taħdem u ż-żewġ reġistri jitpoġġew onlajn. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 245 | Inkomplu nsaħħu l-medjazzjoni bħala mod alternattiv biex wieħed jirriżolvi t-tilwim. | Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta | Fi Frar, l-Att ġie approvat mill-Parlament wara li kien sar l-Ewwel Qari tal-liġi li temenda l-Att Dwar il-Medjazzjoni. Saru laqgħat mal-MITA dwar kif ser tiġi aġġornata s-sistema tal-informatika tal-Qorti fid-dawl tal-emendi approvati għat-tisħiħ tal-medjazzjoni. | F'laqgħat mal-MITA dwar is-sistema tal-informatika ġew diskussi l-emendi tekniċi. | Sar l-ittestjar tas-sistema, inklużi l-emendi tekniċi. | L-aġġornament fis-sistema tal-informatika tal-Qorti mistenni jidħol fis-seħħ. | Implimentata |
| 246 | Inkomplu nżidu l-ammont ta' atti ġudizzjarji li jistgħu jiġu ppreżentati onlajn. | Qrati tal-Ġustizzja | Saru diskussjonijiet mal-MITA biex jiġi stabbilit liema atti jistgħu jiġu ppreżentati onlajn (*eFiling*). | Sar ix-xogħol tekniku min-naħa tal-MITA u ġew identifikati l-atti li se jiddaħħlu fis-sistema. | Tlesta l-programm li bih l-avukati u l-prokuraturi legali jkunu jistgħu jippreżentaw onlajn ir-rikors promotur fil-Qorti tal-Maġistrati. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 247 | Fl-2017 se nżidu tliet awli ġodda fil-bini tal-Qorti biex l-ammont ta' awli ntellgħuh għal 27.<br><br>(a) Awla fit-tieni sular<br>(b) Żewġ awli fit-tielet sular | Qrati tal-Ġustizzja | (a) Tlestiet l-awla wara li sarulha xi bidliet fuq fejn ipoġġi l-ġudikant.<br><br>(b) Il-perit tal-Qorti lesta l-pjanti u ntbagħat dokument tat-*tender* lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-evalwazzjoni u l-pubblikazzjoni. Id-Dipartiment talab xi kjarifiki u emendi li tlestew, bit-*tender* jiġi approvat. | (b) Id-Dipartiment tal-Kuntratti ppubblika t-*tender* għall-bini ta' dawn iż-żewġ awli. Wara li għalaq it-*tender*, ir-rapport tal-evalwazzjoni taż-żewġ offerti li daħlu ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni. | (b) Il-kuntratt ġie approvat mid-Dipartiment tal-Kuntratti u beda x-xogħol. | (b) Mistenni jitlesta x-xogħol u tiġi installata l-għamara. | Implimentata |
| 248 | Nagħmlu faċilitajiet infrastrutturali oħra bħal librerija u *training room* ġdida. | Qrati tal-Ġustizzja | Saru xogħlijiet infrastrutturali, xogħol tal-elettriku u tal-għamara, kemm għal-librerija kif ukoll għat-*training room*. | Ix-xogħol fil-librerija tlesta u l-kotba ġew trasferiti mil-librerija l-antika għall-ġdida. | | | Implimentata |
| 249 | Se nistudjaw bis-serjetà wkoll jekk wasalx il-mument li f'pajjiżna jkollna mill-ġdid sezzjoni tal-kummerċ fi ħdan il-Qorti Ċivili. | Qrati tal-Ġustizzja | Tħejja abbozz ta' liġi li ġie diskuss internament bejn il-membri tal-grupp ta' ħidma responsabbli minn din il-miżura. | L-abbozz ta' liġi ħareġ għall-konsultazzjoni pubblika u ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Gvern u l-konsultazzjoni tagħlaq f'Lulju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 250 | Se nkomplu nsaħħu l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali u nwettqu l-wegħda tagħna li jiġi assenjat imħallef biex iservi fil-Qorti ta' Għawdex. | Qrati tal-Ġustizzja | Saru l-preparamenti biex il-persuna magħżula bħala Avukat Kap tal-Għajnuna Legali tieħu l-pożizzjoni tagħha. Ġie mħejji u diskuss internament abbozz għall-amendi fil-Kapitlu 9 u Kapitlu 12 dwar l-għajnuna legali. Saru wkoll taħditiet mal-amministraturi tal-Qorti dwar l-emendi f'dawn il-kapitli. Dawn l-emendi għandhom jiġu riveduti mill-Avukat Kap tal-Għajnuna Legali kif jiġi appuntat.<br><br>L-abbozz ta' liġi li jaħseb għal imħallef biex iservi fil-Qorti ta' Għawdex ġie ppreparat u ppubblikat. | L-Avukat Kap tal-Għajnuna Legali ġie appuntat. L-istruttura tal-aġenzija ġiet approvata. Saru diskussjonijiet mal-avukati tal-Għajnuna Legali dwar kif għandu jitjieb is-servizz u tissaħħaħ l-aġenzija.<br><br>Il-proċess leġiżlattiv kellu jieqaf minħabba li l-Parlament ġie xolt. | Tkomplew diskussjonijiet mal-avukati tal-Għajnuna Legali dwar kif l-aġenzija tista' ssaħħaħ is-servizz. | Mistennija jibdew jinħarġu s-sejħiet għal postijiet vakanti biex mill-2018 l-aġenzija tibda tipprovdi servizz aħjar.<br><br>Mistennija wkoll il-pubblikazzjoni ta' abbozz ġdid għal Imħallef f'Għawdex. | Fil-proċess tiġi implimentata. |
| 251 | Se nkomplu nżidu r-riżorsi u ntejbu iktar il-faċilitajiet eżistenti fil-Qorti tal-Familja. | Qrati tal-Ġustizzja | Ġie identifikat il-post fejn ser jiġi trasferit ir-Reġistru tal-Qorti tal-Familja u saru l-pjanti mill-perit. Id-dokument tat-*tender* tlesta u ġie ppubblikat. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti u ntgħażlet l-offerta l-aktar vantaġġjuża. Ġie ffirmat il-kuntratt bejn il-kuntrattur u d-Dipartiment. | Beda x-xogħol fuq is-sit li se jilqa' l-Qorti tal-Familja. | Mistenni jitlesta x-xogħol kollu u jsir it-trasferiment mir-Reġistru preżenti għar-Reġistru l-ġdid. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 252 | Biex il-Kunsilli Lokali jkollhom aktar riżorsi, aħna nibqgħu kommessi li fondi li kienu jintefqu kieku jsiru elezzjonijiet lokali fl-2017 għandhom igawdu minnhom dawn l-istess kunsilli. Għal dan il-għan qed nipprogrammaw biex, fil-*medium term*, l-allokazzjoni ta' kull sena għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali tkun tirrifletti wkoll fondi ffrankati minħabba l-fatt li dawn l-elezzjonijiet issa mhux se jsiru. | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Il-fondi ġew allokati lill-Kunsilli Lokali bħala parti mill-allokazzjoni b'enfasi fuq l-indafa u l-manutenzjoni tat-toroq | | | | Implimentata |
| 253 | Fl-2017 il-LESA se tkompli ssaħħaħ il-kampanji tagħha għal tagħlim fis-sewqan u sewqan aħjar. | Local Enforcement Systems Agency | Saru tmien sessjonijiet fi skejjel tal-Istat għal studenti ta' bejn erbgħa u għaxar snin. Għal dawn il-sessjonijiet attendew 1,137 student. Tqassmu ċertifikati lil kull student.<br><br>L-għan prinċipali wara din il kampanja huwa li minn ċkunithom tfal u studenti żgħar jitgħallmu jagħrfu r-responsabbiltajiet fejn tidħol sigurtà fit toroq. | Saru sitt sessjonijiet fi skejjel tal-Istat u laqgħa oħra għal studenti fl-MCAST. L-attendenza kienet ta' 431 u 105 studenti rispettivament. Ingħata ċertifikat ta' tifkira.<br><br>Inżammu erba' laqgħat fil-Kunsilli Lokali u laqgħa oħra għall-anzjani.<br><br>Ġie pprovdut ukoll materjal edukattiv ta' informazzjoni. | Tkomplew is-sessjonijiet ta' edukazzjoni. | Mistennija jitkomplew is-sessjonijiet ta' edukazzjoni. Mistennija jsiru wkoll laqgħat mal-Kunsilli Lokali biex titkompla l-kampanja edukattiva dwar sewqan aħjar. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 254 | Se tkun qiegħda wkoll timxi fuq riforma fil-kastigi ta' min jikser il-liġijiet tas-sewqan b'mod li fil-każ ta' kontravenzjonijiet minuri għal darba waħda biss jinħareġ *warning ticket* minflok multa. | Local Enforcement Systems Agency | Bħala proċedura li tingħata twissija, fost l-oħrajn, din bdiet fuq istanzi ta' parkeġġ illegali, vettura mhux tajba għat-triq u l-liċenzja mhux imħallsa, li fuqhom bdew jinħarġu *warning tickets* flok multi. | Il-proċedura ta' *warning tickets* għall-każijiet diġà msemmija tkompliet matul it-tieni kwart tas-sena. | | | Implimentata |
| 255 | Fl-istess ħin il-LESA se tkun qed tieħu ħsieb b'aktar qawwa l-inforzar ta' reati ambjentali. | Local Enforcement Systems Agency | Saru numru ta' żjarat fil-Kunsilli Lokali bi tħejjija għall-kordinament ta' numru ta' spezzjonijiet fil-lokalitajiet rispettivi. | Komplew l-ispezzjonijiet fid-diversi lokalitajiet. | Tkomplew l-spezzjonijiet fid-diversi lokalitajiet waqt li bdew diskussjonijiet mad-Direttorat tat-Tindif u Manutenzjoni biex ikun hemm kordinament aħjar. | Mistennija jitkomplew l-ispezzjonijiet u jitħejja pjan ta' azzjoni bejn il-LESA u d-Direttorat tat-Tindif u Manutenzjoni għas-sena li ġejja. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 256 | Bħala parti mill-proċess ta' moniteraġġ wara li għaddejna l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti, fl-2017 se titqabbad ditta ta' awdituri professjonali li, b'mod indipendenti, tkun qed tiskrutinizza d-donazzjonijiet lil dawn il-partiti. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Wara li saru konsultazzjonijiet mal-Awdituri tal-Kummissjoni u mal-Avukat Ġenerali, ġiet finalizzata t-*template* tad-donazzjonijiet. Din intbagħtet lill-Avukat Ġenerali biex tiġi approvata bħala Avviż Legali. Ġiet ingaġġata kumpanija ta' awdituri bil-għan li tiskrutinizza r-rapporti tad-donazzjonijiet. Il-kumpanija bdiet tagħmel ix-xogħol tagħha ta' skrutinju. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 257 | Din is-sena stess se nkunu qed immexxu 'l quddiem liġi ġdida li se ddaħħal skrutinju fuq il-ħatra ta' *chairpersons* ta' awtoritajiet ewlenin u ta' ambaxxaturi bl-involviment sħiħ ta' dan il-Parlament. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Il-liġi ġiet abbozzata u diskussa fil-Kabinett tal-Ministri. | Wara approvazzjoni mill-Kabinett, l-abbozz li għandu jemenda l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika għadda għall-Ewwel Qari fil-Parlament. | L-Ewwel Qari sar f'Lulju. | Il-liġi mistennija tgħaddi mill-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 258 | Se nwaqqfu Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Arti li bih ser nagħtu għotjiet lil artisti u professjonisti fl-oqsma kulturali u kreattivi. | Kunsill Malti għall-Arti | Il-Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza twaqqaf u ser ikun ibbażat fuq tliet programmi. Inkitbu l-abbozzi tat-tliet programmi li fuqhom ser jiġu bbażati t-tliet taqsimiet, ġew ikkonfermati d-dati meta ser jiġu varati l-programmi u ġie kkummisjonat id-disinn tal-Premju għall-Arti. | Għall-programm tal-Professional Development Grant saret l-ewwel evalwazzjoni tal-fond.<br><br>Dwar il-programm taż-żgħażagħ, imsejjaħ Artivisti, tlestew il-linji gwida u bdew il-preparamenti għat-tnedija tal-programm u ġie varat f'Ġunju.<br><br>Għat-tielet programm, li hu l-Premju għall-Arti, tlestew il-linji gwida biex jinfetħu l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet u kif ukoll tlestiet l-iskultura għat-trofew bil-ħsieb li f'Settembru jinfetħu l-applikazzjonijiet għan-nomini. | Ingħalqet l-ewwel sejħa tal-Professional Development Grant. F'Lulju kien hemm it-tieni sejħa tal-programm. Saru l-evalwazzjonijiet u nfetħet sejħa oħra. It-tieni programm, imsejjaħ Artivisti, ġie varat f'dan il-kwart. It-tielet programm, li hu l-Premju għall-Arti, tnieda f'Settembru. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa tal-Professional Development Grant. Mistennija jsiru evalwazzjonijiet tal-programm Artivisti, issir l-għażla u jinbeda l-programm ta' sena għaż-żgħażagħ li ntgħażlu biex jiffurmaw parti minn dan il-programm. Se jsiru wkoll l-evalwazzjonijiet tal-Premju għall-Arti bin-nominazzjonijiet finali jitħabbru f'Diċembru. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 259 | Se naħdmu biex aktar minn ħamsin teatru lokali f'Malta u f'Għawdex jiġu żviluppati u jservu għal provi u produzzjonijiet artistiċi. B'hekk sidien privati ta' dawn l-ispazji jistgħu b'mod indipendenti joħolqu pjanijiet strutturali għall-bini u għall-potenzjal artistiku tagħhom. L-għan huwa li tinħoloq skema ta' investiment biex dawn l-ispazji, uħud minnhom storiċi, jiġu żviluppati bħala spazji għal attività artistika. | Kunsill Malti għall-Arti | Tlestiet il-pubblikazzjoni li permezz tagħha 73 teatru ddaħħlu fl-ewwel reġistru tat-tip tiegħu. Ġew organizzati żjarat fi 18-il teatru, li bdew f'April, għal produtturi artistiċi biex jgħinuhom jagħżlu spazji ġodda għall-produzzjonijiet tagħhom. Din il-pubblikazzjoni u dawn l-attivitajiet huma maħluqa biex iżidu l-informazzjoni u l-interess għall-investiment sew finanzjarju u anke artistiku. | Bdew numru ta' attivitajiet li laqqgħu *producers* u diretturi tat-teatru f'numru ta' teatri f'reġjuni differenti biex jiżdied l-interess u l-opportunitajiet f'dawn it-teatri. Bdew diskussjonijiet ma' teatri differenti biex naraw kif dawn jistgħu jservu ta' pjattaforma għall-komunitajiet u għall-inizjattivi teatrali. Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar kif jista' jkun hemm xi forma ta' skema ta' investiment f'teatri interessati. | Tkomplew diskussjonijiet ma' teatri differenti u mal-Ministeru tal-Finanzi biex jiġi stabbilit kif se jiżdied l-investiment f'teatri interessati. | Wara li se jkunu saru diskussjonijiet mal-i*stakeholders*, hu maħsub li jsiru proposti dwar kif l-iżvilupp fuq dan il-proġett għandu jsir. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 260 | Wara d-*demerger* tal-MEPA f'żewġ awtoritajiet separati, ir-rwol u l-operat tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fil-ħarsien tal-wirt storiku ngħataw aktar importanza. Għal dan il-għan, matul is-sena li ġejja se nagħtu iżjed riżorsi lis-Sovrintendenza biex taħdem aħjar. | Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali | Ġew allokati fondi mill-Baġit 2017 tas-Sorvintendenza għall-impjieg ta' uffiċjali ġodda. | Beda l-proċess tal-għażla għall-ingaġġ tal-uffiċjali l-ġodda. | Tkompla l-proċess tal-għażla għall-ingaġġ tal-uffiċjali ġodda mis-sejħa preżenti li kienet miftuħa għal uffiċjali pubbliċi. | Mistenni l-ingaġġ tal-uffiċjali l-ġodda. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 261 | Ser inħarrxu l-ġlieda kontra s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, filwaqt li ngħollu l-pieni għas-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Tressaq quddiem il-Parlament l-abbozz li jemenda l-ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku li jkopri l-ġlieda kontra s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u l-pieni marbuta magħhom. | L-abbozz ta' liġi għadda mill-Parlament u ġie ppubblikat. | Bdiet ħidma fuq is-sistema tal-informatika min-naħa ta' Transport Malta. | L-implimentazzjoni tal-liġi mistennija tidħol fis-seħħ sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |
| 262 | Indaħħlu s-sistema tal-punti għas-sewwieqa kollha. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Tressaq quddiem il-Parlament l-abbozz li jemenda l-ordinanza dwar ir-regolamenti tat-traffiku. | L-abbozz ta' liġi għadda mill-Parlament u ġie ppubblikat. | Bdiet ħidma fuq is-sistema tal-informatika min-naħa ta' Transport Malta. | L-implimentazzjoni tal-liġi mistennija tidħol fis-seħħ sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |
| 264 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Fost dawn insibu l-Mużew il-Ġdid tal-Arti (MUŻA) fil-Berġa tal-Italja. | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Beda xogħol ta' restawr fil-binja u tlesta r-restawr tal-faċċata li tagħti għal fuq Pjazza de Valette. L-MTA ħarġu mill-binja biex b'hekk seta' jkompli x-xogħol ta' brix manwali tal-ħitan fil-partijiet li kienu qed jokkupaw. Xogħol fuq għamara u interpretazzjoni għaddej separatament. | Tkompla x-xogħol fil-binja u beda xogħol strutturali fuq soqfa, aperturi u fuq il-faċċata ta' Triq Żakkarija. Tlestiet il-faċċata ta' Pjazza de Valette u beda xogħol fuq il-faċċata ta' Triq Żakkarija. Kompla għaddej xogħol fuq l-għamara u l-interpretazzjoni. | Tkompla x-xogħol ta' restawr fil-binja u fuq il-faċċata li tagħti fuq Triq Żakkarija. Ġie ppubblikat it-*tender Preliminary Market Consultation: MUZA open storage facilities*. Kompla għaddej ix-xogħol fuq l-għamara u l-interpretazzjoni. | Ix-xogħol ta' restawr mistenni jidħol fl-aħħar fażijiet tiegħu, jinbeda x-xogħol tal-*finishes* u jinbeda x-xogħol tal-faċċata ta' Triq Melita. Mistenni jinħareġ it-*tender* fuq ix-xogħol ta' disinn tal-kantuniera u Pjazza De Valette, waqt li jitkompla x-xogħol fuq l-għamara u l-interpretazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 265 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Il-Valletta Design Cluster fil-Biċċerija l-Antika | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Saret ħidma fuq *tenders* tal-inġinerija, *civil works* u servizzi. Tnediet is-sejħa għal *project officer.* Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar bidliet fid-disinn tal-proġett u saru aktar kollaborazzjonijiet artistiċi. | Ġie aġġudikat it-*tender* għas-servizzi tal-inġinerija tal-Valletta Design Cluster. Id-dokument tat-*tender* għas-*civil works* ġie finalizzat u ġie kkordinat mad-Dipartiment tal-Kuntrattif. Kompla għaddej ix-xogħol fuq it-*tender* tas-servizzi. L-art ġiet trasferita lill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Saru kollaborazzjonijiet kulturali wkoll ma' artisti u organizzazzjonijiet Maltin u barranin. Mill-aspett ta' inizjattivi kulturali, il-Valletta Design Cluster kien attiv b'attivitajiet edukattivi li jolqtu żgħażagħ b'potenzjal ta' karriera fid-disinn, kif ukoll fi proġetti artistiċi li jlaqqgħu artisti Matin u oħrajn internazzjonali, fosthom mill-Ġappun, il-Ġermanja u bosta pajjiżi oħra speċjalment minn madwar id-Mediterran. | Tnieda t-*tender* għas-*civil works* u ġie finalizzat l-abbozzar tat-*tender* tas-servizzi. Tkompla x-xogħol mill-kuntrattur tal-konsulenza tal-inġinerija. Ġie ingaġġat il-*project officer* il-ġdid tal-proġett. Tlestew il-preparamenti għall-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar parti tax-xogħlijiet li jinħtieġu permess. Tkompla l-programm kulturali, b'kollaborazzjonijiet varji ma' artisti lokali u barranin. | Mistennija tiġi evalwata u finalizzata l-għażla tal-kuntrattur għall-kuntratt tas-*civil works*. Jitnieda l-kuntratt tas-servizzi. Tiddaħħal l-applikazzjoni l-ġdida marbuta mal-permess tax-xogħol fuq il-bejt tal-binja għand l-Awtorità tal-Ippjanar. Jitkompla x-xogħol mill-kuntrattur tal-inġinerija u jitkompla l-programm kulturali tal-proġett. Jitnieda l-pjan ta' komunikazzjoni tal-proġett sħiħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 268 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Ir-riabilitazzjoni tal-Knisja tal-Ġiżwiti | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-bejt tal-knisja, il-koppla u l-kampnar. Beda x-xogħol fuq il-faċċata ta' wara tal-Knisja tal-Ġiżwiti. Ġie ffirmat il-kuntratt għax-xogħol tar-restawr tal-faċċati tal-bitħa tal-Università l-Qadima u beda x-xogħol fuq faċċata minnhom. Beda xogħol fuq parti mill-faċċata ma' Triq l-Arċisqof u l-faċċata tal-knisja fuq Triq Merkanti. | Tlesta x-xogħol fuq il-koppla, il-kampnar u s-saqaf tal-knisja. Tkompla x-xogħol fuq il-faċċata ta' wara tal-knisja. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq il-faċċata tal-knisja fi Triq Merkanti u mal-faċċati tal-bitħa tal-Università l-Qadima. Fuq il-faċċata man-naħa ta' Triq l-Arċisqof ix-xogħol fuq il-parti ta' fuq tlesta u saru l-interventi fuq ġebel tal-partijiet ta' isfel. Saru wkoll xogħlijiet fuq l-aperturi. Ix-xogħol fuq il-faċċata ta' Triq Merkanti beda u x-xogħol fuq is-sulari ta' fuq tlesta wkoll. Bdiet tintrama t-tielet faċċata ta' ma' Triq San Kristofru. | Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċati tal-knisja u fuq dawk tal-bitħa tal-Università l-Qadima. | Mistenni jitlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċati tal-knisja u fuq dawk tal-bitħa tal-Università l-Qadima. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 269 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Il-Mużew il-Ġdid tal-Arti Kontemporanja | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Sar xogħol ta' restawr tas-swar taż-żona tal-Ospizio u San Salvatore fil-Furjana, jiġifieri fil-madwar tas-sit magħżul għall-Mużew. Ġiet konkluża l-aġġudikazzjoni tat-*tender* għal *Integrated Design Team* biex jassisti fit-twettiq tal-Mużew u r-rapport bir-rakkomandazzjoni ġie riferut lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Tlesta x-xogħol ta' riabilitazzjoni fuq l-uffiċini li se jintużaw bħala bażi waqt it-twettiq tal-bini tal-Mużew. | Tkompla x-xogħol fuq ir-restawr tas-swar u riabilitazzjoni tal-aċċessi. Ġie ffirmat kuntratt għas-servizz tal-*Integrated Design Team*. Saret l-ewwel laqgħa mal-kuntrattur fejn fiha ġie diskuss il-pjan ta' xogħol għall-ħruġ ta' *tenders* tal-kostruzzjoni tal-Mużew. | Tkompla x-xogħol tat-*tender* dwar is-servizzi. Tkompla x-xogħol fuq ir-restawr tas-swar u riabilitazzjoni tal-aċċessi. | Mistenni jiġi ppubblikat it-*tender* għad-*Design and Build*. Jitkompla x-xogħol fuq ir-restawr tas-swar u riabilitazzjoni tal-aċċessi filwaqt li ser jinħareġ ukoll *tender* għall-*branding* tal-Mużew il-Ġdid tal-Arti Kontemporanja. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 270 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Il-faċċata ta' barra tat-Teatru Manoel | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | Saret evalwazzjoni mill-periti u t-tekniċi biex jaraw x'inhu x-xogħol li għad baqa' jsir fuq il-faċċata tat-teatru li issa daħal fl-aħħar fażi tiegħu. Dan sar ukoll b'rabta ma' xogħlijiet oħrajn li ser ikunu għaddejjin fuq ġewwa b'fondi tal-Unjoni Ewropea. | Tħejja dokument tat-*tender* tal-faċċata tat-teatru biex ikun jista' jiġi ppubblikat fit-tielet kwart tas-sena. Dan bil-ħsieb li x-xogħol fuq il-faċċata jkun koordinat ukoll ma' dak tal-proġett Ewropew għal inqas inkonvenjent. | Inħarġet għall-pubbliku s-sejħa għall-offerti biex isir restawr u rikostruzzjoni tal-aħħar fażi tal-faċċata tat-Teatru Manoel li tinkludi wkoll restawr tal-bibien tat-teatru. | Mistenni jintgħażel il-kuntrattur biex isir ix-xogħol fuq il-faċċata. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 271 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.<br><br>Ir-restawr tal-faċċata ta' Palazzo Ferreria u Palazzo Castellania | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | a) Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata kollha fi Triq ir-Repubblika bit-tindif, tiswija, tibdil u konsolidazzjoni ta' diversi elementi maħduma fil-ġebel, ħadid fondut u injam. L-evalwazzjoni tat-tender ta' Triq l-Ordinanza ġiet konkluża u saru r-rakkomandazzjonijiet biex jingħata t-*tender.*<br><br>b) Saru laqgħat fuq ir-restawr u t-tip ta' interventi fuq materjali u elementi arkitettoniċi varji biex it-*tender* tar-restawr tal-faċċata ta' Palazzo Castellania fuq Triq Merkanti tlesta. It-*tender* ġie ppubblikat u beda jiġi evalwat. | a) Tlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata kollha fi Triq ir-Repubblika għajr għal parti mill-faċċata fil-livell tat-triq. Inbeda x-xogħol fuq il-faċċata ta' Triq l-Ordinanza. It-*tender* għar-restawr tal-faċċati ta' Triq Nofsinhar u Triq id-Dejqa kellu jiġi aġġornat biex jinkorpora fih dettalji ta' servizzi.<br><br>b) Ix-xogħol tar-restawr tal-faċċata ta' Palazzo Castellania fuq Triq Merkanti nbeda. It-*tender* għal xogħol ta' restawr tal-faċċata fuq Triq San Ġwann ġie ppubblikat. | a) Ġie inawgurat il-proġett tar-restawr tal-faċċata ta' Triq ir-Repubblika f'Settembru 2017. Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata ta' Triq l-Ordinanza u ġie ppubblikat it-*tender* għar-restawr tal-faċċati ta' Triq Nofsinhar u Triq id-Dejqa.<br><br>b) Tkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata ta' Triq il-Merkanti u fuq il-faċċata ta' Triq San Ġwann. Saru l-evalwazzjoni u l-għoti ta' kuntratt ta' restawr fuq il-faċċata tal-ġenb fi Triq San Ġwann. | a) Mistenni jitlesta x-xogħol ta' restawr fuq żewġ terzi mill-faċċata ta' Triq l-Ordinanza. Isiru l-evalwazzjoni u l-għoti ta' kuntratt għax-xogħol ta' restawr fuq il-faċċati ta' Triq Nofsinhar u Triq id-Dejqa u mistenni jibda x-xogħol ta' restawr fuq l-istess faċċati.<br><br>b) Mistenni jitlesta l-ewwel nofs u joqrob lejn tmiemu x-xogħol ta' restawr fuq Triq il-Merkanti. Jitkompla x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata ta' Triq San Ġwann. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 280 | Dawn il-proġetti se jkunu implimentati mill-aġenzija l-ġdida li se tkun qed tieħu ħsieb id-dehra ġenerali tal-gżejjer Maltin u li se tkun qed tamministra wkoll dawn il-fondi. B'hekk, inkunu qed nagħtu wkoll rwol akbar lis-settur privat fl-immaniġġar u t-tisbiħ tal-pajjiż. | Dipartiment tal-Indafa u Manutenzjoni | Saru diskussjonijiet dwar l-operat preżenti tad-Dipartiment tal-Indafa u l-Manutenzjoni u dwar kif se jissaħħu s-servizzi pprovduti. | Bdiet issir riċerka dwar inizjattivi ġodda, ir-riżorsi umani u l-makkinarju meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tad-dipartiment. | Saru diskussjonijiet bejn il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar it-trasferiment tad-Dipartiment tat-Tindif u Manutenzjoni għal mal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Ġew preparati l-pjanijiet għar-riżorsi umani neċessarji biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet il-ġodda li se jerfa' dan id-direttorat fl-operat tiegħu. | Mistennija tkompli l-ħidma biex sal-aħħar tas-sena d-Direttorat jissaħħaħ fuq il-livelli meħtieġa biex ikun jista' jwettaq l-impenn tiegħu fil-proġetti ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-pajjiż. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 287 | Fl-2017 irridu wkoll nestendu l-proġett pilota tas-sistema ġdida tal-informatika fil-kamp kriminali. | Local Enforcement Systems Agency | Bdiet tinbena sistema tal-informatika biex tkun tista' tħaddem l-awli sal-aħħar ta' Diċembru. Inbdew ukoll diskussjonijiet mal-MITA biex issir l-integrazzjoni ta' din is-sistema tal-informatika mal-ECAM fl-awli. | Tkompla x-xogħol fuq il-proġett pilota bl-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida fl-awla fil-kamp kriminali, li jittratta l-kawżi tal-Pulizija tad-Distrett. Ingħata taħriġ lid-Deputat Reġistratur tal-istess Maġistrat fuq is-sistema l-ġdida. Iddaħħlu reati ġodda fis-sistema tal-proġett pilota. Inbeda l-proċess li titħaddem is-sistema l-ġdida li permezz tagħha n-notifiki jintbagħtu bil-posta u mhux direttament mill-Pulizija. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP
SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 112 | Xogħol simili se jkun qed isir ukoll fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. | PARKS | Ġiet ippreparata u sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiġi restawrat il-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta. Saru diskussjonijiet mal-MCAST, il-kunsill lokali tal-Mosta, kif ukoll iċ-*chairperson* tal-Malta Embellishment and Landscaping Project (MELP). Dawn it-tliet organizzazzjonijiet għandhom l-intenzjonijiet tagħhom għal dan il-ġnien; b'hekk ser issir laqgħa mal-i*stakeholders* kollha sabiex jitfassal pjan ħolistiku. Ġie deċiż li l-Environmental Landscaping Consortium (ELC) jieħu ħsieb is-*soft areas* u l-irrigazzjoni għal dan il-ġnien. | Kompla l-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Bdew jiġu abbozzati sejħiet ta' offerta għal xogħol li ser isir fil-ġnien. Beda t-tħawwil ta' siġar fil-ġnien u tlestew ix-xogħlijiet ta' restawr ta' ħitan u bankini. | Bdiet ħidma dwar il-ħruġ ta' permessi għar-*railings*, *park furniture* u dawl, filwaqt li komplew il-proċeduri għall-permessi tar-restawr tas-sur. Sadattant tlesta x-xogħol tal-ħitan, inbeda xogħol ta' tiswija fuq il-ġibjun eżistenti u tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni tal-passaġġi. Inħarġet sejħa għall-offerti biex ikunu installati bankijiet, *bins* u *railings*. | Mistennija titlesta l-installazzjoni ta' *railings*, bankijiet, *bins* u *picnic* tables. Ikomplu l-proċeduri għall-permessi tar-restawr tas-sur u t-tiswija tal-ġibjun tal-ilma eżistenti u tal-manutenzjoni tal-passaġġi. Wara li jinħarġu l-permessi meħtieġa, jibda r-restawr tas-sur, isiru preparamenti għall-installazzjoni tas-sistema tad-dawl, u jibda t-tħawwil ta' siġar u arbuxxelli. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 288 | Fl-2017 din l-awtorità se tkun qed timbarka fuq għadd ta' proġetti parzjalment finanzjati mill-Unjoni Ewropea, fosthom dawk tal-moniteraġġ tal-ambjent marittimu. | ERA | Ġie ffirmat il-kuntratt għall-użu ta' fondi Ewropej mill-Programm tal-EMFF. B'riżultat ta' dan, ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal programm ta' moniteraġġ marittimu u ġew sottomessi żewġ offerti, li bdew jiġu evalwati.<br>Sar xogħol għall-applikazzjonijiet għall-użu tal-fondi mill-Cooperation Programme Interreg V-A Italy-Malta għall-proġetti bl-isem Marine Meeter u Harmony. Is-sieħeb ewlieni tal-Marine Meeter huwa l-Consiglio Nazionale delle Ricerche - Istituto per l'Ambiente Marino Costiero Sede di Messina – IAMC, filwaqt li dak tal-Harmony huwa l-UNIPA (Università di Palermo). | Intgħażel il-kuntrattur offerent rebbieħ għas-sejħa li saret dwar il-moniteraġġ tal-ambjent marittimu, u ġie diskuss u ffirmat il-kuntratt miegħu biex tibda l-implimentazzjoni tal-proġett.<br><br>Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet tal-Marine Meeter u Harmony u bdew l-evalwazzjonijiet ta' dawn il-proġetti. | Rigward il-proġett dwar l-ambjent marittimu, tkompliet l-implimentazzjoni tal-programm ta' moniteraġġ u l-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni dwar il-proġett. | Mistennija titkompla l-implimentazzjoni tal-programm ta' moniteraġġ dwar l-ambjent marittimu, u jibqa' għaddej il-proċess t'appell dwar l-eliġibilità tal-proġett tal-Marine Meeter. Dwar il-proġett Harmony, mistennija ssir il-preparazzjoni tal-implimentazzjoni għalih. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 289 | Fl-2017 se nwaqqfu Advisory Committee biex insaħħu l-leġiżlazzjoni u l-inforzar fir-rigward ta' rimi abbużiv tal-iskart fi spazji pubbliċi. Hawn tinħass il-ħtieġa ta' inforzar aktar b'saħħtu u ta' pieni aktar iebsa ma' min jabbuża u emendi fil-leġiżlazzjoni f'dan is-sens se jkunu qed jidħlu fis-seħħ is-sena d-dieħla, bl-għan aħħari jkun dak ta' struttura u sistema ta' prosekuzzjoni dedikati biss għal reati ambjentali kif hemm f'pajjiżi oħra. Fl-istess waqt se nkomplu għaddejjin bir-riformi legali neċessarji relatati max-xiri mis-Servizz Pubbliku ta' prodotti sostenibbli (*green public procurement*) u nwettqu miżuri marbuta mal-kunċett ta' ekonomija li tirrispetta l-ambjent (*green economy*). | Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima | Dwar it-twaqqif tal-Advisory Committee: - Saru diskussjonijiet interni dwar kif tista' tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni u l-infurzar fir-rigward ta' rimi abbużiv tal-iskart fi spazji pubbliċi. Testa l-ewwel abbozz tar-reviżjoni tal-liġi li tidentifika kif għandu jkun kompost dan il-kumitat u biex il-kumitat jingħata l-mandat legali neċessarju. Saret ukoll konsultazzjoni preliminari mal-ERA fir-rigward tal-emendi maħsuba għal din il-liġi.<br><br>Dwar il-*green public procurement*: - Saru konsultazzjonijiet mal-entitajiet Foundation for Tomorrow's Schools (FTS), Building Regulations Office (BRO), il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali (MTIP), u l-Awtorità tad-Djar, fejn dawn anke bagħtu dokumenti biex | Dwar it-twaqqif tal-Advisory Committee:<br>- Ingħalqet il-konsultazzjoni mal-ERA u tkomplew aktar konsultazzjonijiet ma' diversi entitajiet ewlenin li huma involuti f'dal-proċess, fosthom l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li għandha interess u rwol ċentrali fl-implimentazzjoni ta' din il-liġi ġdida li permezz tagħha se jitwaqqaf l-Advisory Committee.<br><br>Dwar il-*green public procurement*:-<br>Issoktaw il-preparamenti interni fil-Ministeru għall-pjan t'azzjoni u biex tintalab l-approvazzjoni tal-Kabinett qabel issir il-konsultazzjoni pubblika.<br>Sadattant, ġiet ippubblikata *Policy Note* bl-iskop li tissaħħaħ | Dwar it-twaqqif tal-Advisory Committee: - Il-proċess ta' konsultazzjoni interna tlesta u l-abbozz legali gie finalizzat.<br>Twaqqaf l-Advisory Committee biex iħares l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġdida u ntalbu l-fondi biex ikun jista' jsir l-infurzar neċessarju skont il-liġi.<br><br>Dwar il-*green public procurement*:- Saru l-preparamenti għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Pjan t'Azzjoni Nazzjonali. Sadanittant f'Lulju ngħata taħriġ fl-aspetti ġodda tal-GPP lil uffiċjal tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.<br><br>Dwar il-*green economy*: - Ġie konkluż ir-rapport li fih jinkludi konklużjonijiet mill-konsultazzjoni | Dwar it-twaqqif tal-Advisory Committee: - Mistenni jibda jiġi implimentat infurzar aktar b'saħħtu skont il-liġi ġdida.<br><br>Dwar il-*green public procurement*: - Ir-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika mistenni jiġi diskuss u analizzat biex il-pjan jiġi finalizzat. Jiġi approvat il-Pjan t'Azzjoni Nazzjonali filwaqt li jitkompla t-taħriġ ta' aktar uffiċjali tal-gvern dwar dan l-aspett ta' GPP.<br><br>Dwar il-*green economy*:- Mistennija jintalbu l-fondi neċessarji biex jibdew jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet u l-azzjonijiet inklużi fil-Green Economy Strategy and Action Plan. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | isostnu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kriterji ġodda li ser jiddaħħlu fit-tieni pjan tal-GPP. Sar l-abbozz ta' dan il-pjan, li ġie diskuss kemm internament fil-Ministeru kif ukoll mal-Procurement Reform Unit fi ħdan l-OPM.<br><br>Dwar il-*green economy,* sar rapport dwar l-istat li fih tinsab l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni abbażi tal-konsultazzjonijiet li saru mal-ministeri u l-awtoritajiet konċernati. | l-implimentazzjoni tal-GPP billi tobbliga lill-bordijiet t'evalwazzjoni governattivi jitolbu d-dokumenti neċessarji f'dan ir-rigward mingħand l-operaturi.<br><br>Dwar il-*green economy*, bdiet issir analiżi iktar fil-fond inkwantu ta' potenzjal ta' *green jobs* f'Malta fuq il-bażi tal-azzjonijiet li hemm imniżżla fil-pjan speċjalment rigward dawk li diġà qed jiġu implimentati, biex ikun assigurat li l-enfasi ssir fuq dawk l-azzjonijiet li l-aktar għandhom potenzjal ta' *green jobs*. | estensiva li saret mal-ministeri fuq l-implimentazzjoni tal-Green Economy Strategy and Action Plan. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 290 | Fl-2017 se nestendu l-ġbir tal-iskart organiku f'aktar lokalitajiet. | WasteServ Malta | Saru l-kunsiderazzjonijiet loġistiċi u operattivi biex jiġi identifikat reġjun li fih jista' jiġi estiż il-proġett. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi biex jingħataw aktar fondi li jippermettu li mhux biss tibqa' tiġi sostnuta l-iskema tal-ġbir ta' skart organiku fil-lokalitajiet fejn diġà ddaħħlet, iżda li tiġi estiża wkoll għal lokalitajiet ġodda. | Saru aktar diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Finanzi dwar l-allokazzjoni ta' aktar fondi għall-fini ta' din il-miżura. Sadattant tkompla l-ġbir tal-iskart organiku fil-lokalitajiet fejn dan diġà qed isir. | Mistenni jitkompla l-ġbir tal-iskart organiku filwaqt li l-iskema tiġi estiża għal lokalitajiet ġodda f'każ li l-fondi addizzjonali jingħataw. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 291 | Sadanittant, irridu nibdew naħsbu bis-serjetà għal meta tiġi eżawrita l-miżbla tal-Għallis. | WasteServ Malta | Saru diversi diskussjonijiet bejn il-WasteServ u l-Ministeru biex tinstab soluzzjoni għal meta tiġi eżawrita l-miżbla tal-Għallis. Minn diversi studji dwar l-użu potenzjali ta' barrieri għal dan il-għan, irriżulta li peress li diġà hawn nuqqas ta' spazju fil-barrieri anke biex jaċċettaw l-iskart ta' kostruzzjoni, il-barrieri ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala alternattiva għal *landfill* biex jintrema skart muniċipali. | Tkomplew id-diskussjonijiet u studji dwar alternattivi validi, prattiċi u sostenibbli biex tiġi indirizzata din il-miżura. | Ġew diskussi mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) proposti b'alternattivi ġodda. Sadattant, fit-talba għall-fondi għas-sena 2018, il-Wasteserv inkludiet l-ispiża relatata mal-inizjattivi biex jiġi estiż l-ispazju fil-*landfill* kurrenti. | Mistennija titressaq għal deċiżjoni lista tal-alternattivi li jistgħu jiġu attwati meta tiġi eżawrita l-miżbla tal-Għallis. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 292 | Fl-2017 se nkomplu x-xogħol fuq diversi proġetti fosthom dak tal-Buskett. | PARKS | Saru xogħlijiet fuq il-proġett fosthom ir-restawr tal-ħitan u l-ilqugħ tal-korsa tal-ilma, restawr ta' ħitan tas-sejjieħ, tħawwil ta' siġar u installazzjoni ta' CCTV *cameras* fir-Razzett tal-Għorof u r-Razzett tal-Ispirtu. Sar ukoll tindif fil-wied u xogħol ta' manutenzjoni tal-bankijiet. | Kompla x-xogħol ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Tħawlu aktar siġar u nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar biex isir ir-restawr tal-passaġġi esterni. Saru applikazzjonijiet oħra mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-manutenzjoni u r-restawr ta' aktar ħitan tas-sejjieħ. | Tlesta x-xogħol ippjanat għal dis-sena għall-Buskett permezz tar-restawr tal-*buttressed water culverts*. Dan il-proġett inkuda wkoll tħawwil ta' siġar u tneħħija ta' pjanti invażivi b'mod estensiv. | | Implimentata |
| 293 | Il-*park* ta' Kennedy Grove u s-Salina | PARKS | Sar xogħol ta' tisbiħ fil-park billi tneħħa materjal antik, sar xogħol fuq il-water culverts u saru passaġġi ġodda. Tlesta wkoll ix-xogħol tal-elettriku, ġie installat *playing equipment* aċċessibbli għal kulħadd u tapit tal-gomma taħt l-istess apparat. Twaħħlu wkoll sinjali edukattivi u sinjali oħra ta' informazzjoni madwar is-sit. | Infirex it-*turf* artifiċjali u b'hekk ġew finalizzati x-xogħlijiet kollha fuq dan il-*park*. L-inawgurazzjoni saret f'Mejju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 294 | Ir-restawr tal-fortifikazzjonijiet u żoni oħra mad-dawra tal-Argotti | PARKS | Beda x-xogħol tar-restawr tal-ħajt madwar il-ġnien tal-Argotti. Bdew il-preparamenti biex isir ix-xogħol ta' restawr tal-fortifikazzjoni tal-madwar. | Beda x-xogħol ta' restawr tas-swar ta' Notre Dame, San Ġakbu u San Filippu. Tlesta x-xogħol tar-restawr tal-ħajt li jdawwar l-Argotti u l-Funtana tad-Dniefel fil-Ġnien ta' San Filippu. | Tlesta x-xogħol fuq is-swar ta' Notre Dame u ta' San Ġakbu, filwaqt li tkompla r-restawr tas-sur fuq Ġnien San Filippu, fejn ġie armat *scaffolding* mas-sur kollu. | Mistenni jitlesta r-restawr tas-sur ta' San Filippu. | Implimentata |
| 295 | Il-*park* ġdid f'Ħaż-Żabbar | PARKS | Saret l-applikazzjoni u nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għar-restawr tas-sit. Bdew preparamenti biex tinħareġ sejħa għall-offerti għar-restawr tal-*park*. | Komplew il-preparamenti għall-ħruġ tas-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet fil-*park*. | Ġiet evalwata s-sejħa għax-xogħlijiet fil-ġnien. Sadanittant, id-dettalji tax-xogħol komplew jiġu diskussi mal-Awtorità tal-Ippjanar u s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. | Mistennija jinbdew ix-xogħlijiet fil-*park* dwar l-*amenity area*, passaġġi, ħitan tas-sejjieħ, *picnic area*, bankijiet, *playing equipment* kif ukoll dawk elettriċi u mekkaniċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 296 | Fl-2017 se jkunu għaddejjin xogħlijiet ta' afforestazzjoni f'siti indikati f'Baħar iċ-Ċagħaq. | PARKS | Saru diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, ma' Transport Malta kif ukoll mal-i*Scouts* tan-Naxxar dwar l-użu ta' sit identifikat biex jiġi determinat il-post fejn ser isir l-afforestazzjoni. Tneħħa l-iskart mis-sit, tlesta x-xogħol ta' preparazzjoni tal-art għat-tħawwil tas-siġar, u beda l-ewwel tħawwil. Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet biex din l-art tingħata uffiċjalment lill-Ministeru. | Sar xogħol ta' tindif tas-sit. Ġie ffirmat il-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet biex din l-art tgħaddi għand il-Ministeru. | Sar tindif regolari tas-sit u spezzjonijiet, manutenzjoni u tisqija tas-siġar li tħawlu. | Mistenni jitkompla u jitlesta t-tħawwil tas-siġar u l-arbuxxelli wara s-sajf. | Implimentata |
| 297 | Xogħlijiet ta' afforestazzjoni fis-Swatar fl-Imsida, quddiem l-isptar Mater Dei | PARKS | Saru spezzjonijiet fuq is-sit li possibbilment jista' jintuża għall-afforestazzjoni. Saret talba lill-Awtorità tal-Artijiet biex jiġi determinat jekk is-sit inkwistjoni huwiex skedat. | Ġie kkonfermat li l-art identifikata mhijiex kollha tal-Gvern u parti minnha hija skedata. Għaldaqstant xogħlijiet ta' afforestazzjoni se jsiru biss fil-postijiet indikati mill-miżuri preċedenti. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 298 | Xogħlijiet ta' afforestazzjoni f'Wied Blandun | PARKS | Saru diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' Bormla dwar l-użu ta' dan is-sit. Bdew il-preparamenti għat-tħawwil tas-siġar u saru wkoll diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet biex dan is-sit jgħaddi uffiċjalment għand il-Ministeru ħalli jkun jista' jitwettaq il-proġett. | Ġie ffirmat il-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet biex din l-art tgħaddi għand il-Ministeru. Saru l-preparamenti neċessarji għat-tħawwil tas-siġar wara s-sajf. | Twittiet l-art u sar tindif fis-sit bi preparazzjoni għat-tħawwil tas-siġar. | Mistenni jibda u jitlesta t-tħawwil tas-siġar u l-arbuxxelli. | Implimentata |
| 299 | Xogħlijiet ta' afforestazzjoni fis-Swatar (it-tieni proġett) | PARKS | Saru laqgħat mal-perit dwar l-aċċessibilità tas-sit. Sadanittant ġew approvati s-siġar u l-arbuxxelli biex jitħawlu fl-imsemmi sit. | Ġie ffirmat il-ftehim mal-Awtorità tal-Artijiet biex din l-art tgħaddi għand il-Ministeru. | Tlestew xogħlijiet ta' tindif, sar restawr tal-ħitan, u beda x-xogħol tal-istabbilizzar tar-rampa eżistenti fis-sit. | Mistenni jibda u jitlesta t-tħawwil tas-siġar u l-arbuxxelli. | Implimentata |
| 300 | Se ngħaqqdu flimkien l-Argotti, il-Ġnien ta' San Filippu u l-Mall u nibdluhom f'ġonna botaniċi permezz ta' proġett stmat li jiswa 'l fuq minn €3 miljun. | PARKS | Ħareġ it-*tender* u ġie konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni biex isiru x-xogħlijiet fuq il-ġonna botaniċi. Beda x-xogħol fuq il-ġnien tal-Argotti, sar ir-restawr tal-ħajt ta' barra u tlestiet il-kamra tas-servizzi. | Kompla għaddej ix-xoghol fil-ġnien tal-Argotti. Beda x-xogħol fuq is-servizzi l-ġodda u l-pavimentar. Inghata wkoll il-permess mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali biex ikompli jsir skavar u tqattigħ. | Kompla t-tqegħid ta' servizzi ta' dawl u ilma fil-Ġnien tal-Argotti, il-pavimentar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ġnien, ir-restawr tal-ilqugħ tal-ħadid u l-bini ta' latrina, filwaqt li l-*pump room* tlestiet. Inbeda x-xogħol ta' servizzi ta' dawl u ilma fi Ġnien San Filippu. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet tal-pavimentar, l-ilqugħ tal-ħadid u l-latrina fil-Ġnien tal-Argotti. Jitlestew ukoll ix-xogħlijiet ta' servizzi, inkluż l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni tagħhom, twaħħil ta' *fittings* tad-dawl u l-ilma, u bankijiet ġodda, kemm fl-Argotti kif ukoll fi Ġnien San Filippu. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 301 | Se nkomplu nidentifikaw siti li jistgħu jservu bħala spazji pubbliċi. Se nkunu wkoll qed nieħdu ħsieb u nsostnu siti ta' kapital naturali u wirt nazzjonali bħalma huma l-Victoria Lines, Cottoner Lines u l-inħawi ta' Għar Lapsi. | PARKS | Saru spezzjonijiet fis-siti msemmija biex jiġi evalwat ix-xogħol li hemm bżonn. Inxtara makkinarju li se jkun jista' jgħin fl-implimentazzjoni ta' dan ix-xogħol. Ġew identifikati żoni fl-inħawi tal-Cottoner Lines fejn jistgħu jibdew xogħlijiet ta' tindif u restawr ta' ħitan hekk kif jiġu provduti aktar riżorsi umani għal dan il-għan.<br><br>Bdew isiru diskussjonijiet mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex jiġu identifikati siti li jistgħu jservu bħala spazji pubbliċi. | Ġew identifikati x-xogħlijiet meħtieġa fil-bqija tas-siti msemmija, u sadattant qed isiru sforzi biex jinġiebu r-riżorsi umani neċessarji sabiex jitwettaq ix-xogħol.<br><br>Kienet identifikata biċċa art f'Marsaxlokk biex titħawwel bis-siġar u sservi ta' spazju pubbliku. Sar ix-xogħol preparatorju biex is-siġar jibdew jitħawlu minn Ottubru, li huwa l-aħjar żmien biex dan isir.<br>Baqa' għaddej l-eżerċizzju flimkien mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex jiġu identifikati siti li jkunu tajbin għal spazji pubbliċi. Fost is-siti li qed jiġu kkunsidrati hemm Wied Għomor (bejn San Ġwann u s-Swieqi) u Wied Babu (maġenb iż-Żurrieq). | Ġew identifikati x-xogħlijiet meħtieġa fis-siti msemmija, u wkoll siti oħra proposti f'Marsaxlokk, Wied Għomor u Wied Babu, filwaqt li komplew l-isforzi biex jinġiebu r-riżorsi umani neċessarji ħalli jitwettaq ix-xogħol. | Mistenni jibda x-xogħol ta' tindif u manutenzjoni la jiġu ingaġġati r-riżorsi umani għal dan il-għan. Sadattant sar ix-xogħol preparatorju biex minn Ottubru jibdew jitħawlu siġar fis-siti magħżula. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 302 | Se ninvestu biex nagħmlu *upgrading* tal-*picnic area* ta' Ta' Qali. | PARKS | Ġew identifikati x-xogħlijiet għal dal-proġett, fosthom il-proviżjoni ta' dawl u bankijiet ġodda. Tfasslet il-*picnic area* u saru l-preparamenti biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti. Sadattant ġiet ukoll sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet ippjanati għall-*picnic area*. | Beda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-*picnic tables* u nħarġet is-sejħa għall-offerti għal *bins* u bankijiet. Sadanittant, ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għal strutturi ta' tined. | Ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-*picnic tables* eżistenti tlesta, filwaqt li bdew jiġu manifatturati aktar *picnic tables* biex jiġu installati fil-*picnic area* tal-Park ta' Ta' Qali. Dan filwaqt li xogħol ieħor ta' manutenzjoni baqa' għaddej b'mod regolari. | Mistennija jiġu installati l-*picnic tables* addizzjonali, kif ukoll *bins* u bankijiet ġodda. Kif jinħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tined ġodda, jibda x-xogħol biex dawn l-istrutturi jiġu installati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 304 | Bis-saħħa tal-inċentivi ġodda għall-produzzjoni u promozzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità taħt il-programm ta' żvilupp rurali, se nħaddmu qafas ta' ċertifikazzjoni u kontroll biex il-konsumaturi jsibu jixtru prodotti ta' kwalità li jġorru marka ta' garanzija. | Direttorat tal-Agrikultura | Wara li l-Kummissjoni Ewropea approvat il-qafas legali dwar l-Iskema Nazzjonali dwar Prodotti ta' Kwalità, tnieda l-abbozz ta' liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-prodotti agro-tradizzjonali Maltin. | Sar ix-xogħol biex l-Iskema Nazzjonali dwar Prodotti ta' Kwalità tiġi inkluża fir-Rural Development Programme (RDP) 2014-2020, biex ikun hemm aċċess għal fondi Ewropej għal dan l-għan. | Saru diskussjonijiet mal-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib (KPĦ) u mal-Malta Dairy products (MDP) biex tibda tiġi implimentata l-Iskema Nazzjonali ta' Kwalità fil-Ħalib. Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għal prodotti biex ikunu jistgħu jidħlu fil-kompendju dwar prodotti agro-tradizzjonali. Bdew il-kontrolli biex jiġi żgurat li teżisti traċċabilità tal-prodotti. Kompla l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal finanzjament taħt l-iskema tar-Rural Development Programme (RDP). Sadattant tkompla l-proċess biex issir kampanja pubbliċitarja. | Mistenni jitkompla l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal finanzjament taħt l-iskema tal-RDP, issir il-kampanja pubbliċitarja, u jkun ippubblikat l-ewwel kompendju dwar il-prodotti agro-tradizzjonali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 305 | Fl-2017 se nerġgħu nwaqqfu l-*extension service* fl-agrikoltura biex b'mod regolari bdiewa u raħħala jingħataw pariri tekniċi kif ukoll assistenza teknika. | Direttorat tal-Agrikultura | Ġew ingaġġati uffiċjali mad-Direttorat tal-Agrikultura biex jerġa' jibda jingħata s-servizz. Ġew rinovati kmamar fl-Għammieri biex iservu bħala uffiċini. | L-*Extension Service* ġie varat uffiċjalment fl-24 ta' Mejju u bdew isiru żjarat lill-bdiewa b'mod regolari biex tkun tista' tingħata l-assistenza teknika. Intbagħtet notifika lill-koperattivi, għaqdiet tal-produtturi u rappreżentanti tal-bdiewa biex jiġu notifikati dwar dan is-servizz. Saru laqgħat magħhom u ġew spjegati l-benefiċċji tas-servizz. | Saru seminars ma' rappreżentanti tal-bdiewa u r-raħħala biex issir evalwazzjoni tas-servizz li qed jingħata. Ġew identifikati prijoritajiet fis-servizz agrikolu u tħejja pjan ta' azzjoni għall-quddiem. | Mistennija jkomplu jingħataw pariri u jsiru żjarat regolari fil-qasam tat-trobbija tal-annimali, skont it-talbiet li jidħlu għal dan is-servizz. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 306 | Dwar l-iskema ta' rilokazzjoni ta' rziezet tal-baqar li jinsabu fl-abitat jew f'postijiet storiċi, ġiet sottomessa applikazzjoni biex jinbnew irziezet moderni li jirrispettaw ir-regoli ambjentali u jingħalqu rziezet li huma ta' inkonvenjent. | Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività | Ġie deċiż li r-rilokazzjoni tal-irziezet tal-baqar issir fl-inħawi tas-Siġġiewi. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi oġġezzjona. Sakemm ġiet diskussa u deċiża l-oġġezzjoni, skada ż-żmien biex tiġi sottomessa applikazzjoni għal *full development permit*. Għaldaqstant, inbeda pjan alternattiv biex l-irziezet li fadal fl-abitat u postijiet storiċi jiġu rilokati f'postijiet oħra. | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet u sar qbil dwar ir-rati ta' qbiela jew ċnus applikabbli għal siti alternattivi. | Bdiet tiġi stabbilita proċedura dwar kif ir-raħħala tal-baqar tal-ħalib li fadlilhom jirrelokaw, fosthom dawk li qed ifittxu post alternattiv fuq art privata, jistgħu jkunu assistiti mill-Ministeru. Dwar dawk ir-raħħala li għadhom qed jistennew art tal-gvern biex jirrilokaw, qed issir konferma mal-Awtorità tal-Artijiet dwar kemm ser tkun ir-rata taċ-ċens għall-art li tista' tiġi offruta, u mbagħad din tiġi kkomunikata b'mod formali lir-raħħala konċernati. | Ir-raħħala tal-baqar tal-ħalib konċernati mistennija japplikaw mal-Awtorità tal-Artijiet għall-art inkwistjoni. Mistennija wkoll jiġu sottomessi applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-bini ta' rziezet ġodda fuq l-artijiet identifikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 307 | FI-2017 se nkomplu l-programm ta' ristrutturar u rinovar tal-biċċerija pubblika. | Biċċerija pubblika | Kompla x-xogħol ta' rinovar tal-biċċerija. Inbidel tagħmir fuq il-linja taċ-ċanga u d-*dispatch area*, u sar xoghol fuq l-*air cooling system*. Kompla wkoll ix-xogħol ta' infrastruttura fis-sala tal-*cutting* u *deboning*. Saru wkoll diskussjonijiet mal-Università ta' Malta dwar ir-restawr tat-torri storiku tal-ilma li hemm fil-biċċerija. | Kompla x-xogħol fiż-żona tal-*cutting* u *deboning*. Wasal apparat minn barra biex ikun jista' jiġi installat fuq il-linja tal-majjal. | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq l-installazzjoni tal-linja tal-majjal, tal-elettriku, u tal-i*sterilizers* ġodda, kif ukoll titjib tas-sistema tal-arja kompressata. Beda x-xogħol fuq sistema ġdida ta' pajpijiet. Ġie ppreparat it-*tender* għar-restawr tat-torri antik tal-ilma, u t-*tender* għal sistema ġdida ta' tisħin tal-ilma bil-gass bil-għan li tiżdied sostanzjalment l-effiċjenza fl-impjant. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet relatat mal-linja tal-majjal, inkluż tagħmir ġdid, sistema tal-elettriku u arja kompressata. Mistennija wkoll tkompli tiġi installata s-sistema ta' pajpijiet u jinbeda x-xogħol fuq is-sistema ġdida ta' tisħin tal-ilma bil-gass. Isir il-kuntratt u jibda x-xogħol ta' restawr tat-torri antik tal-ilma. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 308 | Fil-qasam tas-sajd fl-2017 se nagħmlu titjib fil-postijiet ta' żbark fosthom il-bini ta' uffiċċju permanenti f'Marsaxlokk. | Direttorat għas-Sajd u l-Akkwakultura | Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar. Ġiet irreġistrata oġġezzjoni dwar din l-applikazzjoni. Ghaldaqstant id-Dipartiment fi ħdan il-Ministeru ppropona sit alternattiv u pjanti ġodda biex jimmitiga l-problema. Ġiet sottomessa wkoll applikazzjoni għal fondi Ewropej għal dan ix-xogħol. Bdiet ħidma fuq it-*tender*. | Inħareg il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u ġew approvati l-fondi Ewropej. Saru l-aħħar arranġamenti dwar it-*tender* biex jiġi ppubblikat. | Ġie ppubblikat it-tender għax-xogħlijiet dwar il-bini tal-uffiċċju permanenti f'Marsaxlokk. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tat-*tender* biex jintgħażel il-kuntrattur għax-xogħol relatat mal-bini ta' dan l-uffiċċju. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 309 | Fil-qasam tal-akkwakultura se nkomplu l-ħidma fil-qasam tar-riċerka, b'enfasi fuq id-diversifikazzjoni lejn speċi mhux meħuda mis-salvaġġ kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' ikel ħaj biex jintuża f'mafqas. | Direttorat għas-Sajd u l-Akkwakultura | Bhala parti mir-riċerka biex tiġi implimentata din il-miżura, inqabdu diversi speċi fosthom ċippullazz, pagru u gambli biex jintużaw għall-*breeding* biex ikun hemm ripopulazzjoni tagħhom. | Tkompliet ir-riċerka dwar il-*breeding*, fosthom ir-riproduzzjoni tal-gamblu ornamentali u tropikali tax-xatt. Barra minn hekk, saret riċerka oħra dwar il-gamblu tax-xatt biex titjieb il-produzzjoni tiegħu bħala ikel ħaj għall-ħut. | Tkompla t-tkabbir tal-*broodstock* tal-ħut maqbud mis-selvaġġ. Tkomplew il-provi fuq mikroorganiżmi tal-baħar fl-istadji tal-*hatchery*, u l-esperiment tat-tnissil tal-gamblu ornamentali tropikali. | Mistenni jitkompla l-eżerċizzju ta' tkabbir u tkattir ta' diversi speċi, u ssir evalwazzjoni tar-riżultati miksuba s'issa. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 310 | Qed jitħejja wkoll pjan għall-iżvilupp ta' akkwakultura *offshore* sostenibbli biex nirregolaw lil dan is-settur u niżguraw li ma jħallix impatt ambjentali negattiv. | Direttorat għas-Sajd u l-Akkwakultura | Sar proċess ta' konsultazzjoni pubblika u beda l-proċess biex issir il-pubblikazzjoni tal-avviż legali dwar l-Operat tal-Akkwakultura. Sadanittant, saret ukoll konsultazzjoni ma' entitajiet governattivi oħra. | Ġew rilokati l-operaturi kollha f'żona tal-akkwakultura fejn ikunu ta' anqas inkonvenjent, u beda l-proċess ta' moniteraġġ tagħhom f'din iż-żona. | Tkompla l-moniteraġġ operazzjonali u ambjentali. | Filwaqt li mistenni jitkompla l-moniteraġġ operazzjonali u ambjentali, tibda ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 311 | Fin-nofsinhar ta' Malta se nkunu qed nagħmlu t-tieni l-akbar *park* nazzjonali wara dak tal-Majjistral li jestendi mill-impjant ta' Barkat sa Żonqor Point. Għal dan il-għan se nkunu qed naħtru Bord ta' Governanza biex nibdlu ż-żona f'park attraenti fejn jiġi apprezzat aħjar il-valur ambjentali ta' pajjiżna. | MESDC | Inħatar il-Bord ta' Governanza li beda bil-preparamenti biex isir ix-xogħol f'dan il-*park*.<br>Saru xogħlijiet inizjali fosthom l-installazzjoni ta' CCTVs fil-konfini tal-*park*. Saru wkoll diskussjonijiet ma' konsulenti dwar il-possibbiltà li jinġiebu fondi tal-UE għal dan ix-xogħol. | Il-Bord kompla għaddej bix-xogħol tiegħu. Fost ix-xogħol li sar, il-Bord ħadem fuq l-applikazzjoni ħalli dan il-Park Nazzjonali tal-Inwadar jiġi ddikjarat bħala sit ta' dominju pubbliku. | | | Implimentata |
| 312 | Se jidħlu fis-seħħ provvedimenti legali li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' art agrikola tal-Gvern favur bdiewa żgħażagħ. L-art inkwistjoni se tkun offruta lilhom bi ħlas baxx ta' qbiela għall-ewwel ħames snin. | Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali | Saru diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-Awtorità tal-Artijiet, flimkien mal-Kulleġġ tal-Agrobusiness tal-MCAST. Ġie diskuss il-mod u l-kriterji dwar kif tista' tiġi implimentata din il-miżura. | Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar din il-miżura, inkluż ir-rati ta' ħlas għall-qbiela għal bdiewa żgħażagħ li jingħataw art agrikola biex jaħdmuha. | Komplew jiġu diskussi mal-Awtorità tal-Artijiet diversi xenarji differenti possibbli dwar trasferimenti ta' artijiet tal-gvern lil bdiewa żgħażagħ. | L-Awtorità mistennija tħejji abbozz ta' liġi biex tinħoloq il-bażi legali li tkun tirregola dawn it-trasferimenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U PROMOZZJONI TAL-KUMMERĊ

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | TradeMalta, li hi *Public Private Partnership* bejn Projects Malta u l-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija, fl-2017 se tkompli tgħin kumpaniji Maltin biex jesportaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom permezz ta' żjarat ta' negozju fi swieq barranin, fosthom il-Lvant Nofsani, il-Golf u r-Russja, u *business fora* u *seminars* iffukati fuq swieq partikolari, fosthom l-Istati Uniti. | TradeMalta Limited | Saret *business mission* fl-Oman u l-Qatar. Tnieda programm, Go Global, ta' taħriġ ghall-esportaturi u tfasslu tenders relatati mal-ERDF Internationalisation Platform biex jgħin intrapriżi bbażati f'Malta jimirħu fi swieq barranin. Rappreżentanti ta' Trade Malta pparteċipaw fl-Export Credit Working Group tal-UE u bdiet il-ħidma biex jiġu organizzati l-ewwel Malta International Business Awards f'Novembru. | Sar taħriġ lil intrapriżi, *Successful Participation at Trade Shows*, dwar kif jistgħu jieħdu benefiċċju minn fieri internazzjonali. Rappreżentanti ta' Trade Malta pparteċipaw fl-Export Credit Working Group tal-UE. Ġew ippubblikati tliet tenders ERDF sabiex jibda l-proġett Internationalisation Platform. Saret preparazzjoni għal-laqgħa tal-European Trade Promotion Organisation (ETPO) f'Malta f'Settembru li ġej. Sadanittant bdew il-preparamenti minn Trade Malta biex issir żjara esploratorja minn intrapriżi lokali fil-Gana u tkompliet il-ħidma biex jitnedew il-Malta International Business Awards. | F'Lulju ġiet organizzata *business mission* fil-Gana. Bdew jiġu evalwati tliet *tenders* marbutin mal-proġett tal-ERDF. Sar xogħol preparatorju għal *meeting* tekniku tal-ETPO kif ukoll xogħol relatat mal-Malta International Business Awards. | Mistenni jkompli x-xogħol fuq il-proġett tal-ERDF u jitħabbru l-kumpaniji magħżula. Jittellgħu l-International Business Awards li jservu ta' vetrina għal prodotti u servizzi ta' kumpaniji Maltin. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Biex nindirizzaw il-ħafna talbiet għat-trasferiment ta' raba' li baqgħu pendenti, se jsiru provvedimenti legali biex niffaċilitaw it-trasferiment tal-art agrikola tal-gvern bejn bdiewa, speċjalment bejn membri tal-istess familja. | Awtorità tal-Artijiet | Ġiet studjata mal-konsulenti legali l-liġi eżistenti relatata ma' qbiela u trasferimenti ta' raba'. L-għan hu li l-liġi eżistenti tiġi emendata ħalli niffaċilitaw it-trasferiment tal-art agrikola tal-Gvern bejn bdiewa, speċjalment bejn membri tal-istess familja. L-abbozz ta' liġi ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Marzu. | L-abbozz sar liġi f'April. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Fil-qasam tal-ippjanar, is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdlu d-Dipartiment tal-Artijiet f'awtorità awtonoma bi struttura li aktar taqbel maż-żminijiet tal-lum. L-awtorità tkun trid taqleb is-sistema kurrrenti ta' *files* għal waħda diġitali biex tassigura aktar effiċjenza u trasparenza fil-proċess amministrattiv. L-awtorità trid tfassal *standards* ta' kif għandhom isiru l-valutazzjonijiet tal-proprjetà b'mod professjonali. | Awtorità tal-Artijiet | Saret it-tħejjija biex jinħatar il-Bord tal-Governanza u Kap Eżekuttiv għall-Awtorità tal-Artijiet. | Il-qalba minn Dipartiment għal Awtorità kienet finalizzata f'April. Il-funzjonijiet kollha tal-Kummissarju tal-Artijiet għaddew għand il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet.<br><br>Ingħata bidu għal riċerka dwar il-metodi differenti ta' valutazzjoni li għandhom jintużaw bil-għan li jkunu maħruġa *standards* ta' kif għandhom isiru l-valutazzjonijiet. Ir-rapport ġie mgħoddi lill-Bord tal-Gvernaturi u ġie approvat.<br><br>Beda studju biex il-*files* kollha tal-Awtorità jiġu diġitalizzati. | L-Awtorità tal-Artijiet ħejjiet l-i*standards* ta' kif għandhom isiru l-valutazzjonijiet. Ingħata bidu għall-abbozzar tas-sejħa għall-offerti biex jitwettaq il-proġett ta' diġitalizzazzjoni tal-*files* tal-Awtorità tal-Artijiet. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti biex tingħażel il-kumpanija li ser twettaq dan il-proġett. | Mistennija tagħlaq is-sejħa għall-offerti għad-diġitalizzazzjoni tal-*files*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Għal min għandu proprjetà tal-gvern b'titolu ta' ċens temporanju, fejn il-perjodu taċ-ċens skada jew wasal biex jiskadi, se jkollu perjodu ta' ċens ieħor bl-istess kundizzjonijiet taċ-ċens oriġinali, ħlief għal ħlas ta' ċens li jrid jiġi stmat mill-ġdid. | Awtorità tal-Artijiet | Tħejjew l-emendi u tlesta l-abbozz ta' liġi biex jirregola l-amministrazzjoni ta' artijiet tal-Gvern. Saret id-diskussjoni Parlamentari billi sar l-ewwel qari tal-liġi u ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. | L-abbozz sar liġi f'April permezz tal-Att li jippermetti li jinħarġu regoli u skemi ġodda li jwasslu biex jingħata perjodu ta' ċens ieħor. | | | Implimentata |
| 4 | Se nerġgħu niftħu l-iskema għal ħwienet f'lokalitajiet barra l-Belt Valletta. Din l-iskema tapplika għal dawk il-ħwienet proprjetà tal-gvern li qegħdin mikrija jew mogħtija b'ċens u li issa l-kerrejja, iċ-ċenswalisti rikonoxxuti jew operaturi terzi se jkunu jistgħu jibbenefikaw, taħt ċerti termini u kundizzjonijiet, minn titlu ta' ċens temporanju għal perjodu ta' 45 sena. | Awtorità tal-Artijiet | Ġie deċiż li l-iskema relatata mal-ħwienet tal-Belt tingħalaq biex tkun koperta mal-iskema l-ġdida għal ħwienet f'lokalitajiet barra l-Belt. | Ġiet abbozzata l-iskema l-ġdida. L-Awtorità bdiet ħidma biex tagħlaq l-iskema eżistenti tal-ħwienet fil-Belt Valletta biex b'hekk titnieda l-iskema l-ġdida. | Bdew jitfasslu l-formoli tal-applikazzjonijiet għall-ftuħ tal-iskema tal-ħwienet. | Mistennija tiġi varata l-iskema għall-ħwienet f'lokalitajiet barra l-Belt. | Implimentata |
| 5 | Fis-sena li ġejja l-Awtorità tal-Ippjanar mistennija toħroġ proposti dwar kif tista' tinċentiva l-iżvilupp ta' parkeġġi pubbliċi ġodda li jinkludu spazji miftuħa. | Awtorità tal-Ippjanar | Sar stħarriġ dwar metodi li jistgħu jintużaw f'dan ir-rigward. | L-Awtorità tal-Ippjanar bdiet taħditiet maħsuba biex ikun magħżul l-iktar metodu adegwat. | L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet bit-taħditiet dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Mistennija jiġu finalizzati u ppubblikati l-proposti mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar inċentivi għall-iżvilupp ta' parkeġġi pubbliċi ġodda. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Biex inħarsu l-wirt kulturali u storiku tal-gżejjer tagħna, permezz tal-Awtorità tal-Ippjanar fl-2017 il-Gvern se jikkontribwixxi parti mill-ispejjeż li jsiru fuq xogħol ta' restawr fuq faċċati ta' bini storiku favur is-sid li jagħmel dawn l-ispejjeż. | Awtorità tal-Ippjanar | L-iskema 'Irrestawra Darek' bdiet tiġi implimentata u ngħalqet wara li n-numru ta' applikazzjonijiet u talbiet għar-rifużjoni tal-ispejjeż fissru li l-iskema setgħet tkun utilizzata kollha. Ġie pprovdut *call centre* apposta biex jassisti għall-mistoqsijiet tal-pubbliku. Saret kampanja intensiva ta' tagħrif fuq il-mezzi tax-xandir. | Saru l-ispezzjonijiet tekniċi fis-siti konċernati ta' min applika għar-rifużjoni. Ġew ipproċessati l-ewwel sottomissjonijiet għar-rifużjoni ta' spejjeż ta' restawr u dawn tressqu għand il-Kumitat tal-Fondi dwar l-Iżvilupp u l-Ippjanar biex jikkonfermaw l-eliġibilità u l-għotijiet ta' rifużjoni. Issokta l-moniteraġġ tax-xogħlijiet ta' restawr biex jiġi assigurat li r-restawr isir skont l-i*standards* meħtieġa. Tnieda l-proċess tas-sottomissjonijiet tal-ewwel riċevuti għar-restawr li tlesta għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jibdew isiru l-ħlasijiet ta' rifużjoni. | L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet tipproċessa l-pagamenti u bdew jitħallsu r-rifużjonijiet ta' spejjeż għar-restawr. | Iż-żewġ sejħiet għat-talbiet għall-fondi mistennija jibqgħu miftuħin sal-aħħar ta' Diċembru. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Bħalissa pagamenti bin-nifs għal applikazzjonijet ta' żvilupp għal proġetti kbar setgħu jinfirxu fuq perjodu ta' żmien. L-Awtorità issa se tkun qed tneħħi għalkollox il-*capping* eżistenti fuq dan l-arranġament ta' €0.5 miljun. | Awtorità tal-Ippjanar | L-avviż legali daħal fis-seħħ f'Marzu 2017. | | | | Implimentata |
| 8 | Is-sena li ġejja l-Awtorità tal-Ippjanar se tnaqqas it-tariffi (*planning fees*) marbuta ma' proġetti u żvilupp industrijali f'żoni industrijali biex dawn it-tariffi jieħdu post it-tariffi kummerċjali eżistenti. | Awtorità tal-Ippjanar | L-avviż legali daħal fis-seħħ f'Marzu 2017. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Se nkunu qed noħorġu sejħa għall-offerti għal<br>a) proġett ġdid fi Gżira Gardens<br>b) waqt li qed inħarsu wkoll lejn *yacht marina* f'Marsascala. | Transport Malta | Saru laqgħat mad-Dipartiment tal-Artijiet biex tiġi finalizzata s-sejħa għall-proposti.<br>B'hekk tkun tista' tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għal proġett ġdid fi Gżira Gardens.<br>Ġiet finalizzata s-sejħa għall-offerti għall-istudji ġeotekniċi f'Marsascala. Saru diskussjonijiet u konsultazzonijiet mal-partijiet konċernati biex jiġi abbozzat id-dokument ta' sejħa għall-proposti. | Id-dokument għas-sejħa pubblika relatata ma' Gżira Gardens tlesta u ġie mgħoddi lid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br>Fir-rigward tal-*yacht marina* f'Marsascala saru diskussjonijiet ma' entitajiet governattivi li għandhom proġetti fil-bajja ta' Marsascala bil-għan li jkun hemm koordinazzjoni bejn l-entitajiet kollha li għandhom proġetti li jikkumplimentaw lil xulxin għall-iżvilupp kummerċjali u soċjali tal-bajja u ż-żona tal-madwar. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-proġett tal-*yacht marina* fi Gżira Gardens.<br>Fir-rigward tal-*yacht marina* f'Marsascala sar l-ippjanar preliminari għas-sejħa tal-offerti. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi u jiġi ffirmat il-kuntratt biex jinbeda x-xogħol fil-*yacht marina* tal-Gżira.<br>Dwar il-*yacht marina* ta' Marsascala mistenni jitlesta l-ippjanar għas-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | L-Awtorità tal-Ippjanar qed tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali fondi apposta ġo fond, magħruf bħala Planning Fund, biex jintuża f'żoni reġjonali tal-kunsilli lokali fejn huma rakkomandati inizjattivi mifruxa bejn diversi kunsilli. Persuni, entitajiet u kunsilli lokali jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi għat-tisbiħ tal-lokalità u l-Awtorità tiffinanzja sa 70 fil-mija tal-ispejjeż infrastrutturali. | Awtorità tal-Ippjanar | L-iskema ġiet varata uffiċjalment f'Jannar. Saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-Kumitat Reġjonali tal-Kunsilli Lokali. Bdew jitħaddmu l-fondi b'koperazzjoni mal-kunsilli lokali u l-Kumitat Reġjonali tal-Kunsilli Lokali. | L-Awtorità rċeviet numru ta' applikazzjonijiet biex permezz ta' dan il-fond il-lokalitajiet jibbenefikaw minn proġetti ta' fejda. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 65 | Se nkunu qed ninvestu f'korsijiet u f'servizzi fis-settur marittimu b'kollaborazzjoni ma' msieħba strateġiċi kif ukoll f'riżorsi ġodda għall-Istitut tal-Creative Arts. | MTIP | Saru laqgħat ma' diversi aġenziji li jaħdmu fil-qasam marittimu fejn ġiet konsolidata l-informazzjoni mis-settur marittimu u ġew stabbiliti l-bżonnijiet li hemm f'dan is-settur bi skop li jitfassal kors li jkopri dawn il-bżonnijiet. Saru l-preparamenti biex rappreżentant tal-MCAST imur l-Olanda biex jiltaqa' ma' diriġenti ta' kulleġġ marittimu f'Leeuwarden. L-għan hu li jiġu studjati l-possibilitajiet li tinqasam informazzjoni rigward korsijiet fis-settur bi skop li jkunu jistgħu jintużaw xi modules minnhom waqt it-tfassil tal-kors fl-MCAST.<br><br>Fil-qasam tal-Arti Kreattiva, beda l-iżvilupp ta' *units* ġodda fil-kors tal-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu, kif ukoll ta' *units* ġodda fil-kors tal-Fashion Design. | Ġew konklużi ż-żjarat konsultattivi fl-industrija u r-riċerka dwar is-settur marittimu. Ġew identifikati l-oqsma li fihom hemm bżonn ta' aktar taħriġ u bdew jitħejjew l-istrutturi u l-qafas tal-korsijiet meħtieġa. Ġiet konsolidata l-informazzjoni miġbura mis-settur u mill-kulleġġi li joperaw fi ħdan dan is-settur. Beda l-proċess biex jiġu identifikati u appuntati esperti kwalifikati fil-qasam biex jassistu fl-iżvilupp ta' korsijiet speċifiċi u l-materjal għall-korsijiet. Kompla l-issettjar tal-qafas li fuqu se jinbena s-sillabu, liema ssettjar beda f'April.<br><br>Komplew jiġu żviluppati *units* ġodda fil-kors tal-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu, kif ukoll ta' *units* ġodda fil-kors tal-Fashion Design. | Għas-settur marittimu tnedew id-dettalji tal-*units*, inklużi oqsma ta' tagħlim u l-kriterji tal-assessjar. Ingħata bidu għat-tħejjija tal-materjal akkademiku kollu li se jintuża mill-għalliema. Ġew identifikati kemm ix-*shipyards* kif ukoll l-organizzazzjonijiet l-oħra assoċjati mal-qasam marittimu biex jikkollaboraw mal-MCAST ħalli jgħinu fit-taħriġ prattiku tal-istudenti. Dwar il-Creative Arts ġie konkluż il-proċess tax-xiri ta' riżorsi għall-ftuħ tal-*units* ġodda fil-kors tal-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu u fil-Fashion Design. | Mistennija ssir verifika tal-materjal ippreparat mal-imsieħba strateġiċi. Mistennija wkoll tinfetaħ it-tieni sena tal-kors tal-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu u tal-Fashion Design fir-raba' livell. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Beda l-proċess tax-xiri ta' riżorsi għall-ftuħ tal-*units* ġodda fil-kors tal-Baċellerat fil-Ġurnaliżmu u fil-kors tal-Fashion Design. | | | | |
| 90 | Din is-sena komplejna nagħtu pagament *ex gratia* relatat mat-taxxa ta' reġistrazzjoni li tħallset żejda minn persuni li rreġistraw vettura bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008. | Transport Malta | Tħejjew is-sejħiet għall-applikazzjoni għar-rifużjoni relatata mat-taxxa tar-reġistrazzjoni. | Inħarġu l-applikazzjonijiet u eventwalment intbagħtu l-pagamenti lil kull min kien eliġibbli għall-iskema għal din is-sena. | | | Implimentata |
| 91 | Mis-sena d-dieħla, se nkunu qed nitolbu lil entitajiet tal-gvern b'aktar minn 50 impjegat biex iressqu pjan ta' trasport sostenibbli. | Transport Malta | Intbagħtu l-ittri lill-entitaijiet tal-gvern biex iressqu pjan ta' trasport sostenibbli. | Ir-risposti sottomessi dwar il-pjanijiet ta' trasport sostenibbli nġabru u ġew analizzati mill-Awtorità tat-Trasport. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Biex inkomplu nħeġġu aktar nies jużaw il-karozza tal-linja minflok il-vettura personali tagħhom, kull tfajla u ġuvni li jagħlqu 18-il sena fl-2017 se jingħataw sena vvjaġġar b'xejn b'tal-linja li jammonta għal massimu ta' €312 lil kull żagħżugħ u żagħżugħa. | Transport Malta | Kull min għalaq 18-il sena bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Marzu 2017 (iż-żewġ dati inklużi) ibbenefika minn din l-inizjattiva għal perjodu ta' sena. Il-klijenti jeħtieġ ikollhom Tallinja Card personalizzata biex jibbenefikaw b'mod awtomatiku. Il-passiġġieri jieħdu l-ammont ta' flus fi kreditu għas-servizz li jkunu ħadu fix-xahar ta' qabel. | Kull min għalaq 18-il sena bejn l-1 ta' April 2017 u t-30 ta' Ġunju 2017 (iż-żewġ dati inklużi) ibbenefika minn din l-inizjattiva għal perjodu ta' sena. | Komplew jibbenefikaw aktar żgħażagħ. | Mistennija jkomplu jibbenefikaw aktar żgħażagħ. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 94 | Fil-qasam tat-toroq fl-2017 se nikkonċentraw l-aktar fuq xogħlijiet marbuta mal-proġett tal-Kappara bil-għan li jkun lest sal-aħħar tas-sena d-dieħla. | Transport Malta | Tlesta x-xogħol ta' servizzi fi Sliema Road, il-Gżira. Beda l-bini tat-triq qabel ma jingħata l-ewwel saff ta' asfalt. Tlestew 10 kolonni minn 14 u saru l-preparamenti biex it-traffiku jitressaq fuq il-ġnub tas-sit sabiex il-kuntrattur ikun jista' jaħdem ix-xogħol infrastrutturali fiż-żona fejn se jitpoġġa l-*flyover*. Kien qed jitlesta wkoll ix-xogħol fuq il-pont eżistenti ta' Wied Għollieqa. | Iż-żewġ *flyovers* tqiegħdu fil-post u ngħata l-konkos fuq id-deck tagħhom. Qed isir ukoll ix-xogħol ta' twessigħ tan-naħa tal-Università u f'Wied Għollieqa, biex jibdew jitpoġġew il-ħitan ta' lqugħ u t-*telecommunication ducts* fuq din in-naħa. Ġew ippreparati l-istimi u d-disinji biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq il-bdil tal-mina tal-Università. | Tlestew it-toroq ta' taħt il-*flyover* fejn hemm ir-*roundabout* u s-*slip roads*. | Mistenni jitlesta l-asfaltar tal-uċuħ tat-toroq u l-installazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà fit-toroq biex b'hekk il-proġett ikun implimentat. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Sadattant se jkunu għaddejjin it-tħejjijiet biex malli jitlesta dan il-proġett, jibda kemm jista' jkun malajr il-proġett tal-Marsa. | Transport Malta | F'Jannar inħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Fl-ewwel ġimgħa ta' Frar ħareġ it-*tender* għat-twaqqigħ tal-fabbriki, u saret it-tieni applikazzjoni għal fondi mill-Unjoni Ewropea (CEF Funding). Fl-ewwel ġimgħa ta' Frar ġiet pubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ tal-fabbriki. Transport Malta kompliet tipprepara s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet li ghandhom jibdew f'Diċembru. | Tlestew id-disinji dettaljati. Transport Malta kompliet tipprepara s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet li għandhom jinbdew wara t-twaqqigħ tal-fabbriki. Saru diskussjonijiet rigward il-fondi li ser jiġu allokati mis-CEF Fund. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali relatati mal-ewwel fażi ta' dan il-proġett. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 97(a) | Qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq: It-twessigħ tal-*bypass* tal-Ħamrun bejn il-mini ta' Santa Venera u s-*slip road* li tagħti lejn Ħal Qormi. | Transport Malta | Transport Malta ħadmet fuq il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ ta' strutturi, skavar u bini tat-triq. Tlestew id-disinji dettaljati li jinkludu s-sistema tal-elettriku u *construction management plans*. | Inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għat-twaqqigħ ta' strutturi, skavar u bini tat-triq. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 97(b) | Qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq: *junction* ġdida f'High Ridge f'St Andrews. | Transport Malta | Tlestiet il-preparazzjoni tal-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Tħejjew id-disinji dettaljati u saret il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar, bini tat-toroq, kostruzzjoni tal-*junction*, asfaltar tal-uċuħ tat-toroq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-toroq. | Bdew jigu evalwati proposti ġodda għal din il-*junction* minħabba żviluppi li qed iseħħu fl-ippjanar tal-inħawi tal-istess *junction*. | Mistennija titlesta u tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 97(ċ) | Qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq: *junction* fil-Mosta fejn Vjal il-Labour jingħaqad mar-*ringroad* tal-Mosta. | Transport Malta | Tlestew id-disinji dettaljati. | Saret l-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Saru l-preparamenti tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar, bini tat-toroq, kostruzzjoni tal-*junction*, asfaltar tal-uċuħ tat-toroq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-toroq. | Saru l-preparamenti meħtieġa biex tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti. | Mistennija titlesta u tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 97(d) | Kif ukoll qed nippjanaw li nibdew proġetti oħra ta' toroq:<br><br>(a) F'Tal-Qajjenza;<br>(b) Iż-Żurrieq, Triq ix-Xarolla;<br>(ċ) Ħal Safi, Triq il-Kuċċard; u<br>(d) L-Isla, Triq is-Sur; | Transport Malta | (a) Saru x-xogħlijiet relatati mas-servizzi. Saret il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni tat-triq, kostruzzjoni tal-istruttura tal-*promenade*, asfaltar tal-wiċċ tat-triq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-triq. Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata, il-kuntratt ingħata u beda x-xogħol fuq il-bankini.<br><br>(b) Ġew evalwati l-offerti li ġew sottomessi għat-tieni sejħa għall-offerti għal skavar, kostruzzjoni tat-triq, kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-mogħdija tas-servizzi, tqegħid tas-servizzi, asfaltar tal-wiċċ tat-triq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-triq. Permezz ta' dan ix-xogħol se jkun jista' jgħaddi t-traffiku minn din il-parti tat-triq. | (a) Tlestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-mogħdija tas-servizzi, tqegħid tas-servizzi u kostruzzjoni tal-bankina.<br><br>(b) Il-kuntratt ingħata u ġie ffirmat. Tlestew ix-xogħlijiet ta' skavar għall-bini ta' ġibjun. Saret it-tħejjija ta' xogħol għall-bini tas-sistema tal-ġbir tal-ilma.<br><br>(ċ) Saret l-evalwazzjoni tal-offerti. Il-kuntratt ingħata u ġie ffirmat. Ingħata bidu għax-xogħol ta' twessigħ u bini tal-ħitan skont il-pjan.<br><br>(d) Ix-xogħol inbeda b'analiżi tas-servizzi eżistenti. Ix-xogħljiet mill-kuntrattur bdew fl-aħħar ta' Mejju wara li kien hemm konsultazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. | (b) Tlestew ix-xogħlijiet tal-parti l-ġdida tat-triq u tnieda x-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-triq eżistenti.<br><br>(ċ) Tlesta x-xogħol ta' twessigħ tat-triq.<br><br>(d) Tkompla x-xogħol relatat mal-kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-mogħdija tas-servizzi u t-tqegħid tas-servizzi fit-tieni xaqliba tat-triq. | (b) Mistennija titlesta r-rikostruzzjoni tat-triq eżistenti.<br><br>(ċ) Mistenni jitlesta x-xogħol fil-parti l-ġdida tat-triq u jibda x-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-triq eżistenti li jikkonsisti fi skavar, kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-mogħdija tas-servizzi, tqegħid tas-servizzi, asfaltar tal-wiċċ tat-triq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-triq.<br><br>(d) Mistenni jitlesta x-xogħol relatat mar-rikostruzzjoni tat-tieni xaqliba tat-triq. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | (ċ) Saret is-sejħa għall-offerti għal skavar, kostruzzjoni tat-triq, l-infrastruttura għall-mogħdija tas-servizzi, tqegħid tas-servizzi, asfaltar tal-wiċċ tat-triq u installar tal-miżuri tas-sigurtà fit-toroq.<br><br>(d) Iż-żewġ kuntratti relatati mar-rikostruzzjoni taż-żewġ xaqlibiet ta' Triq is-Sur ġew iffirmati. | | | | |
| 99 | Il-programm ta' dan ix-xogħol jinkludi wiċċ ġdid lit-toroq tal-Belt Valletta speċjalment fiż-żoni residenzjali. | MTIP | Is-*surveys* tat-toroq tlestew u ġew identifikati erba' toroq: Triq San Duminku, Triq San Kristofru, Triq Santa Luċija u Triq San Nikola. Inkitbu d-dokumenti tas-sejħa għall-offerti. Wara diskussjoni dwar ix-xogħlijiet meħtieġa f'dawn it-toroq u ż-żmien qasir li fadal minħabba V18, ġie kkunsidrat li toħroġ sejħa waħda għall-offerti li tkopri x-xogħlijiet fit-toroq imsemmija li jinkludu xogħlijiet ta' bankini u servizzi. | Ġie deċiż li jinbeda x-xogħol fuq pavimentar f'partijiet li l-aktar hemm il-ħtieġa u wara l-2018 jinqalgħu t-toroq u jiġu mgħoddija servizzi ġodda. L-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' bankini u manutenzjoni jinsab fi stadju avvanzat. Saret ukoll kollaborazzjoni mal-Valletta Design Cluster Projects biex ix-xogħlijiet jitwettqu b'koordinament bejn iż-żewġ partijiet. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' tiswija ta' toroq u bankini fit-toroq imsemmija. | Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fit-toroq imsemmija. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Bini mill-ġdid u pavimentar tal-*promenade* fil-Qajjenza | Works Infrastructure Department | Sar l-iffirmar tal-kuntratt għal xogħol ta' pavimentar, installazzjoni ta' poġġaman, dawl, bankijiet u *litter bins*. | Saru xogħlijiet minn Transport Malta relatati mat-triq li kienu jikkonsistu f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-mogħdija tas-servizzi, tqegħid tas-servizzi u kostruzzjoni tal-bankina. | Tlestew ix-xogħlijiet minn Transport Malta relatati mat-triq. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet ta' pavimentar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 102 | Ġnien fil-pjazza ta' Triq l-Irmiġġ, l-Imsida | Works Infrastructure Department | Ix-xogħol ta' skavar tal-blat, bini ta' ħitan, ġibjun, bankini u *planters*, irranġar ta' servizzi u pavimentar segwa l-andament meħtieġ fit-twettiq tal-proġett ta' dan il-ġnien. | Tlesta x-xogħol kollu relatat ma' dan il-ġnien fi Triq l-Irmiġġ, l-Imsida, u sar xogħol ta' asfaltar biswit il-ġnien. Il-ġnien huwa miftuħ għall-pubbliku. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 103 | Faċilitajiet sportivi<br>a) fil-Kalkara, u<br>b) ix-Xgħajra | Works Infrastructure Department | (a) Dan il-proġett jikkonsisti fil-bini ta' faċilitajiet fejn l-isportivi jkunu jistgħu jbiddlu. Is-sejħa tal-offerti ġiet aġġudikata u mogħtija. Saret laqgħa mal-membri tal-Kumitat tal-Klabb tal-Futbol fejn intlaħaq ftehim biex jiċċaqlaq it-*turf* biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet ta' tħammil tas-sit.<br><br>(b) Dan ix-xogħol jinvolvi bini ta' kumpless għan-*nursery* tal-klabb tal-futbol. Id-disinji tal-proġett ġew riveduti peress li kien hemm bżonn ta' diversi emendi. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | (a) Ġiet konkluża l-eskavazzjoni fil-blat u x-xogħol ta' pedamenti. Ingħata l-konkos lir-*retaining wall*, il-bini bil-*bricks* taħt il-livell tal-qatran u l-planki tal-livell tal-*basement*.<br><br>(b) Id-dokumenti tas-sejħa għall-offerti ġew emendati kif mitlub mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | (a) Beda x-xogħol ta' bini tar-rampi, *finishes* u *landscaping*.<br><br>(b) Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti. | (a) Mistenni jitlesta x-xogħol relatat mal-*finishes* u *landscaping* biex ikun konkluż il-proġett.<br><br>(b) Mistennija tagħlaq is-sejħa għall-offerti u ssir l-evalwazzjoni tal-offerti li ġew sottomessi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 104 | Ir-restawr taz-zuntier ta' isfel tal-Knisja ta' Santa Katerina fiż-Żejtun | Works Infrastructure Department | Ġew finalizzati d-dokumenti kollha mitluba mid-Dipartiment tal-Kuntratti u ħarġet is-sejħa għall-offerti mill-istess Dipartiment. | Saret l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Ġiet finalizzata l-evalwazzjoni tal-offerti li daħlu għax-xogħlijiet kollha, inkluż il-kjarifiki mal-operaturi ekonomiċi. | Mistenni jsir l-iffirmar tal-kuntratt li jkopri x-xogħlijiet kollha relatati ma' skavar, servizzi, pavimentar, bankijiet u dawl ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Proċess ieħor li ser jitnieda huwa dak tal-*partial local plan review* fejn qed jiġi identifikat sit fuq art pubblika diġà kommessa fiż-żona ta' żvilupp biex isir ċentru amministrattiv barra l-Belt Valletta. | Awtorità tal-Ippjanar | Il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar iffinalizza l-ewwel abbozz tal-pjan lokali għal dan is-sit f'Santa Venera. | Il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar iddiskuta l-abbozz. | L-Awtorità tal-Ippjanar iffinalizzat l-abbozz flimkien ma' risposti għal sottomissjonijiet li l-Awtorità rċeviet waqt il-konsultazzjoni pubblika li tnediet f'Diċembru tas-sena li għaddiet. | Wara li d-dokument ikun approvat mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar, id-dokument mistenni jkun riferut lill-Awtorità għall-Ambjent. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 134 | Fl-istess ħin sar progress sostanzjali fuq il-konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex. Kmieni fl-2017 għandhom isiru eżamijiet ġeoloġiċi biex b'dan it-tagħrif inkunu nistgħu nibnu mudell ġeologiku ta' taħt qiegħ il-baħar. Intlaħaq ftehim bejn l-Università ta' Malta u Transport Malta, li bih fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru testijiet siżmiċi. | Transport Malta | Tlestiet l-ewwel fażi tal-analiżi siżmika. | Ġie ffirmat il-kuntratt tal-*investigative coring* u malli jitlesta dan il-*coring* ikun jista' jitħejja l-mudell ġeoloġiku. | Tlesta l-*investigative coring* u beda jitħejja l-mudell ġeoloġiku. | Mistenni jitkompla l-bini ta' mudell ġeoloġiku. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 135 | Fl-2017 se nkunu qed naħdmu wkoll biex tinħareġ l-ewwel fażi tas-sejħa pubblika ta' *design, build and operate* għal *sub seabed tunnel* li tgħaqqad iż-żewġ gżejjer. | Transport Malta | Bdiet il-preparazzjoni għas-sejħa pubblika maħsuba biex tinbena mina taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex. | It-tħejjijiet għal din is-sejħa waslu fil-fażi konklużiva tagħhom. | Ġiet ippubblikata l-espressjoni ta' interess. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-espressjoni ta' interess. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 165 | Flimkien mal-MDA se nwaqqfu entità bl-isem ta' Property Malta li tagħmilha ta' katalist biex inħajru barranin jiġu jgħixu u jinvestu fil-gżejjer tagħna. L-għan hu li Property Malta tieħu sehem f'attivitajiet internazzjonali ta' promozzjoni u reklamar biex nattiraw investituri u nies li jixtiequ jixtru *holiday homes* biex dawn in-nies jistabbilixxu ruħhom f'Malta. | MTIP | Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Kompettività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi, in-Nutar tal-Gvern, ir-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali biex jiġi ffinalizzat il-kuntratt biex titwaqqaf l-entità Property Malta. Ġie ffirmat il-kuntratt li bih twaqqfet l-entità Property Malta. | Ġew evalwati għażliet differenti biex jitnieda jew jiġi adottat studju dwar l-andament tas-suq internazzjonali. | Tnediet skema ta' għajnuna finanzjarja mill-iżviluppaturi u aġenziji tal-proprjetà li ser jipparteċipaw f'attivitajiet internazzjonali ta' promozzjoni tal-proprjetà. | Mistennija tiġi appuntata kumpanija internazzjonali tar-relazzjonijiet pubbliċi li tkun tista' tipproponi fejn għandu jsir reklamar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 313 | Kif jintemmu l-evalwazzjonijiet ambjentali u l-preparamenti biex jinkiseb il-permess meħtieġ għall-iżvilupp ta' *breakwater* ġdid għas-sajjieda f'Marsaxlokk u għat-tiswija u t-titjib ta' dak preżenti, tinħareġ sejħa għall-offerti biex il-proġett jitwettaq. Dan għandu jsir fl-2017. | MTIP | Il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali flimkien ma' Transport Malta u d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura ħadem fuq l-applikazzjoni tal-proġett għall-fondi Ewropej taħt il-programm EMFF 2014-2020. | Id-dokumenti u l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa kemm min-naħa tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) kif ukoll mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) ġew maħruġa u ffinalizzati. F'Mejju sar is-smigħ tad-deċiżjoni fuq il-ħruġ tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar, li eventwalment inħareġ. | Ġie ppubblikat it-*tender* tal-kostruzzjoni. | Mistenni jiġi evalwat it-*tender* ewlieni u l-kuntratt jiġi ffirmat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 314 | Se nwessgħu Pinto Wharf bi 15-il metru biex ikollna t-tieni moll li jista' jilqa' *cruiseliners* ta' 'l fuq minn 300 metru. | MTIP | Saru d-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati biex jiġi formulat pjan għal dan il-proġett. Il-proġett huwa mmexxi minn Valletta Cruise Port. | Saru disinji biex Transport Malta jkollha viżibilità dwar il-possibilità li dan il-proġett ikun jikkumplimenta b'mod tajjeb mal-bqija tal-poġetti maħsuba għall-Port il-Kbir. | Saru laqgħat tekniċi bejn il-partijiet kollha biex jiġu maqbula l-komponenti tal-proġett. | Il-programm kollu tal-proġett mistenni jiġi ppreżentat internament għall-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 316 | Se nimbarkaw ukoll f'taħditiet biex nespandu d-Deep Water Quay. | Transport Malta | Ġiet ippreparata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali, liema dokument sarlu *outside technical review*. Id-dokument tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali ntbagħat għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni. | Saru taħditiet li permezz tagħhom ġie żgurat il-finanzjament għal dan il-proġett, filwaqt li saru l-aċċertamenti meħtieġa għas-sejħa tal-offerti. | Ingħata bidu għall-evalwazzjoni tat-*tenders.* | Mistennija ssir l-għotja u l-iffirmar tal-kuntratt biex jibdew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 347 | Se tiġi indirizzata l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ fil-Birgu. | Works Infrastructure Department | Saret laqgħa mal-uffiċjali tal-klabb tal-futbol u s-Sindku biex l-aħħar proposti li kienu saru jiġu diskussi u aġġornati. Saret laqgħa ma' SportMalta u t-Taqsima tal-Proprjetà tal-Gvern fejn ġie diskuss dan il-proġett. Saret laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar u oħra mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) biex jiġu diskussi u stabbiliti l-parametri illi jiggvernaw is-sit propost għall-iżvilupp. | Tlestew id-disinji tal-proġett u ġiet preparata l-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Beda l-istħarriġ tal-fattibilità ta' dan il-proġett. | Mistenni jitlesta l-istħarriġ tal-fattibilità ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 | Biex insaħħu l-infrastruttura diġitali f'Għawdex qed nallokaw investiment sostanzjali ta' €3.2 miljun fis-sentejn li ġejjin biex Għawdex ikollu *fibre optic link* li tkompli tissapportja din l-infrastruttura. Din il-*link* għandha sservi biex nattiraw aktar investiment fis-settur tal-IT u tal-ekonomija diġitali li rridu li jservi bħala niċċa ġdida ta' żvilupp fil-gżira. Barra minn hekk, biex inġibu aktar serħan il-moħħ għall-investiment kbir li qed jirnexxilna nressqu lejn Għawdex, se nkunu qed inneħħu d-dipendenza fuq *fibre optic link* waħda u ninvestu fit-tieni *fibre optic cable* bejn iż-żewġ gżejjer. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diversi *site visits* kif ukoll laqgħat mal-operaturi tal-telekomunikazzjoni biex jiġu deċiżi l-aħjar rotta, fl-art u fil-baħar, kif ukoll l-operat tal-*fibre optic cable*. Saru laqgħat ma' Transport Malta, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi dwar permessi meħtieġa. Ittieħdet deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' *operating company* biex eventwalment topera l-*fibre optic cable*. Inbeda xogħol fuq it-termini ta' referenza tat-*tender* kif ukoll fuq id-*drawings*. | Ġie sottomess rapport lill-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi wara li ġiet deċiża r-rotta kollha, il-*landing points* u t-*terminal stations*. Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-permessi lill-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi. Kompla x-xogħol preparatorju għall-ħruġ tat-*tender*. | Tlestew id-dokumenti kollha relatati mas-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet u t-tqegħid ta' *fibre optic cable link* bejn il-gżejjer. Tkompla l-proċess tal-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi biex jinħarġu l-permessi meħtieġa. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet, jissokta l-proċess biex jiġi ppubblikat Avviż Legali u jiġi determinat l-operat tal-*cable* mal-entitajiet konċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 | Fis-sena li ġejja se nibdew ix-xogħol fuq proġett għat-twaqqif tal-Mużew għal Għawdex li hu stmat li se jiswa madwar €5 miljun. | Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Programmi | Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għad-disinn tal-Mużew. Il-proċess ġie kkanċellat u wara l-approvazzjoni tal-General Contracts Committee tad-Dipartiment tal-Kuntratti u Heritage Malta, tnieda proċess ta' *public procurement* ġdid mal-uniku offerent li kien eliġibbli mil-lat amministrattiv u tekniku fl-ewwel proċess ta' *public procurement.* | Wara li ntlaħaq ftehim mal-offerent fuq il-prezz mitlub, sar l-abbozzar tal-ftehim. Inbeda proċess ta' konsultazzjoni mal-i*stakeholders* dwar il-preparazzjoni għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-kuntratt rigward id-disinn u l-provvista ta' tim multidixxiplinarju ġie ffirmat. Ġiet preparata s-sejħa għall-ingaġġ ta' Assistent fir-Riċerka. Inbeda wkoll ix-xogħol fuq l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni jinbeda l-proċess biex jiġu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet ta' twaqqigħ u skavar kif ukoll għar-restawr u kostruzzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 120 | Barra milli nkomplu ngħinu studenti Għawdxin li jistudjaw f'Malta, se nestendu s-sussidju li llum nagħtu lil dawk li jistudjaw *full-time* fl-Università ta' Malta u fl-MCAST biex jilħaq ukoll lil dawk l-Għawdxin li jattendu xi istituzzjoni privata ta' edukazzjoni għolja f'Malta. | Direttorat għas-Servizzi tal-Klijenti | Intlaqgħu l-applikazzjonijiet u beda jingħata s-sussidju. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 | Għawdex fl-aħħar se jkollu pixxina ġdida li tista' sservi wkoll biex inġibu 'l quddiem it-turiżmu sportiv f'din il-gżira. Wara li ħarġet talba għall-proposti biex is-settur privat jiddisinja, jibni u jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-kumpless, qed nistennew li sal-aħħar ta' din is-sena jkun iffirmat il-kuntratt fuq dan il-proġett. Dan għandu jwassal biex fl-2017 inkunu nistgħu nibdew ix-xogħol li għandu jieħu madwar sena u nofs. | Direttorat għas-Servizzi tal-Klijenti | Saret sottomissjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa. | Tkompla l-proċess għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Tkomplew it-tħejjijiet biex jiġi ffirmat il-*Concession Agreement.* | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar il-*Concession Agreement.* | Mistennija jiġu konklużi d-diskussjonijiet tal-*Concession Agreement.* | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 122 | Ser ikompli x-xogħol fuq il-Qorti ta' Għawdex biex tinħareġ miċ-Ċittadella u minflok din topera minn kumpless modern. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tkomplew il-preparamenti fuq il-binja l-ġdida tal-Qorti f'Għawdex u nħarġet sejħa pubblika għall-offerti għall-bini ta' parkeġġ taħt l-art. | Tkompla l-proċess tas-sejħa għall-offerti għall-bini ta' parkeġġ taħt l-art. | Bdew jiġu kkunsidrati siti alternattivi għall-Qorti u l-parkeġġ biex il-ħtiġijiet tal-ġudikatura, avukati u l-pubbliku jkunu indirizzati b'mod aktar effettiv. | Issir konsultazzjoni pubblika mal-i*stakeholders* fuq din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 124 | Se nkomplu naħdmu wkoll fuq il-proġett tad-dar tal-anzjani f'Għajnsielem b'investiment ta' €6 miljun. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni. Inħarġet sejħa pubblika għall-offerti tal-*mechanical* u *electrical works*. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni. Bdiet issir rievalwazzjoni tal-proċess li ser jintuża għat-tlestija, u finalment l-operat, ta' din id-dar. | Bdew jiġu kkonsolidati l-istadji finali tat-tlestija tax-xogħlijiet flimkien mal-operat tad-dar biex tinħareġ *Expression of Interest*. | Mistennija tinħareġ l-*Expression of Interest*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 125 | Il-proġett tat-taraġ li jniffed il-parkeġġ fil-qalba tar-Rabat ma' Pjazza San Franġisk b'investiment ta' €3 miljun | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni. Inħarġu s-sejħiet għall-offerti għax-xogħol ta' *mechanical*, *electric works* u *finishes*. | Tlesta l-proċess ta' aġġudikazzjoni u s-sejħa għall-offerti tal-*mechanical and electric works* ingħatat. Inbeda l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' *finishes*. | Bdew ix-xogħlijiet ta' *mechanical and electric works* u tkompla l-proċess tas-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' *finishes*. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet ta' *mechanical and electric works* u jibda x-xogħol fuq il-*finishes*. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 126 | Se nwettqu wkoll għadd ta' proġetti biex insebbħu l-pjazez ewlenin tal-irħula. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq iż-żewġ pjazez ewlenin li huma x-Xagħra u l-Pjazza tas-Santwarju ta' Pinu. Ix-xogħlijiet fix-Xagħra komplew u bdew diskussjonijiet mar-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu għat-tisbiħ tal-pjazza. | Tlestew ix-xogħlijiet fix-Xagħra. Intlaħaq ftehim mar-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu u ġie deċiż li tingħata għajnuna finanzjarja għax-xogħlijiet ta' tisbiħ li qed jiġu implimentati mill-amministrazzjoni tas-Santwarju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 127 | Innaddfu l-widien | Direttorat Eko Għawdex u Żvilupp Reġjonali | Saru sottomissjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa sabiex isir it-tindif tal-Wied tal-Grazzja, parti mill-Wied ta' Marsalforn u Wied il-Għasri. Tkomplew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. | Tkompla l-proċess għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar. Tlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. | Tkompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħarġu l-permessi għat-tindif tal-widien. | Mistenni jibda x-xogħol ta' tindif tal-widien. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 128 | Nibnu mill-ġdid ħitan tas-sejjieħ f'diversi lokalitajiet | Direttorat Eko Għawdex u Żvilupp Reġjonali | Saru sottomissjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ fil-lokalitajiet identifikati li huma l-Wied tar-Ramla u Triq Marsalforn. | Tkompla l-proċess għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippja-nar. | Tkompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar biex jinħarġu l-permessi għat-tindif tal-widien. | Mistenni jinbeda xogħol ta' bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | Nirrestawraw postijiet storiċi fosthom il-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso | Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Programmi | Il-Mitħna tax-Xewkija: Tkompla l-proċess biex jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>L-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra: Beda l-proċess tal-akkwist tal-art mal-Awtorità tal-Artijiet. Saret ħidma biex tinħareġ il-proklama tal-President għall-esproprjazzjoni tal-Għar ta' Kalipso. Saru xi aġġornamenti fuq studji ġeoloġiċi li kienu saru fl-għar. | Il-Mitħna tax-Xewkija: Bdew diskussjonijiet mad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinament tal-Prjoritajiet dwar l-aħjar allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni Ewropea. Saret reviżjoni tal-Iskeda tal-Implimentazzjoni ta' xi komponenti. Ġie finalizzat l-abbozz tal-kuntratt tal-espert li ser jiġi ingaġġat biex jassisti fil-bini mill-ġdid tal-makkinarju tal-mit ħna.<br><br>L-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra: Ġiet ippubblikata l-Proklama tal-President għall-esproprjazzjoni tal-Għar ta' Kalipso u l-artijiet fil-madwar. Beda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-inġaġġ ta' ġeologu biex jassisti fl-implimentazzjoni tax-xogħlijiet. | Il-Mitħna tax-Xewkija: Bdiet il-preparazzjoni ta' sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' restawr tal-mitħna kif ukoll il-preparazzjoni ta' sejħa għall-offerti għall-provvista ta' materjal u tagħmir għall-bini tal-makkinarju tal-mit ħna.<br><br>L-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra: Ġiet preparata s-sejħa għas-servizzi ta' ġeologu. | Il-Mitħna tax-Xewkija: Mistennija jiġu finalizzati s-sejħiet għall-offerti u jiġi ingaġġat espert biex jgħin fil-bini tal-makkinarju tal-mitħna.<br><br>L-Għar ta' Kalipso, ix-Xagħra: Mistennija tiġi ppubblikata u ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa għas-servizzi tal-ġeologu. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Fl-2017 fiħsiebna li nkomplu għaddejjin bi programm vast ta' xogħol biex nagħtu wiċċ ġdid lil diversi toroq f'Għawdex li ilhom abbandunati snin sħaħ. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tkompla l-proċess tal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma. Inħarġu diversi sejħiet għall-offerti għax-xogħol ta' asfaltar ta' diversi toroq. Inbeda x-xogħol fuq Triq Għajn Qasab, in-Nadur, u tkompla x-xogħol fuq Triq il-Fanal, l-Għasri. | Tlesta x-xogħol fuq Triq Għajn Qasab, in-Nadur, u Triq il-Fanal, l-Għasri. Ħarġu s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet fuq Triq Għajn Qatet, ir-Rabat, u Triq Ġorf, ix-Xagħra. Inbeda l-proċess biex jinħarġu sejħiet għall-offerti ġodda fuq diversi toroq. | Ġiet ippubblikata t-tieni sejħa għall-offerti għal xogħlijiet fuq Triq Għajn Qatet, ir-Rabat. Ġiet evalwata s-sejħa għall-offerti fuq Triq Ġorf, ix-Xagħra, biex jinbdew ix-xogħlijiet. | Mistennija tiġi evalwata s-sejħa għall-offerti fuq Triq Għajn Qatet u jinbdew ix-xogħlijiet. Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq Ġorf, ix-Xagħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 131 | Fl-2017 irridu niżguraw li issir manutenzjoni kontinwa biex iċ-Ċittadella titgawda minn ġenerazzjonijiet futuri. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Inħolqot skema bl-isem ta' L.E.A.P. li permezz tagħha numru ta' *trainees* qed jiġu mħarrġa fix-xogħol ta' manutenzjoni, restawr u tindif taċ-Ċittadella filwaqt li jingħataw ukoll taħriġ fil-ħiliet bażiċi tagħhom. Permezz ta' dawn it-*trainees* fiċ-Ċittadella sar xogħol estensiv ta' tindif u manutenzjoni. | Baqa' għaddej it-taħriġ tal-*trainees* fl-iskema. | Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u t-taħriġ. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Is-sena li ġejja se nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-lum fir-rigward tal-*parking* fir-Rabat, Għawdex, iktar u iktar issa li ċ-Ċittadella saret attrazzjoni ewlenija. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Twaqqaf kumitat ta' azzjoni bis-sehem ta' *stakeholders* biex janalizza s-sitwazzjoni tal-parkeġġ fir-Rabat. | Beda jsir eżerċizzju biex jiġi ddeterminat il-volum ta' traffiku fir-Rabat. | Tkompla l-eżerċizzju dwar il-volum ta' traffiku fir-Rabat, Għawdex. | Mistenni jitkompla l-eżerċizzju dwar il-volum ta' traffiku u identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet li jistgħu jservu ta' parkeġġ fir-Rabat, Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 133 | Biex inżidu l-konnessjoni marittima ta' Għawdex ma' Malta, bdejna l-ħidma neċessarja b'talba għas-sottomissjoni ta' proposti (RFP) biex jiġi varat servizz ta' *fast ferry* bejn il-Belt Valletta u l-Imġarr f'Għawdex. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Inbeda l-proċess biex tinħareġ sejħa għas-sottomissjoni ta' proposti minn Transport Malta biex jiġi varat servizz ta' *fast ferry* bejn il-Belt Valletta u l-Imġarr, Għawdex. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għas-sottomissjonijiet ta' proposti. | Ġie deċiż li s-sejħa għall-proposti tiġi estiża għal Jannar 2018. | Mistenni jitkompla l-perjodu tas-sottomissjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 136 | Matul l-2017 se nkunu qed noħorġu *white paper* li permezz tagħha nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar id-devoluzzjoni ta' ċerti responsabbiltajiet għall-gżira ta' Għawdex. L-għan tagħna hu li ssir diskussjoni mifruxa dwar dawk l-attivitajiet amministrattvi u xogħol ieħor marbut direttament mal-gżira Għawdxija u dwar jekk u kemm hu fattibbli li dawn jibdew jaqgħu taħt tmexxija u direzzjoni li tittieħed minn Għawdex stess. Dan kollu jifforma parti minn proċess ta' deċentralizzazzjoni li fl-istess ħin ikun qed jagħti aktar leħen lill-Għawdxin. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Sar pjan dwar kif ħa jitħaddem il-proċess ta' konsultazzjoni. Twaqqaf tim multidixxiplinarju biex iwettaq studji u riċerka bil-għan li jitħejja abbozz ta' *white paper*. | Tkompla l-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni u riċerka. | Tkompla l-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni u riċerka. | Mistennija titħejja *white paper* li permezz tagħha jibda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-pubbliku. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET
TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | Fl-aħħar żewġ baġits daħħalna l-iskemi tal-*In-Work Benefit* biex filwaqt li nissupplimentaw id-dħul baxx, ninċentivaw lill-kapijiet ta' familji bi tfal biex jaħdmu permezz ta' benefiċċju li jlaħħaq l-€1,000 għal kull wild. Għal din is-sena, l-iskema ġiet estiża għal koppji bi tfal fejn membru wieħed biss għandu xogħol.<br><br>(a) Għal koppji li jaħdmu t-tnejn, din se tfisser żieda ta' €200 fis-sena skont id-dħul u b'hekk il-benefiċċju issa ser jogħla minn €1,000 għal €1,200.<br>(b) Għas-*single parents* li jaħdmu, ir-rati se jogħlew b'€50 fis-sena għal €1,250, filwaqt li għal koppji fejn wieħed biss jaħdem, ir-rati se jogħlew minn €150 sa massimu ta' €350 fis-sena skont id-dħul. B'hekk ser inkunu qed nolqtu 3,000 familja bi dħul baxx jew medju li se jiżdidulhom il-flus fil-but. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Beda l-ittestjar tad-*data* skont it-*tresholds* il-ġodda, filwaqt li beda xogħol ieħor fuq it-talbiet ġodda biex ikunu jistgħu jinħarġu l-ewwel pagamenti. | Inħarġu l-ewwel pagamenti f'April u b'hekk din il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 203 | (a) Matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħmlu riforma importanti fl-Għajnuna Supplimentari li titħallas lill-ħaddiema miżżewġin bi dħul baxx, inkluż bil-Paga Minima, imma li m'għandhomx tfal taħt is-16-il sena u ma jiħdux Children's Allowance.<br><br>(b) B'din ir-riforma se ngħollu s-*ceiling* preżenti tal-Għajnuna Supplimentari għall-miżżewġin minn €11,089 għal €13,000. Iżda mhux se jkunu biss il-miżżewġin li se jgawdu minn dan it-tibdil. Persuni *single* li jgħixu għal rashom, jaħdmu u għandhom dħul nett ta' anqas minn €9,012, kif ukoll persuni *single* oħra, li jaħdmu u għandhom il-paga minima u m'għandhomx dħul nett li jaqbeż €9,012, se jibbenefikaw minn żieda ta' €126.36 fis-sena. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar ix-xogħol biex jidħlu fis-seħħ iż-żewġ partijiet ta' din il-miżura. Fi Frar ħarġu l-pagamenti ta' każijiet eżistenti biż-żidiet mogħtija waqt li tkompla x-xogħol fuq talbiet ġodda li rċieva d-Dipartiment. F'Marzu kompla x-xogħol u nħarġu l-pagamenti fuq it-talbiet ġodda. | Il-miżura ġiet implimentata f'April | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 204 | Minn Jannar li ġej, se nkunu qed nagħtu żieda oħra ta' €4 fil-ġimgħa (jew €208 fis-sena). Din iż-żieda se titħallas pro rata wkoll lil min għandu l-pensjoni tiegħu ftit ogħla mill-Pensjoni Minima. Iż-żieda mħabbra se titħallas ukoll lill-pensjonanti miżżewġin li jieħdu l-Pensjoni tal-Età. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Il-pagamenti nħadmu bir-rati l-ġodda f'Jannar. Il-benefiċjarji tal-Pensjoni tal-Età tħallsu biż-żieda fl-ewwel pagament ta' Jannar. Fi Frar kompla għaddej ix-xogħol u l-pagamenti ħarġu f'Marzu. | | | | Implimentata |
| 205 | L-għajnuna supplimentari li ħabbart għall-ħaddiema fuq il-paga minima ser tapplika wkoll għall-anzjani bi dħul baxx. Bis-saħħa ta' din ir-riforma, se nkunu qed inżidu sostanzjalment id-dħul ta' madwar 9,500 pensjonanti miżżewġin li jgħixu b'pensjoni waħda, biex b'hekk nolqtu wkoll il-koppji li mhux se jibbenefikaw mill-qtugħ fit-taxxa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar ix-xogħol biex inħarġu l-pagamenti. Dawn tħallsu matul dan il-kwart tas-sena. | | | | Implimentata |
| 206 | Se nerġgħu nestendu l-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 (ħamsa u sebgħin) sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Il-pagamenti ta' €300 lill-benefiċjarji ħarġu f'dan il-kwart. B'hekk, din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 207 | Mill-1 ta' Jannar li ġej se nkunu qed inżidu l-bonus għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma mgħandux pensjoni, b'€50 fis-sena.<br><br>B'hekk, il-bonus ta' dawk li jkunu laħqu l-età tal-irtirar iżda m'għalqux 75 sena u li ħallsu aktar minn sena kontribuzzjonijiet iżda anqas minn 5 snin, se jiżdied minn €100 għal €150, filwaqt li l-bonus ta' dawk li ħallsu aktar minn 5 snin kontribuzzjonijiet se jiżdied minn €200 għal €250 fis-sena. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar ix-xogħol neċessarju u fl-ewwel ġimgħa tax-xahar ta' wara ħarġu l-pagamenti ta' €150 u ta' €250 li kienu jinkludu ż-żieda ta' €50. Għaldaqstant, din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 208 | Mis-sena d-dieħla se nkunu qed nerġgħu nżidu €200 oħra fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jitnaqqas mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Beda x-xogħol fuq każijiet ta' pensjonanti li seta' jkollhom dritt għal żieda fir-rata tal-pensjoni. | Tkompla x-xogħol u ħarġu l-ewwel pagamenti biex b'hekk din il-miżura ġiet implimentata matul dan ix-xahar. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 | Il-Parlament approva emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li jneħħu kull forma ta' diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u li kienu ilhom hemm għal snin sħaħ. Permezz ta' dawn l-emendi, fost oħrajn, se tispiċċa d-differenza fir-rati fissi jew minimi bejn l-irġiel u n-nisa. Qed nirrevedu l-pensjonijiet ta' dawn in-nisa biex inneħħu din id-diskriminazzjoni. Għal dawn in-nisa dan se jfisser żieda fil-pensjoni tagħhom li tista' titla' sa madwar €20 fil-ġimgħa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Beda x-xogħol biex jibdew jitħallsu r-rati ġodda kif emendati fl-Att. Il-benefiċjarji bdew jitħallsu abbażi ta' dawn l-emendi u b'hekk il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 210 | Riforma fil-Pensjoni tal-Wens u fl-Allowance għal Carer li se tkun qed titwettaq matul is-sena d-dieħla, fejn il-benefiċċju ser jiżdied b'mod sostanzjali, filwaqt li l-benefiċċju tal-Pensjoni tal-Wens ser jitħallas mingħajr test tal-mezzi. Dan il-benefiċċju se jkun ta' €140 fil-ġimgħa li jfisser żieda ta' €35 fil-ġimgħa jew żieda f'sena ta' €1,820 aktar mir-rata preżenti tal-Pensjoni tal-Wens. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tħallsu dawk il-benefiċjarji kollha li kienu jirċievu l-Pensjoni tal-Wens filwaqt li tħallsu wkoll dawk il-benefiċjarji li kienu jirċievu l-Allowance għal Carer. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 211 | Mill-2017, dik li llum hija l-Pensjoni tal-Wens u li titħallas biss wara test tal-mezzi tal-*carer* u f'każ fejn il-pazjent juża *wheelchair* jew ikun ikkonfinat f'sodda, se tinbidel f'Increased Carers' Allowance u se titħallas lil dawk il-*carers*, inkluż il-miżżewġin, b'xi kundizzjonijiet, li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb persuna fir-residenza tagħhom li jkollha grad għoli ta' dipendenza. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Ġew varati l-applikazzjonijiet tal-Increased Carers' Allowance. Dawn ġew assessjati min-naħa tad-Direttorat u wara ġew evalwati mill-Bord Multidixxiplinarju għall-verifika medika tal-pazjent. Fi Frar bdew isiru l-*home visits* u bdew jinħarġu l-pagamenti. | | | | Implimentata |
| 212 | Min-naħa l-oħra, il-Carers' Allowance se titħallas lil dawk il-*carers* li jkunu qed jieħdu ħsieb persuna fir-residenza tagħhom li jkollha grad medju ta dipendenza. Ir-rata tal-Carers' Allowance se tkun ta' €90 fil-ġimgħa li jfisser €14 fil-ġimgħa jew €728 fis-sena aktar mir-rata preżenti. F'dan il-każ id-dritt għal dan il-benefiċċju se jibqa' skont test tal-mezzi tal-*carer.* | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Ġew varati l-applikazzjonijiet tal-Allowance għal Carers li jkunu qed jieħdu ħsieb persuna fir-residenza tagħhom. Ġew ipproċessati min-naħa tad-Direttorat u t-talbiet ġew evalwati mill-Bord Multidixxiplinarju għall-verifika medika tal-pazjent. Fi Frar bdew isiru l-*home visits* u bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 213 | Is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħmlu riforma f'dan il-qasam fejn se nkunu qed nistabbilixxu tliet livelli ta' ħlasijiet skont il-livell ta' diżabilità.<br>(a) L-ewwel livell se jikkonċerna lil dawk il-persuni b'diżabilità li assolutament ma jistgħux jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol skont il-Barthel Index. Dawn se jkunu qed jirċievu l-ogħla rata ta' benefiċċju li se tiżdied, bil-għan li eventwalment u gradwalment, din ir-rata tkun ekwivalenti għall-ammont nett li persuna ddaħħal mill-Paga Minima.<br>(b) It-tieni livell se jkun bħal dak imħallas illum u se jkun qed jiġbor fih lil dawk il-persuni li d-diżabilità tagħhom taqa' fil-parametri tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u jkunu jaħdmu jew jistgħu jaħdmu. Hawnhekk, il-Gvern se jkompli bir-riforma li permezz tagħha, mijiet ta' persuni b'diżabilità daħlu fid-dinja tax-xogħol għall-ewwel darba. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tfasslet is-sistema li qed titħaddem f'dawn il-każi. Inħarġu l-applikazzjonijiet għal Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità Severa u Assistenza għal Diżabilità. L-applikazzjonijiet bdew jiġu evalwati mill-Bord Multidixxiplinarju għall-verifika medika tal-pazjent skont il-livell ta' diżabilità applikabbli. Fi Frar bdew isiru l-ewwel *home visits* u bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti skont il-livell ta' diżabilità. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (ċ) It-tielet livell se jkun qiegħed gradwalment jiġbor fih diżabilitajiet li sal-lum għadhom mhumiex koperti bil-liġi u persuni li sal-lum ma jeħdux benefiċċju. Fil-fatt b'dan il-mod se nkunu wkoll qed inwettqu wegħda elettorali oħra li tikkonċerna lil persuni taħt is-60 sena li għax għandhom riġel jew driegħ wieħed nieqes, sal-lum mhumiex ikkunsidrati bħala persuni b'diżabilità għall-fini tal-Pensjoni tad-Diżabilità. | | | | | | |
| 214 | Persuni li jirċievu l-Pensjoni tad-Diżabilità u li jkunu eliġibbli għall-mediċini b'xejn se jibdew jingħataw il-Karta r-Roża għal sena u mhux għal tliet xhur kif qed jiġri llum. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar it-*testing* meħtieġ min-naħa tad-Dipartiment b'kollaborazzjoni mal-MITA biex il-Karta r-Roża tingħata għal sena minflok tliet xhur. | | | | Implimentata |
| 215 | Mis-sena dieħla, il-Gvern se jirdoppja s-sussidju li bħalissa jingħata lil 1,400 familja. Dan is-sussidju llum ivarja minn €66.67 sa €83.33 skont id-dħul u d-daqs tal-familja. Dan issa ser jirdoppja, jiġifieri jitla' għal bejn €133.34 u €166.66. | Awtorità tad-Djar | L-Awtorità tad-Djar ħarġet skema ġdida fejn inkwilin ta' proprjetà privata jista' jibbenefika minn sussidju fuq il-kera li jammonta għal €2,000 fis-sena. L-Awtorità tad-Djar bdiet tilqa' l-applikazzjonijet u s-sussidju ngħata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 216 | Ser nestendu wkoll il-kriterji għal min jibbenefika sabiex nilħqu l-mira tagħna li nirdoppjaw in-numru ta’ familji li jibbenefikaw minn din il-miżura minn 1,400 għal 2,800. | Awtorità tad-Djar | L-Awtorità tad-Djar bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji l-ġodda u b'hekk il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 217 | B’riżultat ta’ emendi fil-Kodiċi Ċivili dwar il-kera introdotti mill-Gvern ta’ qabel fl-2009, ġie stabbilit li l-ammont minimu ta' kera ta' dar ta' abitazzjoni li għandu jitħallas japplika mhux biss għall-postijiet residenzjali mikrija mis-settur privat, iżda wkoll għal dawk ir-residenzi mikrija mingħand il-Gvern/Awtorità tad-Djar. Matul is-snin, din il-parti tal-liġi tal-kera ġiet applikata b’mod awtomatiku u b'hekk postijiet ta' abitazzjoni mikrija mingħand il-Gvern kellhom il-kera tagħhom fis-sena aġġustata skont l-anqas kera stabbilita bil-liġi fl-2010, 2013 u 2016 rispettivament. Dan il-Gvern ħa d-deċiżjonijiet li jsewwi dan kollu. | Awtorità tad-Djar | L-Awtorità tad-Djar identifikat il-każijiet li jaqgħu taħt din il-miżura waqt li d-Dipartiment tal-Artijiet identifika liema huma l-kirijiet li kien għolla fl-2013 u l-2014 li ġew affettwati b'din il-miżura. Saret verifika tal-informazzjoni bejn iż-żewġ dipartimenti. Bdiet tinġabar l-informazzjoni biex l-Awtorità tkun tista' taħdem fuq ir-rifużjoni li trid tagħti lill-inkwilini tagħha. | Bdew jinħadmu l-kirjiet il-ġodda skont il-miżura u ntbagħtu l-*invoices* bl-ammonti l-ġodda. Ingħataw lura l-pagamenti lill-inkwilini rispettivi li tħallsu żejda fis-snin preċedenti. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Mis-sena d-dieħla din il-parti tal-Kodiċi Ċivili mhux ser tkompli tapplika, u b'hekk iż-żidiet fil-kera għal dawk li jagħlqilhom il-kuntratt ma tibqax tiġi applikata għall-kirjiet ta' postijiet ta' abitazzjoni mikrija mingħand il-Gvern/ Awtorità tad-Djar. Barra minn hekk ser jintradd lura l-ħlas li sar taż-żieda fil-kera imposta fuqhom mis-sena 2013 'l hawn. | | | | | | |
| 219 | Twaqqif ta' fond biex nindirizzaw l-ilmenti tal-imgħoddi. Il-Gvern hu konxju li t-tibdiliet minn żmien għal żmien fis-sistema tal-pensjonijiet setgħu ħolqu anomaliji li għal ħafna persuni baqgħu jinħassu bħala inġustizzji kbar fir-rigward tagħhom, u b'hekk ma setgħux isibu s-serħan tal-moħħ fl-iktar perjodu kritiku ta' ħajjithom, dak tal-anzjanità. Qed nitkellmu hawn dwar eksħaddiema tal-korpi tas-snin sebgħin, eksimpjegati tal-Malta Electricity Board, il-każ tal-*overtime* tal-pulizija, eksħaddiema tax-xatt, u oħrajn. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Twaqqaf il-bord magħmul minn uffiċjali mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, mill-Ministeru għall-Finanzi, mill-Ministeru għall-Intern u mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Saru diversi laqgħat ma' rappreżentanti ta' ħaddiema, fosthom uffiċjali tal-GWU u rappreżentanti tal-eksħaddiema tax-xatt, dwar il-każ taghhom. | Ġew ippubblikati l-iskemi mill-Ministeri rispettivi li ħa jkunu qegħdin jirregolaw ir-rimedji mogħtija taħt dan il-fond. L-applikazzjonijiet intlaqgħu f'kull Ministeru u beda proċess ta' verifika. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet ġiet estiża sat-28 ta' Lulju 2017. Intbagħtu ittri lil eksimpjegati tal-Malta Electricity Board biex jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-każ tagħhom. | Għalaq iż-żmien biex jitwasslu l-applikazzjonijiet taħt it-tliet skemi mħabbra f'Mejju. Sar xogħol amministrattiv biex l-applikazzjonijiet għall-għotja għal dawk li kienu għamlu xi żmien jaħdmu f'dipartimenti tal-Gvern qabel l-1979 jiġu reġistrati fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, bil-għan li jsiru l-ħlasijiet dovuti fl-aħħar kwart tas-sena. | Mistenni jitkompla x-xogħol mibdi fit-tielet kwart u jibdew isiru l-ħlasijiet tal-għotja skont it-termini ta' kull skema. Il-bordijiet għar-reviżjoni tal-għotjiet jibdew jieħdu konjizzjoni ta' talbiet għal reviżjoni. Jitkompla wkoll ix-xogħol biex isiru l-ħlasijiet tal-pensjoni lil eksħaddiema tal-MEB u wara dan se jinbeda proċess biex l-Enemalta tieħu ħsieb il-mili u l-verifika ta' tagħrif dwar dawk | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dejjem għedna li biex il-pajjiż jagħmel tajjeb għalihom kollha jrid jivvota mijiet ta' miljuni ta' ewro. F'dan il-Baġit qed nagħmlu pass importanti bl-allokazzjoni ta' €8 miljun għas-sena 2017 għat-twaqqif ta' fond li minnu se nkunu qed nagħmlu l-ewwel ħlasijiet lil eksħaddiema tal-korpi tas-snin sebgħin, eksimpjegati tal-Malta Electricity Board, il-każ tal-*overtime* tal-pulizija, eksħaddiema tax-xatt, u oħrajn.<br>Il-ħsieb tagħna hu li nwaqqfu bord li nagħtuh l-inkarigu li jamministra dan il-fond u li, wara li jagħmel il-konsultazzjonijiet meħtieġa, ifassal mekkaniżmu u proċeduri ġusti dwar kif għandhom jiġu ttrattati dawn il-każijiet u jsiru l-ħlasijiet b'mod trasparenti u kontabbli fuq medda ta' snin. | Saru wkoll laqgħat mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | | | Saret ukoll ħidma ta' verifika u reġistrazzjoni fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, dwar l-applikazzjonijiet li daħlu għal ħlas ta' kumpens lill-eksħaddiema tax-xatt u kumpens għal sahra maħduma mill-pulizija. Dwar l-eksħaddiema tal-Malta Electricity Board (MEB), l-Enemalta ħadet ħsieb il-mili u l-verifika tal-informazzjoni dwar l-impjieg fuq il-formola meħtieġa biex inbeda l-proċess għall-ħlas tal-pensjoni skont kif imfisser fl-ittra li ntbagħtet fit-tieni kwart lil kull persuna eliġibbli.<br>Il-Bord inkarigat biex jamministra l-fond iltaqa' biex jieħu inkonsiderazzjoni l-iżviluppi u l-ħidma taħt kull skema u biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-ħlasijiet li jridu jsiru fuq medda ta' snin. | il-ħaddiema tal-MEB li mietu, biex il-werrieta tagħhom jibbenefikaw ukoll mill-ħlasijiet dovuti. | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 221 | Għal din is-sena, il-Gvern ser jiddedika somma oħra biex ikun estiż il-proġett tal-Carer at Home. B'din l-iskema, l-anzjani li qed jistennew biex jidħlu f'waħda mid-djar tal-anzjani jkollhom il-possibilità li jqabbdu *care worker* tal-għażla tagħhom, *full-time* jew *part-time*, u jieħdu għajnuna finanzjarja proporzjonata, sa massimu ekwivalenti għal €5,200 fis-sena. | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Ġie estiż il-proġett pilota li kien beda fl-2016 tal-Carer at Home. B'hekk, il-benefiċjarji eżistenti ngħataw żieda fis-sussidju li tammonta għal €600 fis-sena, waqt li applikanti ġodda bdew jitħallsu bir-rati l-ġodda. | | | | Implimentata |
| 222 | Fil-mekkaniżmu tal-ittestjar tal-mezzi se noħolqu *threshold* wieħed għall-assistenzi mhux kontributorji kollha, inkluż tal-Kartuna r-Roża. B'hekk dawn issa ser ikunu kollha hekk: €23,300 għall-miżżewġin, u €14,000 għall-persuni *single*. Dan ifisser li l-limitu tal-kapital għall-miżżewġin biex jikkwalifikaw għall-Karta r-Roża se jiżdied b'€7,000 filwaqt li dak tal-persuni *single* se jitla' bi kważi €4,700. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Beda u ġie konkluż ix-xogħol fuq l-emendi tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) min-naħa tad-Dipartiment. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 223 | Lejn l-aħħar kwart tas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar, bl-għajnuna ta' fondi Ewropej, ser tagħti bidu ghal proġett importanti mifrux fuq medda ta' sitt snin biex jiġu installati liftijiet u jsir xogħol ta' tisbiħ fl-oqsma tal-bini residenzjali tal-Gvern.<br><br>Ix-xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-partijiet komuni u t-twaħħil tal-liftijiet ser isiru f'211-il binja fejn jgħixu madwar 4,400 persuna, fosthom 1,200 anzjan u 200 persuna b'diżabilità.<br><br>Barra fil-binjiet infushom, ix-xogħol ta' tisbiħ ser isir ukoll fil-madwar tagħhom biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jgħixu f'ambjent isbaħ u aħjar. | Awtorità tad-Djar | Sar xogħol preparatorju, fosthom il-kejl ta' blokki eżistenti, u nbeda l-proċess tal-applikazzjonijiet għall-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan sakemm tingħata risposta dwar l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej mill-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali. | Inbeda l-proċess ta' notifika lill-blokki eliġibbli biex ikun konfermat l-interess ta' dawn il-blokki li jipparteċipaw fil-proġett. | Kompla għaddej ix-xogħol preparatorju u beda dak għall-implimentazzjoni fil-blokki eliġibbli u li kkonfermaw l-interess tagħhom li jipparteċipaw fil-proġett. Bdew jinħarġu sejħiet għar-reklutaġġ ta' ħaddiema ġodda. | Mistenni jiġi ffirmat il-*Grant Agreement* marbut mal-għoti tal-fondi Ewropej. Mistennija wkoll joħorġu t-*tenders* biex ikun jista' jibda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 226 | Matul is-sena d-dieħla se jkunu qed jinbnew l-ewwel *units* bħala parti mill-proġett kbir ta' €50 miljun li kont ħabbart fil-Baġit li għadda u li fuq medda ta' tliet snin se jkun qed jirriżulta f'numru konsiderevoli ta' akkomodazzjoni soċjali. | Awtorità tad-Djar | Sar xogħol sabiex il-kumpanija Housing Project Managemnet Unit (HPMU) Limited tingaġġa l-ħaddiema meħtieġa. Tkomplew ukoll it-taħditiet mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar kif se joħorġu dawn is-sejħiet. Beda l-proċess ta' reklutaġġ fi ħdan din il-kumpanija. Bdew ukoll ħerġin is-sejħiet għat-tqattigħ ta' diversi siti. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar it-*tenders* tas-siti kollha u nħarġu diversi sejħiet għall-offerti. Fejn ġie ffirmat il-kuntratt, beda t-tqattigħ fuq is-sit. F'Ġunju tlesta x-xogħol tat-tqattigħ ta' żewġ siti u beda x-xogħol fuq diversi siti oħra. | Sitt siti tlestew mix-xogħol ta' tqattigħ. Beda x-xogħol ta' tqattigħ fuq is-sit tas-Siġġiewi filwaqt li bdiet l-evalwazzjoni tat-*tender* tat-tqattigħ tas-sit ta' Birkirkara. Kif jaslu l-fondi għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u l-*finishes*, jinħarġu t-*tenders* ta' dawn ix-xogħlijiet. | Mistenni li jibda x-xogħol ta' tqattigħ fuq żewġ siti oħra, wieħed fil-Qrendi u ieħor f'Ħaż-Żebbug. Jitkompla wkoll it-twaqqigħ u t-tqattigħ fuq is-siti li jkun fadal. Tissokta l-ħidma biex jintlaħaq ftehim bejn l-entitajiet involuti ħalli l-proġett ikun jista' jimxi aktar 'il quddiem. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 227 | Qegħdin naħsbu biex inniedu skema li permezz tagħha persuna b'diżabilità jkollha l-għajnuna ta' assistent personali skont il-ħtiġijiet tagħha. L-iskema, li hija msejsa fuq dik imħaddma mill-Independent Living Institute tal-Iżvezja, ser tkun miftuħa għal persuni ta' kull età, bl-ispiża tas-servizz tinqasam bejn il-Gvern u dawk li jagħmlu użu mis-servizz. L-ispiża annwali ser tkun qed tlaħħaq ftit aktar minn €1 miljun. | Sapport/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Saru diskussjonijiet dwar it-tħaddim ta' din l-iskema u r-reklutaġġ tal-persuni inkarigati minnha. Saret ukoll talba lill-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali biex jinħatar bord li ħa jeżamina u japprova dan is-servizz lill-persuni b'diżabilità. | Bdiet titfassal u tlestiet il-*policy* li ser ikun qed isegwi l-Bord. Il-Bord twaqqaf u beda jevalwa l-każijiet f'Mejju. F'dan il-kwart ġew approvati l-ewwel benefiċjarji tal-proġett. | Il-Bord appuntat beda jiddiskuti l-ewwel każijiet u ġew approvati fondi għal numru ta' benefiċjarji. Baqa' għaddej ir-reklutaġġ tal-istaff. | Dan is-servizz mistenni jiġi estiż għal aktar benefiċjarji. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 228 | Ser inkomplu nagħtu spinta lill-proġett Soċjetà Ġusta, bil-għan li jinħolqu total ta' għaxart idjar żgħar fil-komunità li jilqgħu fihom persuni b'diżabilità. Permezz ta' dawn id-djar, il-ġenituri ta' dawn il-persuni b'diżabilità jkollhom moħħhom mistrieħ għal meta jiġu nieqsa. S'issa lestejna tlett idjar (fis-Siġġiewi, ir-Rabat, Għawdex, u ż-Żurrieq) u, għas-sena d-dieħla, qed nippjanaw li jkollna lesti numru ta' djar oħra. | Sapport/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Ġie ffirmat *Public Social Partnership* (PSP) ma' Dar Arka u tkomplew il-preparamenti għall-iffirmar ta' żewġ ftehimiet oħra maż-żewġ organizzazzjonijiet mhux governattivi. Sadanittant, tkompla x-xoghol strutturali f'Ħaż-Żabbar, fil-Marsa u f'Pembroke. Id-djar fil-Qrendi u ż-Żurrieq jinsabu fi stadju ta' proċessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Komplew għaddejjin ix-xogħlijiet f'Ħaż-Żabbar, il-Marsa u f'Pembroke. Sadanittant inħareġ il-permess tal-Qrendi. Bdew jiġu proċessati s-sejħiet tal-għamara, *airconditioners* u *finishes* u ġew iffirmati żewġ PSPs oħra mal-Fondazzjoni Wens u Ħajja Indipendenti. | Komplew għaddejjin ix-xogħlijiet f'Ħaż-Żabbar, il-Marsa u f'Pembroke, filwaqt li fil-każ tal-Qrendi ġiet finalizzata l-evalwazzjoni tat-*tenders* tal-kostruzzjoni u beda l-ewwel xogħol. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet fil-Marsa, f'Pembroke u f'Ħaż-Żabbar. Mistennija wkoll jissoktaw il-prepar-amenti biex ikun jista' jingħata bidu għax-xogħlijiet fil-lokalitajiet l-oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 229 | Ser nintroduċu servizz ta' *respite* mmirat għal dawk il-*carers* li jaħdmu b'mod informali iżda direttament fid-dar tal-individwu dipendenti. Bis-saħħa ta' dan is-servizz, kull sitt ġimgħat, dawn il-*carers* ser jingħataw appoġġ biex tingħatalhom ġimgħa ta' mistrieħ, biex f'sena jkollhom massimu ta' tliet perjodi ta' mistrieħ. B'hekk, niżguraw li dawn il-*carers* ikollhom ħarsien soċjali xieraq u ma jkunux esklużi soċjalment. | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Beda l-proċess ta' *procurement* u tfassil tas-*setup* amministrattiv. | Il-proċess ta' *procurement* ġie finalizzat u l-kuntratt ġie ffirmat f'Mejju. B'hekk is-servizz beda jingħata. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 230 | It-*tender* tal-Meals on Wheels ġie mogħti u huwa maħsub li sal-aħħar ta' din is-sena ser titneħħa l-lista ta' stennija. Dan grazzi għaż-żieda fil-baġit allokat għal dan l-iskop bil-għan li s-servizzi fil-komunità jkomplu dejjem jissaħħu. Il-Gvern ħa ħsieb li jtejjeb il-kwalità tal-ikel u jnaqqas ir-riskji relatati mat-tqassim tiegħu. | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Beda jiġi introdott l-ikel bis-sistema l-ġdida b'mod gradwali filwaqt li bdiet tingħata attenzjoni lil dawk il-persuni bi bżonnijiet individwali. L-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema l-ġdida saret f'Marzu u b'hekk tneħħiet il-lista ta' stennija. | | | | Implimentata |
| 231 | Fil-qasam tal-anzjani, ser tingħata spinta biex il-Binja Rużar Briffa f'San Vinċenz de Paule titkabbar u tingħata dehra aħjar. B'hekk, kemm il-pazjenti u kif ukoll il-ħaddiema jkunu jistgħu jgħixu u jaħdmu f'ambjent aħjar. Permezz ta' dan il-proġett l-għadd ta' swali ser jiżdiedu għal sitta u b'hekk inkunu nistgħu noħolqu spazju akbar biex nilqgħu aktar pazjenti f'dan iċ-ċentru. | San Vinċenz de Paule/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Inħarġu t-*tenders* b'rabta max-xogħlijiet strutturali f'San Vinċenz de Paule. Ġiet sottomessa talba għal iżjed finanzi għall-kuntratt tal-kostruzzjoni tal-bini. | Tlesta x-xogħol strutturali u ta' kostruzzjoni fis-sulari kollha. Tkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi u tal-elettriku u bdew ix-xogħlijiet tar-restawr u l-*finishings* tal-faċċata. Inħarġet is-sejħa għat-tenders tal-lift filwaqt li s-sejħiet għal-*landscaping*, ancillary work u tar-*roofing* bdew jiġu evalwati. Sadanittant, ingħatat is-sejħa tal-aluminju. | Ħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar u tkomplew ix-xogħlijiet. | Mistenni jitlesta x-xogħol biex l-ewwel swali jkunu lesti sal-aħħar tas-sena. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 232 | Ser jitkabbar u jiġi mmodernizzat iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Imtarfa, sabiex joffri aktar faċilitajiet u jakkomoda aħjar lil dawk il-persuni li jagħmlu użu minnu matul il-ġimgħa. | Sapport/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Bdiet il-ħidma biex isiru x-xogħlijiet neċessarji fil-bitħa u l-Independent Living Unit. | Ħarġu s-sejħiet għat-*tenders* għall-iskavar u għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-ewwel fażi. Inbdiet l-evalwazzjoni tat-*tenders* u beda x-xogħol għall-pubblikazzjoni tas-sejħa tat-*tenders* fuq ix-xogħlijiet tal-bitħa. | Baqa għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni tat-*tenders* filwaqt li tlesta r-rapport tekniku tal-perit. | Mistenni jitlesta l-proċess ta' evalwazzjoni filwaqt li huwa ppjanat li jsiru xi xogħlijiet strutturali fil-bitħa u l-bini tal-Independent Living Unit. | Fil-proċess li tiġi mplimentata. |
| 233 | F'dan il-qasam ser naħdmu biex barra li jiġu msebbħa u mgħammra aħjar l-għaxar ċentri ta' matul il-jum għall-persuni b'diżabilità, jinfetaħ ċentru ieħor ta' din ix-xorta fin-nofs ta' Malta biex jintlaħqu aktar persuni li għandhom bżonn dawn is-servizzi. | Sapport/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Beda u tlesta x-xogħol ta' tagħmir fuq l-għaxar ċentri ta' matul il-jum.<br><br>Tlestew ix-xogħlijiet strutturali fiċ-ċentru l-ġdid u l-*finishes* fuq il-post, fosthom apparat għall-Independent Living Unit, tagħmir għas-sigurtà u komunikazzjoni. Intgħażlu l-professjonisti li ser ikunu qed jagħtu servizz f'dan iċ-ċentru, u anke l-klijenti biex dawn isirulhom *assessments* u *interventions* mill-professjonisti. Iċ-ċentru, li jinsab f'Tas-Sliema, ġie inawgurat fis-6 ta' Marzu 2017 u ngħata l-isem ta' Skills Space. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 234 | Sadanittant, kompliet il-ħidma fuq il-proġett REACH, imħabbar is-sena l-oħra, li ser isir fin-Naxxar. Dan huwa proġett li jinkorpora fih servizzi differenti adattati għal kulħadd, inklużi persuni b'diżabilità. Permezz ta' dan il-proġett, ser tkompli tiġi indirizzata l-*waiting list* tal-Aġenzija Sapport, b'servizzi professjonali u b'infrastruttura moderna, iddisinjata fuq il-kunċett tal-Universal Design. | Sapport/Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva | Bdew diskussjonijiet dwar kif se jitħaddem dan il-proġett, filwaqt li tlestiet l-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea u tressqet għall-approvazzjoni. | Tkompla l-proċess biex jinkisbu l-fondi tal-Unjoni Ewropea. | Ingħatat konferma li l-proġett se jibbenefika minn fondi Ewropej. Bdew id-diskussjonijiet mal-Awtorità Maniġerjali biex jiġi ffinalizzat u ffirmat il-*Grant Agreement.* | Wara l-iffirmar tal-*Grant Agreement*, mistennija tissokta l-ħidma biex jibdew jintużaw dawn il-fondi u b'hekk jibda jitwettaq il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 235 | Il-Fondazzjoni ser issaħħaħ is-servizz ta' aċċess taħt superviżjoni bi professjonisti mħarrġa u f'post xieraq fejn it-tfal ma jħossuhomx f'riskju u jkunu aktar ħielsa biex jirrelataw mal-familjari b'mod san. Mill-banda l-oħra, il-ġenituri jitgħallmu l-ħiliet li għandhom bżonn biex irabbu lil uliedhom. | Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Beda r-reklutaġġ u ġew ingaġġati numru ta' professjonisti biex jassiguraw servizz aħjar. Saru diskussjonijiet u ġie identifikat post ċentrali għal dan il-għan. | Bdew in-negozjati biex jinkera l-post f'Santa Venera. Peress li dan il-post jeħtieġ xogħol strutturali, is-servizz għalissa ser jibqa' jingħata mill-Aġenzija Appoġġ sakemm din il-binja titlesta. | Beda jopera t-trasport għall-klijenti fuq żewġ rotot. Qed isiru wkoll il-*case conferences* ma' klijenti ġodda. Sar ir-reklutaġġ u taħriġ lis-*support workers* il-ġodda. Bdew negozjati għall-kuntratt tal-kiri tal-post f'Santa Venera fejn eventwalment ser jingħata s-servizz tal-aċċess taħt superviżjoni, u ġie ffirmat. Bdew ix-xogħlijiet neċessarji. | Mistenni jitkompla x-xogħol fuq il-binja ta' Santa Venera li eventwalment ser tospita s-servizzi tal-aċċess taħt superviżjoni. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 237 | Il-Fondazzjoni ser twaqqaf Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet li jopera fuq sistema terapewtika, bil-ħsieb li jgħin lil dawk iż-żgħażagħ li għandhom imġiba diffiċli li tpoġġi lilhom u lil ta' madwarhom f'periklu u twassalhom biex ixellfu difrejhom mal-liġi. Barra li jinżammu 'l bogħod mill-periklu, f'dan iċ-ċentru jitgħallmu l-ħiliet li għandhom bżonn biex jgħixu fis-soċjetà u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-komunità. | Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Saru laqgħat ma' speċjalisti barranin b'esperjenza fit-tmexxija ta' ċentri siguri. Bdew diskussjonijiet biex jiġi identifikat post għal dan iċ-ċentru, filwaqt li bdew jiġu żviluppati proċeduri, manwali ta' proċedura u programm għaż-żgħażagħ fiċ-ċentru. | Tkomplew id-diskussjonijiet għal post adegwat. Saru wkoll diskussjonijiet dwar il-ħtiġijiet legali u t-tibdil fil-liġi li hemm bżonn biex ikun jista' jitwaqqaf dan iċ-ċentru. | Inbeda eżerċizzju ta' *cost benefit analysis*. Beda jiġi esplorat ukoll x'tip ta' servizz tkun tista' toffri l-Fondazzjoni Richmond. Saru wkoll laqgħat mal-Isptar Monte Carmeli u l-Pulizija fejn ġew diskussi l-bżonnijiet ta' żgħażagħ bi problema ta' mġiba. | Mistennija tiġi identifikata l-binja għal dan iċ-ċentru. Mistennija jsiru wkoll laqgħat mal-konsulent legali biex jiġu diskussi tibdiliet fil-liġi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 239 | L-aġenzija Sedqa, fi ħdan il-Fondazzjoni, se twettaq programm pilota ġdid iffukat fuq koppji, bi tfal minuri, li jkunu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni, biex tindirizza aħjar il-problemi u l-bżonnijiet tagħhom fl-isfond tal-Politika għal Trobbija Pożittiva ppubblikata mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Dan il-programm, li qed jitnieda b' kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ser jindirizza l-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija biex kemm jista' jkun jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment fost ulied il-koppji li jkunu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni. | Sedqa - Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Saru diversi laqgħat, fost ohrajn ma' professjonisti li ħadmu fuq il-Positive Parenting Policy, professjonisti fil-qasam tal-medjazzjoni, avukati tat-tfal fil-Qorti tal-Familja, u mal-ġudikatura. Ġew diskussi d-diffikultajiet u l-kontenut biex jitfassal taħriġ għal ġenituri li għaddejjin minn separazzjoni, partikolarment f'każijiet ta' litiġju. | Tkompliet il-ħidma biex jitfassal il-programm ta' taħriġ għal ġenituri li għaddejjin minn seperazzjoni u litiġju. Wara li ħarġet sejħa ta' interess, ġew ingaġġati l-professjonisti li attendew għal taħriġ speċjalizzat fir-Renju Unit. | L-impjegati ġew imħarrġa fuq programm speċjalizzat dwar *co-parenting* fl-Irlanda. Sar kuntatt mal-medjaturi fi ħdan il-Qorti tal-Familja biex jiġu ingaġġati l-koppji interessati biex jipparteċipaw fil-proġett pilota. | Mistennija tibda l-implimentazzjoni tal-proġett pilota. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU FL-2017

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 117 | Jiġi żviluppat *database* li jiġbor fih l-informazzjoni kollha b'mod diġitali rigward it-tiftix għaż-żejt. | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| Oħra (6) | Ħarsien ta' obbligi kuntrattwali ta' liċenzji | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Oħra (7) | Għajnuna lill-Gvern f'materji li għandhom x'jaqsmu mal-blata kontinentali | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| 49 | Riforma fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| 43 | Hybrid Venture Capital Fund | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| 50 | Il-Gvern qiegħed, permezz tad-diskors tal-Baġit, jitlob lill-MFSA u lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni jeżaminaw din is-sitwazzjoni u jaraw hemmx lok ta' azzjoni korrettiva. It-triq preferita tibqa' dik ta' qbil mal-operaturi. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| 51 | Qiegħda ssir ħidma sabiex jitwettqu proposti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi Maltin u Għawdxin, partikolarment bil-ħolqien ta' Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, it-tfassil ta' *Charter* dwar id-Drittijiet tal-Investituri Żgħar; u *Charter* dwar id-Drittijiet tal-Klijenti tal-Banek. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| 167 | Għas-sena li ġejja se jinbeda programm ta' investiment f'vetturi ta' emerġenza. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 168 | Se nħarsu wkoll lejn (i) il-bżonn u l-firxa tal-istazzjonijiet għat-tifi tan-nar; (ii) hu ppjanat li l-kwartieri tad-dipartiment jiġu trasferiti għall-Mosta. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Implimentata |
| 150 | Se naħdmu biex insaħħu r-relazzjonijiet mal-UNESCO dwar il-Wirt Kulturali Dinji f'Malta. (ċ) Ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO. | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | Implimentata |
| 87 | Proġetti infrastrutturali:<br>(i) Is-Salini (Triq il-Kosta): restawr ta' għadira b'ilma salmastru u *garigue*<br>(ii) Is-Salini (Triq il-Kosta): xogħlijiet ta' passaġġi<br>(v) Kalkara: Dawret id-Daħla tar-Rinella. Bini ta' latrina pubblika<br>(vi) Ix-Xemxija (Triq il-Fekruna): xogħol ta' tisbiħ fuq il-promontorju tax-Xemxija (fejn kien ir-ristorant tal-Fekruna)<br>(x) L-Isla: (Knisja tal-Vitorja): tisbiħ taz-zuntier tal-knisja<br>(xiii) Il-Kalkara (Triq il-Missjoni Taljana): kostruzzjoni ta' kmamar għat-tibdil u faċilitajiet anċillari (V) Il-Kalkara: Dawret id-Daħla tar-Rinella. Bini ta' latrina pubblika. | MTIP | Implimentata fl-2017 | Implimentata |
| Oħra (4) | Tisbiħ ta' proprjetà fi 62, Telgħet Ta' Liesse, Valletta, sabiex tibda sservi bħala Ċentru għall-Baħħara | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIL-BAĠIT 2015 LI TWETTQU FL-2017

| MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Regolamenti dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2017. | Implimentata |
| Se nkomplu nissimplifikaw u nsaħħu s-sistema tat-taxxa sabiex jitnaqqas l-abbuż li jsir mill-eżenzjoni tat-taxxa fil-kuntest ta' bejgħ ta' proprjetà li tkun residenza prinċipali għal aktar minn tliet snin. Għalhekk, se nwaqqfu sistema fejn individwi jkollhom jelenkaw liema hi r-residenza prinċipali tagħhom skont regoli u kundizzjonijiet ċari. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Implimentata |
| Ħidma għal *level playing field* fin-negozju - Il-*unit* il-ġdid se jkun parti mill-Forzi Armati u se jinkorpora fih dak li sal-lum kien ir-Revenue Security Corps. Se ssir konsultazzjoni mal-i*stakeholders* dwar il-ħidma ta' dan il-*unit*. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Fil-qasam tat-turiżmu li ġej minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea, bosta pajjiżi għandhom sistemi diversi ta' kif wieħed jingħata rifużjoni tal-VAT qabel ma jħalli l-pajjiż. Matul is-sena li ġejja, se nkunu qed nintroduċu sistemi simili f'Malta. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Matul is-sena d-dieħla, il-Korp tal-Pulizija se jkompli jissaħħaħ permezz ta' riorganizzazzjoni interna tal-Korp. Se jinħatar Kap Eżekuttiv għall-Korp li jkun jirrapporta lill-Ministru. Qed isir studju dwar il-possibilità li titwaqqaf Prosecutions Unit fi ħdan jew barra mill-Korp. Il-bini tal-Akkademja tal-Pulizija issa tlesta. Il-ħsieb tal-Gvern huwa li l-Akkademja tieħu l-forma ta' Kulleġġ b'ċertifikati akkreditati. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Il-Gvern bħalissa qiegħed iħejji *policy* ġdida dwar inizjattivi ta' *parking* madwar il-pajjiż. Se jitnieda dokument għal konsultazzjoni wiesgħa mal-i*stakeholders* u l-pubbliku ġenerali f'dan ir-rigward. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Diversi proġetti: Tisbiħ taz-zuntier tal-Knisja tal-Vitorja, l-Isla | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Bini ta' blokk biex jintuża għall-manutenzjoni tal-infrastruttura li nbniet permezz ta' dan il-proġett. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.<br><br>(b) Komponent - Żabbar - Wied il-Għajn CT 3109/11 Mini u Gradilji fit-toroq | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.<br><br>(f) Komponent - B'Kara - Msida: Mini u Gradilji fit-toroq - CT 3032/2011 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.<br><br>(g) Komponent - Iklin - B'Kara - Balzan - Xogħol ta'*Culverts* - CT 3006/2014 - Triq San Mikiel, Iklin, u Triq il-wied, Balzan | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.<br><br>(h) Qormi - CT 3155/2014 - *Culverts* fi Triq San Ġwakkin, Triq il-Blata, Triq il-Bard u Triq Ħammieri | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| Restawr ta' pavimentar ta' Triq it-Teżorerija, il-Belt Valletta | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Implimentata |
| Restawr ta' pavimentar ta' Triq Mikiel Anton Vassalli, il-Belt Valletta | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| Monument fejn il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Saru l-preparazzjonijiet kollha għall-bini ta' pont f'Ħal Qormi. Dan ser isir permezz ta' mudell PPP, fejn il-privat ikun mistieden jidħol bi sħab mal-Gvern fl-investiment neċessarju tal-bini tal-pont, u fl-istess ħin igawdi mill-potenzjal ta' riklamar li l-istruttura se tkun tippermetti. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2017. | Implimentata |
| Adozzjoni tat-Tfal - *Leave*<br><br>(b) Attwalment jeżisti ftehim mal-Albanija u s-Slovakkja fuq każi ta' adozzjoni iżda qed nippruvaw nilħqu ftehim ma' diversi pajjiżi fosthom il-Polonja, il-Kambodja u l-Vjetnam. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIL-BAĠIT 2016 LI TWETTQU FL-2017

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 237 | Se tkompli l-ħidma biex tiġi varata sistema biex mediċini li għandhom prezz għoli ħafna u li jintużaw biss minn pazjenti li għandhom mard aktar rari jkunu jistgħu jiġu pprovduti bil-mediċini meħtieġa. Dan waqt li nżommu s-sistema tas-saħħa sostenibbli. L-awtoritajiet se jkomplu jaħdmu ma' msieħba fl-industrija kemm f'Malta kif ukoll fl-Ewropa. | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f' Mejju. | Implimentata |
| 301 | Ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet - Hekk kif intemmet il-konsultazzjoni dwar il-*White Paper* dwar il-ħinijiet tal-ħwienet, il-Gvern se jkun qed iħabbar ir-regoli l-ġodda sal-aħħar tas-sena. Fit-teħid tad-deċiżjoni, se nżommu f'moħħna d-drittijiet tal-ħaddiema u l-flessibilità. | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 135a | Fondi għat-Taħriġ - Investing in Skills. Se jitnedew għal darb'oħra fondi għat-taħriġ mill-Fond Soċjali Ewropew. Wara s-suċċess tat-Training Aid Framework, issa ser ikollna l-Investing in Skills. Kif sar matul din is-sena, se jkun qed jitħallas dak dovut lill-*employers* fi żmien ftit xhur u mhux wara snin. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| 139 | Programm ta' *screening*. Il-Gvern se jniedi programm ġdid ta' *screening* bl-isem 'Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna' fost it-tfal minn età bikrija biex jiġu identifikati l-bżonnijiet speċjali tagħhom bla ma jkun tard wisq għat-tfal biex jingħataw is-sapport meħtieġ. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| 188 | Qalba għall-gass f'Delimara. Is-sena d-dieħla, pajjiżna se jkollu power station ġdida li taħdem bil-gass, *power station* tal-ogħla livell f'termini ta' effiċjenza u fit-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan il-proġett qed igawdi minn tifħir mill-aġenziji ta' kreditu u anke mill-Kummissjoni Ewropea. Wara ħafna snin ma jsir xejn, bdiet tiġi indirizzata l-*country specific recommendation* li ta' kull sena kienet toħroġ fuq Malta għal dan il-għan. Il-proġett ta' Delimara, iffinanzjat mill-ElectroGas, miexi b'ritmu tajjeb. Għaddejja wkoll il-ħidma mill-SEP biex issir il-qalba għall-gass ta' Delimara 3. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| 212 | Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma: Huwa ppjanat li matul l-2016 jitnieda Ċentru Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma fir-Rabat (Malta). Dan iċ-Ċentru se joffri esperjenza multimedjatika dwar l-importanza tal-ilma u l-bżonn ta' użu aħjar ta' dan ir-riżors. Barra minn hekk, iċ-Ċentru se jinkludi wkoll spazji miftuħa li jinkludu faċilitajiet bħal *hands-on science area* bl-iskop li joffri wkoll servizz ta' rikreazzjoni għall-familji. L-iżvilupp ta' dan iċ-ċentru huwa kofinanzjat mill-fond tal-European Economic Area. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| 122 | *Leave* għall-IVF. Wara li tajna l-*leave* lill-ġenituri li jadottaw, issa se nestendu dan il-benefiċċju għall-koppji li jkollhom bżonn li jagħmlu użu mill-faċilità ta' IVF. | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 321 | Fondi Ewropej għall-Intrapriżi *Start-Up* u dawk tal-Familja. Permezz ta' numru ta' skemi, fiż-żmien li ġej se nkunu qed naraw li ninvestu total ta' madwar €50 miljun li se jservu ta' *injection* għal dawk kollha li jixtieqU jinvestu jew ikabbru l-industrija tagħhom. Dawn il-€50 miljun ser ikunu forma ta' *grants*. Apparti minn dawn il-*grants* hemm ukoll 'il fuq minn €300 biljun f'*loans* li jistgħu jinkisbu taħt il-Pjan għall-Investiment fl-Ewropa. Dawn il-fondi ser ikunu mifruxa fuq numru ta' inizjattivi li se jgħinu lil faxex differenti tal-industrija Maltija. Fost dawk li se jkunu qed jibbenefikaw hemm ukoll *family-owned businesses* kif ukoll *start-ups*. Interventi li jirriflettu innovazzjoni wkoll ser ikunu qed jibbenefikaw minn skemi speċifiċi. Investiment ġenerali - inkluż xiri ta' *equipment* u makkinarju - mistenni jgawdi wkoll minn dawn l-iskemi li se jkunu qed jitħabbru fix-xhur li ġejjin. | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Implimentata |
| 19 | Tiġdid fil-Liġi tal-Insolvenza - Twaqqaf grupp ta' ħidma biex tiġi riveduta l-liġi tal-insolvenza bil-għan li l-proċeduri konnessi mal-insolvenza jimxu b'mod aktar effiċjenti u trasparenti. Proposti minn dan il-grupp huma mistennija fix-xahar li ġej u mbagħad ikun jista' jissokta l-proċess biex tkun tista' tiġi emendata l-liġi u l-istituzzjonijiet konċernati jiġu attrezzati bir-riżorsi meħtieġa. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | Implimentata |
| 383 | Barra minn hekk, se nagħtu inċentiv lil dawk l-ażjendi li jinvestu f'*bicycle racks* ħalli l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti meta jużaw dan it-tip ta' trasport biex imorru fil-post tax-xogħol. Għal dan il-għan se jiġi allokat fond ta' €150,000, li permezz tiegħu l-Gvern se jkun qed joħroġ nofs l-ispiża li tkun għamlet l-ażjenda. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| 245ċ | Se tinħareġ sejħa għall-offerti għal post illum okkupat mill-Istitut sabiex ikun hemm proġett ieħor kumplimentari mal-inħawi. | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 250a | Is-Settur tal-Avjazzjoni: Il-Malta Air Traffic Services (MATS) kompliet bil-ħidma tagħha fuq proġett ta’ Air Traffic Management (ATM) System Upgrade. Dan l-iżvilupp, li huwa l-aktar proġett kumpless li MATS qatt għamlet mit-twaqqif tagħha, huwa mistenni li jiġi kkummissjonat is-sena d-dieħla. | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f’Lulju. | Implimentata |
| 30b | Investiment fil-Forzi Armati ta’ Malta (Tagħmir u Riżorsi Umani): Għas-sena 2016 hemm diversi proġetti li se jitlestew jew jinbdew, fosthom ix-xiri tat-tielet *helicopter* ġdid b’valur ta’ €13.94 miljun fejn il-kuntratt diġà ġie ffirmat (fit-30 ta’ Ġunju 2015), u x-xiri tat-tielet ajruplan ġdid valutat €15-il miljun. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f’April. | Implimentata |
| 28 | Is-Servizz ta’ Detenzjoni ra l-iffirmar tal-ewwel ftehim settorjali bejn il-GWU u l-Gvern. Għas-sena 2016 huwa mistenni li tissaħħaħ is-sigurtà permezz ta’ CCTV u permezz ta’ installazzjoni ta’ sistema kompluta ta’ komunikazzjoni bir-radju. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f’April. | Implimentata |
| 39 | Se jkompli jissaħħaħ is-servizz tal-Victim Offender Mediation u matul l-2016 se jiġi varat il-proċess ta’ medjazzjoni. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f’April. | Implimentata |
| 52 | Ħareġ it-*tender* għat-tkabbir tal-Faċilità Korrettiva għaż-Żgħażagħ fl-Imtaħleb, liema proġett huwa kofinanzjat minn fondi Norveġiżi għall-ammont ta’ €1 miljun. Huwa mistenni li sat-tielet kwart tas-sena d-dieħla l-proġett ikun komplut. Marbut ma’ dawn il-fondi hemm element ta’ taħriġ minn uffiċjali ta’ faċilitajiet korrettivi Norveġiżi lill-uffiċjali Maltin dwar sistemi ta’ tmexxija ta’ faċilitajiet taż-żgħażagħ. | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f’April. | Implimentata |
| 88a | Fondi Ewropej għal Investiment fi Proġetti Kapitali Kulturali: Is-sena d-dieħla se nikkonċentraw fuq il-konklużjoni tal-proġett tal-Ipoġew. | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f’April. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 326 | Ir-Riforma tal-Ekokontribuzzjoni: Din is-sena twettqet l-ewwel fażi tar-riforma fil-mekkaniżmu tal-ekokontribuzzjoni. Bit-twettiq tajjeb ta' din ir-riforma, daħħalna wkoll fis-seħħ id-direttiva tal-WEEE (Waste Electrical and Electronic Equipment) li permezz tagħha saħħaħna l-ħarsien ambjentali f'pajjiżna. Permezz ta' dan il-Baġit, se nneħħu l-ekokontribuzzjoni minn fuq kontenituri tax-xorb, iċ-*chewing gum* u anke minn fuq il-basktijiet tal-plastik. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| 340 | Park Nazzjonali fin-Nofsinhar ta' Malta: Se jinbdew ukoll xogħlijiet biex ikun żviluppat park ġdid fin-Nofsinhar ta' Malta. Dan se jsir fuq medda art fin-naħa tal-Għassa tal-Munxar u tul il-kosta bejn il-Ponta taż-Żonqor f'Marsascala u l-Blata l-Bajda fix-Xgħajra. Għal dan il-għan, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru waqqaf kumitat b'sehem mill-Ministeru tal-Ambjent u b'rappreżentanza ta' esperti oħra sabiex ifassal pjan ta' implimentazzjoni. Dan il-proġett huwa mistenni li jibda jitwettaq matul is-sena d-dieħla. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | Implimentata |
| 344 | It-Tibdil fil-Klima: Fl-istess ħin, b'rabta ma' dan il-qasam qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji biex pajjiżna jsostni l-obbligi tiegħu ta' *international climate finance*. Dawn jinkludu għotja diretta u boroż ta' studju. | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | Implimentata |
| 27b | Se nkunu qed indaħħlu wkoll fis-seħħ regolamenti ġodda li permezz tagħhom ikunu jistgħu jinqabdu dawk il-persuni li jdaħħlu Malta karozzi bi pjanċi barranin bla ma jirreġistrawhom. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| 58 | Iż-żewġ skemi li hemm preżenti, jiġifieri l-Pensjoni tal-Wens (*Carers Pension*) u l-Għajnuna Soċjali għall-Carers (*Social Assistance for Carers*), se jiġu riveduti u amalgamati f'qafas wieħed. L-eliġibilità tal-iskema l-ġdida wkoll se tiġi riveduta u miftuħa iżjed ħalli iktar nies li jieħdu ħsieb anzjani d-dar ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din ir-reviżjoni u b'hekk ngħinu biex aktar anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | Implimentata |
| 78 | It-tieni proġett se jkopri xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq faċċati u bjut f'diversi blokok fil-*Housing Estate* f'Ta' Giorni. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI LI TWETTQU FI SNIN PREĊEDENTI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 179 | Se jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali għall-Affarijiet tax-Xjenza u Kwalità li għandu jiġbor flimkien il-laboratorji tal-Gvern kollha barra wħud li qegħdin jiġu identifikati. | 2014 | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2014. | Implimentata |
| | Is-Central Visa Unit (CVU) se tiġi trasferita għall-binja tal-Evans biex b'hekk jissaħħaħ aktar il-kunċett tal-*one-stop-shop*, bil-Passaporti, Reġistru Pubbliku, Ċittadinanza u s-CVU, li kollha jagħmlu parti mill-aġenzija Identity Malta, taħt saqaf wieħed. | 2015 | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2015. | Implimentata |
| | Il-Gvern nieda proċess sħiħ ta' konsultazzjoni dwar riforma fil-liġi tad-drogi. Il-Gvern beħsiebu jkompli jħarrax il-ġlieda kontra t-traffikanti puri tad-droga bit-twaqqif ta' Asset Management Bureau li b'mod effettiv iwassal għall-konfiska tal-assi li jkunu ġejjin mill-flus maħmuġin tal-kriminalità. L-istruttura preżenti se tiġi trasformata f'waħda li tkun imħaddma bejn il-Gvern u l-privat u dan sabiex il-proċeduri eżistenti jkunu aktar effettivi u effiċjenti. | 2015 | OPM | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| | Se nintroduċu skema ta' *screening* għall-kanċer tal-għonq tal-utru matul is-sena 2015 – waħda mill-inizjattivi li jisħaq fuqhom il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer. | 2015 | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| 198 | Se nħejju Pjan Nazzjonali dwar il-marda tad-Dijabete. | 2014 | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2014. | Implimentata |
| 217 | Bil-ftuħ ta' sala ta' tmien sodod għall-operazzjonijiet tal-ortopedija, se ntaffu mil-listi ta' stennija. | 2014 | MFH | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 52 | Riforma tal-liġi li tirregola n-negozju tal-familja | 2014 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2016. | Implimentata |
| 53 | Rilokazzjoni tas-suq tal-Belt Valletta | 2014 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2016 | Implimentata |
| 181 / 182/ 183 | Reviżjoni tar-Regolamenti tal-Fond Koperattivi Ċentrali: L-istudju ta' riforma legali meħtieġa biex jitnaqqas in-numru minimu ta' membri li jiffurmaw koperattiva. Jissaħħaħ l-Att dwar il-Koperattivi, kif ukoll jiġu esplorati kunċetti ġodda ta' intrapriża soċjali. | 2014 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| | Digital Malta: Is-sena d-dieħla mistennija jkunu inawgurati żewġ ċentri CoderDojo. | 2015 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2015. | Implimentata |
| | Infasslu u nadottaw politika loġistika nazzjonali integrata. Irridu nkabbru l-kapaċità tagħna għad-dħul u l-ħruġ ta' merkanzija u persuni, sew bl-ajru u sew bil-baħar. | 2015 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Irridu niffaċilitaw il-moviment intern tal-merkanzija, speċjalment bejn il-portijiet u ż-żoni industrijali billi nadottaw proċeduri li permezz tagħhom, filwaqt li l-imprenditur jerfa' aktar responsabbiltà, id-Dwana tadotta proċeduri eħfef megħjuna mit-teknoloġija moderna. | 2015 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| | Fil-ġimgħat li ġejjin, se tiġi ppreżentata *White Paper* biex issir konsultazzjoni wiesgħa dwar kif l-ekonomija ta' pajjiżna tista' tissaħħaħ permezz tat-tkabbir fis-suq tal-proprjetà. Barra minn hekk, il-Gvern se jipproponi wkoll ir-regolamentazzjoni fil-qasam tar-*real estate agents*, l-aġenti u l-konsulenti tal-proprjetà f'pajjiżna. | 2015 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Implimentata |
| | Il-Gvern huwa kommess li jippromovi mill-ġdid l-użu tal-mudell koperattiv anke biex ikun hemm *level playing field* għall-koperattivi biex joperaw mingħajr żvantaġġi ma' mudelli oħra ta' intrapriżi. L-iskemi attwali se jiġu aġġornati u jsiru relevanti għar-realtajiet tal-lum u ħaddiema se jiġu mħajra jiffurmaw koperattivi u l-Gvern jgħin biex dawn jirnexxu. Il-Gvern diġà qed jiddiskuti mal-Bord tal-Koperattivi kif dan jista' jseħħ u matul is-sena d-dieħla l-bidliet li hemm bżonn mhux biss għandhom jiddaħħlu fis-seħħ imma wkoll, possibbilment, ħaddiema tal-Gvern jiffurmaw koperattivi sodi bl-għan li tiżdied il-produttività fis-servizz partikolari. | 2015 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| 312 | Tliet *hangars* ġodda fis-Safi Aviation Park: Se jkompli l-iżvilupp fl-infrastruttura għall-industrija tal-avjazzjoni permezz tal-bini ta' tliet *hangars* fis-Safi Aviation Park u ser jibda wkoll ix-xogħol minn kumpanija barranija fuq il-bini ta' *hangar* ieħor li se jkun użat għall-*aircraft spray painting*. | 2016 | MEIB | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Strategija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2014. | Implimentata |
| 45 | Se jiġu offruti boroż ta' studju ta' livell postdottorali kif ukoll programm ta' *placements* għar-riċerkaturi Maltin u Għawdxin f'istituti internazzjonali tar-riċerka. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2015. | Implimentata |
| 46 | Se jsir investiment fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza li se jkun *landmark* għal pajjiżna. Dan il-proġett, li se jkun kofinanzjat minn fondi Ewropej, se jinbeda b'nefqa ta' €8 miljun. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| 61 | Se jiddaħħal l-*employability index* bil-għan li noffru linja gwida dwar il-qasam ekonomiku u l-opportunitajiet ta' xogħol li ż-żgħażagħ jistgħu jistennew fi tmiem l-edukazzjoni tagħhom. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2015. | Implimentata |
| 62 | Il-Gvern se jinvesti wkoll biex itejjeb l-*Employment Advisory Services* fi ħdan l-ETC. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Implimentata |
| 126 | Qegħdin nivvotaw miljun ewro biex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 132 | Fiż-żmien li ġej il-Gvern se jibda diskussjonijiet mal-*Union* tal-Għalliema dwar it-tħaddim ta' sena *sabbatical* fejn l-għalliema jkunu jistgħu jieħdu *leave* bi ħlas waqt li jkunu qegħdin ikomplu jistudjaw għall-iżvilupp professjonali tagħhom. | 2014 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2016. | Implimentata |
| | Se nerġgħu nniedu l-iskema tal-fondi soċjali Ewropej fejn min iħaddem jibbenefika minn sussidji jekk jimpjega persuni żvantaġġati jew diżabbli. Fil-każ tal-Access to Employment, *employer* li jħaddem persuna żvantaġġata se jibbenefika minn €85 fil-ġimgħa fuq bażi *full-time*. Fil-każ ta' persuna diżabbli, l-*employer* se jibbenefika minn sussidju ta' €125 fil-ġimgħa fuq bażi *full-time*. Dan il-benefiċċju japplika pro rata meta l-*employer* iħaddem persuna fuq bażi *part-time.* | 2015 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2015. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Dawk il-kumpaniji li mhux se jħaddmu l-minimu legali ta' persuni b'diżabilità se jintalbu jagħmlu kontribuzzjoni annwali ta' 2,400 ewro għal kull persuna diżabbli li suppost qegħdin iħaddmu. Il-kontribuzzjoni massima tkun dik ta' 10,000 ewro kull kumpanija. Għas-sena 2015, min iħaddem se jikkontribwixxi terz tal-ammont dovut, żewġ terzi tal-ammont fis-sena 2016 u bl-ammont sħiħ jibda japplika mis-sena 2017. Dawn il-kontribuzzjonijiet se jinġabru f'Fond Nazzjonali għall-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità li se jitmexxa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u se jintuża għal programmi ta' taħriġ u xogħol ta' persuni b'diżabilità. Korporazzjoni ETC. | 2015 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2015. | Implimentata |
| | Għaddej xogħol biex Villa Bighi fil-Kalkara tinbidel f'ċentru nazzjonali tax-xjenza interattiva.<br><br>(a) Dan iċ-ċentru se jkun jismu Esplora u l-proġett huwa stmat li se jiswa madwar 26 miljun ewro u se jkun parzjalment iffinanzjat minn fondi mill-Unjoni Ewropea u parti oħra minn fondi nazzjonali. | 2015 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| | Ix-xogħol fuq il-pixxina f'Birżebbuġa jinsab fi stadju avvanzat. Fl-istess lokalità nbeda x-xogħol fuq il-bini ta' grawnd b'*turf* artifiċjali.<br><br>(a) Pixxina f'Birżebbuġa<br>(b) Grawnd f'Birżebbuġa | 2015 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2016. | Implimentata |
| 117 | Is-Settur Volontarju: Għas-sena li ġejja, il-Gvern se jkompli jsaħħaħ l-inizjattivi li ttieħdu f'dawn l-aħħar sentejn fis-settur volontarju, fosthom l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ li jwettqu ħidma volontarja u l-ftuħ ta' żewġ Ċentri tal-Volontarjat, kif ukoll l-iskemi ta' għoti ta' fondi u programmi ta' taħriġ. Is-sena d-dieħla se niftħu t-tielet Ċentru tal-Volontarjat fin-nofsinhar ta' Malta biex b'hekk inkunu wettaqna bis-sħiħ wegħda elettorali oħra favur dan is-settur. Għas-sena d-dieħla qegħdin nallokaw €335,000 biex ngħinu lis-settur volontarju. | 2016 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Immigration Work Office: Qed jiġi studjat ukoll il-kunċett ta' Immigration Work Office bl-iskop li tiġi mnaqqsa l-possibbiltà ta' tfittxija ta' xogħol b'mod irregolari mill-immigranti, u dan permezz ta' Job Brokerage Offices fiċ-ċentri miftuħa tal-Marsa u Ħal Far fejn il-ħsieb idur mal-kunċett ta' PPPs li jipprovdu sistema ta' work vouchers li tinvolvi kemm lill-impjegat u anke lil min iħaddem. | 2016 | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 112a | F'Marzu 2017 se nwettqu l-wegħda elettorali tagħna li nnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma b'medja ta' 25% u 5% rispettivament għall-familji. It-tnaqqis fil-kontijiet se jħalli aktar flus fil-but tan-nies. Se jorħsu wkoll il-kontijiet għan-negozji fl-2015.<br><br>(b) Traħħis għan-negozji | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2014. | Implimentata |
| 115.3 | Kordinazzjoni tal-installazzjoni u l-kummissjonar ta' *smart meters* bejn it-tliet entitajiet. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| 119 | Se naħdmu fuq proġett li permezz tiegħu se jiddaħħlu sistemi innovattivi ta' dwal fit-toroq f'Malta. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| 120a | Se nwettqu proġett pilota ta' *intelligent lighting* f'Għawdex. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 4.3 miljun ewro. Hemm il-ħsieb li eventwalment dan il-proġett jinfirex u nibdlu d-dawl tat-toroq mal-pajjiż kollu. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 120b | Se nwettqu proġett pilota ta' *intelligent lighting* f'toroq arterjali f'Malta. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 0.6 miljun ewro. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| 121a | Is-sistema tad-distribuzzjoni ta' ilma sħun fir-Residenza San Vinċenz de Paule se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti biex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 1.8 miljun ewro. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 123 | Se ngħinu lill-familji jidentifikaw x'miżuri u bidliet jistgħu jagħmlu sabiex jiffrankaw l-użu tad-dawl u l-ilma. Dan ser isir permezz ta' esperti li jagħmlu *energy audit* lil dawk il-familji li jkunu jridu li jingħataw pariri dwar kif jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-enerġija. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2016. | Implimentata |
| 126 | Qegħdin nivvotaw miljun ewro biex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija. | 2014 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| | *Energy Audits*<br>(a) Se nfasslu pjan sabiex l-intrapriżi f'pajjiżna jagħmlu energy audits li b'implimentazzjoni kkordinata tajjeb jirriżultaw f'benefiċċji kbar ambjentali, finanzjarji u soċjali. | 2015 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2015. | Implimentata |
| | Il-Gvern talab ukoll lill-Enemalta biex tikkonkludi x-xogħol fuq *Customer Service Charter* li jelenka b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-klijenti ta' din il-kumpanija kif ukoll il-livelli ta' kwalità li l-klijenti għandhom jirċievu f'kull servizz li jeħtieġu. | 2015 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |
| 193 | Iffinalizzar tal-*interconnector*: Beda l-proċess biex kapaċità addizzjonali fil-*fibre optic link* tal-*interconnector* bejn Malta u Sqallija tintuża mis-settur privat. | 2016 | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2016. | Implimentata |
| 180 | Hemm il-ħsieb, li bl-għajnuna tal-Unions u min iħaddem, jibda jitħejja ċ-Charter tad-Drittijiet tal-Ħaddiema. | 2014 | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2015. | Implimentata |
| | Se jitwaqqaf ukoll Direttorat għall-Integrazzjoni li se jiżviluppa strateġija u programmi li jilħqu l-għanijiet tal-Gvern fir-rigward tal-libertajiet ċivili, l-ugwaljanza, il-politika ta' antidiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti. | 2015 | MEAE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |
| 38 | Se jinħoloq Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp fejn pajjiżna jista' jerġa' jibda jfaddal il-flus. Dan il-fond irriduh jintuża għal proġetti soċjali bħal dawk ta' *housing*, edukazzjoni u programm biex iż-żgħażagħ tagħna jilħqu l-aqwa aspirazzjonijiet tagħhom. | 2014 | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |
| 88 | Il-Gvern għaddej b'evalwazzjoni ta' din it-taxxa biex ikun f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwarha wara li jikkonsulta ma' min għandu interess f'din il-materja biex din it-taxxa ssir aktar ġusta u ma titfax negozji tal-affari tagħhom fi żvantaġġ - Ekokontribuzzjoni | 2014 | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 | ***Tax Rebate* lil ġenituri li jibagħtu t-tfal bit-trasport ta l-iskola** - Se tibqa' fis-seħħ it-*tax rebate* mogħtija lil ġenituri li jibgħatut-tfal tagħġom bit-trasport provdut mill-iskejjel tal-Knisja u oħrajn indipendenti. Se nkunu qed neżaminaw modi oħra kif fiż-żmien li ġej ninkoraġġixxu l-uzu ta' dan il-metodu ta' trasport.<br><br>(a) *Tax rebate* | 2016 | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2015. | Implimentata |
| 245d | Diġà qed tiġi esplorata wkoll il-possibbiltà ta' alleanzi strateġiċi ma' skejjel internazzjonali u rinomati fil-ġestjoni tal-ospitalità. | 2016 | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2016. | Implimentata |
| 260 | Kemmuna: L-Awtorita Maltija għat-Turiżmu, flimkien ma' aġenziji oħra bħall-Ministeru għal Għawdex, Transport Malta, id-Dipartiment tal-Artijiet, il-MEPA u oħrajn, se tkompli tieħu ħsieb il-bajjiet tal-Blue Lagoon u Santa Marija, fejn se jitwal l-istaġun tal-*lifeguards* biex nassiguraw li dan il-post ikun aktar sigur anke f'dawk il-ġranet li mhux meqjusin bħala *peak season*. L-intenzjoni tal-Awtorità hija li tmur lil hinn mill-bajjiet u tipprepara viżjoni għal Kemmuna bħala park ħolistiku u mhux il-bajjiet biss. | 2016 | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 262 | Air Malta: Se nibqgħu naħdmu biex nilħqu l-għanijiet tal-pjan ta' ristrutturar. Irridu niżguraw li wara dan il-perjodu, il-linja tal-ajru nazzjonali jkollha wkoll pjan ta' tkabbir fil-*medium* u *long term*, li jkun sostenibbli u li jassigura opportunitajiet għall-ħaddiema f'realtà ta' kumpanija li qed topera fl-aktar suq kompetittiv ta' kull żmien. | 2016 | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2016. | Implimentata |
| 319 | Malta Marittima: Ix-xogħol ta' promozzjoni li qed tagħmel il-kumpanija Malta Marittima lis-settur Malti se jkompli jissaħħaħ b'allokazzjoni akbar din is-sena min-naħa tal-Gvern li tlaħħaq it-€350,000. | 2016 | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| | Għal matul l-2015, hemm il-ħsieb li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. Hu ppjanat ukoll li jitkompla l-programm ta' xogħol tal-widien.<br><br>(ċ) (Xogħol tal-widien): Parti mill-Wied tal-Ġnejna, l-Imġarr | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| Biex innaqqsu l-ammont ta' ħin li wieħed ikollu jistenna għal deċiżjoni, id-Dipartiment tal-Artijiet se jniedi inizjattiva li permezz tagħha l-pubbliku jkun jista' jordna pjanti onlajn u mbagħad jintbagħtulu bil-posta biex b'hekk iċ-ċittadin jkun jista' jinqeda mill-kumdità ta' daru. | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |
| Skema ta regolarizzazzjoni ta' proprjetajiet fil-Qawra / San Pawl il-Baħar | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |
| Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbnew fl-2015, fosthom ir-*rapid launch facility* tal-AFM f'xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-ristawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana<br><br>(e) (Diversi proġetti) Tisbieħ taz-zuntier tal-Knisja ta' San Girgor, Tas-Sliema | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |
| Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbnew fl-2015, fosthom ir-*rapid launch facility* tal-AFM f'xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-restawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana<br><br>(e) (Diversi proġetti) Tisbieh taz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Marija, il-Gudja | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2016. | Implimentata |
| Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbnew fl-2015, fosthom ir-*rapid launch facility* tal-AFM f'xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-ristawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana<br><br>(e) (Diversi proġetti) Installazzjoni ta' funtana tal-ilma baħar f'Bacir Numru 1, Bormla | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2016. | Implimentata |
| Kumpanija tal-Gvern Ciniż li wriet interess attiv biex tistudja l-possibilita' ta' pont, offriet ukoll li tistudja l-possibilita' ta' mina. Fil-fatt tlesta l-*feasibility study* rigward il-possibilita' ta' pont bejn Malta u Għawdex. Kif jitlesta l-*feasibility study* dwar il-mina, jigu ppublikati l-istudji kollha biex il-pajjiz ikun infurmat bizzejjed dwar il-fattibiita' taż-żewg proġetti. | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2015. | Implimentata |
| Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq il-Funtana ta' Wignacourt. | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Se tingħata prijorità lit-tisbiħ kontinwu u r-riġenerazzjoni u l-immaniġġar tar-*resorts* kostali tagħna. Għandha tingħata attenzjoni lir-riabilitazzjoni tal-kosta li tinkludi bajjiet ġodda u mmaniġġar aħjar ta' aktar bajjiet.<br><br>(b) Bajja ġdida | 2014 | MOT | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2015. | Implimentata |
| 29a | Għas-sena 2016 se tkompli tiġi msaħħa l-flotta ta' vetturi. Diġà ġew ordnati sitt *light fire engines* u *high capacity foam carrier* u dawn huma mistennija jaslu Malta fil-bidu tas-sena li ġejja. Il-valur huwa ta' €1.2 miljun. Sar ukoll ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi biex matul is-sena li ġejja jiġu ordnati wkoll 12-il vettura oħra ġdida bi spiża ta' €2.5 miljun. Bħalissa qed jiġu ppreparati l-i*specifications* tat-*tenders*. Huwa maħsub ukoll li matul is-sena li ġejja d-DPĊ jibda jaħdem fuq kwartieri akbar u aktar moderni ġewwa Ħal Far, fil-viċinanzi tal-istazzjon tat-tifi tan-nar. Id-DPĊ applika wkoll għal fondi Ewropej taħt il-programm ISF fejn ġie propost proġett biex tissaħħaħ it-taqsima tal-Hazmat. Il-valur huwa stmat mas-€700,000. Huwa maħsub li matul is-sena 2016 inkomplu ntejbu s-servizz ta' voluntiera.<br>a) sitt *light fire engines* u 12-il vettura oħra ġdida | 2016 | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Dicembru 2016. | Implimentata |
| 37b | Qed isir tisħiħ fit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija f'dawk li huma riżorsi umani fejn l-Iskwadra telgħet minn sitt Spetturi għal għaxar Spetturi. Qed jiżdiedu n-nies fl-Investigations Teams tagħhom ukoll.<br>Għas-sena 2016 huwa maħsub li din l-iskwadra tkun imsaħħa billi jiżdiedu nies professjonali oħra magħha bħal *accountants* u professjonisti oħra. Jekk dawn ir-riżorsi ma jinstabux mill-Korp tal-Pulizija, jiġu ingaġġati minn barra l-Korp. Se jkun hemm tisħiħ ukoll fl-għodod użati minn din l-iskwadra fejn jirrigwardaw mezzi analitiċi.<br>a) Tisħiħ  fl-għodod użati minn din l-iskwadra fejn jirrigwardaw mezzi analitiċi. | 2016 | MHAS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Għas-sena 2016, l-Aġenzija għandha bosta proġetti li se tkun qed tniedi fosthom ix-xiri ta' pjanti onlajn mid-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, u dan bi ftehim mal-MEPA. | 2016 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |
| 88b | Se nkunu qed naħdmu fuq inizjattivi ġodda taħt il-programm ta' fondi ERDF 2014-2020. | 2016 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Novembru 2016. | Implimentata |
| 88c | Inizjattiva ċentrali hi l-applikazzjoni biex b'effett mis-sena 2016, l-Arkivju Notarili fil-Belt Valletta jiġi riabilitat u mmodernizzat kif xieraq. | 2016 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2016. | Implimentata |
| 147 | Se jitlestew diversi proġetti ta' restawr kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea.<br><br>(a) Sant' Iermu<br>(b) Katakombi ta' San Pawl<br>(ċ) Sant' Anġlu<br>(d) Tempji ta' Ħal Tarxien | 2014 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 170 | Riforma tal-Gwardjani Lokali | 2014 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2015. | Implimentata |
| 172 | Il-Gvern irid jikkonsulta qabel jiddeċiedi permezz ta' *White Paper*. L-għan tagħna hu li l-Gwardjani Lokali ma jkunux hemm sempliċiment biex jiġbru l-flus mill-multi iżda jkollhom rwol edukattiv. | 2014 | MJCL | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2015. | Implimentata |
| 332 | Fil-qasam tal-Akkwakultura, qed isir xogħol ta' tħejjija biex tiġi żviluppata akkwakultura *offshore* bil-ħsieb li din tkun sostenibbli fil-futur. Żviluppi pożittivi oħra fis-settur tas-sajd jinkludu n-negozjati b'suċċess li kellha Malta fuq ftehim ġdid dwar il-kwota tat-tonn li permezz tiegħu se jkun hemm żidiet fil-kwota. Negozjati oħra huma mmirati lejn standardizzazzjoni ta' regolamenti biex ikunu japplikaw l-istess għal sajjieda Ewropej u oħrajn minn pajjiżi Afrikani. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 335 | L-Ambjent: Matul l-2016 se nkomplu nieħdu inizjattivi speċifiċi f'dan il-qasam, fosthom billi nkomplu nindukraw numru ta' siti ta' importanza naturali permezz ta' arranġamenti speċjali ma' numru ta' għaqdiet ambjentali. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 336 | Se jibdew jitwettqu wkoll numru ta' *management plans* fuq siti Natura 2000. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 341 | Konsultazzjoni fuq il-ħela tal-ikel li jintrema: Madwar l-Ewropa, qed iqum dibattitu qawwi rigward l-ammont ta' ikel li jintrema, speċjalment minn stabbilimenti kbar bħal *supermarkets*. Numru ta' pajjiżi qegħdin idaħħlu liġijiet f'dan ir-rigward sabiex dan l-ikel jintuża bl-aħjar mod. Il-Gvern se jeżamina *best practices* u jniedi proċess ta' konsultazzjoni biex jara jekk hux neċessarju li jkun hemm leġiżlazzjoni u, jekk fil-każ, x'tip ta' leġiżlazzjoni tkun. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 357 | Servizzi Veterinarji u Fitosanitarji: Bħala parti minn proċess ta' simplifikazzjoni, ċerti taqsimiet tan-National Livestock Database se jibdew ikunu aċċessibbli għal uffiċjali f'Ministeri oħra filwaqt li se jkun hemm punt ta' referenza għall-klijenti kollha biex it-talbiet li jidħlu jiġu referuti direttament lill-persuni kkonċernati. Kordinament simili bejn l-entitajiet rispettivi qed jiġi ppjanat ukoll fuq livell Ewropew fejn hemm il-ħsieb li jkun hemm aktar integrazzjoni permezz ta' sistema tal-informatika komuni. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2016. | Implimentata |
| 358 | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti din is-sena beda jwettaq programm ta' stħarriġ dwar il-pesti tal-pjanti li hu kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-proġett jammonta għal spiża totali ta' €170,267. L-għan ta' dan l-istħarriġ hu li l-preżenza ta' ċerti pesti tiġi identifikata fil-ħin biex tippermetti li tittieħed azzjoni immedjata għall-eradikazzjoni. Dan se jitkompla matul is-sena 2016. | 2016 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għas-sena d-dieħla se jinfetaħ ċimiterju tal-annimali, se jitnieda fond nazzjonali għall-ħarsien tal-annimali u se jinbidlu u jiġu installati xelters ġodda għaż-żwiemel tal-karozzini.<br><br>(ċ) Xelters ġodda | 2015 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| | Fil-qasam tal-afforestazzjoni qed jitħejja qafas ta' pjan nazzjonali dwar l-afforestazzjoni f'Malta. | 2015 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| | Se jiġu offruti servizzi ġodda fil-Park tas-Salina fejn se jitwaħħal apparat ġdid fejn jilagħbu t-tfal. Barra minn hekk se titkabbar il-parti magħrufa bħala Kennedy Grove. | 2015 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 86 | Se nibdew programm pilota ta' investiment fi qsari li jsebbħu ż-żoni urbani tagħna. Qegħdin nallokaw 200,000 ewro għal dan il-għan. | 2014 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2014. | Implimentata |
| 99b | Hemm ippjanati *breakwater* ħdejn il-*hardstanding facility* u r-restawr ta' dak eżistenti ħdejn il-*power station* ta' Delimara u tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar.<br><br>(b) Veċċja, San Pawl il-Baħar | 2014 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Implimentata |
| 100 | *Landing site* oħra se tiġi żviluppata fil-Marsa fil-viċinanzi tal-pixkerija l-ġdida. | 2014 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2016. | Implimentata |
| 102 | Se ndaħħlu skema għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq għas-sajd tal-pixxispad. | 2014 | MESDC | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 297a | *Car Sharing* u l-Pjan Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu: *Car Sharing* - Qed isir xogħol għat-tħejjija ta' *car sharing* u *car pooling policy* li tispjega l-vantaġġi li se jkun jista' jgawdi minnhom min jaħdem flimkien biex juża karozza waħda. Għal dan il-għan, Transport Malta għenet fl-iżvilupp ta' *app* li se titnieda dalwaqt. | 2016 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2016. | Implimentata |
| | Permezz ta' inizjattiva PPP bejn Transport Malta u grupp ta' żgħażagħ, se jkun hemm sit elettroniku ġdid u *mobile app* li tħajjar u tinċentiva *car pooling* u *car sharing*. | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2016. | Implimentata |
| | Għal matul l-2015, hemm il-ħsieb li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. Hu ppjanat ukoll li jitkompla l-programm ta' xogħol tal-widien.<br><br>(Xogħol tal-widien): Parti mill-Wied tal-Ġnejna, l-Imġarr | 2015 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2015. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Għaddejjin l-arranġamenti meħtieġa biex jinfirdu d-direttorati tal-ippjanar u tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-ambjent ikollu *focus* speċifiku bl-importanza meħtieġa. L-ambjent se jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. | 2014 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2015. | Implimentata |
| 110 | Il-Gvern għaddej b'taħditiet delikati ħafna mal-operaturi tat-trasport pubbliku biex jindirizza l-problemi kbar li writna f'dan il-qasam. Il-futur u l-forma tat-trasport pubbliku f'Malta jiddependu mill-eżitu ta' dawn it-taħditiet. | 2014 | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2015. | Implimentata |
| 87 | Proġetti Infrastrutturali<br>(vii) Valletta: (Pjazza żkastilja): Tisbiħ tal-Pjazza ta' Kastilja u bini ta' monument f'ġieħ Dom Mintoff<br>(viii) San Gwann: (Vjal ir-Rihan): Kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku, gnien pubbliku u klabb tal-boċċi<br>(ix) Gudja: (Knisja tal-Madonna tal-Assunzjoni): Restawr u tisbih taz-zuntier tal-knisja<br>(xi) Sliema (Knisja Parrokkjali ta San Girgor): Tisbiħ taz-zuntier tal-knisja<br>(xiv) Valletta (Barrakka ta' Fuq): Latrini pubbliċi<br>(xv) Xgħajra (Triq il-Knisja): Kostruzzjoni ta' Parkeġġ<br>(xvi) Marsa Deepwater Quay, Triq ix-Xatt tal-Għassara: Installazzjoni ta' *solar powered car charging points*<br>(xviii) Mellieħa Ċirkewwa: Installazjoni ta' *solar powered car charging points*<br>(xx) Ta' Xbiex (ix-Xatt ta' Ta' Xbiex): Installazjoni ta' *solar powered car charging points*<br>(xxi) Qormi: (Mrieħel Bypass) Pont pedonali fl-Imrieħel Bypass<br>(xxii) Kappara Junction | 2014 | MTIP | Parti (xvi), Vii) u (xx) ta' din il-miżura giet imlimentata fl-2014 filwaqt li l-kumplamnet tal-miżura giet implimentata fl-2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Se nagħtu l-attenzjoni xierqa għall-proġett ta' tisbiħ li qed isir fiċ-Ċittadella, liema xogħol mistenni jkun lest sa nofs is-sena 2015. Dan il-proġett, kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea, fih ħafna komponenti ta' xogħlijiet u servizzi, fosthom: (a) Xogħlijiet ta' restawr ta' faċċati ta' binjiet storiċi; (b) Xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' passaġġi, pjazza u triqat; (ċ) Provvista tas-servizz ta' moniteraġġ arkeoloġiku; (d) Restawr u konverżjoni ta' ġibjuni tal-ilma f'Ċentru għall-Viżitaturi; (e) Xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Foss taċ-Ċittadella; (f) Xogħlijiet ta' sistema ta' dwal effiċjenti fl-enerġija; (ġ) Xogħlijiet ta' konsolidazzjoni tar-Rovini; (g) Xogħlijiet fuq il-ħolqien ta' dar tal-perjodu; (ħ) Installazzjoni ta' sinjali ta' direzzjoni u informazzjoni; (h) Xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni fuq iċ-Ċentru tal-Arti fiċ-Ċittadella; (i) Installazzjoni ta' xogħlijiet tal-azzar; u (j) Installazzjoni ta' liftijiet. Il-proġett huwa stmat li ser jiswa 14-il miljun ewro inkluż il-VAT. | 2015 | MGOZ | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2016. | Implimentata |
| | Għas-sena 2015 il-Gvern qed jivvota s-somma ta' 500,000 ewro biex persuni b'diżabilità jwettqu xogħol ta' *documentation scanning* fuq dokumenti pubbliċi. Din l-inizjattiva se toħloq 80 opportunità ta' xogħol għal persuni b'diżabilità f'Għawdex. | 2015 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 224 | Irridu nibdew proċess biex fuq medda ta' snin u b'mod gradwali nagħmlu l-Pensjoni Minima Nazzjonali ekwivalenti għal 60% tad-dħul nazzjonali medju. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 227 | Ninsabu fil-fażi li nistudjaw mod kif dawn il-bolol nieqsa jkunu jistgħu jitħallsu flimkien ma' ħlas addizzjonali. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2014. | Implimentata |
| 228 | Irrid nagħmilha ċara li qed naraw li programm simili jkun miftuħ għal każijiet ġenwini u ppruvati, u li ma ssir l-ebda inġustizzja ma' min dejjem kien regolari fil-ħlasijiet. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ottubru 2014. | Implimentata |
| 237 | Il-gvern qed jalloka wkoll 650,000 ewro lill-Awtorità tad-Djar biex twettaq xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fi blokki f'*estates* tad-djar qodma tal-gvern, fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar u Raħal Ġdid u t-Terrace tal-Isla. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| 239(a) | Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-anzjani biex jibqgħu jgħixu u jkunu attivi fil-komunità tagħhom. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw il-fondi neċessarji biex jiġi estiż is-servizz tal-Home Help. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2015. | Implimentata |
| 239(b) | U sabiex jinfetħu żewġ *day centres*: (a) fil-Birgu u (b) f'Ħal Balzan | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2016. | Implimentata |
| 243 | Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru se tinħareġ *Green Paper* dwar din l-istrateġija għall-konsultazzjoni. Wara dan, fi Frar 2014, se tiġi adottata l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali bħala l-politika tal-Gvern. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2014. | Implimentata |
| 246 | Se nagħtu wkoll allokazzjoni ta' 400,000 ewro lill-Aġenzija Sapport biex din ittejjeb il-kundizzjonijiet fir-residenzi għal persuni b'diżabilità li tmexxi fil-Fgura, Ħal Kirkop, l-Imtarfa, Marsascala u Bormla. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2015. | Implimentata |
| 247 | Se niffaċilitaw l-espansjoni tas-servizzi residenzjali li tagħti l-Aġenzija Sapport billi nallokawlha 400,000 ewro oħra għal dan il-għan. | 2014 | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2015. | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU